ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 251 E

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Volum 56

31 ta' Awwissu 2013

Avviż Nru | Werrej | Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Parlament Ewropew**

SESSJONI 2012–2013

Dati tas-seduti: 13–15 ta' Marzu 2012

Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 152 E, 30.5.2012.

TESTI ADOTTATI

**It-Tlieta 13 ta' Marzu 2012**

2013/C 251 E/01 L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea - 2011

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2012 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea - 2011 (2011/2244(INI)) . . . 1

2013/C 251 E/02 Nisa fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet Politiċi

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2012 dwar in-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi – kwalità u ugwaljanza (2011/2295(INI)) . . . 11

2013/C 251 E/03 L-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea fir-rigward tal-involviment tal-impjegati

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2012 dwar l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea fir-rigward tal-involviment tal-impjegati (2011/2116(INI)) . . . 18

2013/C 251 E/04 Proċess ta' Bolonja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2012 dwar il-kontribut tal-istituzzjonijiet Ewropej għall-konsolidazzjoni tal-Proċess ta' Bolonja (2011/2180(INI)) . . . 24

2013/C 251 E/05 Statistika Ewropea

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2012 dwar il-ġestjoni tal-kwalità għall-Istatistika Ewropea (2011/2289(INI)) . . . 33

MT

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

**L-Erbgħa 14 ta’ Marzu 2012**


2013/C 251 E/06 Linji gwida ġenerali għall-baġit 2013 - Taqsima III - Il-Kummissjoni

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta’ Marzu 2012 dwar l-istrateġija politika annwali tal-Kummissjoni għall-proċedura baġitarja 2013, Taqsima III – Il-Kummissjoni (2012/2000(BUD)) . . . . . 37

2013/C 251 E/07 Taħriġ ġudizzjarju

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta’ Marzu 2012 dwar it-Taħriġ Ġudizzjarju (2012/2575(RSP)) . . . . . 42

2013/C 251 E/08 It-tħaddim tat-tfal fis-settur tal-kawkaw

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta’ Marzu 2012 dwar it-tħaddim tat-tfal fis-settur tal-kawkaw (2011/2957(RSP)) . . . . . 45

2013/C 251 E/09 Il-ġlieda kontra l-epidemija tad-dijabete fl-UE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta’ Marzu 2012 dwar l-indirizzar tal-epidemija tad-dijabete fl-UE (2011/2911(RSP)) . . . . . 47

2013/C 251 E/10 Rapport dwar it-tkabbir għal Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta’ Marzu 2012 dwar ir-rapport ta’ progress 2011 dwar dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (2011/2887(RSP)) . . . . . 52

2013/C 251 E/11 Rapport dwar it-tkabbir għall-Islanda

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta’ Marzu 2012 dwar ir-rapport ta’ progress 2011 dwar l-Islanda (2011/2884(RSP)) . . . . . 61

2013/C 251 E/12 Rapport dwar it-tkabbir għall-Bosnja-Ħerzegovina

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta’ Marzu 2012 dwar ir-rapport ta’ progress 2011 dwar il-Bosnja-Ħerzegovina (2011/2888(RSP)) . . . . . 66


**Il-Ħamis 15 ta’ Marzu 2012**


2013/C 251 E/13 Ekonomija kompetittiva b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju fl-2050

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta’ Marzu 2012 dwar Pjan direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju fl-2050 (2011/2095(INI)) . . . . . 75

2013/C 251 E/14 Siti tal-internet diskriminatorji u reazzjonijiet tal-gvernijiet

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta’ Marzu 2012 dwar siti tal-internet diskriminatorji u reazzjonijiet tal-gvernijiet (2012/2554(RSP)) . . . . . 88

2013/C 251 E/15 Ir-riżultat tal-elezzjonijiet presidenzjali fir-Russja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta’ Marzu 2012 dwar ir-riżultat tal-elezzjonijiet presidenzjali fir-Russja (2012/2573(RSP)) . . . . . 91

2013/C 251 E/16 Kazakistan

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta’ Marzu 2012 dwar il-Kazakistan (2012/2553(RSP)) . . . . . 93

2013/C 251 E/17 Is-sitwazzjoni fin-Niġerja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta’ Marzu 2012 dwar is-sitwazzjoni fin-Niġerja (2012/2550(RSP)) . . . 97


MT

*(Ikompli fuq paġna 214)*

**It-Tlieta 13 ta' Marzu 2012**

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea - 2011

P7_TA(2012)0069

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2012 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea - 2011 (2011/2244(INI))**

(2013/C 251 E/01)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW), tat-18 ta' Diċembru 1979,

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2011/36/UE tal-5 t'April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI ([1]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti 1949 dwar it-Trażżin tat-Traffikar ta' Persuni u l-Isfruttar tal-Prostituzzjoni ta' Oħrajn,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing adottati mir-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa fil-15 ta' Settembru 1995 u d-dokumenti riżultanti sussegwenti adottati mis-sessjonijiet speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti Beijing+5 (2000), Beijing+10 (2005) u Beijing+15 (2010),

([1]) ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1.

**It-Tlieta 13 ta' Marzu 2012**

— wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2011-2020), adottat mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2010 bl-isem "Impenn imsaħħaħ għall-ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel: Karta f'Isem il-Mara" (COM(2010)0078),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-11 ta' Frar 2011 bl-isem "Rapport dwar il-progress għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-2010" (SEC(2011)0193),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-21 ta' Settembru 2010 bl-isem "Strateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015" (COM(2010)0491),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali dwar l-Omofobija, it-Transfobija u d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tas-sessi(2010),

— wara li kkunsidra l-Pakkett tal-UE għall-Vittmi li hu magħmul mill-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 2011 bl-isem "It-tisħiħ tad-drittijiet tal-vittmi fl-UE" (COM(2011)0274), "Proposta li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità" (COM(2011)0275) u "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni fi kwistjonijiet ċivili" (COM(2011)0276),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Ewropa 2020 – strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2008 bl-isem "Implimentazzjoni tal-għanijiet ta' Barċellona rigward il-faċilitajiet ta' kura għat-tfal f'età ta' qabel l-iskola" (COM(2008)0638),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/113/KE li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' prodotti u servizzi u s-sentenza relatata tal-1 ta' Marzu 2011 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-każ Test-Achats (C-236/09) ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ottubru 2005 dwar in-nisa u l-faqar fl-Unjoni Ewropea ([3]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Frar 2009 dwar in-non diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sessi u s-solidarjetà interġenerazzjonali ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Frar 2010 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea – 2009 ([5]) u tat-8 ta' Marzu 2011 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea – 2010 ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2011 dwar in-nisa u t-tmexxija tan-negozji ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' April 2011 dwar il-prijoritajiet u l-punti ewlenin ta' qafas politiku ġdid tal-UE għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2011 dwar l-aspett tal-faqar tan-nisa fl-Unjoni Ewropea ([9]),

([1]) Anness mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-7 ta' Marzu 2011.
([2]) ĠU C 130, 30.4.2011, p. 4.
([3]) ĠU C 233E, 28.9.2006, p. 130.
([4]) ĠU C 67E, 18.3.2010, p. 31.
([5]) ĠU C 341E, 16.12.2010, p. 35.
([6]) Testi adottati, P7_TA(2011)0085.
([7]) Testi adottati, P7_TA(2011)0330.
([8]) Testi adottati, P7_TA(2011)0127.
([9]) Testi adottati, P7_TA(2011)0086.

**It-Tlieta 13 ta' Marzu 2012**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2010 dwar aspetti rigward il-ġeneru fil-kuntest tar-reċessjoni ekonomika u l-kriżi finanzjarja ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0041/2012),

A. billi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa hi prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea, stabbilit fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u billi l-Unjoni tat lilha nnifisha l-kompitu speċifiku li tintegra l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-attivitajiet kollha tagħha, u billi minkejja l-progress gradwali mwettaq f'dan il-qasam, għad fadal bosta inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel;

B. billi fi żminijiet ta' kriżi ekonomika, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-mara fis-suq tax-xogħol u tal-indipendenza ekonomika tagħhom ma tirrappreżentax biss obbligu morali, iżda ukoll neċessità ekonomika; billi l-Istrateġija UE 2020 tinkludi l-mira ewlenija li żżid għal 75% r-rata ta' impjieg għan-nisa u l-irġiel tal-età bejn 20-64 sena;

C. billi l-kompetittività u l-prosperità ekonomika tal-futur tal-Ewropa jiddependu kruċjalment fuq il-kapaċità tagħha li tuża b'mod sħiħ ir-riżorsi tax-xogħol tagħha, inkluż b'parteċipazzjoni akbar tan-nisa fis-suq tax-xogħol; billi waħda mill-prijoritajiet tal-Ewropa 2020 hija li jkun hemm iżjed nisa jaħdmu sabiex tintlaħaq ir-rata ta' impjieg ta' 75% għan-nisa sal-2020; billi, b'mod kumparattiv, hemm aktar nisa milli rġiel li jaħdmu f'impjiegi part-time jew b'kuntratti temporanji u għalhekk ikun aktar faċli li huma jispiċċaw bla xogħol f'perjodi ta' kriżi u hemm ir-riskju li r-riċessjoni attwali ser iddewwem l-avvanzi jew saħansitra treġġa' lura l-progress lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi; billi minkejja l-opportunitajiet ta' xogħol part-time f'xi każijiet u għal xi perjodi jistgħu jkollhom effett pożittiv għan-nisa u l-irġiel sabiex jirrikonċiljaw il-ħajja tax-xogħol, tal-familja u dik privata;

D. billi l-għan tal-ugwaljanza bejn is-sessi jinvolvi rapprezentazzjoni politika aqwa tan-nisa; billi r-rappreżentanza tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi ma għaddiet minn ebda titjib lineari fis-snin riċenti – il-bilanċ bejn is-sessi fil-parlamenti nazzjonali madwar l-UE baqa' mhux mibdul b'24 % nisa u 76 % irġiel, u l-persentaġġ ta' nisa li huma membri parlamentari f'xi Stati Membri ma jaqbiżx il-15 %, bl-ammont ta' nisa jammonta għal 23 % biss tal-ministri kollha; billi n-numru ta' viċipresidenti nisa tal-Parlament Ewropew naqas fit-tieni nofs tal-leġiżlatura tal-mandat parlamentari 2009-2014;

E. billi fil-bidu l-kriżi ekonomika laqtet l-iktar l-impjiegi tal-irġiel, iżda t-tnaqqis fl-infiq pubbliku hu mistenni li joħloq impatt sproporzjonat fuq l-impjiegi tan-nisa u d-differenza fil-paga, peress li hemm ħafna aktar nisa milli rġiel impjegati fis-settur pubbliku; billi setturi partikolarment kritiċi ddominati min-nisa huma s-settur tas-saħħa, il-qasam tal-edukazzjoni u l-kura soċjali; huwa importanti li tingħata attenzjoni mhux biss lir-rati ta' impjieg, iżda wkoll lill-kundizzjonijiet ta' impjieg ugwali, il-kwalità, inklużi l-opportunitajiet ta' karriera, u l-pagi;

F. billi l-vjolenza kontra n-nisa, inkluż il-vjolenza psikoloġoika hija ostaklu maġġuri għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u hija ksur tad-drittijiet fundamentali tan-nisa u tibqa wieħed mill-aktar ksur komuni tad-drittijiet tal-bniedem fl-UE, minkejja l-miżuri kollha meħuda mill-politiċi biex jiġġielduha; billi r-riċessjoni ekonomika ħolqot kundizzjonijiet relatati ma' żieda fil-vjolenza f'relazzjonijiet intimi u il-miżuri ta' awsterità li jolqtu s-servizzi ta' appoġġ iħallu n-nisa vittmi ta' vjolenza iżjed vulnerabbli mis-soltu

G. billi l-ekonomisti u d-demografi (il-Bank Dinji, l-OECD, l-FMI) jużaw mudelli ekonomiċi u matematiċi biex jenfasizzaw il-valur ekonomiku tal-produzzjoni domestika – imwettqa primarjament min-nisa – u billi l-kontribuzzjoni tan-nisa għall-PDG tkun anke ogħla jekk jiġi kkunsidrat ix-xogħol mhux imħallas tagħhom, u dan jagħti prova tad-diskriminazzjoni li teżisti kontra x-xogħol tan-nisa;

H. billi t-tnaqqis fil-baġit għal servizzi soċjali, bħall-kura tat-tfal, kompla jxekkel il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol;

I. billi l-aċċess għal servizzi ta' kura tat-tfal, tal-anzjani u ta' persuni oħra dipendenti huwa essenzjali biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ndaqs tan-nisa u tal-irġiel fis-suq tax-xogħol, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, billi għadha ssir diskriminazzjoni ma' min jagħti l-kura fid-djar minħabba li s-snin li jagħmlu jaħdmu ma jgħoddulhomx għall-pensjonijiet u għal drittijiet oħrajn;

([1]) ĠU C 236 E, 12.8.2011, p. 79.

**It-Tlieta 13 ta' Marzu 2012**

J. billi l-2012 hija s-Sena Ewropea tat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet u huwa importanti li jiġi enfasizzat li iżjed nisa minn irġiel ta' età avvanzata jgħixu f'unità domestika unika minħabba għomor ta' ħajja itwal;

K. billi l-Parlament Ewropew, f'Ottubru 2011, adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar il-proposta għal Direttiva ġdida dwar il-Liv tal-Maternità li testendi l-liv tal-maternità għal 20 ġimgħa b'paga sħiħa u tistabbilixxi wkoll liv tal-paternità mħallsa ta' mill-inqas ġimgħatejn;

L. billi l-aċċess għall-kapital hu limitat bil-qawwi mill-kriżi bankarja, u din il-problema aktarx tolqot lill-imprendituri nisa b'mod sproporzjonat, peress li aktar nisa qegħdin jaħdmu għal rashom, sabiex ikunu jistgħu jikkombinaw aħjar ix-xogħol u l-ħajja tal-familja;

M. billi l-ġbir u l-analiżi ta' data diżaggregata abbażi tal-ġeneru huma ta' importanza kbira fl-implimentazzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġel fl-Unjoni Ewropea;

N. billi l-progress għall-kisba tal-ugwaljanza bejn is-sessi kien kajman ħafna, b'mod partikolari l-ugwaljanza ekonomika; billi l-mexxejja politiċi għandhom imorru lil hinn mis-sempliċi sostenn formali, billi minflok jagħtuha prijorità fl-istrateġiji ekonomiċi tagħhom;

O. billi d-diskrepanza bejn il-paga li jirċievu n-nisa u dik li jirċievu l-irġiel għadha għolja ħafna (xi każijiet jeċċedu 25%), u minkejja l-isforzi u l-progress magħmula d-differenza bejn il-paga mhijiex qed tiċkien iżda minflok qed tistaġna;

P. billi r-rati ta' impjieg huma iktar baxxi fiż-żoni rurali, u barra minn hekk, kwantità kbira ta' nisa ma jidhrux b'mod uffiċjali fis-suq tax-xogħol, u għaldaqstant mhux irreġistrati la bħala qegħda u lanqas ma huma inklużi fl-istatistiċi fuq il-qgħad, u dan joħoloq problemi finanzjarji u legali speċifiċi f'dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet tal-maternità u l-liv tal-mard, il-kisba ta' drittijiet għall-pensjoni u l-aċċess għas-sigurtà soċjali, kif ukoll problemi fil-każ ta' divorzju; billi ż-żoni rurali huma żvantaġġati minħabba n-nuqqas ta' opportunitajiet ta' xogħol ta' kwalità għolja;

Q. billi medja ta' 3 minn kull 10 domiċilji fl-Unjoni Ewropea huma magħmula minn persuna waħedha, li l-maġġoranza tagħhom huma nisa jgħixu waħedhom, b'mod partikolari nisa anzjani, u billi dan il-persentaġġ qiegħed kulma jmur dejjem jikber; billi dawn id-domiċilji huma vulnerabbli aktar u jinsabu f'riskju ta' faqar akbar, b'mod partikolari fi żminijiet ta' diffikultà ekonomika; billi f'ħafna mill-Istati Membri domiċilji b'persuna waħedha jew bi dħul uniku huma trattati b'mod sfavorevoli, f'termini assoluti u relattivi, fir-rigward tat-tassazzjoni, is-sigurtà soċjali, l-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-assigurazzjoni u l-pensjonijiet; billi l-politiki pubbliċi ma għandhomx jippenalizzaw, b'mod volontarju jew involontarju lill-persuni għaliex jgħixu waħedhom;

R. billi s-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi tan-nisa huma drittijiet tal-bniedem u għandhom ikunu garantiti għan-nisa kollha, irrispettivament mill-istatus soċjali ta' età, l-orjentazzjoni sesswali jew l-oriġini etnika;

S. billi bosta nisa, bħal nisa b'diżabilità, nisa li jieħdu ħsieb tat-tfal, tal-anzjani u nisa b'diżabilità, nisa minn minoranzi etniċi u speċjalment nisa Roma u nisa immigranti jsofru minn diskriminazzjoni multipla u intersettorjali huma iżjed vulnerabbli għall-esklużjoni soċjali, il-faqar u l-ksur estrem tad-drittijiet tal-bniedem;

T. billi l-familji fl-Unjoni Ewropea huma differenti u jinkludu ġenituri miżżewġa, mhux miżżewġa u li għandhom sieħeb/sieħba, ġenituri ta' sess differenti u tal-istess sess, ġenituri waħedhom u ġenituri foster li jixirqilhom protezzjoni ugwali taħt il-liġi nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea;

U. billi s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ Test Achats turi l-ħtieġa ta' dispożizzjonijiet preċiżi, ċari u mhux ambigwi fil-leġiżlazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi;

V. billi d-differenzi bejn is-sessi jkunu iżgħar qabel il-formazzjoni tal-familja u jiżdiedu meta l-individwi jiffurmaw koppja; billi jkun hemm tnaqqis fir-rata tal-impjieg tan-nisa wara li titwieled l-ewwel tarbija u l-iżvantaġġi fis-suq tax-xogħol jakkumulaw fl-istadji bikrija taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, b'konnessjoni mal-kura tat-tfal, li fi stadju iżjed tard tinbidel fil-kura tal-anzjani, u dan ta' spiss iwassal għal faqar fost dawk li jaħdmu;

W. billi l-azzjonijiet pożittivi immirati lejn in-nisa wrew li huma fundamentali għall-integrazzjoni sħiħa tagħhom fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà inġenerali;

X. billi n-nisa f'żoni rurali jsofru minn diskriminazzjoni u sterjotipi tal-ġeneru saħansitra ikbar min-nisa fiż-żoni urbani u r-rata ta' impjieg ta' dawn in-nisa hija ħafna iktar baxxa minn ta' dawk fil-bliet;

Y. billi l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin huma l-iżjed nisa u bniet;

*L-indipendenza ekonomika ugwali*

1. Jitlob lill-Istati Membri jiżguraw li l-liġijiet tagħhom dwar iż-żwieġ, id-divorzju u l-proprjetà matrimonjali ma jikkostitwux nasba finanzjarja, diretta jew indiretta, għall-miżżewġin, b'mod partikolari għan-nisa, u jiżguraw li koppji żgħażagħ ikunu konxji u informati bis-sħiħ fi żmien xieraq dwar l-implikazzjonijiet legali u finanzjarji taż-żwieġ u tad-divorzju;

2. Jitlob lill-Istati Membri jinvestu f'faċilitajiet bi prezz raġonevoli u ta' kwalità għolja għall-kura tat-tfal, tal-morda, tal-persuni b'diżabilità, tal-anzjani u ta' persuni dipendenti oħrajn, billi jiżguraw li dawn ikollhom ħinijiet flessibbli u li jkunu aċċessibbli biex l-akbar numru ta' nies ikunu jistgħu jikkombinaw il-ħajja professjonali u privata; jitlob lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li n-nisa u l-irġiel li jieħdu ħsieb it-tfal jew l-anzjani għandhom jirċievu rikonoxximent billi jagħtuhom drittijiet ta' sigurtà soċjali u ta' pensjonijiet individwali; jistieden lis-sħab soċjali jippreżentaw inizjattivi speċifiċi li jivvalidaw il-ħiliet miksuba waqt perjodu ta' liv marbut mal-kura;

3. Jitlob lill-Istati Membri biex jimxu lejn sistemi individwalizzati ta' sigurtà soċjali, sabiex jiżdiedu l-awtonomija individwali u l-pożizzjoni tan-nisa fis-soċjetà

4. Jenfasizza l-importanza tal-iżvilupp tal-kunċett legali ta' sjieda konġunta bl-għan li jiġi garantit rikonoxximent sħiħ tad-drittijiet tan-nisa fis-settur tal-agrikoltura, protezzjoni adegwata fis-settur tas-sigurtà soċjali u rikonoxximent tax-xogħol tan-nisa, u l-bżonn li jiġi mmodifikat ir-Regolament tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) sabiex ikun possibbli, kif inhu l-każ taħt il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), li tittieħed azzjoni pożittiva favur in-nisa fil-perjodu ta' programmar futur 2014-2020, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li dan kien fattibbli fil-perjodi aktar bikrija imma ma jistax isir fil-perjodu attwali, u li tali miżuri jkollhom effetti ta' benefiċċju kbir fuq l-impjieg tan-nisa f'żoni rurali;

5. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ifasslu proposti għar-rikonoxximent reċiproku tal-unjoni ċivili u ta' familji tal-istess sess madwar l-Ewropa, fost dawk il-pajjiżi fejn din il-leġiżlazzjoni diġà daħlet fis-seħħ, sabiex jiżguraw it-trattament ugwali fir-rigward tax-xogħol, il-moviment liberu, it-tassazzjoni u s-sigurtà soċjali, il-protezzjoni tad-dħul tal-familji u t-tfal;

6. Jilqa' l-adozzjoni tad-Direttiva 2010/41/UE dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u jitlob lill-Istati Membri jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa u puntwali tagħha;

7. Jiddispjaċih rigward l-implimentazzjoni minn xi Stati Membri ta' definizzjonijiet restrittivi ta' 'familja' sabiex tiġi miċħuda l-protezzjoni legali għal koppji tal-istess sess u t-tfal tagħhom; ifakkar li l-liġi tal-UE tapplika mingħajr diskriminazzjoni abbażi tas-sess jew l-orjentazzjoni sesswali, skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

8. Jenfasizza li l-konsolidazzjoni fiskali mingħajr kunsiderazzjoni tar-riskji tal-ugwaljanza bejn is-sessi taf twassal għal iżjed segregazzjoni bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol, iżjed xogħol prekarju fost in-nisa, differenza ikbar fil-pagi bejn is-sessi, iżjed femminizzazzjoni tal-faqar u iżjed diffikultajiet biex jiġu kkombinati l-kura u x-xogħol;

9. Jitlob lill-Kunsill jipproċedi 'l quddiem fir-rigward tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew biex tiġi emendata d-Direttiva dwar il-Liv tal-Maternità, b'mod partikolari fir-rigward tal-paga għal nisa li jkunu għadhom kemm welldu, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-indipendenza ekonomika tan-nisa matul dan il-perjodu.

10. Jitlob lill-Istati Membri jippromwovu u jimmonitorjaw b'mod attiv u mill-qrib l-implimentazzjoni tal-Ftehim Qafas tas-Sħab Soċjali dwar il-Liv tal-Ġenituri, b'mod partikolari fir-rigward tal-perjodu mhux trasferibbli u jiżguraw li jitneħħew l-ostakli kollha biex ikun hemm iktar irġiel li jużaw il-liv tal-ġenituri;

11. Jenfasizza li d-dħul u x-xogħol bi qligħ u ta’ kwalità tan-nisa huma ċ-ċavetta għall-awtonomija ekonomika u għal ugwaljanza aħjar bejn l-irġiel u n-nisa fil-qafas soċjali;

12. Jitlob lill-Istati Membri u s-sħab soċjali biex jinkludu b’mod speċjali l-ħaddiema nisa fit-taħriġ u t-taħriġ vokazzjonali f''impjiegi ħodor' meqjusa mill-Kummissjoni tal-UE bħala 'sezzjoni ta’ tkabbir ewlieni' tas-suq tax-xogħol Ewropew;

13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex janalizzaw u jeliminaw l-ostakli għad-dħul fis-suq tax-xogħol, jew għall-impjieg għal rashom, tan-nisa Roma, u wkoll biex jenfasizzaw kif inhu xieraq ir-rwol tan-nisa fit-tisħiħ ekonomiku tar-Roma emarġinati u fit-tnedija ta’ negozji;

14. Jitlob li jittieħdu azzjonijiet fuq livell nazzjonali u Ewropew għall-promozzjoni tal-ispirtu imprenditorjali tan-nisa permezz tal-ħolqien ta’ strutturi ta’ taħriġ u ta’ pariri professjonali u legali u bl-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjamenti pubbliċi u privati;

15. Jitlob lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jevalwaw l-impatt fuq il-ġeneru tal-kriżi ekonomika u finanzjarja permezz ta’ valutazzjonijiet tal-impatt tal-ġeneru u miżuri sussegwenti ta’ bbaġitjar abbażi tal-ġeneru;

16. Jitlob lill-Istati Membri jinvestu l-infiq tal-Fondi Strutturali attwali għall-perjodu 2007-2013 fl-iżvilupp ta’ servizzi ta’ kura li jippermettu kemm lin-nisa kif ukoll l-irġiel biex jikkombinaw il-ħajja professjonali u privata tagħhom;

### *L-istess paga għall-istess xogħol u xogħol tal-istess valur*

17. Jinnota li minkejja n-numru ma jingħaddx ta’ kampanji, objettivi u miżuri fis-snin reċenti, id-differenza fil-pagi bejn is-sessi għadha kbira ħafna, bin-nisa jaqilgħu medja ta’ 17.5% anqas mill-irġiel madwar l-UE, u kien hemm biss tnaqqis marġinali fid-diskrepanza fil-pagi bejn is-sessi tul dawn l-aħħar snin; jitlob lill-Istati Membri jirduppjaw l-impenn tagħhom biex idaħħlu fis-seħħ imiżuri Ewropej bil-għan li titnaqqas din id-diskrepanza;

18. Jitlob strateġija b’ħafna aspetti mill-istituzzjonijiet Ewropej, l-Istati Membri u s-Sħab Soċjali biex jindirizzaw id-differenza persistenti fil-pagi bejn is-sessi, inkluża mira ta’ paga ugwali Ewropea, mira għat-tnaqqis tad-differenza fil-paga b’10 punti perċentwali f’kull Stat Membru biex ikun żgurat ħlas ugwali għan-nisa u għall-irġiel għall-istess xogħol u għall-istess kwalifiki, u jilqa’ l-inizjattivi tal-Kummissjoni għat-tnedija ta’ Jum Ewropew għall-Pagi Ndaqs (EEPD); jiddispjaċih li ma tressqet l-ebda proposta leġiżlattiva mill-Kummissjoni sa mill-adozzjoni tar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew fit-18 ta’ Novembru 2008 u r-rakkomandazzjonijiet tagħha;

19. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri adegwati biex titnaqqas id-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn is-sessi bħala konsegwenza diretta tad-diskrepanza fil-pagi bejn is-sessi u jevalwaw l-impatt tas-sistemi ġodda tal-pensjoni fuq diversi kategoriji ta’ nisa, b’attenzjoni partikolari fuq il-kuntratti part-time u l-kuntratti mhux standard,

20. Jitlob lill-Istati Membri jieħdu miżuri mmirati biex jiżguraw status finanzjarju aħjar u aktar ġust għal impjieg soċjali. hu tal-fehma li l-impjiegi fl-edukazzjoni u l-kura għandhom jitpoġġew fuq l-istess livell finanzjarju ma’ impjiegi oħrajn, u ma għandu jirriżulta l-ebda żvantaġġ finanzjarju meta l-irġiel u n-nisa jagħżlu attivitajiet soċjali;

21. Jinsab imħasseb li l-kriżi ekonomika u t-tnaqqis fil-baġit ser ikompli jkabbar il-problema, peress li n-nisa ser jibqgħu jkunu affettwati b’mod sproporzjonat, u jistieden lill-gvernijiet tal-Istati Membri u ukoll lill-imsieħba soċjali biex ifasslu pjan ta’ azzjoni u miri reali u ambizzjużi;

22. Jistieden lill-Istati Membri biex jużaw aħjar il-ħiliet ta’ migranti nisa kwalifikati ħafna u biex jipprovdu aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ inklużi korsijiet tal-lingwa sabiex ikun evitat it-telf ta’ ħiliet u sabiex jiżguraw opportunitajiet ta’ impjieg indaqs u jippromwovu l-integrazzjoni tal-migranti; jitlob lill-Istati Memrbi jagħtu attenzjoni lill-adozzjoni ta’ miżuri għal nisa migranti u jħeġġeġ il-konsultazzjoni ta’ NGOs u ta’ organizzazzjonijiet ta’ nisa migranti dwar politiki u miżuri mmirati lejn l-integrazzjoni soċjali tagħhom;

23. huwa mħasseb dwar il-leġiżlazzjoni f’ċerti Stati Membri li ma jipprojbixxux b’mod espliċitu l-possibilità li tingħata r-riżenja ffirmata minn qabel lil min iħaddem fil-mument tar-reklutaġġ tan-nisa, bil-konsegwenza li tiġi evitata l-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-maternità;

**It-Tlieta 13 ta’ Marzu 2012**

***L-ugwaljanza fit-teħid tad-deċiżjonijiet***

24. Iqis li l-parteċipazzjoni attiva u l-inklużjoni sħiħa tan-nisa fis-suq tax-xogħol Ewropew mhux biss għandhom effett pożittiv fuq l-intrapriżi, iżda huma wkoll ta’ benefiċċju għall-ekonomija u għas-soċjetà kollha kemm hi u din hija kwistjoni li tikkonċerna d-drittijiet fundamentali u d-demokrazija: in-nisa jirrappreżentaw 60% tal-gradwati universitarji ġodda, iżda għadhom sottorappreżentati f’karigi għat-teħid ta’ deċiżjonijiet ekonomiċi;

25. Jiddispjaċih għall-fatt li l-proġetti ta’ rkupru ekonomiku għadhom jiffokaw prinċipalment fuq l-impjiegi fejn l-irġiel impjegati jikkostitwixxu maġġoranza; jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jindirizzaw l-ugwaljanza bejn is-sessi b’mod konsistenti fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija UE 2020 u tal-Programmi ta’ Riforma Nazzjonali, u biex jagħtu prijorità ogħla lit-trattament tal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, b’enfasi partikolari fuq in-nisa b’diżabilità, migranti u nisa f’minoranza etnika, nisa ta’ età bejn il-54 u 65 sena u n-nisa Roma; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, sabiex isibu bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja u sabiex isiru finanzjarjament indipendenti, in-nisa għandu jkollhom aċċess għal forom flessibbli ta’ impjieg, inkluż it-teleworking; jinnota li teżisti sotto-rappreżentanza tan-nisa f’setturi li x’aktarx jespandu bħal impjiegi fis-settur tar-rinnovabbli, fix-xjenza u f’impjiegi teknoloġikament intensivi, u għalhekk jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jfasslu politiki għall-ħolqien tal-impjiegi li jikkonċernaw r-rappreżentanza bbilanċjata bejn in-nisa u l-irġiel f’dawn is-setturi l-ġodda;

26. Jitlob li jingħata appoġġ lil inizjattivi u kampanji li jkissru l-isterjotipar fir-rigward tal-effikaċja baxxa ta’ impjegati nisa u n-nuqqas ta’ ħiliet maniġerjali tagħhom; jitlob ukoll sabiex in-nisa jkunu appoġġjati fl-iżvilupp tal-karriera u fl-isforzi tagħhom biex jilħqu f’karigi maniġerjali;

27. Jiddispjaċih min-nuqqas ta’ progress lejn iż-żieda tan-numru ta’ nisa fil-bordijiet tal-kumpaniji kif muri fir-rapport tal-2012 tal-Kummissjoni Ewropea dwar in-nisa fit-teħid ta’ deċiżjonijiet ekonomiċi; josserva, li fl-UE bħala medja 12 % biss tal-impjiegi maniġerjali huma nisa fl-akbar intrapriżi kkwotati fil-borża u li 3 % minnhom biss huma presidenti nisa

28. Jitlob lill-Kummissjoni tressaq malajr kemm jista’ jkun, data komprensiva attwali dwar ir-rappreżentanza femminili f’kull tip ta’ kumpanija fl-UE u dwar il-miżuri obbligatorji u mhux obbligatorji meħuda mis-settur kummerċjali kif ukoll dawk adottati reċentement mill-Istati Membri, bil-għan din ir-rappreżentanza tikber; jinnota li, skont ir-rapport tal-Kummissjoni dwar in-nisa fit-teħid ta’ deċiżjonijiet ekonomiċi, il-passi meħuda mis-settur kummerċjali kif ukoll mill-Istati Membri huma inadegwati; jilqa’ l-konsultazzjoni mħabbra dwar il-miżuri biex jitjieb il-bilanċ bejn il-ġeneri fit-teħid ta’ deċiżjonijiet ekonomiċi, madankollu, hu diżappuntat li l-Kummissjoni Ewropea toqgħod lura milli tieħu miżuri leġiżlattivi immedjati, kif impenjat ruħha li tagħmel fil-każ li l-miri ma jintlaħqux; jemmen li l-progress żgħir li sar fl-2011 jistħoqlu miżuri iktar konkreti minn sempliċi konsultazzjoni; Itenni, għalhekk, it-talba tiegħu tal-2011 biex sal-2012 tiġi proposta leġiżlazzjoni li tinkludi kwoti biex tiżdied ir-rappreżentanza femminili fil-korpi ta’ ġestjoni korporattivi titla’ għal 30% sal-2015 u 40% sal-2020, b’kunsiderazzjoni ukoll tar-responsabilitajiet tal-Istati Membri u tal-partikolaritajiet ekonomiċi, strutturali (jiġifieri dawk relatati mad-daqs tal-kumpaniji) legali u reġjonali;

29. Jinsisti fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jadottaw miżuri, b’mod partikolari b’mezzi legali, li bihom jistabbilixxu miżuri vinkolanti li jiggarantixxu l-preżenza bbilanċjata ta’ nisa u rġiel f’karigi ta’ responsabiltà f’impriżi, fl-amministrazzjoni pubblika u fl-organi politiċi; jirreferi għall-eżempji ta’ suċċess tan-Norveġja, Spanja, il-Ġermanja, l-Italja u Franza;

30. Ifakkar li l-Elezzjonijiet Ewropej 2014, segwiti bil-ħatra tal-Kummissjoni Ewropea li jmiss u n-nomini għall-karigi amministrattivi għolja fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropej, huma opportunità li jsir pass lejn id-demokrazija ta’ parità fil-livell tal-UE.

31. Jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw l-ugwaljanza billi jipproponu mara u raġel bħala kandidati għall-kariga ta’ Kummissarju Ewropew; jitlob lill-President tal-Kummissjoni innominat biex jimmira għall-parità meta jifforma l-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni attwali biex tappoġġja pubblikament din il-proċedura;

32. Jindika li l-użu tal-kwoti elettorali għandu effetti pożittivi fuq ir-rappreżentanza tan-nisa u jilqa’ s-sistemi ta’ parità leġiżlati u l-kwoti tas-sessi introdotti fi Franza, Spanja, il-Belġju, is-Slovenja, il-Portugall u l-Polonja; jitlob lill-Istati Membri b’rappreżentenza partikolarment baxxa tan-nisa f’assemblej politiċi biex jikkunsidraw l-introduzzjoni ta’ miżuri ekwivalenti;

33. Jilqa' ż-żieda sinifikanti fin-numri ta' karigi femminali tal-kumitati parlamentari u n-numru ta' MEPs nisa fil-leġiżlatura 2009-2014, iżda jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' viċi presidenti nisa tal-PE fit-tieni nofs tal-leġiżlatura; għaldaqstant jipproponi miżuri għal bilanċ assolut bejn is-sessi dwar il-karigi ta' viċi presidenti;

34. Jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu l-intraprenditorija tan-nisa u biex jipprovdu appoġġ finanzjarju, gwida u taħriġ vokazzjonali biex jinkoraġġixxu lin-nisa jistabbilixxu l-kumpaniji tagħhom;

### *Dinjità, integrità u tmiem għall-vjolenza abbażi tal-ġeneru*

35. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi l-vjolenza u l-fastidju ta' natura omofobika u transfobika fil-programmi ta' azzjoni tagħha kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru;

36. Jilqa' l-isforzi, kemm dawk fil-livell Komunitarju u f'dak nazzjonali, għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa, l-irġiel u t-tfal bħall-Ordni Ewropea ta' Protezzjoni, id-Direttiva dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-pakkett leġiżlattiv għat-tisħiħ tad-drittijiet tal-vittmi fl-UE, iżda jenfasizza li dan il-fenomenu jibqa' problema ewlenija mingħajr soluzzjoni; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jadottaw u jimplimentaw politiki li jiġġieldu kontra kwalunkwe forma ta' vjolenza kontra n-nisa, inkluż l-abbuż sesswali, fiżiku u psikoloġiku, il-vjolenza domestika, l-fastidju u l-ħtieġa biex il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru fil-politiki ta' kooperazzjoni u għall-iżvilupp ta—UE; jenfasizza l-ħtieġa sabiex jinstabu l-implikazzjonijiet reali tal-problema tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru fl-UE; jinnota l-ħidma importanti li għandha ssir f'dan il-qasam mill-Osservatorju Ewropew dwar il-Vjolenza Abbażi tal-ġeneru u jitlob għalhekk biex l-Osservatorju isir operattiv malajr kemm jista' jkun;

37. Itenni l-ħtieġa biex il-Kummissjoni tressaq strateġija mifruxa mal-UE kollha biex titwaqqaf il-vjolenza kontra n-nisa bl-inklużjoni ta' strument leġiżlattiv ta' dritt kriminali għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru kif mitlub mill-Parlament f'bosta riżoluzzjonijiet; jitlob lill-Kummissjoni tistabbilixxi l-2015 bħala s-Sena tal-UE biex Ittemm il-Vjolenza kontra n-Nisa;

38. Jinkuraġġixxi l-Istati Membri sabiex jistabbilixxu programmi ta' informazzjoni dwar fastidju u mobbing fuq il-post tax-xogħol, sabiex nisa li huma soġġetti għal trattament bħal dan ikunu jistgħu jieħdu kontromiżuri effettivi;

39. Jiddefinixxi l-vjolenza domestika bħala vjolenza li tinkludi kull abbuż sesswali, fiziku, u psikoloġiku; jinnota li l-vjolenza tal-ġeneru ta' kull sena tikkaġuna bosta mwiet madwar l-UE; għalhekk jitlob li jittieħdu miżuri adegwati sabiex il-vjolenza tal-ġeneru tiġi ttrattata bħala kwistjoni ta' sigurtà pubblika u bi ksur tad-drittijiet fundamentali, aktar milli bħala kwistjoni privata u domestika, u bħala ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jitlob li jiġi żgurat fost affarijiet oħra, l-aċċess għal forom ta' prevenzjoni, protezzjoni legali u assistenza, anke fir-rigward tal-istalking;

40. Jesprimi sodisfazzjon dwar l-adozzjoni reċenti tad-Direttiva dwar l-Ordni Ewropea ta' Protezzjoni, li għandha l-għan li tipproteġi l-vittmi ta' vjolenza tal-ġeneru - u jistieden lill-Istati Membri biex jittrasponu d-direttiva fil-liġi nazzjonali tagħhom malajr sabiex jippermettu l-funzjonament tajjeb tal-Ordni ta' Protezzjoni Ewropew;

41. Jinnota f'dan il-kuntest il-Pakkett tal-UE għall-Vittmi; jitlob lill-Istati Membri jinkludu f'dan il-pakkett azzjonijiet u riżorsi speċifiċi kontra kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa, inklużi l-vjolenza domestika, il-vjolenza sesswali, il-fastidju, l-hekk imsejjaħ qtil għall-unur, il-Mutilazzjoni Ġenitali Femminili u forom oħra ta' vjolenza u ksur tad-drittijiet individwali;

42. Jistieden lill-Istati Membri jintroduċu programmi ta' riabilitazzjoni u programmi psikoloġiċi għal min jikkommetti abbuż fiżiku, li għandhom inaqqsu l-inċidenza ta' abbuż simili; barra minn hekk, jiġbed l-attenzjoni, għall-imġiba aggressiva li qed tiżdied fost il-bniet;

43. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex timplimenta l-impenn tagħha għall-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fis-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil.

44. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali jieħdu miżuri maħsuba biex jiffaċilitaw id-dħul mill-ġdid fis-suq tax-xogħol tan-nisa li kienu vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru permezz ta' strumenti bħall-FSE jew il-programm PROGRESS;

45. Jinnota li t-tisħiħ tal-indipendenza soċjali u ekonomika kif ukoll tal-awtonomija tas-saħħa sesswali u riproduttiva u l-libertà li wieħed jew waħda jagħżlu s-sieħeb jew is-sieħba tagħhom huma prekundizzjonijiet importanti għall-ġlieda kontra l-vjolenza;

46. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jirrikonoxxu d-dimensjoni tal-ġeneru fis-saħħa bħala parti essenzjali tal-politiki tas-saħħa tal-UE u jkomplu jżidu l-isforzi tagħhom biex jadottaw strateġija doppja bl-integrazzjoni tal-ġeneru u l-età u b'azzjonijiet speċifiċi marbuta mal-ġeneru fil-politiki tas-saħħa tal-UE u nazzjonali;

47. Itenni l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tad-drittijiet għas-saħħa sesswali u riproduttiva stabbiliti fir-riżoluzzjoni tal-10 ta' Frar tal-2010 u tat-8 ta' Marzu tal-2011 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea – 2009 u 2010; jesprimi tħassib f'dan ir-rigward, dwar it-tnaqqis riċenti fil-finanzjament għall-ippjanar tal-familja u għall-edukazzjoni sesswali u ukoll ir-restrizzjonijiet għall-aċċess ta' saħħa sesswali u riproduttivi f'ċerti Stati Membri, b'referenza partikolari għall-protezzjoni tat-tqala u tal-maternità u għall-abort sigur u legali; jenfasizza li n-nisa għandu jkollhom kontroll fuq id-drittijiet sesswali u riproduttivi tagħhom inkluż b'aċċess għal kontraċettivi ta' kwalità għolja u bi prezz raġonevoli;

48. Jesprimi l-preokkupazzjoni tiegħu dwar in-numru dejjem jikber ta' każijiet ta' HIV/AIDS u ta' mard ieħor trażmess sesswalmment, speċjalment fost in-nisa; jinnota li 45 % tan-nisa u t-tfajliet li reċentement ġew infettati bl-HIV huma bejn 15 u 24 sena; jitlob għalhekk lill-Kummissjoni, sabiex fl-istrateġija tagħha fil-ġlieda kontra l-HIV/AIDS tagħti aktar attenzjoni għall-prevenzjoni, u permezz tal-inklużjoni tal-edukazzjoni sesswali, l-aċċess liberu għall-kondoms u għat-testijiet tal-HIV iżżid il-kuxjenza ġenerali dwar il-periklu ta' mard trażmess sesswalment u b'hekk tnaqqas in-numru ta' infezzjonijiet ġodda bl-HIV;

49. Jitlob għal dibattitu fil-livell Ewropew u f'dak tal-Istati Membri dwar kif jiġu miġġielda l-isterjotipip marbutin mal-irwoli rispettitivi tan-nisa u l-irġiel; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza tal-promozzjoni tar-rappreżentanza tal-immaġni tal-mara b'tali mod li tirrispetta d-dinjità tan-nisa, u l-ġlieda persistenti kontra l-isterjotipi tal-ġeneru, b'mod partikolari l-prevalenza ta' immaġni degradanti, filwaqt li tkun rispettata bis-sħiħ il-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-istampa;

50. Jistieden lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jintegraw, bħala parti mir-rekwiżit tas-simplifikazzjoni abbażi tal-ġeneru, fil-politiki kollha tagħhom, attenzjoni speċifika għan-nisa bi bżonnijiet speċifiċi.

51. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jagħtu attenzjoni speċjali lill-gruppi ta' nisa vulnerabbli: in-nisa b'diżabilità, in-nisa ta' età avvanzata, b'taħriġ limitat jew mingħajr l-ebda taħriġ, b'persuni dipendenti fuqhom, immigranti nisa jew nisa li huma parti minn gruppi ta' minoranzi kollha jikkostitwixxu gruppi speċifiċi li għalihom għandhom jittieħdu miżuri adattati għaċ-ċirkostanzi tagħhom;

52. Jistieden lill-organi nazzjonali, reġjonali u lokali responsabbli biex jiżguraw l-ugwaljanza biex jintroduċu approċċi integrati għal titjib fir–reazzjoni u l-ġestjoni ta' każijiet ta' diskrimininazzjoni multipla; jenfasizza, barra minn hekk wkoll li dawn il-korpi għandhom joffru lill-imallfin tagħhom, lill-avukati u lill-persunal inġenerali taħriġ li jippermettilhom jidentifikaw, jipprevjenu u jimmaniġġjaw sitwazzjonijiet ta' diskriminazzjoni multipla;

***Ugwaljanza bejn is-sessi lil hinn mill-Unjoni***

53. Jitlob li d-drittijiet tal-bniedem għan-nisa u l-kapaċità li jużawhom b'mod effettiv jingħataw l-ogħla prijorità fil-politiki esterni tal-UE; jitlob ukoll l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu;

54. Jesprimi tħassib tiegħu – filwaqt li jilqa' ċ-ċaqliq lejn aktar demokrazija u libertà fil-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran – li d-drittijiet tan-nisa jistgħu saħansitra jiddgħajfu aktar b'riżultat tar-Rebbiegħa Għarbija; jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa miżuri ta' appoġġ speċjali għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'dawn il-pajjiżi;

55. Jiddeplora l-fatt li l-istupru għadu jintuża f'ċerti reġjuni tad-dinja bħala arma; jistieden lill-Unjoni Ewropea, permezz tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, sabiex tinkludi dan il-fenomenu bħala prijorita' fl-aġenda politika tagħha;

56. Jinnota li din is-sena l-popolazzjoni tad-dinja laħqet is-7 biljuni; jesprimi l-konvinzjoni tiegħu li l-ippjanar tal-familja għandu jitqiegħed fuq quddiem nett tal-aġenda politika;

57. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-progress kajman fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju, b'mod partikolari l-MDG5: It-titjib tas-Saħħa Materna, u peress li l-progress lejn tnaqqis ta' ħamsa u sebgħin fil-mija tar-rata ta' mortalità materna jinsab lura ħafna u peress li l-għan għall-kisba tal-aċċess universali għas-saħħa reproduttiva sal-2015 għadu 'l bogħod milli jintlaħaq; jinnota li kuljum għadhom imutu madwar 1 000 mara minħabba kumplikazzjonijiet fit-tqala jew fit-twelid, li jistgħu jiġu evitati faċilment;

58. Iħeġġeġ lill-mexxejja politiċi u reliġjużi sabiex jappoġġjaw bis-sħiħ u pubblikament l-MDG5 u biex jappoġġjaw is-servizzi għas-saħħa sesswali u reproduttiva moderni;

59. Jitlob lill-Istati Membri jikkonfermaw is-sostenn politiku u finanzjarju tagħhom għall-MDGs, u anke jkabbru l-isforzi tagħhom biex jinkiseb l-MDG5, minkejja ż-żminijiet ta' kriżi ekonomika;

60. Jilqa' d-deċiżjoni reċenti tan-Nazzjonijiet Uniti għall-ħolqien ta' Jum Internazzjonali tat-Tfal Bniet fil-11 ta' Ottubru, li hija mod qawwi ta' kif jiġu enfasizzati l-ħtiġijiet u d-drittijiet partikolari tal-bniet, u li tippromwovi iżjed azzjoni u investiment sabiex jippermettu lill-bniet jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom skont l-istandards u l-obbligi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-Għanijiet għall-Iżvilupp tal-Millenju;

61. Ifakkar lill-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri bl-impenn tagħhom li jimplimentaw ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU Nru 1325 dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, u jħeġġeġ li l-għoti ta' għajnuna umanitarja tal-UE jsir b'mod effettivament indipendenti mir-restrizzjonijiet fuq l-għajnuna umanitarja imposti mill-Istati Uniti, b'mod partikolari billi jiġi żgurat aċċess għall-abort għal nisa u bniet li huma vittmi ta' stupru f'kunflitti armati;

### *Governanza*

62. Jitlob lill-Kunsill li jmiss biex jiżblokka d-Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni, irrispettivament mir-reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali, bil-għan li din tiġi adottata tul il-Presidenza Daniża;

63. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea timplimenta r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Pjan ta' Azzjoni ta' Stokkolma;

64. Jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra l-implikazzjonijiet tal-każ Test Achats fil-leġiżlazzjoni fil-futur sabiex ittejjeb iċ-ċertezza legali, notevolment u b'mod urġenti b'rabta mad-d-Direttiva 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' prodotti u servizzi;

65. Jitlob lill-Kunsill fi ħdan in-negozjati kontinwi dwar il-Qafas Finanzjarju Multiannwali tal-UE 2014-2020 biex jintroduċi bbaġitjar responsiv għas-sessi fil-proċess tal-ibbaġitjar tal-UE u biex jiggarantixxi l-prevedibbiltà u li ma jkun hemm l-ebda tnaqqis fil-livell tal-finanzjament tal-UE għal attivitajiet dwar id-drittijiet tan-nisa u dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi - inkluża l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa, fir-rigward ta' politiki interni u esterni;

66. Jiddispjaċih għan-nuqqas ta' progress mill-Istati Membri dwar pjanijiet għall-immodernizzar tal-leġiżlazzjoni dwar il-liv tal-maternità u l-paternità u jitlob li jinstab kompromess ibbilanċjat mal-Presidenza Daniża futura tal-UE, bil-għan li tiġi adottata fl-ewwel nofs tal-2012, biex tirreaġixxi għall-ħtiġijiet tal-familji Ewropej u tal-ekonomija Ewropea; jitlob lill-Kummissjoni tressaq proposti għal arranġamenti ta' liv għall-kura ta' qraba anzjani jew morda;

67. Jitlob lill-Kummissjoni tressaq komunikazzjoni komprensiva dwar is-sitwazzjoni tad-domiċilji b'persuna waħda fl-UE, bi proposti tal-politika biex jinkiseb trattament ġust f'oqsma bħat-tassazzjoni, is-sigurtà soċjali, l-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-assigurazzjoni u l-pensjonijiet, abbażi tal-prinċipju tan-newtralità tal-politika fir-rigward tal-kompożizzjoni tad-domiċilji;

68. Jitlob lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiġbru, janalizzaw u jippubblikaw data u indikatturi kwalitattivi tal-ġeneru affidabbli u diżaggregati skont il-ġeneru biex ikunu jistgħu jevalwaw u jaġġornaw kif xieraq l-Istrateġija tal-Kummissjoni għall-ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel( 2010-2015) kif ukoll biex jimmonitorjaw in-naturi transversali tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki kollha;

69. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni għal Pjan Direzzjonali dwar l-Ugwaljanza għal-persuni LGBTI, li jkun analogu għall-Pjan Direzzjonali għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi;

70. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar rapporti tal-midja dwar vittmi tat-traffikar tal-bnedmin li qegħdin jiġu trattati bħala kriminali minflok ma jingħataw appoġġ, u jitlob lill-Kummissjoni tinvestiga t-trattament tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, tal-iskjavitù sesswali u tal-prostituzzjoni sforzata fl-Istati Membri;

71. Jitlob li tingħata attenzjoni lis-sitwazzjoni ta' mekkaniżmi istituzzjonali li jinvolvu l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Istati Membri, sabiex it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, ir-riformi kontinwi u ristrutturar ieħor ma jkollhomx effett negattiv partikulari fuq dawn il-mekkaniżmi, li mingħajrhom il-prijorità orizzontali tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa bl-ispeċifiċità tal-ġestjoni tagħha aktarx li ma tkunx effettiva;

72. Jindika li jinħtieġ titjib fl-arranġamenti għall-kooperazzjoni u l-involviment tal-organizzazzjonijiet tan-nisa, u tas-soċjetà ċivili kollha kemm hi, fil-proċessi ta' integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru;

*

* *

73. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## Nisa fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet Politiċi

P7_TA(2012)0070

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2012 dwar in-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi – kwalità u ugwaljanza (2011/2295(INI))**

(2013/C 251 E/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 2 u 3(3) tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 21 u 23 tagħha,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa tal-1979(CEDAW),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing adottati mir-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa fil-15 ta' Settembru 1995 u d-dokumenti riżultanti sussegwenti adottati mis-sessjonijiet speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti Beijing +5 (2000), Biejing +10 (2005) u Beijing +15 (2010),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet Miftiehma tal-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa dwar "il-Parteċipazzjoni ugwali tan-nisa u l-irġiel fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli kollha" tal-2006,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet Miftiehma tal-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa 1997/2 dwar l-Oqsma Kritiċi ta' Tħassib tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing 1996-1999,

**It-Tlieta 13 ta' Marzu 2012**

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU A/RES/58/142 dwar in-nisa u l-parteċipazzjoni politika u r-Riżoluzzjoni III tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, dwar in-nisa u l-parteċipazzjoni politika, approvata fit-18 ta' Novembru 2011; Riżoluzzjoni A/C.3/66/L.20/Rev.1,

— wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2011-2020), adottat mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Strateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015" (COM(2010)0491),

— wara li kkunsidra id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Ġunju 2000 dwar il-bilanċ bejn is-sessi fil-kumitati u l-gruppi ta' l-esperti stabbiliti minnha ([2]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 96/694/KE tat-2 ta' Diċembru 1996 dwar il-parteċipazzjoni bbilanċjata tan-nisa u tal-irġiel fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ([3]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa Rec (2003)3 dwar il-parteċipazzjoni bbilanċjata tan-nisa u l-irġiel fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u pubbliċi, adottata fit-12 ta' Marzu 2003, u r-riżultat taż-żewġ rawnds ta' monitoraġġ tal-progress magħmul fl-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni Rec (2003)3, ibbażati fuq kwestjonarju dwar dejta separata skont il-ġeneru dwar il-parteċipazzjoni tan-nisa u l-irġiel fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi u pubbliċi, li twettqu fl-2005 u l-2008 rispettivament,

— wara li kkunsidra l-Assemblea Parlamentari tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa (PACE) 1079 (1996), dwar ir-rappreżentanza akbar tan-nisa fil-PACE, ir-Rakkomandazzjoni 1413 (1999) dwar ir-rappreżentanza ugwali fil-ħajja politika, ir-Riżoluzzjoni 1348 (2003) dwar ir-rappreżentanza bbilanċjata bejn is-sessi fil-PACE, kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni 1665 (2004), dwar il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-elezzjonijiet, u r-Riżoluzzjoni 303 (2010) dwar il-kisba ta' ugwaljanza sostenibbli bejn is-sessi fil-ħajja politika lokali u reġjonali,

— wara li kkunsidra l-Kungress ta' Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa 85 (1999), ir-Rakkomandazzjoni 68 (1999) dwar il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-ħajja politika fir-reġjuni tal-Ewropa u r-Rakkomandazzjoni 111 (2002) dwar id-drittijiet ta' votazzjoni individwali tan-nisa u r-rekwiżiti demokratiċi,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni dwar il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-elezzjonijiet adottata mill-Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija permezz tal-liġi ("Kummissjoni ta' Venezja"),

— wara li kkunsidra l-manwal "Gender budgeting: practical implementation" (Ibbaġitjar tal-ġeneru: implimentazzjoni prattika) imħejji mid-Direttorat Ġeneali għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Affarijiet Legali tal-Kunsill tal-Ewropa (April 2009),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni 1899(2010) tal-Assemblea Parlamentaru tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iż-żieda fir-rappreżentanza tan-nisa fil-politika permezz tas-sistema elettorali, adottata fis-27 ta' Jannar 2010,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Marzu 2000 dwar in-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0029/2012),

A. billi hemm parteċipazzjoni żbilanċjata bejn in-nisa u l-irġiel fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u pubbliċi u sottorappreżentanza ċara tan-nisa f'karigi politiċi eletti u nominati fil-livell tal-Unjoni Ewropea u fl-Istati Membri tagħha; billi hemm sottorappreżentanza allarmati ta' nisa fl-elezzjonijiet ta' nofs it-terminu fi ħdan il-Parlament Ewropew;

([1]) Anness mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-7 ta' Marzu 2011.
([2]) ĠU L 154, 27.6.2000, p. 34.
([3]) ĠU L 319, 10.12.1996, p. 11.
([4]) ĠU C 346, 4.12.2000, p. 82.

**It-Tlieta 13 ta' Marzu 2012**

B. billi l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u l-metodi, l-istrateġiji u l-attitudnijiet u l-għodod kulturali fil-ġlieda kontra d-diskrepanzi jvarjaw ħafna fil-livell nazzjonali fi ħdan l-UE u fost l-Istati Membri, partiti politiċi u sħab soċjali tagħha;

C. billi r-rappreżentanza tan-nisa fil-Parlament Ewropew żdiedet għal 35% iżda għadha ma laħqitx il-parità; billi n-nisa huma saħansitra aktar sottorappreżentati fil-karigi ewlenin fil-kumitati u l-gruppi politiċi; billi r-rappreżentanza tan-nisa fil-Kummissjoni Ewropea hi staġnata għal terz tal-Kummissjoni, u l-Kummissjoni qatt ma kienet ippreseduta minn mara;

D. billi, l-istatistika tindika li minkejja d-diversi azzjonijiet imwettqa, l-inugwaljanza għadha qawwija, u r-rappreżentanza tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi tul dawn l-aħħar snin staġnat minflok ma uriet titjib kostanti, bil-bilanċ bejn is-sessi fil-parlamenti nazzjonali madwar l-UE jibqa' fil-livelli ta' 24% nisa u 76% irġiel, bi 23% minnhom biss ikunu ministri nisa ([1]);

E. billi llum teżisti de facto sistema ta' kwoti informali, fejn l-irġiel huma privileġġati fuq in-nisa u fejn l-irġiel jagħżlu l-irġiel għal pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet, li mhijiex sistema formalizzata madankollu din hi kultura sistematika u b'għeruq profondi ta' trattament pożittiv tal-irġiel;

F. billi r-rappreżentanza ugwali ta' nisa u irġiel fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi hi kwistjoni ta' drittijiet tal-bniedem u ta' ġustizzja soċjali u hi rekwiżit essenzjali għall-funzjonament ta' soċjetà demokratika; billi s-sottorappreżentanza persistenti tan-nisa tfisser żvantaġġ demokratiku li jimmina l-leġittimità tat-teħid ta' deċiżjonijiet kemm fil-livell tal-UE u fil-livell nazzjonali;

G. billi t-teħid ta' deċiżjonijiet jissejjes fuq preparazzjonijiet amministrattivi u għaldaqstant in-numru ta' nisa f'karigi amministrattivi, b'mod speċjali fit-tmexxija, hi kwistjoni ta' ugwaljanza u jiżgura l-kunsiderazzjoni tal-aspetti tal-ġeneru fil-preparazzjoni tal-politiki kollha;

H. billi l-Elezzjonijiet Ewropej li għandhom jinżammu fl-2014, segwiti mill-ħatra tal-Kummissjoni Ewropea li jmiss u n-nominazzjonijiet għall-"Aħjar Impjiegi" tal-UE, huma opportunità biex isir pass 'il quddiem lejn id-demokrazija ta' ugwaljanza fil-livell tal-UE u biex l-UE tkun mudell f'dan il-qasam;

I. billi l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa tiddikjara, inter alia, li l-Istati Partijiet għandhom iwettqu l-miżuri kollha meħtieġa, inkluż miżuri pożittivi, għall-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-ħajja politika u pubblika;

J. billi l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa theġġeġ għal:

— riformi fis-sistemi elettorali sabiex dawn isiru aktar favorevoli għar-rappreżentanza tan-nisa;

— dispożizzjonijiet kontra d-diskrimazzjoni abbażi tal-ġeneru fil-liġijiet kostituzzjonali u elettorali bl-eċċezzjoni meħtieġa, li tippermetti miżuri ta' diskriminazzjoni pożittiva favur dak is-sess sottorappreżentat;

— edukazzjoni ċivika sensittiva għall-ġeneru u l-eliminazzjoni ta' stereotipi abbażi tal-ġeneru u l-preġudizzju "intrinsiku" kontra l-kandidati nisa, b'mod speċjali fi ħdan il-partiti politiċi u wkoll fil-midja;

K. billi d-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing dwar in-nisa fil-poter u fit-teħid ta' deċiżjonijiet tenfasizza l-fatt li l-parteċipazzjoni ugwali hi kundizzjoni meħtieġa biex jitqiesu l-interessi tan-nisa u hi meħtieġa għat-tisħiħ tad-demokrazija u għall-promozzjoni tal-funzjonament xieraq tagħha; billi itenni mill-ġdid li l-parteċipazzjoni attiva tan-nisa, f'termini ugwali mal-irġiel, fil-livelli kollha tat-teħid ta' deċiżjonijiet hija essenzjali għall-kisba tal-ugwaljanza, l-iżvilupp sostenibbli, il-paċi u d-demokrazija;

([1]) Ara l-aġġornament ta' kull tliet xhur tal-bażi ta' data tal-Kummissjoni dwar in-nisa u l-irġiel fit-teħid ta' deċiżjonijiet.

**It-Tlieta 13 ta' Marzu 2012**

L. billi teżisti segregazzjoni qawwija fir-rigward ta' pożizzjonijiet ewlenin ta' teħid ta' deċiżjonijiet politiċi mħollija f'idejn in-nisa u kompiti distributtivi bħas-saħħa, il-benesseri soċjali u l-ambjent, u l-kompiti ta' poter mħollija f'idejn l-irġiel, u li huma relatati mar-riżorsi, bħall-ekonomija, il-kummerċ, il-baġit u l-affarijiet barranin, li toħolq tgħawwiġ fl-istruttura tal-poter u fl-allokazzjoni ta' riżorsi, minħabba l-istereotipi tal-ġeneru;

M. billi partiti politiċi, li għandhom ir-responsabbiltà għall-għażla, il-klassifikazzjoni u n-nomina ta' kandidati għal pożizzjonijiet ewlenin, għandhom rwol ċentrali biex jiggarantixxu r-rappreżentanza ugwali tan-nisa u l-irġiel fil-politika u għandhom għaldaqstant jippromwovu prattiki tajbin bħal kwoti volontarji għall-elezzjonijiet fil-partiti, peress li dawn diġà ġew introdotti minn xi partiti politiċi fi 13-il Stat Membru tal-UE;

N. billi l-istudju dwar il-"Korruzzjoni u n-Nisa fil-Gvern" imħejji mill-Bank Dinji fl-1999, jikkonkludi li hemm livelli ta' korruzzjoni governattiva aktar baxxi meta jkun hemm livelli ogħla ta' parteċipazzjoni tan-nisa għax, skont il-konklużjonijiet ta' din ir-riċerka, in-nisa għandhom standards ogħla ta' mġiba etika u juru lilhom inushom aktar ikkonċernati dwar il-"ġid komuni";

O. billi jenħtieġu strateġiji varjati komprensivi li jikkonsistu f'miżuri nonvinkolanti bħal miri u kwoti volontarji fil-partit, li jippermettu miżuri bħall-edukazzjoni dwar il-ġeneru, mentoring u t-tkabbir tal-għarfien u miżuri legalment vinkolanti bħal kwoti elettorali skont il-ġeneru, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li l-miżuri legalment vinkolanti, li huma kompatibbli mas-sistema istituzzjonali u elettorali u li jirrikjedu regoli ta' gradazzjoni ta' kariga, monitoraġġ u sanzjonijiet effettivi għal nonkonformità, jidhru li huma l-aktar effikaċi fil-kisba ta' bilanċ tal-ġeneru fil-politika;

P. billi l-aċċess tan-nisa għall-finanzjament ta' kampanji elettorali spiss huwa aktar ristrett, minħabba diskriminazzjoni fi ħdan il-partiti politiċi, l-esklużjoni tan-nisa minn netwerks ta' flus u d-dħul u t-tfaddil aktar baxx tagħhom;

Q. billi l-proċeduri f'sistemi elettorali, istituzzjonijiet politiċi u partiti politiċi jwettqu rwol deċiżiv u għandhom impatt serju fuq l-effikaċja tal-istrateġiji applikati u fuq il-limitu safejn jintlaħaq il-bilanċ bejn is-sessi fil-politika;

R. billi l-parteċipazzjoni u t-tmexxija tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi għadha mxekkela minn diversi ostakoli bħan-nuqqas ta' ambjenti favorevoli fl-istrutturi tal-istituzzjonijiet politiċi u tal-benesseri tas-soċjetà, l-istereotipi persistenti bbażati fuq il-ġeneru kif ukoll il-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika reċenti u r-riperkussjonijiet negattivi fuq kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi;

S. billi l-fatt li l-livell baxx tal-parteċipazzjoni tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-governanza huwa attribwit primarjament għal problemi fir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja fil-familja, id-distribuzzjoni inugwali tar-responsabbiltajiet fil-familja, li jiddependu b'mod qawwi fuq in-nisa, u d-diskriminazzjoni persistenti fuq ix-xogħol u fit-taħriġ tax-xogħol;

***Ir-rappreżentanza tan-nisa f'karigi eletti***

1. Jistieden lill-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jfasslu u jimplimentaw politiki tal-ugwaljanza bejn is-sessi u strateġiji varjati u effikaċi għall-kisba tal-ugwaljanza fil-parteċipazzjoni fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fit-tmexxija politika fl-attivitajiet kollha tagħhom fil-livelli kollha, speċjalment fl-oqsma tal-politika makro-ekonomika, il-kummerċ, ix-xogħol, il-baġits, id-difiża u l-affarijiet barranin, li jevalwaw l-impatt u jagħmlu dan disponibbli għall-pubblika permezz ta' indiċijiet u indikaturi xierqa ta' ugwaljanza, li jiżguraw objettivi kwantifikabbli u dati ta' skadenza, pjanijiet ta' azzjoni ċari u mekkaniżmi ta' monitoraġġ regolari li jkunu segwiti b'azzjonijiet korrettivi legali, vinkolanti meta l-objettivi stabbiliti ma jitlaħqux fid-dati ta' skadenza;

2. Jilqa' s-sistemi ta' parità/kwoti skont il-ġeneru għal elezzjonijiet introdotti permezz ta' leġiżlazzjoni f'ċerti Stati Membri; jitlob lill-Istati Membri jikkunsidraw li jintroduċu miżuri leġiżlattivi, bħal ,iżuri ta' azzjoni pożittivi, sabiex isir progress lejn l-ugwaljanza u tiġi żgurata l-effikaċja ta' dawn il-miżuri meta l-kompatibilità mas-sistema elettorali u meta l-partiti politiċi ikunu nkarigati mill-kompożizzjoni tal-lista elettorali, permezz ta' sistemi alternati, monitoraġġ u sanzjonijiet effettivi sabiex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni aktar ibbilanċjat tan-nisa u l-irġiel fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi;

3. Jistieden, barra minn hekk, lill-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jinfurzaw l-ugwaljanza fil-livelli kollha biex jibgħatu messaġġi ċari kontra d-diskriminazzjoni, billi jipprovdu riżorsi xierqa, bl-użu ta' għodod speċifiċi u bil-promozzjoni tat-taħriġ meħtieġ għal impjegati taċ-ċivil responsabbli għall-preparazzjoni tal-baġits fl-ibbaġitjar tal-ġeneru;

4. Jitlob lill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex jagħtu attenzjoni speċjali għal programmi edukattivi dwar il-ġeneru mmirati partikolarment għas-soċjetà ċivili u ż-żgħażagħ, li jibdew minn età bikrija, u li jirrikonoxxu li d-drittijiet tan-nisa huma drittijiet tal-bniedem u li l-ugwaljanza hija essenzjali fil-ħajja politika;

5. Jitlob lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex iniedu impenn lil partiti politiċi kollha fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali, biex iwettqu miżuri li jħeġġu l-parteċipazzjoni attiva u l-involviment tan-nisa fil-ħajja politika u fl-elezzjonijiet, biex jiksbu l-ugwaljanza fit-teħid ta' deċiżjonijiet interni tagħhom, fin-nomini tagħhom għal karigi eletti u fil-listi elettorali tal-partit, permezz tal-introduzzjoni ta' kwoti u meta jkun kompatibbli mas-sistema elettorali u meta l-partiti politiċi jkunu nkarigati mill-kompożizzjoni ta' listi elettorali, biex jagħtu attenzjoni għall-pożizzjoni tal-kandidati nisa f'dawn il-listi;

6. Jirrikonoxxi r-rwol tal-partiti politiċi bħala fatturi ewlenin fil-promozzjoni tal-parità tal-ġeneru; jitlob għaldaqstant biex l-Istati Membri jirrikjedu lill-partiti nazzjonali, meta jkun kompatibbli mas-sistema elettorali u meta l-partiti politiċi huma inkarigati mill-kompożizzjoni tal-listi elettorali, sabiex joħolqu kwoti u japplikaw sistemi ta' kwoti u tipi oħrajn ta' azzjoni pożittiva, biex japplikaw regoli ta' gradazzjoni għal-listi elettorali ta' kandidati għall-elezzjonijiet reġjonali, nazzjonali u tal-UE, u biex jiddefinixxu u jinfurzaw sanzjonijiet xierqa f'każ ta' nuqqas ta' konformità; jitlob lill-Istati Membri jinsġu flimkien u jiffissaw miri msejsa fuq il-parità bejn is-sessi għall-partiti politiċi bħala pre-rekwiżit għall-finanzjament;

7. Jitlob lill-partiti politiċi madwar l-Ewropa biex jintroduċu sistema ta' kwoti għal-list ta' kandidati għall-organi tal-partiti u għall-elezzjonijiet, meta dan ikun kompatibbli mas-sistema elettorali u meta l-partiti politiċi huma nkarigati mill-kompożizzjoni tal-lista elettorali, speċjalment fir-rigward tal-listi għall-elezzjonijiet Ewropej tal-2014; fir-rigward tal-proċedura għat-tfassil tal-listi elettorali, li permezz tagħhom in-nisa kandidati jalternaw mal-irġiel fil-quċċata tal-lista bħala l-aħjar mezz biex titjieb il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-politika;

8. Jenfasizza l-ħtieġa li jitwettqu passi konkreti mfassla biex tinkiseb l-ugwaljanza f'karigi eletti fil-parlamenti nazzjonali u fil-Parlament Ewropew (bħall-President, Viċi Presidenti, Chairs and Viċi-Chairs), pereżempju bit-tfassil ta' objettiv ta' rappreżentanza ta' 50% ta' rġiel u nisa f'kull waħda minn dawn il-karigi;

9. Jilqa' l-għan tal-Kummissjoni li tħeġġeġ il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li jmiss, permezz tal-programmi finanzjarji "Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza" u "Ewropa għaċ-Ċittadini"; jitlob lill-Kummissjoni tiżgura d-disponibilità ta' finanzjament fil-programmi ta' ħidma annwali tagħha fl-2013-2014 għal finanzjament inter alia, ta' kampanji adegwati ta' tqajjim ta' kuxjenza fil-midja biex iħeġġu li n-nisa jiġu eletti u jiżguraw li dan il-finanzjament ikun aċċessibbli b'mod faċli għall-partiti nazzjonali u għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għall-inizjattivi ta' proġetti bil-għan li tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet;

10. Jitlob lill-Kummissjoni tħeġġeġ u tiffinanzja azzjonijiet relatati mal-promozzjoni tal-ugwaljanza f'karigi ta' teħid ta' deċiżjonijiet u f'attivitajiet politiċi fil-programmazzjoni tal-perjodu ta' finanzjament 2014-2020 li jmiss, għall-programmi msemmija hawn fuq jew għas-suċċessuri tagħhom, kif ukoll fl-ippjanar ta' azzjonijiet għas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini prevista fl-2013;

11. Jitlob lill-Kummissjoni biex tniedi kampanji mmirati fuq l-ugwaljanza fil-listi elettorali għall-Parlament Ewropew għall-inqas sentejn qabel kull sejħa għall-elezzjoni u li tħeġġeġ lill-Istati Membri jwettqu azzjonijiet simili fl-elezzjonijiet lokali u reġjonali tagħhom;

***Ir-rappreżentanza tan-nisa f'karigi nominati***

12. Jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw l-ugwaljanza billi jipproponu mara u raġel bħala kandidati għall-kariga ta' Kummissarju Ewropew; jistieden lill-President tal-Kummissjoni jikseb l-ugwaljanza fit-tfassil tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja pubblikament din il-proċedura; ifakkar li l-Parlament għandu jagħti kunsiderazzjoni partikolari rigward il-bilanċ tal-ġeneru f'din il-proċedura u jtenni l-importanza li tiġi kkunsidrata rappreżentanza ugwali tan-nisa u l-irġiel meta tagħti l-kunsens tagħha għall-Kummissjoni l-ġdida, skont l-Artikolu 106;

13. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jimpenjaw ruħhom li jilħqu l-mira tal-parità fil-korpi kollha għat-teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom, billi jistabbilixxu u jimplimentaw sistemi ta' kwoti u tipi oħra ta' azzjoni pożittiva, fir-reklutaġġ ta' uffiċjali ta' livell għoli; jitlob lill-gvernijiet nazzjonali jinnominaw nisa u rġiel għal karigi fil-livell tal-Unjoni Ewropea;

14. Jieħu nota tal-impenn tal-Kummissjoni dikjarat fl-Istrateġija għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel – 2010-2015 biex tissorvelja l-progress fit-twettiq tal-objettiv ta' 40% ta' membri mill-istess sess fil-kumitati u fil-gruppi ta' esperti tagħha, u jitlob lill-istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-UE jwettqu passi konkreti u jfasslu strateġiji bil-għan li jiksbu parteċipazzjoni bbilanċjata fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom;

15. Jitlob lill-Istati Membri jippromwovu miżuri ta' azzjoni pożittiva, inkluż miżuri leġiżlattivi vinkolanti, bil-għan li jiżguraw l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-korpi ta' governanza u fil-karigi pubbliċi u biex jiżviluppaw għodod għall-monitoraġġ tal-ġeneru f'nominazzjonijiet u f'elezzjonijiet;

***Miżuri għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fil-ħajja politika***

16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw miżuri ta' azzjoni pożittiva, bħal trattament preferenzjali, f'każ ta' sottorappreżentanza ta' wieħed mis-sessi; en

17. Jistieden lill-Istati Membri biex il-proċeduri tal-għażla għan-nomina tal-irġiel u n-nisa għal ħatra f'korpi għat-teħid tad-deċiżjonijiet, ikunu trasparenti nkluż permezz ta' talbiet pubbliċi ta' kurrikuli u ta' għażla fuq il-bażi tal-merti, il-kompetenzi u r-rappreżentattività;

18. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-miżuri ta' appoġġ għall-organizzazzjonijiet tan-nisa, inkluż billi jipprovduhom b'finanzjament adegwat u bil-ħolqien ta' pjattaformi għall-kooperazzjoni u b'kampanji favur il-ġeneru fl-elezzjonijiet;

19. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw in-netwerks tan-nisa u jippromwovu l-mentoring, it-taħriġ adegwat, u l-iskambju ta' prattiki tajba u programmi, b'enfasi speċjali fuq in-nisa li jfasslu l-politika tul il-bidu tal-karriera tagħhom;

20. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li n-nisa jkollhom aċċess, saħansitra bi trattament preferenzjali, għal taħriġ u pożizzjonijiet ta' tmexxija bħala parti mill-promozzjoni tal-karriera sabiex jissaħħu l-ħiliet ta' tmexxija u l-esperjenza tan-nisa;

21. Jirrikonoxxi l-atturi l-oħrajn bħala parti rilevanti minn proċess demokratiku aktar wiesa' u għaldaqstant jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromovu u jħeġġu l-isforzi tal-organizzazzjonijiet tal-impjegati u t-trejdunjins, lis-settur privat, lill-organizzazzjonjiiet mhux governattivi u lill-organizzazzjonijiet kollha li normalment jiffurmaw parti mill-kunsilli konsultattivi marbutin mal-gvern sabiex jiksbu l-ugwaljanza tan-nisa' u l-irġiel fl-istrutturi tagħhom, inkluż permezz ta' parteċipazzjoni ugwali fit-teħid ta' deċiżjonijiet;

22. Jitlob lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippermettu lin-nisa u l-irġiel jieħdu sehem attiv fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi billi jippromwovu r-rikonċiljazzjoni u l-bilanċ bejn il-ħajja tal-familja u l-ħajja tax-xogħol permezz ta' miżuri bħall-qsim indaqs tal-ispejjeż ta' filjazzjoni bejn dawk li jimpjegaw lill-ġenituri u l-iżgurar ta' servizzi aċċessibbli u adegwati għal pereżempju l-kura tat-tfal u tal-anzjani u jitlob lill-Kummissjoni tappoġġa, permezz ta' proposti leġiżlattivi adegwati fil-forma ta' direttivi, l-aċċess indaqs għas-servizzi, id-dħul minimu u l-ħelsien minn vjolenza bbażata fuq il-ġeneru;

23. Ifakkar fl-importanza ta' trattament preferenzjali u ta' miżuri speċjali għall-promozzjoni tar-rappreżentanza tan-nies minn sfondi differenti u minn gruppi żvantaġġjati, bħall-persuni b'diżabilità, nisa migranti u membri ta' minoranzi etniċi u sesswali, f'karigi ta' teħid ta' deċiżjonijiet; en

24. Jieħu nota tal-importanza tal-midja u l-edukazzjoni fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fil-politika u fir-riforma ta' xejriet soċjetarji; jenfasizza l-importanza taż-żieda tal-għarfien mill-midja u x-xandara pubbliċi, b'mod partikolari, dwar il-ħtieġa li tkun żgurata kopertura ġusta u bbilanċjata ta' kandidati irġiel u nisa matul l-elezzjonijiet u dwar il-monitoraġġ tal-midja fl-identifikazzjoni tal-iżbilanċ tal-ġeneru u beħsiebu jindirizza dan u għalhekk jippromwobi sforzi għall-eliminazzjoni tal-isterjotipi u tiġi promossa ta' immaġni pożittivi tan-nisa bħala mexxejja, inkluż politiċi nisa bħala xempji pożittivi fil-livell nazzjonali, reġjonali u Ewropew;

25. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, jippromwovu u jiskambjaw prattiki tajba li jikkontribwixxu għall-kisba ta' bilanċ bejn is-sessi f'karigi ta' teħid ta' deċiżjonijiet, billi jsaħħu r-rwol u r-riżorsi tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) u billi jiffaċilitaw il-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet non-governattivi tan-nisa;

26. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, inkluż bil-parteċipazzjoni tal-EIGE, fejn xieraq, biex jiġbru, janalizzaw u jqassmu data skont il-ġeneru, sabiex jissorveljaw l-ugwaljanza bejn is-sessi fit-teħid ta' deċiżjonijiet fis-setturi kollha (pubbliċi u privati) u fil-livelli ġerarkiċi kollha u bħala bażi għal miżuri ulterjuri f'każ li ma jintlaħqux il-miri stipulati; jitlob lill-Kummissjoni tkompli tiġbor u tqassam dejta komparattiva fil-livell tal-Unjoni Ewropea permezz ta' bażi ta' dejta dwar in-nisa u l-irġiel f'karigi ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u jitlobha tiżviluppa dan l-osservatorju f'mappa Ewropea dwar il-bilanċ bejn is-sessi li tinkludi l-varjazzjonijiet annwali fuq livell tal-UE, statali u reġjonali fil-qasam tal-bilanċ bejn is-sessi skont indikaturi komuni, iqis li din il-mappa għandha tinkludi għall-inqas:

— l-għanijiet li jippromwovu l-bilanċ bejn is-sessi espressi bħala perċentwali ta' rappreżentanza u inkorporati fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri u tar-reġjuni Ewropej li għandhom setgħa leġiżlattiva biex jirregolaw il-proċessi elettorali tagħhom;

— il-perċentwali ta' rappreżentanza ta' kull ġeneru fil-parlamenti Ewropew, statali u reġjonali u fl-istituzzjonijiet lokali;

— il-perċentwali ta' rappreżentanza ta' kull ġeneru fil-korpi eżekuttivi eletti jew ikkontrollati mill-istituzzjonijiet leġiżlattivi msemmija aktar kmieni;

27. Jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta rapport annwali għall-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-Parlament Ewropew dwar il-progress tal-ugwaljanza bejn is-sessi fit-teħid ta' deċiżjonijiet fl-Unjoni Ewropea;

28. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jivvalutaw l-impatt fuq il-bilanċ tar-rappreżentanza tan-nisa, tad-diversi sistemi elettorali fuq livell nazzjonali, lokali u Ewropew, kif ukoll tal-miżuri u l-prattiki tajbin attwali f'livelli differenti; it

***Il-Promozzjoni ta' rappreżentanza bbażata fuq il-ġeneru fil-politiki għal relazzjonijiet esterni***

29. Ifakkar fid-domanda tiegħu għall-ugwaljanza bejn is-sessi fil-livelli kollha fil-ħatra ta' persunal tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE); jitlob li lis-SEAE jippromwovi l-parteċipazzjoni tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet fir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni Ewropea u tiżgura li d-delegazjonijiet kollha li jirrappreżentaw l-UE jirrispettaw il-prinċipju tal-parità bejn is-sessi fir-rigward tal-kompożizzjoni tagħhom u li jkun hemm bilanċ fil-ħin allokat għal diskors għan-nisa u l-irġiel f'dawn il-kuntesti; jinnota l-bżonn li jiżdied in-numru ta' nisa bħala medjaturi u negozjaturi ewlenin fi proċessi ta' osservazzjoni ta' sitwazzjoni rigward id-drittijiet tal-bniedem u l-prevenzjoni tal-korruzzjoni u fil-bini tal-paċi, kif ukoll fi proċessi oħra tan-negozjati bħall-kummerċ internazzjonali u negozjati dwar l-ambjent; en

30. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-għoti ta' assistenza finanzjarja u teknika adegwata għal programmi speċjali li jiffukaw fuq it-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tan-nisa fil-proċess elettorali permezz tat-taħriġ, l-edukazzjoni ċivika u l-mobilizzazzjoni tal-midja, u l-parteċipazzjoni tal-NGOs lokali, flimkien mal-finanzjament għal programmi tal-edukazzjoni ġenerali li jippromwovu l-kuxjenza ċivika dwar is-sessi, l-eliminazzjoni ta' sterjotipi bbażati fuq is-sess u ta' preġudizzju "intrinsiku" kontra n-nisa;

31. Jitlob lill-Kummissjoni u lis-SEAE jwettqu l-miżuri meħtieġa biex jippromwovu r-rappreżentanza bbilanċjata tan-nisa fil-livelli kollha tal-ħajja politika, f'organizzazzjonijiet multinazzjonali bħan-Nazzjonijiet Uniti, fil-gvernijiet u fil-parlamenti nazzjonali, kif ukoll fil-livelli reġjonali u lokali u fl-awtoritajiet lokali u biex iżidu l-kooperazzjoni tagħhom ma' atturi oħrajn fil-livell internazzjonali, bħall-UN WOMEN u l-Unjoni Inter-Parlamentari, sabiex jippromwovu dawn l-objettivi; en

32. Jitlob lid-dipartimenti tal-politika tal-Parlament Ewropew biex jiżguraw li d-delegazzjonijiet dejjem jinkludu perspettiva ta' ġeneru u jagħmel enfasi dwar l-importanza tal ugwaljanza bejn is-sess;

*

* *

33. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

---

## L-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea fir-rigward tal-involviment tal-impjegati

P7_TA(2012)0071

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2012 dwar l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea fir-rigward tal-involviment tal-impjegati (2011/2116(INI))**

(2013/C 251 E/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 4, 54, 151 u 154 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni 193 tal-ILO tat-3 ta' Ġunju 2002 dwar il-promozzjoni ta' kooperattivi,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2157/2001 tat-8 ta' Ottubru 2001 dwar l-Istatut ta' Kumpannija Ewropea (SE) ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1435/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea (SCE) ([2]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2001/86/KE tat-8 ta' Ottubru 2001 li tissupplimenta l-Istatut għal kumpanija Ewropea rigward l-involviment tal-ħaddiema ([3]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/72/KE tat-22 ta' Lulju 2003 li tissupplimenta l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea fir-rigward tal-involviment tal-impjegati ([4]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Frar 2004 dwar il-promozzjoni ta' soċjetajiet kooperattivi fl-Ewropa (COM(2004)0018),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bit-titolu: "Ewropa 2020 - Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ottubru 2010 bit-titolu "Lejn Att dwar is-Suq Uniku - Ghal ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna - 50 proposta biex intejbu l-ħidma, innegozju u l-iskambji ma' xulxin" (COM(2010)0608),

---

([1]) ĠU L 294, 10.11.2001, p. 1.
([2]) ĠU L 207, 18.8.2003, p. 1.
([3]) ĠU L 294, 10.11.2001, p. 22.
([4]) ĠU L 207, 18.8.2003, p. 25.

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2010 bit-titolu "Il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali: Qafas Ewropew għall-koeżjoni soċjali u territorjali" (COM(2010)0758),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' April 2011 bit-titolu "L-Att dwar is-Suq Uniku - Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja - 'Flimkien għal tkabbir ġdid'"(COM(2011)0206),

— wara li kkunsidra r-rapport ta' sinteżi dwar id-Direttiva 2003/72/KE li tissupplimenta l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea fir-rigward tal-involviment tal-impjegati ([1]),

— wara li kkunsidra l-istudju dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1435/2003 dwar l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea (SCE) ([2]),

— wara li kkunsidra s-Sena Internazzjonali tal-Kooperattivi tan-Nazzjonijiet Uniti 2012 ([3]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-ILO bit-titolu "Resilience of the Cooperative Business Model in Times of Crisis" ([4]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar id-diversi forom ta' intrapriżi ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Frar 2009 dwar l-Ekonomija Soċjali ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Frar 2009 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2002/14/KE li tistabbilixxi l-qafas ġenerali għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Ġunju 2003 dwar qafas għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati ([8]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tas-16 ta' Settembru 2010 dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/72/KE tat-22 ta' Lulju 2003 li tissupplimenta l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea fir-rigward tal-involviment tal-impjegati (COM(2010)0481),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0432/2011),

A. billi l-intrapriżi kooperattivi jippromwovu l-interessi tal-membri u l-utenti tagħhom, kif ukoll is-soluzzjonijiet għall-isfidi tas-soċjetà, u jfittxu kemm li jimmassimizzaw il-benefiċċji għall-membri u jiżguraw l-għajxien tagħhom permezz ta' politika tan-negozju fit-tul u sostenibbli kif ukoll li jqiegħdu l-benesseri tal-klijenti, l-impjegati u l-membri fir-reġjun kollu fiċ-ċentru tal-istrateġija tan-negozju,

([1]) Imwettaq minn Fernando Valdés Dal-Ré, Prof. tal-Liġi tax-Xogħol, Labour Asociados Consultores, 2008.
([2]) Imwettaq mill-Kooperattivi Ewropej, Istitut Ewropew għar-Riċerka dwar l-Intrapriżi Kooperattivi u Soċjali, Ċentru EKAI, 2010.
([3]) Nazzjonijiet Uniti, A/RES/64/136.
([4]) Johnston Birchall and Lou Hammond Ketilson, Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, 2009.
([5]) ĠU C 318, 23.12.2009, p. 22.
([6]) ĠU C 76 E, 25.3.2010, p. 16.
([7]) ĠU C 76 E, 25.3.2010, p. 11.
([8]) ĠU C 68 E, 18.3.2004, p. 429.

**It-Tlieta 13 ta' Marzu 2012**

B. billi l-intrapriżi tal-kooperattiva, fin-natura tagħhom, huma strutturalment marbutin maż-żona li fiha huma bbażati u għalhekk għandhom rwol importanti fl-aċċelerazzjoni tal-iżvilupp lokali, li huwa fattur deċisiv għall-ħolqien ta' koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali reali; billi, f'soċjetajiet kooperattivi, il-finanzjament tat-taħriġ kontinwu fl-oqsma tar-responsabbiltà soċjali u l-intraprenditorija, żewġ oqsma li mhumiex koperti kompletament minn strumenti oħra ta' parteċipazzjoni soċjali, huwa ta' importanza fundamentali,

C. billi, f'intrapriżi kooperattivi, il-parteċipazzjoni tal-membri tal-intrapriża għandha tingħata preċedenza u tkun riflessa fl-istruttura tal-governanza u s-sjieda tal-kooperattiva,

D. billi l-kooperattivi huma pilastru importanti tal-ekonomija Ewropea u mutur ewlieni għall-innovazzjoni soċjali, u għalhekk b'mod partikolari jippreservaw l-infrastruttura u s-servizzi lokali speċifikament f'żoni rurali u konurbazzjonijiet, u billi l-Ewropa għandha 160 000 kooperattiva, proprjetà ta' aktar minn kwart tal-Ewropej kollha, li jipprovdu xogħol għal madwar 5.4 miljun impjegat,

E. billi l-kooperattivi jikkompetu ma' kumpaniji mmexxija minn investituri f'ħafna oqsma ekonomiċi, billi l-intrapriżi kooperattivi għandhom setgħa ekonomika konsiderevoli fuq is-swieq globalizzati u saħansitra l-kooperattivi multinazzjonali ħafna drabi jibqgħu marbutin ma' bżonnijiet lokali,

F. billi l-banek kooperattivi wrew livelli għoljin ta' sostenibbiltà u reżiljenza matul il-kriżi finanzjarja, permezz tal-mudell għan-negozju kooperattiv tagħhom; billi permezz tal-mudell għan-negozju kooperattiv tagħhom, żiedu l-qligħ u t-tkabbir waqt il-kriżi, b'inqas fallimenti u sensji; billi l-intrapriżi kooperattivi jipprovdu wkoll impjiegi ta' kwalità għolja, inklużivi u reżiljenti għall-kriżijiet, spiss bi proporzjonijiet għolja ta' ħaddiema nisa u migranti u jikkontribwixxu lejn l-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli ta' żona billi jipprovdu impjiegi lokali u mhux trasferibbli; billi l-kooperattivi jistgħu jitqiesu bħala approċċ ta' suċċess u kontemporanju għall-ekonomija soċjali u jistgħu jikkontribwixxu sabiex jipprovdu prospetti ta' impjiegi fiż-żgur u jippermettu lill-ħaddiema jippjanaw ħajjithom b'mod flessibbli fil-post tal-oriġini tagħhom, b'mod partikolari fiż-żoni rurali,

G. billi l-kriżi finanzjarja u ekonomika wriet li l-kwistjoni ta' kemm tkun attraenti forma ġuridika lma tistax tiġi indirizzata biss mill-perspettiva tal-azzjonisti; billi għandu jiġi nnutat li, bħala organizzazzjoni soċjali, intrapriża għandha responsabbiltajiet lejn l-azzjonisti, l-impjegati, il-kredituri u s-soċjetà u dan il-fatt għandu jiġi kkunsidrat f'tali valutazzjonijiet;

H. billi l-leġiżlazzjoni fir-rigward tal-kooperattivi u tal-parteċipazzjoni tal-impjegati tvarja sostanzjalment fl-UE,

I. billi l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea (SCE) sa issa huwa l-uniku forma legali għall-ekonomija soċjali disponibbli fil-livell tal-UE, wara l-irtirar tal-proposti tal-Kummissjoni għal Assoċjazzjoni Ewropea u Soċjetà Mutwalistika Ewropea fl-2003 u filwaqt li l-istatut għall-Fondazzjoni Ewropea għadu f'fażi ta' żvilupp,

J. billi l-istabbiliment ta' statut għal SCE huwa mmirat biex iħeġġeġ l-iżvilupp tas-suq intern billi tiġi ffaċilitata l-attività ta' dan it-tip ta' kumpanija fil-livell tal-UE,

K. billi l-introduzzjoni tal-istatut għal SCE huwa pass importanti fir-rikonoxximent tal-mudell għan-negozju kooperattiv fil-livell tal-UE, anki f'dawk l-Istati Membri fejn il-kunċett ta' kooperattivi ġie skreditat għal raġunijiet storiċi,

L. billi, f'Soċjetajiet Kooperattivi Ewropej (SCEs), l-involviment transnazzjonali tal-impjegati, inkluż id-dritt tagħhom li jipparteċipaw fuq bords amministrattivi, huwa ta' vantaġġ;

M. billi l-istrateġija UE 2020 titlob ekonomija bbażata fuq livelli għoljin ta' impjieg, li tipprovdi koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, billi din tinkludi ekonomija soċjali b'saħħitha,

N. billi s-Sena Internazzjonali tal-Kooperattivi tan-Nazzjonijiet Uniti 2012 tipprovdi opportunità eċċellenti għall-promozzjoni tal-mudell għan-negozju kooperattiv,

***Kooperattivi fil-kuntest tal-UE***

1. Ifakkar li l-kooperattivi u l-intrapriżi għall-ekonomija soċjali oħrajn huma parti mill-mudell soċjali Ewropew u s-suq uniku u għalhekk jixirqilhom rikonoxximent u appoġġ qawwi, kif stipulat fil-kostituzzjonijiet ta' xi Stati Membri u f'diversi dokumenti ewlenin tal-UE;

2. Ifakkar li l-kooperattivi jistgħu jikkostitwixxu pass ieħor fil-kompletar tas-suq intern tal-UE u jimmiraw li jnaqqsu l-ostakli transkonfinali eżistenti u jsaħħu l-kompetittività tiegħu;

3. Jindika li r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1435/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea (SCE) (minn hawn 'il quddiem l-Istatut) u d-Direttiva 2003/72/KE li tissupplimenta l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea fir-rigward tal-involviment tal-impjegati (minn hawn 'il quddiem id-Direttiva) huma marbutin flimkien mill-qrib;

4. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2012)0072; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tissimplifika r-Regolament SCE filwaqt li ssaħħaħ l-elementi speċifiċi għall-kooperattivi, u l-fatt li dan se jkun akkumpanjat minn konsultazzjoni mal-partijiet interessati; jitlob li l-pożizzjoni tal-Parlament dwar l-SCE tiġi kkunsidrata f'dan il-proċess;

5. Iqis b'dispjaċir il-fatt li l-SCE sa issa ma kinitx suċċess meta jitqies l-użu skars tagħha - sal-2010 kienu stabbiliti 17-il SCE biss, b'total ta' 32 impjegat ([1]); jenfasizza li dawn iċ-ċifri kefrin juru li l-Istatut ma tantx hu adattat għaċ-ċirkustanzi speċifiċi tas-soċjetajiet kooperattivi fl-Ewropa minkejja l-fatt li l-imprendituri esprimew interess li jwaqqfu SCE; jilqa' l-fatt li twettqet valutazzjoni dettaljata tal-Istatut sabiex tiġi aċċertata r-raġuni għaliex dan ma kienx meqjus attraenti, kellu impatt daqshekk limitat u x'jista' jsir biex jiġu megħluba n-nuqqas ta' esperjenza fl-implimentazzjoni u ostakli oħra;

6. Jinnota li l-użu tal-SCE spiss huwa ristrett għall-kooperattivi tat-tieni grad li jikkonsistu minn persuni legali biss, minn soċjetajiet mutwalistiċi, li ma għandhomx statut Ewropew iżda li jixtiequ jużaw status legali assoċjat mal-ekonomija soċjali, u minn kumpaniji kbar; jinnota li għadu diffiċli għal soċjetajiet kooperattivi żgħar, - li jikkostitwixxu parti ewlenija tal-moviment tal-kooperattivi fl-Ewropa - jkollhom aċċess għall-SCE;

***Parteċipazzjoni tal-impjegati fl-SCEs***

7. Jilqa' l-fatt li d-dispożizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-impjegati huma kkunsidrati element ewlieni fl-SCE; jindika madankollu, li huma għandhom jipprovdu għar-rekwiżiti marbuta man-natura speċjali tal-kooperattivi;

8. Jindika li diversi Stati Membri għadhom ma ttrasponewx artikoli tad-direttiva dwar id-drittijiet tal-impjegati, inklużi d-dispożizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-ġeneru, u li dan wassal għal numru ta' lakuni fir-rigward tal-monitoraġġ u l-implimentazzjoni ta' proċeduri għall-parteċipazzjoni tal-ħaddiema, u jenfasizza l-ħtieġa li dan ikun irrimedjat sabiex jiġu evitat l-abbuż mill-arranġamenti tal-SCE; jinnota b'dispjaċir il-fatt li r-regoli standard dwar il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-korpi amministrattivi ma jeżiġux li l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema għandha tkun rekwiżit;

9. Huwa sodisfatt madankollu, li xi Stati Membri mhux biss ittrasponew tajjeb id-Direttiva, iżda fil-fatt marru lil hinn mir-rekwiżiti tad-Direttiva;

10. Madankollu, jitlob lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/72/KE sabiex jiġi evitat li tintuża ħażin bl-iskop li l-impjegati jiċċaħdu mid-drittijiet tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tadotta l-miżuri meħtieġa biex tiġi żgurata t-traspożizzjoni korretta tal-Artikolu 13 tad-Direttiva;

11. Jinnota li l-Artikolu 17 tad-Direttiva jirrikjedi li l-Kummissjoni tevalwa l-implimentazzjoni tagħha u jekk meħtieġ, teżaminaha; jenfasizza li l-użu modest tal-Istatut jimpedixxi l-valutazzjoni kif suppost tad-Direttiva;

12. Jinnota li d-Direttiva m'għandhiex tkun riveduta qabel l-Istatut u jitlob biex jitqies l-inserzjoni tad-dispożizzjonijet dwar il-parteċipazzjoni tal-impjegati direttament fl-Istatut għall-fini ta' semplifikazzjoni u regolamentazzjoni aktar intelliġenti;

([1]) COM (2010)0481.

**It-Tlieta 13 ta' Marzu 2012**

13. Jenfasizza li reviżjoni tad-Direttiva għandha tindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tal-impjegati fil-kooperattivi, inkluża l-għażla li jkunu kemm sid u kemm impjegat tal-istess intrapriża; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strumenti sabiex tiffaċilita s-sjieda tal-impjegat u tal-utent tal-kooperattivi; jimmira biex il-parteċipazzjoni tal-impjegati f'intrapriżi ssir xi ħaġa fatta fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea; huwa favur il-parteċipazzjoni akbar tal-impjegati fil-forom transkonfinali ta' intrapriżi milli fiż-żamma fil-livell tad-denominatur komuni l-aktar baxx;

14. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-istudju dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1435/2003 dwar l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea (SCE) ([1]), partikolarment fir-rigward tal-miżuri proposti biex jippromwovu l-SCE billi jżidu l-għarfien tagħhom permezz ta' programmi edukattivi indirizzati lill-konsulenti fil-liġi kooperattiva u l-atturi soċjali u billi jippromwovu l-kooperazzjoni bejn soċjetajiet kooperattivi f'livell transkonfinali;

15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkoraġġixxu lill-kooperattivi jżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa fl-SNB u jimplimentaw politiki ta' diversità sabiex tiġi żgurata l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-ħajja professjonali u l-ħajja privata u, b'mod partikolari jżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa f'pożizzjonijiet amministrattivi għolja; jistieden lill-Kummissjoni tieħu kont tal-perspettiva tal-ġeneru fil-monitoraġġ tal-implementazzjoni korretta tad-Direttiva, kif ukoll fir-reviżjoni futura tar-regolament tas-SCE;

16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi l-SCEs fir-regolamenti Ewropej possibbli biex jiġi żgurat li n-nisa jkunu rappreżentati aħjar f'livelli amministrattivi għoljin u fuq il-bordijiet ta' kumpaniji pubbliċi u dawk kwotati fil-boroż, fil-każ li l-kumpaniji ma jiksbux volontarjament l-objettivi ta' 30% sal-2015 u 40% sal-2020;

***Il-futur tal-Istatut***

17. Jenfasizza li minħabba l-kumplessità tiegħu, l-Istatut jissodisfa biss parzjalment il-ħtiġijiet tal-kooperattivi u li għandu jkun issimplifikat u jsir intelliġibbli għal kulħadd sabiex jiġi ffaċilitat aktar l-użu tiegħu, ikun jinftiehem malajr u jiġi applikat aħjar, biex b'hekk jiġu żgurati d-drittijiet għall-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-impjegati kollha mingħajr ma tintilef il-kwalità;

18. Jiġbed l-attenzjoni għad-diversità tat-tradizzjonijiet u l-liġijiet dwar il-kooperattivi madwar l-UE; jenfasizza li l-Istatut għandu jipprovdi qafas awtonomu legali għall-SCEs b'mod parallel mal-liġi nazzjonali eżistenti dwar il-kooperattivi u li armonizzazzjoni diretta għalhekk mhijiex qed isseħħ;

19. Jenfasizza li l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea ma għandux isir aktar attraenti billi jitnaqqsu l-istandards; huwa tal-fehma li r-reżami tal-Istatut għandu jiffaċilita r-rikonoxximent ulterjuri ta' dan it-tip ta' intrapriża fl-UE; jenfasizza li l-piż ekonomiku tal-intrapriżi kooperattivi, ir-reżiljenza tagħhom għall-kriżijiet u l-valuri li huma bbażati fuqhom juru biċ-ċar li huma rilevanti fl-UE tal-lum u jiġġustifikaw reviżjoni tal-Istatut; jenfasizza li inizjattivi u miżuri futuri tal-SCE Ewropea għandhom jiffukaw fuq it-trasparenza, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-partijiet interessati u r-rispett tad-drawwiet u t-tradizzjonijiet nazzjonali; jindika li għal ċertu kooperattivi nazzjonali, l-inċentiv tal-użu tal-Istatut huwa sfortunatament limitat minħabba l-istruttura ta' 'holding' attwali tagħhom; jenfasizza li l-possibbiltà ta' inkorporazzjoni ta' kooperattivi nazzjonali minn Stati Membri differenti għandha tissaħħaħ;

20. Jinsisti fuq l-involviment sħiħ tal-partijiet interessati kollha fil-proċess ta' reviżjoni, speċjalment l-atturi soċjali involuti fil-moviment tal-kooperattivi u t-trade unions, filwaqt li jenfasizza wkoll il-ħtieġa li l-proċess jitlesta f'waqtu;

***Iż-żieda fl-impjiegi fil-kooperattivi u l-SCEs u t-tisħiħ tal-kooperattivi bħala l-elementi ċentrali tal-ekonomija soċjali***

21. Jistenna li l-Kummissjoni tieħu miżuri xierqa biex tiżgura implimentazzjoni sħiħa tad-direttiva;

([1]) Kuntratt Nru SI2.ACPROCE029211200 tat-8 ta' Ottubru 2009.

**It-Tlieta 13 ta' Marzu 2012**

22. Jiddeplora l-fatt li r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament dwar il-kooperattivi fil-maġġorparti tagħhom kienu injorati mill-Kummissjoni; ifakkar li r-riżoluzzjoni ([1]) talbet:

— li l-ispeċifiċitajiet tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jkunu rikonoxxuti u kkunsidrati fil-politiki Ewropej,

— li jittieħdu passi sabiex jiġi żgurat li l-Osservatorju Ewropew tal-SMEs jinkludi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali fl-istħarriġ tiegħu,

— li jiżdied id-djalogu mal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali,

— li jittejjeb il-qafas legali għal intrapriżi ta' din ix-xorta fl-Istati Membri;

23. Ifakkar li f'COM(2004)0018 il-Kummissjoni kkommettiet ruħha għal tnax-il azzjoni li jinkludu:

— l-appoġġ għall-partijiet interessati u l-organizzazzjoni ta' skambju ta' informazzjoni strutturat,

— it-tixrid tal-aħjar prattika għat-titjib tal-leġiżlazzjoni nazzjonali,

— il-ġbir ta' statistiki Ewropej dwar il-kooperattivi,

— is-simplifikazzjoni u r-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea dwar il-kooperattivi,

— il-bidu ta' programmi edukattivi adattati u l-inklużjoni ta' referenzi għall-kooperattivi fl-istrumenti finanzjarji tal-FEI;

24. Jiddeplora l-fatt li, minn din il-lista ta' impenji, tlieta biss tqiegħdu fil-prattika, mingħajr riżultati sinifikanti; jenfasizza li nuqqasijiet ta' din ix-xorta jillimitaw il-potenzjal ta' żvilupp tal-kooperattivi;

25. Jindika li nuqqas ta' riżorsi jwassal għal nuqqas ta' riżultati; jenfasizza l-bżonn ta' titjib urġenti fi ħdan il-Kummissjoni f'termini ta' organizzazzjoni u riżorsi allokati għall-ekonomija soċjali, fid-dawl tat-tixrid attwali tal-kompetenzi u r-riżorsi umani li jaħdmu fil-qasam tal-ekonomija soċjali fi ħdan il-Kummissjoni;

26. Jenfasizza li l-politiki tal-UE fl-oqsma kollha jeħtiġilhom jirrikonoxxu l-ispeċifiċitajiet u l-valur miżjud tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, inklużi l-intrapriżi kooperattivi, permezz ta' adattament xieraq tal-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku, l-għajnuna mill-Istat u r-regolament finanzjarju;

27. Jitlob lill-Istati Membri jrawwmu kundizzjonijiet aktar favorevoli għall-kooperattivi, bħall-aċċess għall-kreditu u l-inċentivi fiskali;

28. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu kont tal-istruttura finanzjarja tal-kooperattivi b'konnessjoni mal-leġiżlazzjoni dwar ir-rekwiżiti ta' kapital u l-istandards għall-kontabbiltà u r-rappurtar; jindika li l-kooperattivi kollha, u b'mod partikolari l-banek kooperattivi, jiġu affettwati mil-leġiżlazzjoni li tikkonċerna l-ħlas lura ta' ishma kooperattivi u r-riservi indiviżibbli;

29. Jiġbed l-attenzjoni għall-isfidi speċifiċi li nħolqu mir-rivoluzzjoni diġitali li jrid iħabbat wiċċu magħhom is-settur tal-midja, b'mod partikolari l-pubblikaturi li qegħdin joperaw bħala kooperattivi;

30. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tfassal metodu ta' koordinazzjoni miftuħ għall-ekonomija soċjali, inklużi l-intrapriżi kooperattivi, li huma atturi ewlenin f'dan is-settur, li jinvolvi kemm lill-Istati Membri kif ukoll il-partijiet interessati sabiex ikunu inkoraġġiti l-iskambji tal-aħjar prattiki u jseħħ titjib gradwali fil-kunsiderazzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tan-natura tal-kooperattivi, b'mod partikolari fl-oqsma tat-tassazzjoni, self, piżijiet amministrattivi, u miżuri ta' appoġġ għan-negozji;

([1]) ĠU C 76 E, 25.3.2010, p. 16.

31. Jilqa’ l-fatt li l-Att dwar is-Suq Uniku jirrikonoxxi l-bżonn li tiġi promossa l-ekonomija soċjali, u jheġġeġ lill-Kummissjoni tniedi l-wisq mistennija "Inizjattiva ta’ Negozju Soċjali" ibbażata fuq prinċipji kooperattivi ([1]);

32. Jistieden lill-Kummissjoni tqis Sena Ewropea tal-Ekonomija Soċjali;

33. Jappoġġja miżuri ta’ appoġġ għan-negozji, b’mod partikolari konsulenza għan-negozji u taħriġ għall-impjegati, u aċċess għall-fondi għall-kooperattivi, speċjalment għall-akkwisti mill-impjegati jew klijenti, minħabba li dawn huwa għodod sottovalutati għas-salvataġġ ta’ intrapriżi fi żmien ta’ kriżi u għat-trasferiment ta’ intrapriżi tal-familja;

34. Jenfasizza l-importanza li qed tikber tal-kooperattivi fil-qasam tas-servizzi soċjali u tal-beni pubbliċi; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet relatati mas-saħħa u s-sikurezza f’dan is-settur irrispettivament mill-istatus ta’ min iħaddem;

35. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat l-input tal-kooperattivi fid-djalogu soċjali fuq livell tal-UE;

36. Jisħaq dwar il-potenzjal tal-SCE għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi permezz tal-implimentazzjoni ta’ politiki u programmi f’livelli differenti, billi tingħata attenzjoni partikolari għall-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali, il-promozzjoni tal-intraprenditorija u l-programmi ta’ taħriġ kontinwu; jinnota li l-ugwaljanza bejn is-sessi fit-teħid ta’ deċiżjoni f’livelli differenti għandha effett ekonomiku pożittiv u toħloq ukoll kundizzjonijiet favorevoli sabiex il-persuni promettenti u kompetenti jkunu jistgħu jeżerċitaw funzjonijiet ta’ ġestjoni u ta’ superviżjoni; jenfasizza barra minn hekk li ċerti aspetti tax-xogħol kooperattiv jippermettu flessibbiltà li tiffavorixxi r-rikonċiljazzjoni tal-ħajja professjonali ma’ dik tal-familja; jitlob lill-Kummissjoni tfassal mekkaniżmu għall-iskambju tal-aħjar prattiki fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi bejn l-Istati Membri;

37. Jenfasizza li l-SCE jista’ jirrispondi għall-ħtiġijiet tan-nisa, itejbilhom l-istandard tal-għajxien permezz tal-aċċess għal opportunitajiet deċenti ta’ imjieg, istituzzjonijiet ta’ tfaddil u self, akkomodazzjoni u servizzi soċjali, edukazzjoni u taħriġ;

*

* *

38. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

([1]) http://www.ica.coop/coop/principles.html.

## Proċess ta’ Bolonja

P7_TA(2012)0072

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta’ Marzu 2012 dwar il-kontribut tal-istituzzjonijiet Ewropej għall-konsolidazzjoni tal-Proċess ta’ Bolonja (2011/2180(INI))**

(2013/C 251 E/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 165 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, u b’mod partikolari l-Artikolu 26 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 14 tagħha,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta ta' Sorbonne dwar l-armonizzazzjoni tal-arkitettura tas-sistema Ewropea tal-edukazzjoni għolja, iffirmata fil-25 ta' Mejju 1998 f'Pariġi mill-erba' ministri responsabbli minn dan il-qasam ta' Franza, il-Ġermanja, l-Italja u r-Renju Unit (id-Dikjarazzjoni ta' Sorbonna) ([1]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta ta' Bolonja ffirmata fid-19 ta' Ġunju 1999 mill-Ministri tal-Edukazzjoni minn 29 pajjiż Ewropew (id-Dikjarazzjoni ta' Bolonja) ([2]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni maħruġa mill-Konferenza tal-Ministri Ewropej responsabbli għall-Edukazzjoni Għolja fit-28-29 ta' April 2009 f'Leuven u f'Louvain-la-Neuve ([3]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Budapest-Vjenna tat-12 ta' Marzu 2010 adottata mill-Ministri tal-Edukazzjoni ta' 47 pajjiż, li uffiċjalment nidiet iż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (EHEA) ([4]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali ([5]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2005 biex jiġi faċilitat il-ħruġ mill-Istati Membri ta' viżi għal waqfiet qosra uniformi għal riċerkaturi minn pajjiżi terzi li jkunu qed jivvjaġġaw fil-Komunità bil-għan li jagħmlu riċerka xjentifika ([6]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar iktar kooperazzjoni Ewropea fl-assigurazzjoni tal-kwalità tal-edukazzjoni ogħla ([7]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja ([8]) (EQF-LLL),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ('ET 2020') ([9]),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, tas-26 ta' Novembru 2009 dwar l-iżviluppar tar-rwol tal-edukazzjoni fi trijanglu tal-għarfien li jiffunzjona kompletament ([10]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2010 dwar l-internazzjonalizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja ([11]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 dwar linji politiċi sabiex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskejjel ([12]),

— wara li kkunsidra rr-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 Żgħażagħ f'Moviment - il-promozzjoni tal-mobbiltà fit-tagħlim taż-żgħażagħ ([13]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Mejju 2006 bit-titolu 'Inwasslu għar-Riżultati tal-Aġenda ta' Modernizzazzjoni għall-Universitajiet: l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni' (COM(2006)0208),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bit-titolu: "Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

---

(1) http://www.ehea.info/Uploads/Declarations/SORBONNE_DECLARATION1.pdf
(2) http://www.ehea.info/Uploads/Declarations/BOLOGNA_DECLARATION1.pdf
(3) http://www.ehea.info/Uploads/Declarations/Leuven_Louvain-la-Neuve_Communiqu%C3%A9_April_2009.pdf
(4) http://www.ehea.info/Uploads/Declarations/Budapest-Vienna_Dedaration.pdf
(5) ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22.
(6) ĠU L 289, 3.11.2005, p. 23.
(7) ĠU L 64, 4.3.2006, p. 60.
(8) ĠU C 111, 6.5.2008, p. 1.
(9) ĠU C 119, 28.5.2009, p. 2.
(10) ĠU C 302, 12.12.2009, p. 3.
(11) ĠU C 135, 26.5.2010, p. 12.
(12) ĠU C 191, 1.7.2011, p. 1.
(13) ĠU C 199, 7.7.2011, p. 1.

**It-Tlieta 13 ta' Marzu 2012**

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Awwissu 2010 dwar Aġenda Diġitali għall-Ewropa (COM(2010)0245),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Settembru 2011 bit-titolu 'Insostnu t-tkabbir u l-impjiegi – aġenda għall-immodernizzar tas-sistemi ta' edukazzjoni għolja fl-Ewropa' (COM(2011)0567),

— wara li kkunsidra r-rapport bit-titolu "l-Edukazzjoni Għolja fl-Ewropa 2009: Żviluppi fil-Proċess ta' Bolonja" (Eurydice, Kummissjoni Ewropea, 2009) ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport bit-titolu "l-Edukazzjoni Għolja fl-Ewropa 2010: L-Impatt tal-Proċess ta' Bolonja" (Eurydice, Kummissjoni Ewropea, 2010) ([2]),

— wara li kkunsidra l-istħarriġ tal-2007 tal-Eurobarometer dwar ir-riforma fl-edukazzjoni għolja fost l-għalliema professjonisti ([3]),

— wara li kkunsidra l-istħarriġ tal-2009 tal-Eurobarometer dwar ir-riforma fl-edukazzjoni għolja fost l-istudenti ([4]),

— wara li kkunsidra l-publikazzjoni tal-Eurostat tas-16 ta' April 2009 bit-titolu 'Il-Proċess ta' Bolonja fl-Edukazzjoni Għolja fl-Ewropa - Indikaturi ewlenin dwar id-dimensjoni soċjali u l-mobilità' ([5]),

— wara li kkunsidra r-rapport finali tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament tal-Edukazzjoni Għolja li saret f'Yerevan, fl-Armenja, bejn it-8 u d-9 ta' Settembru 2011 ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Settembru 2008 dwar il-Proċess ta' Bologna u l-mobbiltà tal-istudenti ([7]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-opinjoni tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A7-0035/2012),

A. billi l-objettivi tal-Proċess ta' Bolonja – li tiġi żgurata l-kompatibilità tas-sistemi tal-edukazzjoni għolja fl-Ewropa u li jitneħħew l-ostakoli li ma jħallux lill-persuni jiċċaqalqu lejn pajjiż ieħor sabiex jistudjaw jew jaħdmu u sabiex l-edukazzjoni għolja tkun attraenti għal kemm jista' jkun nies possibbli, inklużi żgħażagħ minn pajjiżi terzi – għadhom validi, filwaqt li t-tkomplija tal-proċess – permezz ta' djalogu bejn il-livelli differenti tas-sistema edukattiva sabiex jiġu żviluppati kurrikuli li għandhom jinbnew fuq kull livell preliminari – qiegħda sservi l-għanijiet tat-tkabbir ibbażat fuq l-għarfien u l-innovazzjoni fi ħdan l-istrateġija Ewropa 2020, l-aktar fil-kriżi ekonomika attwali; billi jeħtieġ li jkun hemm evalwazzjoni sabiex tiġi stabbilita l-evoluzzjoni tal-Proċess u sabiex jitqiesu s-suċċessi, il-problemi, in-nuqqas ta' ftehim u l-oppożizzjoni esperjenzjati;

B. billi r-rwol tal-edukazzjoni għolja hu li tipprovdi ambjent ta' tagħlim, miftuħ għal kulħadd mingħajr diskriminazzjoni, li jippromwovi l-awtonomija, il-kreattività, l-aċċess għall-edukazzjoni ta' kwalità u t-twessigħ tal-għarfien, u għal dan il-għan huwa essenzjali li jiġi ggarantit li tkun involuta l-komunità akkademika b'mod ġenerali, partikolarment l-istudenti, l-għalliema u r-riċerkaturi, fl-iżvilupp tad-diversi stadji tal-edukazzjoni universitarja;

C. billi, fid-dawl tat-tliet funzjonijiet tagħhom (l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni), l-universitajiet għandhom rwol kruċjali fil-ġejjieni tal-Unjoni u fl-edukazzjoni taċ-ċittadini tagħha;

D. billi l-università hija aspett ewlieni tal-wirt Ewropew, li issa laħaq kważi l-elf sena, li s-sinifikat tagħha bħala forza għall-progress fis-soċjetà ma jistax jiġi ridott għall-kontribut tagħha lill-ekonomija, u li l-iżvilupp tagħha ma jistax ikun kontinġenti biss fuq il-ħtiġijiet ekonomiċi;

([1]) http://eacea.ec.europa.eu/education/eurydice/documents/thematic_reports/099EN.pdf
([2]) http://eacea.ec.europa.eu/education/eurydice/documents/thematic_reports/122EN.pdf
([3]) http://ec.europa.eu/public_opinion/flash/fl198_en.pdf
([4]) http://ec.europa.eu/public_opinion/flash/fl_260_en.pdf.
([5]) http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_OFFPUB/KS-78-09-653/EN/KS-78-09-653-EN.PDF
([6]) http://www.ehea.info/news-details.aspx?ArticleId=253
([7]) ĠU C 8 E, 14.1.2010, p. 18.

E. billi, minkejja d-diffikultajiet iffaċċjati – l-istruttura fuq tliet ċikli qed tiġi applikata fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-Proċess ta' Bolonja, u f'xi każijiet b'suċċess;

F. billi l-impenn li titmexxa 'l quddiem ir-riforma m'għandux jiġi segwit permezz ta' azzjoni frammentata u mingħajr appoġġ finanzjarju adegwat; billi t-tnaqqis fl-infiq pubbliku fuq l-edukazzjoni li qed isir f'ċerti Stati Membri mhux qed jgħin biex jiġu promossi r-riformi meħtieġa;

G. billi l-mobilità għandha tkun disponibbli għal kulħadd u hija l-pedament tar-riforma tal-edukazzjoni għolja; billi l-mobilità tal-istudenti fl-aħħar tista' tgħin biex tkattar il-mobilità professjonali; billi, madankollu, tul il-proċess kollu għandha titqies ukoll l-aċċessibilità għal kulħadd;

H. billi jeħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu iktar sforzi biex jiggarantixxu r-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi, li hu kruċjali għas-suċċess tal-proċess;

I. billi d-dimensjoni soċjali trid tissaħħaħ bħala kundizzjoni meħtieġa għall-iżvilupp tal-Proċess ta' Bolonja, bl-objettiv li d-dritt għall-istudju jsir ekonomikament aċċessibbli għall-istudenti kollha – speċjalment dawk minn gruppi vulnerabbli – sabiex jinħoloq aċċess ġust għal kulħadd u opportunatjiet aħjar ta' impjegi;

J. billi l-universitajiet, l-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-intrapriżi jridu juru impenn b'saħħtu favur l-impjegabilità; billi l-università għandha tipprovdi lill-individwi l-għodod u l-ħiliet meħtieġa biex tiżgura l-iżvilupp sħiħ tal-potenzjal uman tagħhom; billi t-tagħlim akkademiku għandu jqis ukoll il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, bil-għan li l-istudenti jingħataw il-ħiliet li għandhom bżonn sabiex isibu impjieg stabbli u mħallas sew;

K. billi l-aċċess għall-edukazzjoni – valur fundamentali tal-UE – huwa responsabilità pubblika tal-Istati Membri, tal-istituzzjonijiet tal-UE u ta' atturi ewlenin oħrajn, u billi l-Unjoni Ewropea għanda rwol ewlieni fl-istabbiliment taż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja billi tappoġġa l-isforzi u l-kooperazzjoni tal-Istati Membri f'dan il-qasam; billi l-koordinazzjoni akbar tal-edukazzjoni u tal-lawrji – filwaqt li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà – hija prekondizzjoni għall-kisba tal-objettivi tal-impjegabilità fl-Ewropa;

L. billi l-Proċess ta' Bolonja m'għandux ikollu effetti retroattivi fuq studenti li diġà bdew il-lawrja tagħhom skont il-pjan pre-Bolonja;

***Ir-rilevanza tal-proċess***

1. Jenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni bħala l-qasam ewlieni għall-kooperazzjoni mal-Istati Membri sabiex jintlaħqu l-objettivi essenzjali tax-xogħol u tal-iżvilupp tal-istrateġija UE 2020 u l-irkupru ekonomiku tant meħtieġ;

2. Jappella għat-tisħiħ fil-livell tal-UE tal-appoġġ għall-Proċess ta' Bolonja, b'mod partikulari fir-rigward tal-għarfien reċiproku tal-kwalifiki akkademiċi, l-armonizzazzjoni tal-istandards akkademiċi, il-promozzjoni tal-mobilità, id-dimensjoni soċjali u l-impjegabilità, il-parteċipazzjoni demokratika, u l-analiżi tal-istat tal-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' Bolonja, u t-tneħħija tal-ostakoli amministrattivi; jistieden lill-Istati Membri jtennu l-impenn tagħhom għall-Proċess billi jsaħħu s-sistema tal-finanzjament sabiex jiksbu l-objettivi ta' tkabbir stabbiliti fl-Istrateġija Ewropa 2020;

3. Jinnota li ż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (EHEA) hija kisba maġġuri mil-lat tal-ħolqien u t-tkattir ta' ċittadinanza Ewropea ġenwina; iqis li din għandha tissarraf fit-tisħiħ tal-EHEA permezz tal-użu ta' għodod u proċeduri xierqa;

4. Jenfasizza li l-Proċess ta' Bolonja u l-EHEA għandhom rwol ewlieni fl-istrateġija Ewropa 2020 u jindika li r-rabta bejn it-tagħlim u r-riċerka hija kruċjali daqs kemm hi karatteristika distinta tal-edukazzjoni għolja Ewropea;

It-Tlieta 13 ta' Marzu 2012

5. Jenfasizza l-fatt li l-prijoritajiet stabbiliti fil-Proċess ta' Bolonja – il-mobilità, l-għarfien, l-impjegabilità – jirrappreżentaw il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex ikun iggarantit li kull student li jinkiteb f'università Ewropea jkollu d-dritt li jiggradwa u jara li l-kwalifi tiegħu jkunu rikonoxxuti f'kull pajjiż tal-UE;

*Governanza*

6. Jappella għall-iżvilupp ta' approċċ effettiv 'il fuq, li jkun jinvolvi l-atturi kollha importanti bħall-universitajiet, it-trejdjunjins, l-organizzazzjonijiet professjonali, l-istituzzjonijiet ta' riċerka, is-settur tan-negozju u, fuq kollox, l-għalliema u l-istudenti, l-organizzazzjonijiet tal-istudenti u l-istaff tal-università;

7. Jinnota li xi Universitajiet Ewropej qed isibuha bi tqila biex jagħmlu l-isforzi suffiċjenti għall-kisba ta' EHEA konsolidata filwaqt li, għal xi wħud minnhom, jekk jixtieq् jsaħħu l-kompetittività u l-kwalità tal-għarfien li jipproduċu, l-uniku mezz hu billi jiffurmaw parti mill-EHEA;

8. Jappella għal impenn min-naħa tal-universitajiet għal strateġiji ġodda ta' tagħlim u taħriġ professjonali u tul il-ħajja – billi jsir l-aħjar użu mit-teknoloġiji l-ġodda u bl-għarfien tal-importanza tal-forom kumplimentarji tat-tagħlim bħal sistemi edukattivi non-formali – li huma ffukati fuq is-sisien ta' sistema universitarja ffukata fuq it-tagħlim, fuq l-istudent u fuq ir-riċerka li kapaċi tipprovdi ħsieb kritiku, ħiliet kreattivi, żvilupp professjonali kontinwu kif ukoll għarfien teoretiku u prattiku li l-istudenti jkollhom bżonn fil-ħajja tax-xogħol tagħhom; jistieden lill-Istati Membri u lill-UE jappoġġjaw finanzjarjament lill-universitajiet fl-isforzi tagħhom li jbiddlu u jiżviluppaw il-prattiki edukattivi tagħhom;

9. Iħeġġeġ li l-programmi ta' taħriġ għall-għalliema għandhom jissaħħu u jiġu estiżi, billi jitqiesu l-possibilitajiet offruti permezz ta' teknoloġiji ġodda u ta' tagħlim tul il-ħajja;

10. Jenfasizza li l-ftuħ tal-Universitajiet Ewropej għall-ħtiġijiet tal-ekonomija globali u iktar konsolidazzjoni tal-EHEA għandhom jitqiesu bħala sforzi tal-universitajiet Ewropej biex jgħinu lill-Ewropa tirkupra mill-perjodu ta' insigurtà ekonomika ġenerali u biex l-Ewropa terġa' titqiegħed fit-triq it-tajba lejn l-iżvilupp sostenibbli u t-tkabbir;

11. Jappella għall-iżvilupp tat-"tielet missjoni" tal-universitajiet fis-soċjetà, li għandu jitqies ukoll b'rabta mal-kriterji multidimensjonali li għandhom jitfasslu għal raġunijiet ta' klassifikazzjoni u r-rikonoxximent tal-eċċellenza;

12. Jitlob għal żieda fl-investiment pubbliku fl-edukazzjoni għolja, partikolarment immirat biex jiġġieled il-kriżi ekonomika bi tkabbir abbażi ta' ħiliet u għarfien imtejba, u biex iwieġeb għad-domanda ogħla tal-istudenti għal kwalità mtejba ta' edukazzjoni u servizzi, partikularment boroż ta' studju, u aċċess għalihom; jemmen li t-tnaqqis fil-baġit għandhu impatt negattiv fuq l-isforzi biex tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni, li hi l-prinċipju li fuqu hu bbażat il-proċess ta' Bolonja; jappella, għaldaqstant, lill-Istati Membri u lill-UE jiżviluppaw mekkaniżmi ta' finanzjament ġodda, immirati u flessibbli – u biex jippromwovu għotjiet madwar l-Ewropa kollha – bil-għan li jappoġġjaw it-tkabbir, l-eċċellenza u l-vokazzjonijiet partikulari u diversi tal-universitajiet; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żviluppat approċċ ta' fondi multipli, definit b'regoli ċari u effettivi, maħsub biex jkun jista' jlaħħaq mal-mudell ta' finanzjament futur tal-UE u biex jiżgura l-indipendenza tal-universitajiet;

*Konsolidazzjoni*

13. Jirrimarka li l-Proċess ta' Bolonja u l-programm Erasmus taw spinta lill-mobilità tal-istudenti u għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għal mobilità tax-xogħol imsaħħa; jiddispjaċih, madankollu, li r-rati ta' mobilità għadhom relattivament baxxi;

14. Jistieden lill-UE, lill-Istati Membri u lill-universitajiet jistabbilixxu mekkaniżmi biex ikunu pprovduti l-informazzjoni u l-appoġġ finanzjarju u amministrattiv għall-istudenti, l-akkademiċi u l-persunal kollha sabiex irawmu flussi ta' mobilità strutturati; jappella għall-introduzzjoni tal-programm Erasmus għal studenti li diġà għandhom lawrja u jappella għat-tisħiħ tas-servizzi tal-Erasmus b'mod ġenerali u l-ġenerazzjoni l-ġdida ta' programmi edukattivi, permezz ta' finanzjament itjeb, ibbażat fuq kriterji soċjali, il-ftuħ tal-programm għal firxa akbar ta' studenti, għarfien ġenwin u effettiv tal-credits, possibilitajiet imtejba għall-inklużjoni ta' simestri barra mill-pajjiż bħala parti mit-taħriġ, u flessibilità akbar fil-kalendarju awtorizzat; jinsisti, madankollu, li l-mobilità fl-ebda każ m'għandha toħloq diskriminazzjoni kontra l-istudenti b'riżorsi finanzjarji limitati;

15. Huwa tal-fehma li l-mobilità fost il-letturi universitarji twessa' l-edukazzjoni u l-esperjenza mhux biss tal-letturi nfushom, iżda wkoll, indirettament, tal-istudenti tagħhom, filwaqt li tgħinhom jipparteċipaw fit-tħejjija tal-materjal pedagoġiku;

16. Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw l-impenn tagħhom għall-portabilità sħiħa tas-self u l-għotjiet, u biex itejbu b'mod sinifikanti l-appoġġ finanzjarju għall-istudenti mobbli biex ikun jaqbel maż-żidiet fil-programmi l-ġodda tal-UE; jitlob lill-UE biex tqis kif il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar id-drittijiet għal-libertà tal-moviment tista' titjieb permezz tal-garanzija tal-portabilità tas-self u l-għotjiet;

17. Jitlob lill-UE tqis iktar bi sħiħ l-immigrazzjoni mill-Afrika, l-Ażja u l-Amerika Latina sabiex jiġu stabbiliti regoli li jipprovdu għar-rikonoxximent ta' kwalifiki edukattivi miksuba fil-pajjiżi tal-oriġini;

18. Jitlob lill-UE, bil-għan li tiggarantixxi l-fiduċja reċiproka u tiffaċilita r-rikonoxximent ta' kwalifiki akkademiċi permezz tal-implimentazzjoni tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK) f'kull Stat Membru, tikkonsolida sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità fil-livell Ewropew u tal-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw is-sistemi nazzjonali tagħhom ta' assikurazzjoni tal-kwalità skont l-Istandards u l-Linji Gwida Ewropej tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità, filwaqt li jirrispettaw id-diversità tal-korsijiet u l-approċċi fost l-universitajiet f'termini ta' kontenut u metodi ta' tagħlim; iħeġġeġ lill-aġenziji tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità japplikaw għar-Reġistru Ewropew tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità u jappoġġaw il-kooperazzjoni Ewropea u l-iskambju tal-aqwa prattiki wkoll permezz tal-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Għolja (ENQA);

19. Jiġbed l-attenzjoni lejn id-diversi skali ta' gradi fl-Istati Membri u lejn il-ħtieġa għal konverżjoni xierqa tal-punti ECTS fi gradi;

20. Iħeġġeġ lill-pajjiżi kollha tal-Proċess ta' Bolonja jimplimentaw oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki marbuta mal-Qafas tal-Kwalifiki tal-EHEA u jiżviluppaw u jappoġġjaw finanzjarjament ir-rikonoxximent reċiproku;

21. Jappella għal appoġġ finanzjarju aktar b'saħħtu għall-ftehimiet dwar kurrikuli fundamentali komuni, li jiggarantixxu riżultati ta' tagħlim definiti sew, kif ukoll billi jiġi studjat l-approċċ metodoloġiku żviluppat mill-proġett "Tuning" u permezz tal-esperjenza ta' "Tuning Academy"; jappella biex tingħata attenzjoni partikulari lin-natura speċifika tal-kurrikuli umanistiċi, bħala sies sod għad-demokrazija u mutur għall-kisba tal-koeżjoni Ewropea; sabiex jiġi determinat liema għarfien u ħiliet speċifiċi għandhom ikunu koperti mill-korsijiet tal-lawrji sabiex jiġi mħeġġeġ it-tagħlim f'forma li tgħaqqad il-ħiliet ġenerali li jistgħu jitkejlu (riflessi fl-abbiltà li wieħed juża l-għarfien) u t-tagħlim u r-riċerka bħala analiżi kritika oriġinali; isostni li, minbarra l-għarfien tal-materjal bażiku, kull programm ta' kull suġġett għandu jipprovdi kompetenzi trasversali ewlenin li jistgħu jiġu applikati f'sitwazzjonijiet differenti bħall-ħsieb kritiku, il-komunikazzjoni u l-ħiliet imprenditorjali;

22. Jitlob aktar appoġġ għall-miżuri nazzjonali u Ewropej bil-għan li jiggarantixxu l-inklużjoni ekwa, l-aċċess ġust għall-istudju, progress b'suċċess u sistema sostenibbli ta' appoġġ (eż. akkomodazzjoni, spejjeż ta' trasport, eċċ.) għall-istudenti kollha, kif ukoll appoġġ immirat partikolarment għal dawk li jappartjenu għal gruppi li ma jkunux rappreżentati biżżejjed, dawk minn sfondi soċjalment żvantaġġati u dawk li għaddejjin minn diffikultajiet finanzjarji, sabiex titnaqqas ir-rata ta' studenti li jieqfu jistudjaw u jkun żgurat li l-edukazzjoni u t-taħriġ ikunu indipendenti minn fatturi soċjoekonomiċi li joħolqu żvantaġġi u biex jiġi żgurat li t-tagħlim jissodisfa l-ħtiġijiet inidividwali; jirrakkomanda li għandu jitħaffef il-proċess tal-ħolqien ta' ċentri ta' konsulenza dwar il-karrieri li joffru servizzi bla ħlas lill-istudenti;

23. Jenfasizza l-importanza tal-communiqué ta' Londra tal-2007 ([1]), li poġġa d-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni wieħed mill-objettivi tal-Proċess ta' Bolonja, bl-għan ikun li jiġu żgurat aċċess ekwu għall-edukazzjoni irrispettivament mill-isfond ta' dak li jkun; jiddispjaċih għall-fatt li ma sarx biżżejjed progress għall-ilħuq ta' dan l-objettiv, u jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni tiffaċilita dan il-progress;

24. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħeġġu r-rikonoxximent reċiproku billi jeliminaw l-ostakoli amministrattivi għal dan;

---

([1]) http://www.ehea.info/Uploads/Declarations/London_Communique18May2007.pdf

**It-Tlieta 13 ta' Marzu 2012**

25. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtiġijiet partikulari tal-Baċellerat, kif ukoll fir-rigward tal-kurrikuli tiegħu, l-aċċess minnu għall-Masters, u l-impjegabilità tiegħu; jenfasizza f'dan ir-rigward il-ħtieġa ta' azzjonijiet speċifiċi, bħall-iżvilupp ta' kurrikuli ta' teorija/prattika, u ta' kooperazzjoni aktar effettiva bejn l-universitajiet, l-Istati Membri u l-atturi ekonomiċi u soċjali sabiex jittejbu l-prospettivi għall-iggradwati tal-ġejjieni biex isibu xogħol stabbli u mħallas sew li jikkorrispondi mal-livell tal-kwalifiki li jkunu kisbu; jitlob, għalhekk, li l-universitajiet jiżviluppaw is-sistema tagħhom tal-għoti tal-apprendistati u jtejbu l-integrazzjoni ta' apprendistati tat-taħriġ fil-korsijiet tal-universita;

26. Jenfasizza li l-miżuri biex jippromwovu l-impjegabbiltà, bħat-tagħlim tul il-ħajja, u l-iżvilupp ta' medda usa' ta' ħiliet adegwati għas-suq tax-xogħol, għandhom ikun l-ogħla prijorità sabiex jinkiseb żvilupp sostenibbli u jintlaħqu l-objettivi ta' prosperità; f'dan ir-rigward, jappoġġja bis-sħiħ l-iskambji tal-għalliema u tal-istudenti tal-università, id-djalogu bejn l-universitajiet u n-negozji, l-apprendistati u l-passaport tal-ħiliet;

27. Iqis li l-modernizzazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali (2005/36/KE) se tassisti l-mobilità professjonali fl-Ewropa u tiffaċilita l-mobilità tal-istudenti billi tipprovdi assigurazzjoni li l-kwalifiki miksuba fi Stat Membru ieħor ikunu rikonoxxuti madwar l-UE;

28. Jitlob lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jappoġġaw it-tranżizzjoni mill-kunċett metodoloġiku "monodixxiplinarju" tax-xjenza li għadu popolari fl-universitajiet Ewropej lejn il-kunċetti ta' "interdixxiplinarjetà" u "transdixxiplinarjetà";

29. Jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE jippromwovu d-djalogu u l-kooperazzjoni bejn l-universitajiet u n-negozju bħala objettiv komuni tal-EHEA konsolidata sabiex tiżdied l-impjegabilità tal-gradwati mill-universitajiet Ewropej;

30. Jindika l-ħtieġa ta' azzjonijiet speċifiċi u kooperazzjoni aktar effettiva bejn l-universitajiet u s-suq tax-xogħol bil-għan li jiġu żviluppati kurrikuli aktar rilevanti, li l-edukazzjoni ssir aktar konsistenti u sabiex titjieb l-impjegabilità billi jiġu stabbiliti kriterji simili għall-aċċettazzjoni fil-professjonijiet;

31. Jenfasizza l-importanza tal-iżgurar tad-disponibilità ta' għadd suffiċjenti ta' apprendistati tat-taħriġ għall-istudenti, sabiex jiġi faċilitat iktar id-dħul tagħhom fis-suq tax-xogħol;

32. Jappella lill-gvernijiet nazzjonali u lill-Kummissjoni jiżviluppaw sistema ta' kooperazzjoni strutturata sabiex jingħataw lawrji konġunti, fi ħdan oqsma ta' dixxiplini, li jkunu rikonoxxuti madwar l-UE, billi tittejjeb il-prestazzjoni u l-appoġġ finanzjarju tal-Erasmus Mundus u tal-programmi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ tal-ġejjieni u billi jiġi promoss il-ħolqien ta' skema Ewropea ta' akkreditazzjoni tal-programmi konġunti;;

33. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni b'referenza għal Skema ta' Mobilità tal-Erasmus fil-Livell ta' Masters;

34. Iqis id-dottorati, inklużi dawk imwettqa b'kollaborazzjoni mal-intrapriżi, bħala rabta importanti bejn l-edukazzjoni għolja u r-riċerka, u jfakkar il-potenzjal tagħhom bħala komponent importanti fil-ħolqien ta' innovazzjoni u tkabbir ekonomiku bbażat fuq l-għarfien; jagħraf l-importanza li jitwettqu dottorati fl-intrapriżi, f'termini ta' integrazzjoni ta' individwi b'lawrji ta' livell għoli fis-suq tax-xogħol; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni biex tiżviluppa Skema Ewropea tad-Dottorat Industrijali fi ħdan l-azzjonijiet Marie Curie;

35. Jemmen li kooperazzjoni aħjar l-EHEA u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka tkun sors potenzjali għat-titjib tal-innovattività u l-iżvilupp tal-Ewropa;

36. Jenfasizza l-kontribut tas-7 Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka, tal-Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni u taż-Żona Ewropea tar-Riċerka biex tkun iffaċilitata l-mobilità tar-riċerkaturi tal-UE u jinkiseb il-potenzjal tal-innovazzjoni u tal-kompetittività tal-UE;

37. Jappella biex titwaqqaf strateġija effettiva ta' appoġġ għall-programmi tat-tagħlim tul il-ħajja fl-Ewropa u inizjattivi sostenibbli li jkunu integrati b'mod sħiħ fl-istituzzjoni u jippromwovu kultura tat-tagħlim tul il-ħajja; jitlob, bl-istess mod, li jitħeġġeġ it-tagħlim tul il-ħajja bbażat fil-kumpaniji sabiex il-ħaddiema jkollhom l-opportunità li jżidu t-taħriġ u l-ħiliet tagħhom; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-universitajiet joffru flessibilità akbar fil-programmi bbażati fuq ir-riżultati tat-tagħlim, jirrikonoxxu tagħlim non-formali u informali u joffru servizzi ta' appoġġ għall-metodi ta' tagħlim billi jippromwovu sħubiji bejn universitajiet, intrapriżi, u istituti ta' taħriġ vokazzjonali ta' livell għoli sabiex jimlew il-vojt li hemm fil-ħiliet xjentifiċi, umanistiċi u tekniċi;

38. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-ħtieġa li jiġi stabbilit l-istatus għall-istudenti ta' qabel il-Proċess ta' Bolonja f'dawk il-pajjiżi fejn jinsabu żvantaġġati f'termini ta' applikazzjonijiet biex jinkitbu f'programmi tal-Masters;

39. Jinnota li s-Sistema Ewropea għal-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti (ECTS) għandha tkun iktar trasparenti u toffri tqabbil iktar preċiż bejn il-kwalifiki u d-diplomi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jużaw l-istrument imtejjeb tal-ECTS sabiex jiffaċilitaw il-mobilità għall-istudenti u l-professjonisti;

### *Azzjoni Ewropea*

40. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li żżid b'mod sinifikanti l-fondi ddedikati għall-programmi Ewropej ta' edukazzjoni u taħriġ; jistieden lill-Kummissjoni tiddedika proporzjon sinifikanti ta' dawn il-fondi biex tappoġġja l-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja u l-modernizzazzjoni tal-infrastrutturi tal-universitajiet skont l-objettivi tal-proċess ta' Bolonja u l-aġenda ta' modernizzazzjoni tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssib soluzzjonijiet li jiffaċilitaw l-aċċess għal dawn il-programmi għall-istudenti b'diffikultajiet finanzjarji wkoll;

41. Jitlob lill-Istati Membri u lill-UE biex jiddeterminaw jekk il-korsijiet ta' studju jistgħux jinkludu perjodu obbligatorju ta' taħriġ li għandu jitlesta f'università fi Stat Membru li m'huwiex il-pajjiż tal-oriġini tal-istudent;

42. Jiġbed l-attenzjoni għar-rabta qawwija bejn il-Proċess ta' Bolonja u d-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali, u jenfasizza l-ħtieġa għal koordinazzjoni mill-Kummissjoni b'manjiera li tkun konsistenti għall-aħħar mal-Proċess ta' Bolonja; isostni li r-rabta tista' tissaħħaħ aktar billi l-istudenti jingħataw l-informazzjoni prattika relevanti kollha dwar l-għarfien tad-diplomi miksuba minn barra u l-opportunitajiet ta' xogħol li jġib it-taħriġ barra l-pajjiż;

43. Jappella, bħala parti mir-rieżami tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali u sabiex isir progress lejn Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja reali, sabiex isir tqabbil tar-rekwiżiti minimi nazzjonali ta' taħriġ u biex ikun hemm skambji aktar regolari bejn l-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti u l-entitajiet professjonali;

44. Jipproponi li r-rikonoxximent minn universitajiet sħab tal-krediti miksuba skont il-Programm Erasmus għandu jkun element obbligatorju għall-istituzzjonijiet kollha li jipparteċipaw fl-iskambji tal-istudenti appoġġjati mill-fondi tal-UE sabiex tissaħħaħ is-Sistema Ewropea għal-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti (ECTS);

45. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza tal-implimentazzjoni konsistenti tas-sistema ECTS; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jiżviluppaw tabella komparattiva li tkun tindika l-għadd ta' krediti tal-ECTS mogħtija għall-korsijiet, bil-għan li tiżdied il-konsistenza u tiġi ffaċilitata l-mobilità professjonali u tal-istudenti; jinnota l-ostakoli li l-istudenti iħabbtu wiċċhom magħhom meta jittrasferixxu l-krediti minn università għall-oħra, u jemmen li dawn id-diffikultajiet jistgħu jiskoraġġixxu l-istudenti milli jieħdu sehem fi skambji akkademiċi;

46. Jappella li tiġi żviluppata strateġija effikaċi għall-armonizzazzjoni sħiħa tat-titoli akkademiċi madwar l-Unjoni Ewropea bil-possibilità ta' rikonoxximent retroattiv (inklużi titoli akkademiċi preċedenti) minn meta ġie stabbilit il-Proċess ta' Bolonja;

47. Jistieden lill-Istati Membri tal-UE jadottaw bejniethom deċiżjoni finali u ċara dwar ir-rikonoxximent reċiproku sħiħ tal-kwalifiki u d-diplomi jew jistabbilixxu pjan direzzjonali għal meta fl-aħħar tkun possibbli din id-deċiżjoni;

48. Jitlob li l-kooperazzjoni bejn l-universitajiet tiġi organizzata b'mod iktar sistematiku u tissaħħaħ, biex jiżdied l-impatt fuq l-istituzzjonijiet u s-sistemi tal-edukazzjoni għolja u biex jibbenefikaw minnha l-istudenti u l-persunal;

49. Jipproponi li l-universitajiet fl-istati firmatarji jagħrfu l-apprendistati tat-taħriġ prattiku bħala parti mill-programmi ta' mobilità appoġġati mill-Kummissjoni Ewropea;

50. Jappella għal trasparenza akbar fl-informazzjoni mogħtija lill-istudenti qabel ma jibda skambju partikulari fir-rigward tal-għadd ta' krediti li jkunu se jingħataw, u jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jikkooperaw flimkien meta jkunu qed jivvalutaw l-għadd ta' krediti li jkunu se jingħataw għall-korsijiet; jinkuraġġixxi l-iżvilupp ta' pjattaformi komuni sabiex tinħoloq bażi ta' għarfien u kompetenzi definita minn professjonisti u istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, bil-għan possibbli li tinkiseb approssimazzjoni ta' xi diplomi, filwaqt li jitħares id-dritt li jitħallew l-ispeċifiċitajiet nazzjonali, pereżempju s-sistema tal-għarfien awtomatiku tal-kwalifiki professjonali fl-UE ([1]);

51. Jappella għal netwerking, koordinazzjoni u komunikazzjoni aħjar bejn l-universitajiet tal-UE sabiex jitħaffef l-għarfien ta' diplomi ġodda, jiġi ffaċilitat it-trasferiment tal-krediti, jitjieb l-għarfien u l-fehim tas-sistemi differenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ u sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jifhmu aħjar id-diversità tal-programmi Ewropej;

52. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea sabiex, fl-ambitu tal-programmi l-ġodda ta' edukazzjoni u taħriġ, tinkuraġġixxi l-kooperazzjoni, inkluż permezz ta' inċentivi finanzjarji, dwar il-kurrikuli transnazzjonali, lawrji konġunti u rikonoxximent reċiproku; hu favur iż-żieda fl-għadd ta' sħubiji ta' apprendistati tal-ERASMUS fil-prattika;

53. Jiġbed l-attenzjoni dwar l-eżistenza ta' bosta istituzzjonijiet li jittrattaw l-edukazzjoni għolja u r-riċerka Ewropej; jistieden lill-Unjoni Ewropea tippromwovi mezzi biex dawn ikunu kkoordinati taħt l-istess qafas;

54. Jemmen li għandhom jiġu stabbiliti inizjattivi biex jgħinu lill-istudenti jittrasferixxu r-rekords tagħhom minn università għall-oħra matul l-istudji universitarji tagħhom;

55. Jistieden lill-Istati Membri u lill-UE jipprovdu dejta aġġornata u komparabbli – fost l-oħrajn dwar il-proporzjon tar-rappreżentanza tal-gruppi vulnerabbli – li abbażi tagħha tiġi mmoniterjata l-implimentazzjoni tal-EHEA u, għal dan il-għan, biex jitneħħew l-ostakoli u jiġu solvuti l-problemi assoċjati mal-implimentazzjoni tal-proċess, u ma jiġux penalizzati dawk l-istituzzjonijiet li għadhom ma implimentawx ir-riformi ppjanati; jemmen li din id-dejta għandha tiġi ppubblikata kull sena fuq bażi ta' kull pajjiż għalih u kull università għaliha biex ikun iktar faċli li wieħed jifhem fejn jeħtieġ li jsir progress;

56. Iħeġġeġ lill-universitajiet biex jarmonizzaw l-istandards akkademiċi tagħhom billi jiffurmaw sħubiji għall-iskambju tal-prattiki tajbin;

57. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-programmi ta' kooperazzjoni u riċerka, u biex jiżviluppaw programmi ġodda, abbażi ta' interessi reċiproċi mal-universitajiet tal-pajjiżi terzi, partikolarment dawk li jinsabu f'żoni ta' kunflitt, sabiex ikun possibbli l-aċċess għall-edukazzjoni għolja u t-taħriġ għal studenti minn dawn il-pajjiżi, mingħajr l-ebda forma ta' diskriminazzjoni;

58. Iqis li ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja (EHEA) maħluqa mill-Proċess ta' Bolonja hi progressiva; jappella, għaldaqstant, għat-twaqqif ta' Żona Ewro-Mediterranja ta' Edukazzjoni Għolja li tkun inkorporata f'din l-istruttura eżistenti, u biex isir progress favur it-twaqqif ta' Żona ta' Edukazzjoni Għolja effettiva għall-pajjiżi involuti fil-kooperazzjoni tal-Isħubija tal-Lvant kif ukoll żoni interstatali oħra fi ħdan l-UE; jistieden lill-Kummissjoni biex tneħħi l-ostakoli għall-moviment tal-istudenti u l-għalliema, biex tappoġġja n-netwerking tal-universitajiet Ewro-Mediterranji, inkluża l-EMUNI, u biex tkompli l-prattiki tajba tal-programmi Tempus u Erasmus Mundus;

59. Jindika l-ħtieġa li tiġi pprovduta informazzjoni aħjar dwar il-Proċess ta' Bolonja u ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja (EHEA) permezz ta' politika ta' komunikazzjoni komprensiva, effettiva u għall-Ewropa kollha bl-għan li l-universitajiet isiru iktar attraenti fi ħdan l-Ewropa kif ukoll barra;

60. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jiggarantixxu t-trasferibilità tas-self u l-għotjiet, partikolarment il-boroż ta' studju abbażi tal-mertu u tal-ħtiġijiet, bejn il-pajjiżi kollha Ewropej, sabiex jiġi żgurat l-aċċess ugwali għall-opportunitajiet ta' mobilità;

61. Jippromwovi l-ħolqien ta' marki (brands) universitarji magħquda fil-livell reġjonali sabiex jissaħħaħ il-prestiġju tal-universitajiet fil-livell internazzjonali skont l-għanijiet tal-Proċess ta' Bolonja;

---

([1]) Anness V, dwar ir-Rikonoxximent abbażi tal-koordinazzjoni tal-kondizzjonijiet minimi ta' taħriġ, għad-Direttiva 2005/36/KE dwar l-għarfien tal-kwalifiki professjonali.

62. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jwaqqfu mekkaniżmi biex jappoġġjaw lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jimplimentaw l-għanijiet ta' Bolonja, li jista' jseħħ b'rappurtaġġ regolari u b'użu mmirat tal-programmi tal-UE, inklużi dawk li jinvolvu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi fl-EHEA li mhumiex membri tal-UE;

63. Jitlob lill-UE tappoġġja l-implimentazzjoni tal-impenji tagħha ta' Bolonja fil-politika tagħha ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi rilevanti li mhumiex membri tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Parlament Ewropew jadottaw rwol aktar determinat fit-tmexxija tagħhom ta' dawn l-inizjattivi;

64. Jemmen li l-eżerċizzju ta' evalwazzjoni fil-laqgħa ministerjali tas-sena d-dieħla f'Bukarest se jwassal għal pjan direzzjonali ċar għat-twaqqif ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja sal-iskadenza tal-2020; jisħaq li għandhom jitressqu proposti intersettorjali, f'dak li jikkonċerna t-taħriġ fl-ICT, it-tagħlim vokazzjonali u t-tagħlim tul il-ħajja kif ukoll it-taħriġ fil-post tax-xogħol, u li dawn il-proposti jippromwovu attivament kemm l-inklużjoni kif ukoll it-tkabbir intelliġenti u sostenibbli, b'mod li jagħtu lill-UE vantaġġ kompetittiv fid-dinja ta' wara l-kriżi fir-rigward tal-ħolqien ta' impjiegi, il-kapital uman, ir-riċerka, l-innovazzjoni, l-intraprenditorija u l-ekonomija tal-għarfien fit-totalità tagħha;

65. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-ministru tal-edukazzjoni tal-UE jutilizzaw bis-sħiħ l-opportunitajiet li toffri l-parteċipazzjoni konġunta tagħhom fl-EHEA u biex jadottaw rwol ta' tmexxija biex jintlaħqu l-għanijiet ta' Bolonja, u lill-Ministri biex l-impenji tagħhom fil-Proċess ta' Bolonja jsaħħuhom b'impenji konġunti fil-livell tal-UE fil-Kunsill, b'appoġġ mill-Kummissjoni, sabiex dan il-proċess ta' appoġġ reċiproku jkompli b'implimentazzjoni armonjuża;

66. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-Laqgħa Ministerjali Semestrali tal-2012 tal-Proċess ta' Bolonja f'Bukarest trid tqis il-fatt li l-ħolqien tal-EHEA jippermetti lill-UE u lill-Istati Membri jagħtu kontribut b'saħħtu u unifikat għall-Proċess ta' Bolonja abbażi tar-responsabilitajiet konġunti tagħhom fil-kwistjoni tal-edukazzjoni għolja, tal-parteċipazzjoni konġunta tagħhom fil-proċess, u tal-impenn komuni bejniethom għall-azzjoni, appoġġjati minn dikjarazzjonijiet ta' politika mill-istituzzjonijiet tal-UE;

*

* *

67. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

## Statistika Ewropea

P7_TA(2012)0073

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2012 dwar il-ġestjoni tal-kwalità għall-Istatistika Ewropea (2011/2289(INI))**

(2013/C 251 E/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Lejn immaniġġjar sod tal-kwalità għall-Istatistika Ewropea" (COM(2011)0211),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0037/2012),

**It-Tlieta 13 ta’ Marzu 2012**

A. billi l-Eurostat ilu jeżisti mill-1953 u l-ħtieġa għas-salvagwardja tal-indipendenza tiegħu hija rikonoxxuta sew;

B. billi statistika affidabbli u preċiża hija essenzjali għat-tfassil effettiv tal-politika ekonomika u baġitarja min-naħa tal-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni;

C. billi s-suċċess tal-Istrateġija Ewropa 2020 għat-Tkabbir u l-Impjiegi u l-pakkett ta’ tmexxija ekonomika, inkluż is-Semestru Ewropew, jirrikjedi statistika ta’ kwalità għolja;

D. billi dawk li jużaw l-istatistika għandhom jiġu fornuti b’data rilevanti, f’waqtha u preċiża li tinġabar u tiġi kkompilata minn aġenziji nazzjonali skont il-prinċipji tal-imparzjalità, l-oġġettività u l-indipendenza professjonali;

E. billi l-istatistika għandha tkun pubblikament aċċessibbli, li tinftiehem faċilment kemm għal dawk li jfasslu l-politika kif ukoll għaċ-ċittadini u xierqa għal tqabbil fuq bażi sena b’sena;

F. billi l-kwalità tal-Istatistika Ewropea tiddependi fuq l-integrità tal-proċess ta’ produzzjoni kollu; billi l-modernizzazzjoni li għaddejja bħalissa tal-metodi għall-produzzjoni tal-istatistika tirrappreżenta investiment pubbliku vitali sabiex tiġi ssimplifikata l-katina ta’ produzzjoni kollha, u teħtieġ impenn kontinwu fil-livell tal-UE u dak nazzjonali;

G. billi l-kriżi tad-dejn fiż-żona tal-euro enfasizzat il-perikli ta’ ineżattezza tal-istatistika u l-frodi tal-istatistika li jirriżultaw minn nuqqasijiet kemm fil-kwalità tad-data upstream tal-kontabilità pubblika kif ukoll fl-arranġament attwali tal-governanza tal-istatistika;

H. billi l-uffiċċji tal-istatistika mhux talli għandhom ikunu statutorjament indipendenti, iżda għandu jkollhom fis-seħħ ukoll mekkaniżmi u "firewalls" biex jiżguraw li l-uffiċċji tal-istatistika huma separati mill-proċess politiku u b’hekk jevitaw nuqqasijiet sistemiċi; fl-istess ħin, madankollu, għandu jiġi enfasizzat li l-Istat huwa responsabbli għall-korrettezza u l-awtentiċità tad-data tal-istatistika;

I. billi r-relazzjoni bejn l-Eurostat u l-qrati tal-awdituri nazzjonali għandha tiġi msaħħa;

J. billi l-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika għandhom jiġu riformati fl-Istati Membri sabiex jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni Ewropea l-ġdida malajr kemm jista’ jkun;

K. billi madwar 350 regolament tal-istatistika li japplikaw għall-Istati Membri jimponu piż ta’ konformità tal-istatistika proporzjonalment ogħla fuq l-Istati Membri ż-żgħar;

L. billi l-Eurostat se jipprovdi l-indikaturi ekonomiċi meħtieġa għas-sorveljanza tal-politiki fiskali u t-tabella ta’ valutazzjoni dwar l-iżbilanċi makroekonomiċi, flimkien ma’ mekkaniżmi ta’ infurzar ġodda; billi r-riformi legali riċenti, notevolment is-‘six pack’ tal-governanza ekonomika, qiegħdu statistika robusta u affidabbli fiċ-ċentru tal-governanza ekonomika fil-livell tal-UE;

1. Huwa tal-fehma li għandu jkun hemm approċċ sistematiku għall-kwalità, li jista’ jeħtieġ riforma fil-metodu tal-produzzjoni tal-istatistika Ewropea u tranżizzjoni gradwali minn approċċ korrettiv għal approċċ preventiv għal ġestjoni tal-kwalità tal-Istatistika Ewropea b’mod ġenerali u tal-istatistika fuq il-finanzi pubbliċi b’mod partikolari; jilqa’ n-natura vinkolanti tar-regoli relatati mal-produzzjoni u l-verifika tal-preċiżjoni tal-istatistika Ewropea; iqis li, li jkun hemm korpi tal-istatistika indipendenti huwa essenzjali sabiex tinżamm il-kredibilità tad-data tal-istatistika;

2. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi assistenza u kompetenza lill-Istati Membri biex tgħinhom jindirizzaw limitazzjonijiet ta’ riċerka u ostakli metodoloġiċi kbar, bil-ħsieb li jiżguraw il-konformità u l-forniment ta’ data ta’ kwalità għolja;

**It-Tlieta 13 ta' Marzu 2012**

3. Jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi emendi għar-Regolament (KE) Nru. 223/2009 (Regolament tal-Istatistika) sabiex jiġi stabbilit approċċ proattiv għall-monitoraġġ u evalwazzjoni tad-data tal-finanzi pubbliċi fi stadju bikri upstream sabiex tippermetti azzjoni korrettiva fil-punt l-aktar kmieni possibbli; jissekonda l-proposta biex jiġi stabbilit qafas legali mmirat biex isaħħaħ il-qafas ta' governanza, speċjalment fir-rigward tal-indipendenza professjonali tal-awtoritajiet tal-istatistika nazzjonali u l-Eurostat, u biex l-istati Membri kollha jkollhom l-obbligu li jadottaw formalment l-impenn li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa fil-livell nazzjonali biex tinżamm il-fiduċja fl-istatistika u biex isir infurzar aktar rigoruż tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea;

4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipproponi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposti għal leġiżlazzjoni mmirata biex iddaħħal elementi tal-Kodiċi ta' Prattika dwar l-Istatistika Ewropea riveduta fil-liġi tal-UE, bl-għan li jkun hemm distinsjoni ċara bejn ir-responsabbiltajiet u l-kompetenzi tal-aġenziji tal-istatistika nazzjonali u dawk tal-gvernijiet tal-Istati Membri u tiġi żgurata r-responsabbiltà aktar trasparenti u kkoordinata għall-kwalità tad-data;

5. Iħeġġeġ lill-Eurostat ikompli, b'kollaborazzjoni mal-fornituri tad-data u l-utenti tad-data ewlenin, bl-isforzi tiegħu biex jimmodernizza l-metodi ta' produzzjoni tal-Istatistika Ewropea sabiex tinżamm il-kost-effettività;

6. Jistieden lill-Eurostat jiżgura li jkunu stabbiliti b'mod standardizzat sistemi ta' kontabilità pubblika fl-Istati Membri kollha u li jkunu msaħħa kemm b'mekkaniżmi ta' verifika interni kif ukoll esterni, inkluża l-applikazzjoni tal-qafas legali rieżaminat reċentament tar-Regolament (KE) Nru. 479/2009, kif ukoll bi proposti leġiżlattivi ulterjuri kif jitqies xieraq; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tagħti setgħat ta' investigazzjoni akbar lill-Eurostat;

7. Jenfasizza li l-Istati Membri kollha għandhom jiżguraw li l-istatistika tkun preċiża fil-livelli kollha tal-gvern; iħeġġeġ lill-Eurostat jiżvela pubblikament jekk għandux dubji rigward din il-preċiżjoni fit-tipi kollha ta' statistika;

8. Iqis li l-pakkett adottat reċentament jeħtieġ standards rigward data granulari dwar kxif tas-settur pubbliku relatat mal-garanziji u r-responsabbiltajiet kontinġenti, pereżempju permezz ta' garanziji u kxif tas-settur pubbliku għal sħubiji pubbliċi-privati (PPPs); dawn għandhom jiġu żviluppati fil-pront u żvelati mill-Eurostat, fejn għandhom jitqiesu l-livelli kollha tal-gvern;

9. Jilqa' l-azzjoni tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB) biex ikun hemm superviżjoni indipendenti tal-Eurostat u tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika; jistieden lill-Eurostat u lill-uffiċċji tal-istatistika l-oħra jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-ESGAB imressqa fir-rapport annwali tiegħu tal-2011;

10. Jenfasizza li l-ħtieġa li l-Eurostat jiżgura t-trasparenza fir-rigward tal-persunal tiegħu stess billi jippubblika informazzjoni dwar l-uffiċjali (li huma impjegati taċ-ċivil) u l-aġenti kuntrattwali tiegħu, u jipprovdi informazzjoni dwar il-mod li bih jintużaw l-esperti nazzjonali;

11. Jenfasizza li l-indipendenza tas-servizzi tal-istatistika għandha tkun salvagwardjata kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell Ewropew mit-theddida ta' interventi politiċi possibbli.

12. Jinnota li s-sistema għal ġestjoni ta' kwalità se teħtieġ koordinazzjoni mill-qrib bejn l-Eurostat u l-korpi nazzjonali responsabbli għall-verifika tad-data upstream marbuta mal-finanzi pubbliċi; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti li jiżguraw indipendenza akbar u aktar koerenza fil-kompetenzi tal-qrati tal-awdituri nazzjonali fil-verifika tal-kwalità tas-sorsi użati u biex jiġi stabbiliti ċifri tad-dejn u tad-defiċit nazzjonali u t-tisħiħ tar-rwol ta' koordinament tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri;

13. Jenfasizza li l-ġestjoni tal-kwalità tal- istatistika finanzjarja tal-gvern kif ukoll statistika finanzjarja nazzjonali oħra kif ukoll il-preċiżjoni u r-rappurtar fil-ħin tad-data huma essenzjali sabiex is-Semestru Ewropew jiffunzjona kif suppost.

**It-Tlieta 13 ta' Marzu 2012**

14. Jirrikonoxxi li l-provvista ta' statistika preċiża ħafna drabi tista' tinvolvi l-ġbir u t-tqabbil ta' data minn sorsi numerużi; jinnota, għalhekk, li t-tqassir tal-iskedi għall-pubblikazzjoni tal-istatistika jista', f'xi każi, inaqqas l-affidabbiltà jew il-preċiżjoni tal-istatistika jew iżid l-ispiża tal-ġbir tad-data; jirrakkomanda li, meta jkunu qegħdin jitqiesu l-aħjar prassi f'dan il-qasam, il-bilanċ bejn il-waqt xieraq, l-affidabbiltà u l-ispiża ta' tħejjija jistgħu jitqiesu sew;

15. Iħeġġeġ lill-Eurostat jikkunsidra metodi biex il-pubblikazzjonijiet tiegħu, b'mod partikolari dawk onlajn, ikunu jistgħu jintużaw aktar faċilment miċ-ċittadin medju u dawk mhux professjonijisti speċjalment fir-rigward tal-użu tal-grafika; jemmen li l-websajt tal-Eurostat għandu jippermetti aċċess aktar faċli biex jitlesta serje tad-data fit-tul u għandu jinkludi grafiki komparattivi intuwittivi sabiex jingħata aktar valur miżjud liċ-ċittadini; iżid, barra minn hekk, li l-aġġornamenti perjodiċi tiegħu għandhom jipprovdu, fejn possibbli, informazzjoni dwar kull Stat Membru u joffru serje sena b'sena u xahar b'xahar u, fejn possibbli u utli, serje tad-data fit-tul;

16. Jenfasizza li l-provvista ta' statistika preċiża, rilevanti u ta' kwalità għolja hija ta' importanza ewlenija għal żvilupp reġjonali sostenibbli u bbilanċjat; jinnota li data preċiza u eżatta tikkostitwixxi bażi għall-ksib ta' informazzjoni dettaljata dwar oqsma individwali bħad-demografija, l-ekonomija u l-ambjent, u għalhekk għandha r-rwol ewlieni fil-proċess għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-iżvilupp reġjonali, b'mod partikolari fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020;

17. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tindirizza l-bżonn ta' informazzjoni tal-istatistika affidabbli li tippermetti lill-politiki tal-UE jirreaġixxu aħjar għar-realtajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali fil-livell reġjonali;

18. Jappoġġja l-intenzjoni tal-Eurostat li jistabbilixxi qafas legali "għall-Impenn dwar il-Fiduċja fl-Istatistika"; jenfasizza li l-konformità mar-regola tal-kunfidenzjalità tad-data fl-SSE (is-Sistema Statistika Ewropea), kif ukoll mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, se tgħin biex tkabbar il-fiduċja fl-aġenziji tal-istatistika;

19. Jinnota li huwa essenzjali li jitjieb il-mod ta' kif jaħdmu s-sistemi ta' kontabbiltà pubblika; madankollu jitlob lill-Kummissjoni tiċċara jekk l-istandardizzar tas-sistemi ta' kontabbiltà pubbliċi fl-Istati Membri huwiex meħtieġ u possibbli; jistieden lill-Kummissjoni tfassal metodoloġija komuni u timplimenta soluzzjonijiet effettivi, adattati u stabbiliti;

20. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żviluppata sistema koerenti għal riċerka fi proċessi soċjoekonomiċi f'żoni transkonfinali, inklużi dawk fir-reġjuni li jinsabu mal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea, flimkien ma' statistika dwar il-makroreġjuni, sabiex tinkiseb stampa affidabbli, kompluta u preċiża tal-ekonomija f'termini ta' żvilupp reġjonali u makroreġjonali, li tkopri kemm id-dimensjoni urbana kemm iż-żoni rurali; jemmen li l-mekkaniżmi ta' riċerka marbuta mal-bilanċ tal-pagamenti għandhom jitjiebu; jinnota, ukoll, li l-kontijiet reġjonali u nazzjonali għandhom jiġu ssorveljati mill-qrib bħala parti minn sistema robusta ta' ġestjoni ta' kwalità għall-istatistika Ewropea;

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

# Linji gwida ġenerali għall-baġit 2013 - Taqsima III - Il-Kummissjoni

P7_TA(2012)0077

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2012 dwar l-istrateġija politika annwali tal-Kummissjoni għall-proċedura baġitarja 2013, Taqsima III – Il-Kummissjoni (2012/2000(BUD))**

(2013/C 251 E/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 313 u 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([1]) (IIA),

— wara li kkunsidra l-ipprogrammar finanzjarju aġġornat għall-2007-2013 tal-Kummissjoni, imressaq skont il-Punt 46 tal-imsemmi IIA tas-17 ta' Mejju 2006,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012 ([2]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 dwar il-linji gwida tal-baġit għall-2013,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0040/2012),

***Ir-rwol tal-baġit tal-UE fl-indirizzar tal-kriżi ekonomika u finanzjarja***

1. Jirrikonoxxi l-isforzi ta' konsolidazzjoni fiskali meħuda minn bosta Stati Membri minħabba l-kriżi finanzjarja u baġitarja; jenfasizza, madankollu, il-fatt li l-UE qatt mhu se tkun tista' tirreaġixxi b'mod xieraq għall-kriżi ekonomika u soċjali preżenti jew tevita kriżijiet futuri mingħajr integrazzjoni politika addizzjonali, mingħajr strumenti komuni, bħal sanzjonijiet awtomatiċi u d-dritt tal-Kummissjoni li tieħu azzjoni legali fi proċedura ta' defiċit, iżda wkoll programmi komuni ffinanzjati mill-UE, u r-riżorsi biex jitħaddmu; jinsisti, li l-irkupru ekonomiku jeħtieġ miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u jagħtu spinta lit-tkabbir sostenibbli u lill-impjiegi; jilqa' l-fatt li l-Kunsill Ewropew jirrikonoxxi dan fid-dikjarazzjoni tiegħu tat-30 ta' Jannar 2012, u l-Konklużjonijiet tiegħu wara s-Samit tal-1-2 ta' Marzu 2012, iżda jinsisti dwar il-ħtieġa li jittieħdu miżuri konkreti, l-aktar billi l-baġit tal-UE jintuża bħala strument komuni; jenfasizza l-fatt li l-prijoritajiet identifikati fid-dikjarazzjonijiet imsemmijahawn fuq huma dawk li ddefenda l-Parlament fil-proċedura baġitarja ta' qabel;

2. Għadu mħasseb dwar il-kriżi globali li qatt ma dehret bħalha li kkawżat dannu serju għat-tkabbir finanzjarju u għall-istabilità finanzjarja u wasslet għal deterjorament qawwi fid-defiċit tal-gvern u fis-sitwazzjoni tad-dejn tal-Istati Membri; jifhem it-tħassib tal-Kunsill rigward il-limiti ekonomiċi u baġitarji fil-livell nazzjonali u jinsisti li l-2013 se tkun sena fundamentali għall-irkupru ekonomiku;

3. Ifakkar li l-baġit tal-Unjoni Ewropea huwa wieħed mill-aktar strumenti importanti fejn tintwera solidarjetà fost l-Istati Membri u bejn il-ġenerazzjonijiet, u li jipprovdi valur miżjud ċar, meta jitqies l-impatt straordinarju tiegħu fuq l-ekonomija reali u l-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej; ifakkar li kieku l-politiki tal-Unjoni kellhom jiġu finanzjati biss mill-Istati Membri, l-ispejjeż tagħhom kienu jisplodu u li, meqjus f'dan id-dawl u jekk użat b'mod sinerġetiku, il-baġit tal-Ewropa jirrappreżenta intrinsikament iffrankar komuni ċar għall-benessri ta' kulħadd; huwa tal-fehma li l-miżuri ta' awsterità adottati fil-livell nazzjonali m'għandhomx iwasslu għal tnaqqis ekwivalenti fil-livell tal-UE, peress li euro wieħed li jintefaq f'dan il-livell jista' jwassal għal iffrankar fis-27 Stat Membru;

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p.1.
([2]) ĠU L 56, 29.2.2012.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

4. Jenfasizza li, fi żminijiet ta' kriżi aktar minn qatt qabel, l-isforzi kollettivi meħuda fil-livell tal-UE jridu jissaħħu sabiex ikun żgurat li l-azzjonijiet tagħna jiksbu r-riżultati mixtieqa; jenfasizza l-fatt li l-baġit annwali tal-Unjoni Ewropea bl-effett ta' lieva tiegħu, il-prijoritajiet fil-baġits nazzjonali kif ukoll l-istrumenti Ewropej kollha l-oħra, iridu jappoġġaw il-politiki ta' rkupru tal-Istati Membri u jeħtieġ li jkunu allinjati mal-Istrateġija Ewropa 2020 għat-Tkabbir u l-Impjiegi, u li dan huwa essenzjali għas-suċess tal-Istrateġija u sabiex tinżamm il-fiduċja fil-politiki tal-UE, speċjalment fost iċ-ċittadini tagħha; jenfasizza li, meta jitqies ir-rwol tiegħu bħala katalist għall-investiment, it-tnaqqis fil-livell tal-baġit tal-UE jkollu impatt negattiv fuq il-ħolqien tat-tkabbir u l-impjiegi fl-Unjoni;

5. Hu tal-fehma li l-promozzjoni tat-tkabbir u l-impjiegi tirrikjedi azzjonijiet speċifiċi u sforzi baġitarji msaħħa li jappoġġaw politika industrijali sostenibbli u fit-tul, il-kompetittività, l-innovazzjoni u l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs), peress li ħafna mill-potenzjal ekonomiku tal-UE jinsab fl-SMEs, li, skont l-aħħar studji li saru, ħolqu 85 % tal-impjiegi ġodda nett fl-UE bejn l-2002 u l-2010 u huma s-sinsla tat-tkabbir ekonomiku tagħna; għaldaqstant il-promozzjoni ta' mentalità imprenditorjali u l-ħolqien ta' negozji ġodda bis-saħħa ta' azzjonijiet konkreti hija ta' importanza kbira u riżorsi adegwati għandhom ikun pprovduti f'dan ir-rigward; jirrikonoxxi għalhekk li jeħtieġ isiru sforzi sabiex jissaħħaħ l-iffinanzjar tal-UE b'appoġġ għall-isforzi ta' tkabbir;

6. Jenfasizza li dan l-appoġġ jista' jkun strumentali biex jiġi evitat li l-SMEs inaqqsu l-investimenti tagħhom, b'mod partikolari fir-riċerka u l-iżvilupp, waqt li fl-istess ħin jippromwovi l-impjiegi u t-taħriġ professjonali, speċjalment għaċ-ċittadini aktar żgħażagħ, u jiżgura li l-ħiliet jiġu konservati; iqis li t-tisħiħ tal-għajnuna mill-BEI għall-SMEs u l-infrastruttura għandu jitiqes bħala prijorità ewlenija u b'hekk il-potenzjal innovattiv tal-SMEs ikun megħjun jiżviluppa, li hu essenzjali għall-prosperità tal-UE u għall-ħolqien ta' soċjetà bbażata fuq l-għarfien; jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa li l-proċedura ta' applikazzjoni għall-programmi ffinanzjati mill-UE tiġi ssimplifikata aktar;

7. Jemmen li żieda fl-investimenti permezz tal-baġit tal-UE f'ekonomija sostenibbli tista' twassal għal rata ogħla ta' ħolqien ta' impjiegi minn dik bil-baġit attwali; dawn l-investimenti jistgħu għaldaqstant jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex iġibu lill-UE lura fit-triq tat-tkabbir;

8. Jenfasizza l-fatt li r-riżultati tal-Istrateġija Ewropa 2020 jiddependu fil-biċċa l-kbira tagħhom fuq iż-żgħażagħ ta' llum, li huma l-aktar edukati, l-aktar avvanzati teknikament u mobbli aktar minn qatt qabel, u għalhekk jikkostitwixxu u se jikkostitwixxu l-aqwa riżorsa għat-tkabbir u l-impjiegi fl-UE; huwa mħasseb dwar il-livell għoli tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-Istati Membri; għaldaqstant, jenfasizza li kull sforz għandu jsir fil-livell Komunitarju u nazzjonali biex jiżgura li t-tkabbir u l-impjiegi jkunu realtà, speċjalment għaż-żgħażagħ, li jirrappreżentaw il-futur komuni tal-UE; jenfasizza daqstant il-ħtieġa li jiġu indirizzati b'mod urġenti l-isfidi tal-qgħad u tal-livell ta' faqar li qed jiżdied fl-Unjoni Ewropea fl-ispirtu tal-inizjattiva ewlenija "Pjattaforma Ewropea kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali";

9. Jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni li EUR 82 biljun mill-fondi li għadhom ma ġewx ipprogrammati fl-ambitu tal-fondi strutturali tal-UE (il-Fond Ewropew ta' Żvilupp Reġjonali u l-Fond Soċjali Ewropew) jiġu minflok destinati sabiex jgħinu lill-SMEs u biex jiġġieldu l-qgħad fost iż-żgħażagħ; jitlob li jinżamm mgħarraf kif xieraq dwar din l-inizjattiva, l-implimentazzjoni tagħha u l-impatt eventwali tagħha fuq il-baġit 2013;

***Baġit koordinat tajjeb u responsabbli għall-2013***

10. Jenfasizza l-fatt li l-miżuri kollha meħuda sa issa biex jikkumbattu l-kriżi għandhom jgħinu r-ritorn għat-tkabbir; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-miżuri ta' awsterità mfassla apposta li diġà ttieħdu jeħtieġ li jkunu akkumpanjati minn strumenti mmirati li jwasslu għal żvilupp ekonomiku sostenibbli; jinnota li l-baġit tal-UE għandu rwol deċiżiv f'dan il-kuntest bħala għodda li tiżgura azzjoni koordinata f'waqtha u kkoordinata tajjeb fl-oqsma kollha sabiex jitnaqqsu l-effetti tal-kriżi fuq l-ekonomija reali kif ukoll bħala katalist li jagħti impetu lill-investiment, lit-tkabbir u lill-impjiegi fl-Ewropa;

11. Jenfasizza li implimentazzjoni koordinata tajjeb, koerenti u f'waqtha ta' impenji u prijoritajiet politiċi fil-livell nazzjonali u tal-UE tirrikjedi li l-istituzzjonijiet nazzjonali u Ewropej jaħdmu flimkien biex jagħtu prijorità lill-infiq pubbliku f'oqsma ta' tkabbir, jevalwaw ex ante l-effetti tal-azzjonijiet ippjanati, iżidu s-sinerġiji ta' bejniethom u jiżguraw li jkollhom impatt pożittiv billi jneħħu ostakli u jibbenfikaw minn potenzjal mhux utilizzat biżżejjed; f'dan ir-rigward, jenfasizza l-importanza li jkompli jorganizza qabel is-Samit tar-Rebbiegħa, il-preżentazzjoi mill-Kummissjoni tal-abbozz ta' baġit tagħha u l-bidu tal-proċeduri baġitarji nazzjonali fl-Istati Membri kif ukoll id-dibattiti interparlamentari dwar l-orjentazzjonijiet ekonomkiċi u baġitarji komuni tal-Istati Membri u tal-Unjoni sabiex jiżgura li jkun hemm koordinazzjoni bejn il-baġits nazzjonali u tal-UE fil-qafas ġenerali tal-attivitajiet imsaħħa tal-Parlament fis-Semestru Ewropew sabiex tissaħħaħ il-leġittimità demokratika tiegħu kif mitlub fir-riżoluzzjoni tal-1 ta' Diċembru 2011 dwar is-Semestru Ewropew għall-Koordinazzjoni tal-Politika Ekonomika;

12. Jitlob għall-adozzjoni ta' baġit responsabbli u orjentat lejn il-kisba ta' riżultati, ibbażat fuq infiq ta' kwalità tajba kif ukoll użu ottimali u f'waqtu tal-iffinanzjar eżistenti tal-UE; fl-ispirtu tal-istqarrija tat-30 ta' Jannar 2012 mill-Membri tal-Kunsill Ewropew; jenfasizza l-bżonn li jkun hemm investiment fit-tkabbir u fl-impjiegi, speċjalment f'termini ta' SMEs u żgħażagħ; jenfasizza l-intenzjoni tiegħu li jinvolvi ruħu, flimkien mal-kumitati parlamentari speċjalizzati, mhux biss fl-identifikazzjoni ta' oqsma konkreti fejn l-azzjonijet jeħtieġu jissaħħu, iżda wkoll fl-identifikazzjoni ta' prijoritajiet negattivi possibbli;

13. Jenfasizza li l-baġit tal-UE jirrappreżenta investiment dirett unikament lejn politiki u azzjoni li jkunu ta' valur miżjud għall-UE; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-baġit tal-UE – li ma jistax iġarrab defiċit – għandu effett ta' lieva fuq it-tkabbir u l-impjiegi li huwa ħafna ogħla minn dak tal-infiq nazzjonali, kif għandha wkoll il-kapaċità tiegħu li tistimola l-investiment, toħloq stabilità fl-Ewropa u tgħin l-UE toħroġ mill-kriżi ekonomika u finanzjarja preżenti; jenfasizza madankollu l-ħtieġa ta' lieva ta' aktar investimenti sabiex proġetti ewlenin għall-irkupru ekonomiku u l-kompetittività ma jkunux fil-periklu; jenfasizza f'dan il-kuntest, il-fatt li l-iżvilupp ta' strumenti finanzjarji ġodda u mtejba jistgħu jsaħħu aktar l-effett ta' lieva tan-nefqa tal-UE li tikkontribwixxi għat-tkabbir, billi jattiraw investiment privat u b'hekk jikkumpensaw għal-limitazjonijiet fil-livell nazzjonali u jtejbu n-nefqa pubblika;

14. Ifakkar li bejn l-2000 u l-2011, il-baġits nazzjonali fl-UE żdiedu b'medja ta' 62%, filwaqt li l-ħlasijiet mill-baġit tal-UE żdiedu bi ftit inqas minn 42%, filwaqt li l-UE kibret minn 15 għal 27 Stat Membru;

15. Se jagħti attenzjoni partikolari, fil-kuntest tal-proċedura baġitarja 2013, lill-implimentazzjoni tal-prijoritajiet baġitarji tas-snin preċedenti tal-PE u b'mod partikolari se jsegwi mill-qrib il-finanzjament u l-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020, li hija mħaddna kompletament mill-Istati Membri, f'termini ta' promozzjoni tal-kompetittività u l-impjiegi, kif ukoll tal-prijoritajiet settorjali l-oħra tagħha;

16. Jilqa' l-fatt li fl-aħħar verżjoni tal-ipprogrammar finanzjarju għall-2012-13 il-Kummissjoni rrispettat il-prijoritajiet baġitarji tal-PE, kif għamlet fl-2011, billi ma mingħajr ma kkumpensat għal żidiet li saru fil-passat; jitlob sabiex l-abbozz ta' baġit 2013 isegwi l-istess direzzjoni;

17. Ifakkar li l-limiti għal bosta intestaturi, b'mod partikolari għall-Intestatura 1a (kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi) u l-Intestatura 4 (l-UE bħala attur globali) fi ħdan il-qafas finanzjarju attwali mhumiex biżżejjed sabiex jitwettqu l-politiki approvati bħala prijoritajiet mill-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni; ifakkar barra minn hekk, li l-approprjazzjonijiet allokati għal xi politiki kellhom jiġu riveduti bosta drabi sabiex jintlaħqu l-objettivi u l-kompiti, li wassal sabiex l-użu tal-Istrument tal-Flessibilità jsir neċessità għal kważi kull baġit annwali; jenfasizza li mhuwiex se jaċċetta li impenji politiki tal-UE li ilhom jeżistu jitqiegħdu fil-periklu; ifakkar, b'mod partikolari, li l-impenji finanzjarji mniżżla fi ftehimiet internazzjonali u/jew ftehimiet bejn l-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom jiġu rrispettati u inklużi kif xieraq fl-abbozz ta' baġit;

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

***Baġit tal-2013 orjentat lejn il-kisba tal-objettivi tal-programmi u l-prijoritajiet tal-Unjoni***

18. Ifakkar li l-Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) 2007-2013 kien maħsub biex itejjeb il-prosperità u l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini tagħna u biex jisfrutta l-potenzjal kollu tat-tkabbir, iżda madankollu mill-2008 'l hawn l-UE esperjenzat kriżi li qatt ma rajna bħalha, li ħalliet impatt ukoll fuq kull wieħed mill-baġits annwali; jenfasizza l-fatt f'dan l-isfond li l-qafas finanzjarju 2007-2013 ma kienx rivedut biex jakkomoda ħtiġijiet ta' finanzjament addizzjonali li jirriżultaw mill-kriżi ekonomika u min-naħa l-oħra marġni globali sostanzjali tħallew taħt il-limiti massimi ġenerali f'kull baġit annwali sa mill-2007 u li għalhekk il-baġits annwali kollha kienu ristretti u awsteri; jenfasizza li l-ħlasijiet korrispondenti għandhom tal-anqas għalhekk ikunu mħallsa skont iċ-ċiklu tal-baġit normali; ifakkar li fil-każ tal-programmi multiannwali, il-ħlasijiet huma maqtugħa mill-approprjazzjonijiet għall-impenji biss minħabba l-perjodu ta' żmien, qabel il-ħlas attwali tal-fondi;

19. Jenfasizza li, billi l-2013 hija l-aħħar sena tal-perjodu ta' programmar attwali, se jkun meħtieġ li jiġi rkuprat id-dewmien f'termini ta' ħlasijiet, bħalma dejjem kien il-każ fit-tmiem tal-perspettivi finanzjarji, minħabba l-bidu tal-proċess ta' finalizzazzjoni tal-programmi 2007-2013, u, f'termini ta' impenji, sabiex ikunu rrispettati l-ammonti tal-programmazzjoni finanzjarja, li huma qrib l-EUR 152 biljun għall-2013; itenni li kull qtugħ artifiċjali tal-livell ta' ħlasijiet se jtawwal iż-żmien biex jinkisbu l-obbligi kuntrattwali u l-impenji li għaddew tal-UE u jista' jwassal ukoll għal interessi moratorji u telf tal-kunfidenza fil-politiki Ewropej u fil-kredibilità tal-istituzzjonijiet tal-UE; jenfasizza għalhekk li d-dejn kuntrattwali għandu jitħallas kemm jista' jkun malajr bħala kwistjoni ta' dixxiplina baġitarja;

20. Jinnota li l-livell ta' ħlasijiet li, billi huwa sempliċement ir-riżultat ta' impenji li għaddew, għandu jkun determinat fuq il-bażi ta' kriterji tekniċi bħaċ-ċifri ta' implimentazzjoni, il-previżjoni tal-assorbiment jew il-livell ta' impenji pendenti (RALs), sar il-kwistjoni politika prinċipali fi ħdan il-Kunsill fil-ftit proċeduri baġitarji li għaddew; jiġbed l-attenzjoni għal-livell dejjem akbar ta' RALs fi tmiem l-2011, li jammontaw għal EUR 207 biljun, li jirrappreżentaw kważi 7 % aktar mil-livell ta' tmiem l-2010; fid-dawl tal-laqgħa interistituzzjonali li ġejja dwar id-differenza bejn approprjazzjonijiet għal impenji u approprjazzjonijiet għal ħlasijiet, se jistabbilixxi djalogu mal-Kummissjoni sabiex jiġi ċċarat bis-sħiħ kif inhuma komposti r-RALs; jinsisti li l-Kunsill għandu jastjeni milli jiddeċiedi minn qabel il-livell ta' ħlasijiet mingħajr ma jqis il-bżonnijiet reali u l-obbligi legali; jinnota ulterjorment li l-akkumulazzjoni ta' RALs fil-fatt iddgħajjef it-trasparenza tal-baġit tal-UE, li juri biċ-ċar kif l-impenji u l-ħlasijiet huma relatati f'sena baġitarja speċifika;

21. Jenfasizza l-fatt li approċċ sempliċement ibbażat fuq ir-rabta 'kontributur nett tal-baġit tal-UE/benefiċjarju nett tal-baġit tal-UE' ma jqisx kif xieraq l-effetti importanti ta' konsegwenza li l-baġit tal-UE joħloq fost il-pajjiżi tal-UE li huma ta' benefiċċju għall-objettivi politiċi komuni tal-UE; jinsab imħasseb sew biż-żidiet moderati ħafna fil-ħlasijiet tal-aħħar żewġ baġits, li fil-każ tal-baġit 2012 kienu saħansitra anqas mil-livell ta' inflazzjoni, fi żmien kruċjali meta l-programmi ta' investiment kollha għandhom iwettqu bis-sħiħ il-potenzjalità tagħhom u jimxu b'ritmu qawwi;

22. Jenfasizza li finanzjament insuffiċjenti għandu jiġi evitat bħala kwistjoni ta' ġestjoni finanzjarja tajba, u li l-approprjazzjonijiet jeħtieġ li jiġu allinjati ma' stimi realistiċi tal-kapaċità ta' assorbiment; jinnota li t-tnaqqis artifiċjali tal-livell ta' approprjazzjonijiet meta mqabbel mal-istimi realistiċi tal-Kummissjoni jista' min-naħa l-oħra jwaqqaf il-livell definittiv tal-implimentazzjoni baġitarja milli jikseb il-potenzjal sħiħ tiegħu; ifakkar li l-livell ta' approprjazzjonijiet għal ħlasijiet propost mill-Kummissjoni fl-abbozz ta' baġit tagħha huwa determinat l-aktar mill-previżjonijiet tal-Istati Membri nnifishom u l-kapaċità ta' implimentazzjoni tagħhom, billi l-Istati Membri, flimkien mal-Kummissjoni jimmaniġġjaw aktar minn 80% tal-fondi tal-UE;

23. Jiddispjaċih mill-fatt li, waqt li l-Kunsill f'Diċembru 2011 irrifjuta jiffinanzja ħtiġijiet addizzjonali identifikati, xi talbiet ta' ħlasijiet li jammontaw għal aktar minn EUR 10 biljun ma setgħux jiġu onorati aktar tard lejn tmiem l-2011, u li issa dan kollu qed iħalli impatt dirett fuq il-ħlasijiet disponibbli għall-2012; jinsab imħasseb li dan irriżulta mill-fatt li l-Kunsill iddubita mid-data marbuta mal-implimentazzjoni tal-Kummissjoni u l-valutazzjonijiet tagħha tal-bżonnijiet mingħajr ma ressqet ebda data jew sors alternattiv;

24. Jinsab għalhekk estremament imħasseb dwar is-sitwazzjoni tal-ħlasijiet fl-2012 u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tressaq proposti sabiex tinsab soluzzjoni kemm jista' jkun malajr din is-sena, sabiex il-problema ma terġax tiġi posposta għall-2013; hu tal-fehma, barra minn hekk, li użu ta' dan it-tip tal-approprjazzjonijiet tas-sena li ġejja biex jiġu ffinanzjati l-bżonnijiet attwali jikkostitwixxi ġestjoni finanzjarja ħażina u jikser il-prinċipju tal-annwalità tal-baġit; jesprimi tħassib serju li din il-prattika ddgħajjef il-prinċipju ta' ebda dejn tal-Unjoni;

25. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kunsill biex jevita milli jwettaq qtugħ artifiċjali fil-ħlasijiet matul il-proċedura baġitarja, u jenfasizza li dan jidher li qed iwassal għal livell mhux sostenibbli ta' ħlasijiet; jirrikjedi, fil-każ li jsiru proposti bħal dawn, li l-Kunsill b'mod ċar u pubblikament jidentifika u jiġġustifika liema mill-programmi jew proġetti tal-UE jemmen li jistgħu jiġu ttardjati jew abbandunati kompletament;

26. F'dan il-kuntest, jitlob lill-Kunsill jallinja l-pożizzjoni tiegħu ma' waħda ta' bbaġitajr realistiku u responsabbli, u jimpenja ruħu li jkompli jissorvelja b'mod kostanti l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet tal-2012 u, b'mod partikolari, il-ħlasijiet; jistieden lill-Kunsill jagħmel l-istess, sabiex l-awtorità baġitarja tkun tista' taħdem fuq il-bażi ta' data ta' implimentazzjoni komuni u aġġornata u tagħmel estimi affidabbli tan-nefqa; għal dan il-għan, jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal laqgħa interistituzzjonali li se ssir matul l-ewwel semestru tal-2012 fil-livell politiku xieraq bil-għan li jiġi ċċarat u solvut kull nuqqas ta' ftehim possibbli fir-rigward taċ-ċifri tal-implimentazzjoni u l-ħlasijiet previsti u biex flimkien jevalwaw is-sitwazzjoni tal-ħlasijiet għas-snin baġitarji 2012 u 2013;

27. Jenfasizza l-importanza tal-finanzjament tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (l-ABE, l-AEAPX u l-AETS) biex ikunu jistgħu jitwettqu b'mod komprensiv l-aġenda ta' regolamentazzjoni finanzjarja u l-istrutturi finanzjarji sabiex jiġu evitati kriżijiet futuri; jenfasizza li l-finanzjament għall-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej u għas-servizzi legali indipendenti għalihom għandu jingħata prijorità fil-baġit;

28. Jilqa' l-ftehim milħuq dwar l-iffinanzjar tal-ispejjeż addizzjonali tal-ITER f'Diċembru 2011; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrispetta fl-intier tagħhom il-konklużjonijiet konġunti li jinsabu f'dan il-ftehim u tressaq proposti konkreti fuq l-ammont ta' EUR 360 miljun fl-abbozz ta' baġit 2013, bl-użu sħiħ tad-dispożizzjonijiet stipulati fir-Regolament Finanzjarju u fil-IIA tas-17 ta' Mejju 2006 eskluża kull reviżjoni addizzjonali marbuta mal-ITER tal-MFF; itenni l-konvinzjoni qawwija tiegħu li l-iżgurar tal-ammont ta' EUR 360 miljun fil-baġit 2013 ma għandux ifixkel l-implimentazzjoni ta' suċċess ta' politiki oħra tal-UE speċjalment dawk li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi tal-istrateġija tal-UE 2020 matul din l-aħħar sena tal-perjodu ta' programmar u jopponi speċifikament kwalunkwe riassenjazzjoni li tikser dawn il-prijoritajiet baġitarji; jenfasizza li l-Kummissjoni fl-ipprogrammar finanzjarju tagħha tipprevedi marġni ta' EUR 47 miljun f'Intestatura 1a li tkopri parzjalment il-ħtiġijiet għall-ITER;

29. Jistenna, minħabba l-adeżjoni li ġejja tal-Kroazja fl-1 ta' Lulju 2013, li r-reviżjoni tal-MFF tkun adottata malajr, f'konformità mal-Punt 29 tal-IIA ( 'L-Aġġustament tal-qafas finanzjarju biex jaħseb għat-tkabbir') u jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta l-proposta tagħha għall-approprjazzjonijiet addizzjonali korrispondenti hekk kif l-Att ta' Adeżjoni jkun ġie ratifikat mill-Istati Membri kollha; itenni li t-tkabbir li jinkludi l-Kroazja għandu jkun akkumpanjat minn fondi addizzjonali adegwati bi flus ġodda aktar milli riassenjazzjonijiet għat-tieni parti tal-2013;

***Nefqa amministrattiva***

30. Jieħu nota tal-ittra tat-23 ta' Jannar 2012 mill-Kummissarju għall-Baġits u l-Ipprogrammar Finanzjarju li tesprimi r-rieda tal-Kummissjoni li tnaqqas l-għadd ta' postijiet fit-tabella tal-persunal b'1 % sa mill-2013 filwaqt li jitqiesu b'attenzjoni l-effetti varji fuq id-direttorati ġenerali kbar, ta' daqs medju u żgħar; bi ħsiebu janalizza mill-qrib l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tnaqqas sal-2018 il-persunal fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE b'5 % meta mqabbel mal-2013, u jfakkar li dan għandu jitqies bħala objettiv ġenerali; ifakkar li kwalunkwe tibdil fil-pjan ta' stabbiliment għandu impatt dirett fuq il-baġit u m'għandu bl-ebda mod jikkomprometti l-prerogattivi baġitarji tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Parlament Ewropew; iqis li kull tnaqqis tal-persunal fuq perjodu ta' żmien qasir u fit-tul għandu jkun ibbażat fuq valutazzjoni tal-impatt preliminari u jikkunsidra bis-sħiħ, inter alia, l-obbligi legali tal-Unjoni kif ukoll il-kompetenzi l-ġodda tal-istituzzjonijiet u ż-żieda fil-kompiti li joħorġu mit-trattati;

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

31. Ifakkar fl-importanza ta' kooperazzjoni interistituzzjonali mill-qrib u kostruttiva matul il-proċedura u jafferma r-rieda tiegħu li jikkontribwixxi bis-sħiħ għal din il-kooperazzjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-TFUE; jistenna li l-linji gwida preżenti jitqiesu bis-sħiħ matul il-proċedura baġitarja kif ukoll fit-tħejjija tal-abbozz tal-baġit;

*

* *

32. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri.

## Taħriġ ġudizzjarju

P7_TA(2012)0079

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2012 dwar it-Taħriġ Ġudizzjarju (2012/2575(RSP))**

(2013/C 251 E/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jipprevedu l-adozzjoni permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja ta' miżuri li jkollhom l-għan li jiżguraw "appoġġ fit-taħriġ tal-ġudikatura u l-persunal ġudizzjarju",

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10/09/1991 dwar l-istabbiliment ta' l-Akkademja tal-Liġi Ewropea ([1]), il-pożizzjoni tiegħu tal-24/09/2002 dwar l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Netwerk Ewropew għat-Taħriġ Ġudizzjarju ([2]), ir-riżoluzzjoni tiegħu tad-09/07/2008 l-irwol tal-imħallef nazzjonali fis-sistema ġudizzjarju Ewropea ([3]), u r-rakkomandazzjoni tiegħu tas-7/05/2009 lill-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' żona tal-UE għall-ġustizzja kriminali ([4]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Pjan ta' Azzjoni li Jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma (COM(2010)0171),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-Programm ta' Stokkolma ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2010 dwar it-taħriġ ġudizzjarju ([6]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tat-13 ta' Settembru 2011, "Inkattru l-Fiduċja f'Ġustizzja Ewropea - Dimensjoni Ġdida Għat-Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew" (COM(2011)0551),

— wara li kkunsidra l-proġett pilota dwar it-taħriġ ġudizzjarju propost mill-Parlament fl-2011,

([1]) ĠU C 267, 14.10.1991, p. 33.
([2]) ĠU C 273 E, 14.11.2003, p. 99.
([3]) ĠU C 294 E, 3.12.2009, p. 27.
([4]) ĠU C 212 E, 5.8.2010, p. 116.
([5]) ĠU C 285 E, 21.10.2010, p. 12.
([6]) ĠU C 236 E, 12.8.2011, p. 130.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

— wara li kkunsidra l-istudju kumparattiv dwar it-taħriġ ġudizzjarju fl-Istati Membri kkummissjonat mill-Parlament mingħand ERA b'kollaborazzjoni mal-EJTN, ([1])

— wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura,

A. billi l-istudju evalwa l-attività żviluppata f'dan il-qasam mill-iskejjel nazzjonali għall-ġudikatura, inkluż it-tip ta' taħriġ offrut, il-kundizzjonijiet relevanti, u r-riżorsi baġitarji, bl-għan ukoll li jiġu identifikati l-ħtiġijiet u suġġerimenti għal titjib u l-aqwa prattiki, u jinkludi r-riżultati ta' stħarriġ profond ta' aktar minn 6 000 imħallef u prosekutur fl-Istati Membri li jiffoka fuq l-esperjenza tagħhom tat-taħriġ legali tal-UE u s-suġġerimenti tagħhom għal titjib,

B. billi t-taħriġ ġudizzjarju għandu jissejjaħ "studji ġudizzjarji" biex jirrifletti n-natura speċjali tal-iżvilupp intellettwali kontinwu li l-membru tal-ġudikatura jridu jwettqu u li fil-fatt l-aħjar persuni biex jipprovdu studji ġudizzjarji huma l-imħallfin infushom,

C. billi bħalissa l-provvista tat-taħriġ għadha 'l bogħod mill-kisba tal-mira tal-Kummissjoni ta' nofs il-professjonisti legali tal-UE,

D. billi skont l-istudju, l-ostakoli lingwistiċi, nuqqas ta' tagħrif (f'waqtu) dwar il-programmi eżistenti, il-fatt li l-programmi mhux dejjem huma adatti għall-ħtiġijiet tal-imħallfin, flimkien mal-ammonti ta' xogħol kbar li jkollhom l-imħallfin, u n-nuqqas ta' finanzjament relevanti huma fost ir-raġunijiet għal-livell relattivament baxx ta' persuni li pparteċipaw fl-istħarriġ li qed jirċievu taħriġ fid-dritt tal-UE (53%, li terz biss minnhom irċevewh f'dawn l-aħħar ħames snin),

E. billi jkun għaqli, anke mil-lat baġitarju fis-sitwazzjoni attwali ta' strettezza finanzjarja, li nisfruttaw l-istituzzjonijiet eżistenti, partikolarment l-iskejjel nazzjonali tat-taħriġ ġudizzjarju iżda anke l-universitajiet u l-korpi professjonali, f'dak li jirrigwarda l-aspetti tal-"liġi nazzjonali" tal-bini ta' kultura ġudizzjarja Ewropea; billi, b'dan il-mezz jistgħu jiġu identifikati l-aħjar prattiki fl-Istati Membri, u mrawwma u mxerrda mal-UE kollha; billi rigward it-taħriġ fid-dritt tal-UE, l-Akkademja tad-Dritt Ewropew (ERA) għandha tkompli ssegwi r-rwol tagħha,

F. billi, bħalma diġà stqarr il-Parlament, il-qasam ġudizzjarju Ewropew irid ikun mibni fuq kultura ġudizzjarja Ewropea fost il-prattikanti, il-ġudikatura u l-prosekuturi li ma tkunx ibbażata biss fuq il-liġi Ewropea imma żviluppata permezz ta' għarfien u fehim reċiproċi tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali, reviżjoni kompluta tal-kurrikula universitarji, skambji, żjarat ta' studju u taħriġ komuni bl-appoġġ attiv tan-Netwerk Ewropew għat-Taħriġ Ġudizzjarju u l-Akkademja tal-Liġi Ewropea, in-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju u l-Istitut tal-Liġi Ewropea,

G. billi t-taħriġ ġudizzjarju għandu jkun marbut ma' riflessjoni dwar ir-rwol tradizzjonali tal-ġudikatura u l-modernizzazzjoni tagħha, il-ftuħ tagħha u t-twessigħ tal-orizzonti tagħha; billi dan jinvolvi wkoll taħriġ lingwistiku u l-promozzjoni tal-istudju tad-dritt kumparattiv u d-dritt internazzjonali,

H. billi hija wkoll kwistjoni ta' ħolqien ta' kultura ġudizzjarja komuni fost il-membri tal-ġudikatura bl-użu tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ix-xogħol tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa eċċ. għall-promozzjoni tal-valuri ewlenin tal-professjoni ġudizzjarja permezz ta' diskuzzjoni u promulgazzjoni tal-etika professjonali komuni, l-istat tad-dritt u l-prinċipji għall-ħatra u l-għażla tal-imħallfin, u sabiex tkun evitata l-politiċizzazzjoni tal-ġudikatura, u l-promozzjoni tal-fiduċja reċiproka meħtieġa biex iż-żona ġudizzjarja komuni ssir realtà,

I. billi jeħtieġ li jinħolqu netwerks bejn l-imħallfin ta' kulturi differenti u koordinament aħjar tan-netwerks eżistenti għall-ħolqient ta' "ċrieki ta' koerenza"; billi għal dan l-iskop, il-komunikazzjoni elettronika mhix biżżejjed, jeħtieġ ikun hemm fora fejn l-imħallfin ikunu jistgħu jagħmlu kuntatt u hu essenzjali li jkunu involuti imħallfin mill-Qrati ta' Lussemburgu u ta' Strasburgu,

J. billi l-istudji ġudizzjarji ma jistgħux ikunu limitati għal-liġi sostantiva u proċedurali, l-imħallfin jeħtieġu taħriġ relatat max-xogħol ġudizzjarju tagħhom u mas-"sengħa tal-imħallef",

([1]) http://www.europarl.europa.eu/delegations/en/studiesdownload.html?languageDocument=EN&file=60091

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

1. Jirrikonoxxi li l-kuntatti diretti huma l-aħjar għażla, u jemmen li, fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji, kif ukoll ir-risposti li taw l-imħallfin fl-istudju, taħriġ u pariri tali jistgħu jiġu pprovduti wkoll permezz tal-internet (vidjokonferenzi, korsijiet onlajn, webstreaming) kif ukoll permezz ta' skambji; jinnota li l-imħallfin talbu li jkun hemm aktar valutazzjoni u adattament tal-programmi ta' taħriġ għall-ħtiġijiet tagħhom, filwaqt li donnhom li jippreferu t-taħriġ interattiv fejn jistgħu jiskambjaw l-esperjenzi u jiddiskutu l-każijiet minflok metodi ta' taħriġ "klassiċi" (huma jgħallmu, l-istudenti jisimgħu);

2. Iqis li għan ulterjuri jkun il-koordinament tal-għoti tat-taħriġ provdut minn skejjel eżistenti tat-taħriġ ġudizzjarju u l-faċilitazzjoni u l-promozzjoni tad-djalogu u l-kuntatti professjonali;

3. Jinnota li t-taħriġ multilingwi huwa importanti, għax l-istudju juri li għadd relattivament żgħir ta' mħallfin jitkellmu lingwa barranija tajjeb biżżejjed biex ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv f'taħriġ ġudizzjarju fi Stati Membri oħra;

4. Hu tal-fehma li mezz wieħed biex jiġu riżolti l-problemi (spejjeż, taħriġ lingwistiku, effikaċja tan-nefqa) hu li tintuża t-teknoloġija moderna u jkun finanzjat il-ħolqien ta' "Apps" simili għall-ITunes U tal-korporazzjoni Apple; tali Apps, imħejjija mill-iskejjel nazzjonali, ERA, l-universitajiet u ħarrieġa oħra, jkunu jikkonsistu minn korsijiet ta' taħriġ, b'materjal viżiv, inkluż taħriġ lingwistiku (b'enfasi partikolari fuq it-terminoloġija legali) u struzzjonijiet dwar is-sistemi legali nazzjonali, proċeduri legali partikolari eċċ, u jkun bla ħlas għall-membri tal-ġudikatura;

5. Iqis li parteċipazzjoni b'suċċess f'korsijiet tali tista' tiftaħ il-bibien għal Erasmus għall-imħallfin u parteċipazzjoni f'korsijiet ta' taħriġ barra mill-pajjiż;

6. Jissuġġerixxi li tali Apps jistgħu ukoll ikunu magħmula disponibbli għall-prattikanti legali, korpi professjonali, akkademiċi u studenti tal-liġi bi ħlas modest u li l-iżvilupp u l-produzzjoni tagħhom jista' jagħti spinta lill-ekonomija u lill-impjegar bi spejjeż relattivament baxxi;

7. Iqis, rigward il-proġett pilota ppreżentat minn Luigi Berlinguer u Erminia Mazzoni u li se jsir fl-2012, li dan għandu jimmira, l-ewwel nett, biex jidentifika u jespandi l-aħjar prattiki fl-organizzar tal-aċċess għal-liġi tal-UE u taħriġ relevanti fi ħdan is-sistemi ġudizzjarji u skejjel ta' taħriġ nazzjonali: pereżempju, l-UE għandha tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jsegwu l-eżempju ta' istituzzjonijiet ta' suċċess, bħall-koordinaturi tal-liġi tal-UE, kif jeżistu fl-Italja u fil-Pajjiżi l-Baxxi fi ħdan l-istruttura tal-qrati nazzjonali, u tippromwovi t-taħriġ ta' tali koordinaturi u tiffaċilita b'modi oħra x-xogħol tagħhom fil-livell tal-UE;

8. Hu tal-fehma li l-proġett pilota jista' jinkludi l-ħolqien ta' grupp ta' ħidma li jinkludi fornituri ta' taħriġ ġudizzjarju nazzjonali u Ewropew kif ukoll atturi extraġudizzjarji, li l-għan tagħhom ikun li jidentifikaw sensiela ta' "gruppi" tematiċi ta' kwistjonijiet tal-liġi tal-UE bl-ikbar relevanza għall-prattika ġudizzjarja ta' kuljum, kemm dwar kwistjonijiet "prattiċi" (kif tibgħat talba għal deċiżjoni preliminari, kif taċċessa l-bażijiet tad-data tal-liġi tal-UE, eċċ.) kif ukoll kwistjonijiet sostantivi;

9. Jissuġġerixxi li l-proġett pilota jista' jikkoordina (a) l-iskambju ta' pariri u għarfien dwar is-sistemi legali individwali fost l-iskejjel ta' taħriġ ġudizzjarju individwali, filwaqt li jibni fuq in-netwerks u r-riżorsi eżistenti u (b) taħriġ formali u familjarizzazzjoni mas-sistemi legali barranin;

10. Jipproponi, fl-aħħar nett, li l-Kummissjoni torganizza forum annwali fejn l-imħallfin ta' kull livell ta' anzjanità f'oqsma tal-liġi fejn sikwit jinqalgħu kwistjonijiet domestiċi u transfruntieri jkunu jistgħu jiddiskutu dwar qasam wieħed jew aktar riċenti ta' kontraversja jew diffikultà, biex tiġi mħeġġa d-diskussjoni, jinbdew il-kuntatti, jinħolqu kanali ta' komunikazzjoni u jinbnew il-fiduċja u l-komprensjoni reċiproka; forum ta' dan it-tip jista' jservi ta' opportunità għall-awtoritajiet kompetenti, dawk li jipprovdu t-taħriġ u l-esperti, inklużi l-universitajiet u l-korpi profes'jonali, biex jiddiskutu l-politika tat-taħriġ ġuridiku u l-ġejjieni tal-edukazzjoni legali fl-Ewropa;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

# It-tħaddim tat-tfal fis-settur tal-kawkaw

P7_TA(2012)0080

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2012 dwar it-tħaddim tat-tfal fis-settur tal-kawkaw (2011/2957(RSP))**

(2013/C 251 E/08)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 3, 6 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 206 u 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO) Nru 182 rigward il-Projbizzjoni u l-Azzjoni Immedjata għall-Eliminazzjoni tal-Agħar Forom tat-Tħaddim tat-Tfal, il-Konvenzjoni ILO Nru 138 dwar l-Età Minima għad-Dħul fl-Impjieg u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar id-Drittijiet tat-Tfal,

— wara li kkunsidra l-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw, b'mod partikolari l-Artikoli 42 u 43 tiegħu,

— wara li fakkar fir-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar it-traffikar tat-tfal u l-isfruttar tat-tfal f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw,

— wara li fakkar fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali fil-ftehimiet ta' kummerċ internazzjonali [1] u dwar ir-responsabbiltà soċjali korporattiva fi ftehimiet kummerċjali internazzjonali [2],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-ILO tikkalkula li madwar id-dinja qegħdin jitħaddmu aktar minn 215-il miljun tifel u tifla u dawn qed jaħdmu f'attivitajiet li għandhom jiġu aboliti; billi 152 miljun minn dawn it-tfal huma taħt l-età ta' 15-il sena u 115-il miljun minnhom jaħdmu f'attivitajiet perikolużi;

B. billi, għall-fini ta' din ir-riżoluzzjoni, it-tħaddim tat-tfal ifisser tħaddim tat-tfal kif definit mill-ILO fil-Konvenzjoni Nru 138 dwar l-Età Minima għad-Dħul fl-Impjieg u l-Konvenzjoni Nru 182 rigward il-Projbizzjoni u l-Azzjoni Immedjata għall-Eliminazzjoni tal-Agħar Forom tat-Tħaddim tat-Tfal, rispettivament,

C. billi l-Parlament għandu jagħti l-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw; billi l-partijiet interessati wrew tħassib serju dwar it-tħaddim tat-tfal fit-tkabbir u l-ġbir taż-żerriegħa tal-kawkaw;

D. billi 70% tal-produzzjoni tal-kawkaw hija kkultivata fl-Afrika tal-Punent u f'dak ir-reġjun madwar 7,5 miljun persuna jaħdmu fil-produzzjoni tal-kawkaw, kważi esklussivament f'impriżi żgħar tal-familja b'madwar 1,5 u 2 miljun farm immexxija minn familja mferrxin fl-Afrika tal-Punent; billi t-tkabbir tal-kawkaw huwa xogħol intensiv ħafna waqt l-istaġun tal-ħsad u l-produtturi jaffaċċjaw pressjonijiet kbar mill-atturi tas-swieq nazzjonali u internazzjonali biex iżommu baxxi l-ispejjeż tal-produzzjoni; billi fi żmien ta' xogħol intensiv, il-membri tal-familja kollha, tfal inklużi, huma involuti; billi t-tħaddim tat-tfal jista' joħloq riskji inaċċettabbli;

E. billi, skont l-ILO, mhux kull xogħol li jsir mit-tfal għandu jiġi kklassifikat bħala tħaddim tat-tfal li jrid jiġi eliminat u għalhekk għandha tiġi stabbilita distinzjoni ċara bejn iż-żewġ forom; billi l-parteċipazzjoni tat-tfal jew l-adolexxenti f'xogħol li ma jaffettwax l-iżvilupp personali u ta' saħħithom jew ma jinterferixxix mal-edukazzjoni tagħhom, huwa ġeneralment ikkunsidrat bħala xi ħaġa pożittiva, ħlief jekk ix-xogħlijiet huma perikolużi jew iżommu lit-tfal milli jattendu l-iskola;

[1] Testi adottati, P7_TA(2010)0434.
[2] Testi adottati, P7_TA(2010)0446.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

F. billi studji li saru fil-Gana u l-Côte d'Ivoire jissuġġerixxu li tfal li jaħdmu fil-farms tal-kawkaw huma esposti għal tipi differenti ta' perikli; billi, barra minn hekk, xi tfal setgħu ġew ittraffikati minn reġjuni oħra tal-pajjiż jew minn pajjiżi ġirien; billi jeħtieġ issir aktar riċerka dwar l-inċidenza ta' tħaddim tat-tfal u ta' traffikar tat-tfal fir-reġjun, għaliex għad m'hemmx data verifikata;

G. billi l-prattika tal-agħar forom ta' tħaddim tat-tfal fit-tkabbir u l-ġbir taż-żerriegħa tal-kawkaw hija inaċċettabli;

H. billi fis-snin reċenti l-programmi u l-inizjattivi biex jikkumbattu l-agħar forom ta' tħaddim tat-tfal fil-farms tal-kawkaw tal-Afrika tal-Punent wasslu għal progress sinifikanti, għalkemm għad fadal ħafna xi jsir minħabba l-iskala vasta ta' dan is-settur; billi l-bidu mill-ġdid tas-sitwazzjonijiet ta' kunflitt fir-reġjun, b'mod partikulari fil-Côte d'Ivoire reġa' ggrava s-sitwazzjoni tat-tfal;

I. billi l-faqar u n-nuqqas ta' alternattivi għall-ġenerazzjoni ta' introjtu, l-iskarsezza jew in-nuqqas totali ta' opportunitajiet għaż-żgħażagħ barra mill-iskola, l-istrutturi tal-komunità u l-attitudnijiet prevalenti riġidi, in-nuqqas ta' protezzjoni legali adegwata tad-drittijiet tat-tfal u l-fatt li m'hemmx edukazzjoni pubblika obbligatorja għat-tfal kollha irrispettivament mis-sess tagħhom, biex ma nsemmux il-korruzzjoni u t-tmexxija ħażina, huma fatturi soċjoekonomiċi u politiċi li jistgħu jikkontribwixxu għall-abbuż rikorrenti tat-tfal f'xi partijiet tad-dinja;

J. ifakkar fir-responsabilità primarja tal-gvernijiet tal-pajjiżi kollha dwar l-implimentazzjoni sħiħa tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, il-Konvenzjoni tal-ILO Nru 138 dwar l-Età Minima għad-Dħul fl-Impjieg u l-Konvenzjoni Nru 182 rigward il-Projbizzjoni u l-Azzjoni Immedjata għall-Eliminazzjoni tal-Agħar Forom tat-Tħaddim tat-Tfal, rispettivament;

K. ifakkar fl-istrateġija tal-UE dwar ir-Responabilità Soċjali Korporattiva (2011-2014), il-Global Compact tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari l-Prinċipju 5 tiegħu dwar l-abolizzjoni tat-tħaddim tat-tfal, u l-Protokol Harkin-Engel, li jipprovdu qafas utli għar-responsabilità soċjali korporattiva fis-settur tal-kawkaw;

1. Iħeġġeġ lil dawk l-istati li għad iridu jirratifikaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Konvenzjonijiet 138 u 182 tal-ILO sabiex jirratifikawhom u jimplimentawhom mingħajr telf ta' żmien; hu tal-opinjoni, barra minn hekk, li l-istati għandhom jimplimentaw il-politiki kollha meħtieġa biex ikabbru l-għarfien dwar l-abbuż tat-tfal fis-suq tax-xogħol u l-ħtieġa li jikkonformaw mar-regoli eżistenti nazzjonali u internazzjonali;

2. Jikkundanna bil-qawwa l-użu tat-tħaddim tat-tfal fl-għelieqi tal-kawkaw;

3. Jistieden lill-partijiet interessati kollha involuti fit-tkabbir u l-ipproċessar taż-żerriegħa tal-kawkaw u l-prodotti derivati tagħhom - jiġifieri l-gvernijiet, l-industrija globali, il-produtturi tal-kawkaw, ix-xogħol organizzat, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-konsumaturi - iwettqu r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom fil-ġlieda kontra l-forom kollha tat-tħaddim furzat u t-traffikar tat-tfal, jaqsmu l-kompetenzi u jikkollaboraw biex tinħoloq katina ta' provvista tal-kawkaw sostenibbli u ħielsa mit-tħaddim tat-tfal;

4. Hu tal-fehma li qafas olistiku u koordinat biss, li jindirizza l-kawżi oriġinali tat-tħaddim tat-tfal, implimentat fuq perjodu twil mill-gvernijiet, l-industrija, il-kummerċjanti, il-produtturi u s-soċjetà ċivili, jista' jwassal għal tibdil sinifikanti;

5. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura koerenza politika fl-inizjattivi kollha tagħha, jiġifieri dawk relatati mal-kummerċ, l-iżvilupp (b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess tat-tfal għall-edukazzjoni), id-drittijiet tal-bniedem, l-akkwist pubbliku u r-responsabbiltà soċjali korporattiva u biex tinkoraġġixxi l-iskambju tal-aħjar prattika bejn setturi ekonomiċi differenti fejn iseħħ it-tħaddim tat-tfal;

6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-ftehimiet kollha dwar il-kummerċ jinkludu dispożizzjonijiet effikaċi li jittrattaw it-tnaqqis tal-faqar u l-promozzjoni ta' xogħol deċenti u ta' kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri flimkien ma' klawżoli vinkolanti dwar id-drittijiet tal-bniedem miftiehma internazzjonalment, l-istandards soċjali u ambjentali u l-infurzar tagħhom, akkumpanjati minn miżuri li jiġu applikati fil-każijiet ta' ksur;

7. Ifakkar li s-Sistema ta' Preferenzi Ġeneralizzati (SPĠ) tal-UE, l-istrument prinċipali tal-politika għall-kummerċ tal-UE għall-promozzjoni tal-istandards bażiċi tax-xogħol, qed tiġi eżaminata u li l-preferenzi kummerċjali mogħtija lill-pajjiżi benefiċjarji skont dik is-sistema jistgħu jitneħħew f'ċirkostanzi speċifiċi, jiġifieri f'każ ta' ksur serju u sistematiku tal-prinċipji stabbiliti f'numru ta' konvenżjonijiet fundamentali tal-ILO, inklużi l-Konvenżjonijiet 138 u 182;

8. Ifakkar li, fil-15 ta' Diċembru 2011, il-Parlament iddeċieda li ma jagħtix il-kunsens tiegħu għal Protokoll tat-Tessuti għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Uzbekistan minħabba tħassib relatat mal-użu tat-tħaddim furzat tat-tfal fl-għelieqi tal-qoton fl-Uzbekistan, u rrakkomanda li l-UE tinvestiga l-possibilità li temporanjament tneħħi l-benefiċċji tas-SPĠ tal-Uzbekistan jekk il-korpi ta' monitoraġġ tal-ILO jikkonkludu li jeżisti ksur serju u sistematiku tal-obbligi tal-Uzbekistan ([1]);

9. Jilqa' l-inizjattivi kollha tad-diversi partijiet interessati li jinvolvu l-gvernijiet, l-industriji, il-produtturi u s-soċjetà ċivili bil-għan li jinqered it-tħaddim tat-tfal, jitjiebu l-ħajjiet tat-tfal u tal-adulti fil-farms tal-kawkaw u jiġi żgurat li l-kawkaw jitkabbar b'mod responsabbli, bħall-inizjattiva reġjonali reċenti tal-OECD, is-Segretarjat tal-Klabb tas-Sahel u l-Afrika tal-Punent u l-Inizjattiva Internazzjonali tal-Kawkaw sabiex tiġi promossa l-aħjar prattika għall-ġlieda kontra l-agħar forom tat-tħaddim tat-tfal fil-farms tal-kawkaw fl-Afrika tal-Punent; jirrimarka li dawn l-inizjattivi jeħtieġu segwitu xieraq sabiex jiġi żgurat progress ġenwin; iħeġġeġ lill-gvernijiet iżidu l-appoġġ tagħhom għan-netwerks tal-kummerċ ġust fis-settur tal-kawkaw u għall-kooperattivi rurali, sabiex ikunu jistgħu ibigħu l-prodott tagħhom direttament lis-swieq nazzjonali u internazzjonali, b'hekk jevitaw l-intermedjarji u jiksbu prezz ġust; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa tali miżuri;

10. Jappoġġa l-għanijiet tal-Protokoll għat-Tkabbir u l-Ipproċessar taż-Żerriegħa tal-Kawkaw u l-Prodotti Derivati tagħhom b'mod konformi mal-Konvenzjoni 182 tal-ILO rigward il-Projbizzjoni u l-Azzjoni Immedjata għall-Eliminazzjoni tal-Agħar Forom tat-Tħaddim tat-Tfal (magħruf bħala l-'Protokoll Harkin-Engel') u jitlob l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu;

11. Ifakkar li s-CEN (Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni) reċentement iddeċieda li jwaqqaf kumitat għal proġett ġdid sabiex jiżviluppa standard Ewropew f'żewġ partijiet għal kawkaw traċċabbli u sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra, u jekk xieraq tressaq proposta leġiżlattiva dwar, mekkaniżmu effikaċi ta' traċċabilità għal dawk il-prodotti li jinħadmu permezz ta' tħaddim furzat tat-tfal; jistieden is-sħab tal-Ftehim Internazzjonali tal-Kawkaw jappoġġaw titjib fil-katina ta' provvista u organizzazzjoni aħjar tal-bdiewa sabiex jingħata lok għal traċċabilità aħjar fil-katina tal-provista tas-settur kollu tal-kawkaw;

12. Jistieden lis-sħab tal-Ftehim Internazzjonali tal-Kawkaw jikkunsidraw il-possibbiltà li jintroduċu traċċabilità tal-katina tal-provvista tal-kawkaw ivverifikata minn parti terza akkreditata;

13. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-ILO-IPEC, u lis-sħab l-oħra jkomplu bl-isforzi tagħhom sabiex jiksbu għarfien aħjar tal-komplessitajiet ekonomiċi, soċjali u kulturali fil-komunitajiet tal-farms;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-UNICEF, lill-kopresidenti tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE, lill-Unjoni Afrikana u lill-ILO.

([1]) Testi adottati, P7_TA(2011)0586.

## Il-ġlieda kontra l-epidemija tad-dijabete fl-UE

P7_TA(2012)0082

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2012 dwar l-indirizzar tal-epidemija tad-dijabete fl-UE (2011/2911(RSP))**

(2013/C 251 E/09)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Saint Vincent dwar il-Kura u r-Riċerka tad-Dijabete fl-Ewropa, adottata waqt l-ewwel laqgħa tal-Programm ta' Azzjoni dwar id-Dijabete tad-Dikjarazzjoni ta' Saint Vincent, li saret f'Saint Vincent bejn l-10 u t-12 ta' Ottubru 1989 (1),

— wara li kkunsidra l-ħolqien mill-Kummisjoni ta' Pjattaforma tal-UE dwar id-Dieta, l-Attività Fiżika u s-Saħħa fil-15 ta' Marzu 2005 (2),

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tat-8 ta' Diċembru 2005 dwar "Il-promozzjoni ta' dieta tajba għas-saħħa u tal-attività fiżika: Dimensjoni Ewropea għall-prevenzjoni tal-ħxuna, l-obeżità u l-mard kroniku", li tindirizza d-determinanti li fuqhom huwa bbażat il-bidu tad-dijabete tat-Tip 2 (COM(2005)0637),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Konferenza tal-Presidenza Awstrijaka "Il-prevenzjoni tad-dijabete tat-Tip 2", li saret fil-15 u s-16 ta' Frar 2006 fi Vjenna (3),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tiegħu tas-27 ta' April 2006 dwar id-dijabete (4),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni ta' stili ta' ħajja li huma tajbin għas-saħħa u l-prevenzjoni tad-dijabete tat-Tip 2 (5),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kumitat Reġjonali għall-Ewropa tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tal-11 ta' Settembru 2006 bit-titolu "Il-Prevenzjoni u l-kontroll ta' mard li ma jitteħidx fir-reġjun Ewropew tal-WHO" (6),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni Nru 61/225 tan-Nazzjonijiet Uniti tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-Jum Dinji tad-Dijabete.

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 li tistabbilixxi t-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013) (7) u d-Deċiżjoni sussegwenti tal-Kummissjoni tat-22 ta' Frar 2011 dwar l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' finanzjament għall-2011 fil-qafas tat-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-13) u dwar l-għażla, l-għoti u kriterji oħra għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-azzjonijiet ta' dan il-programm (8),

— wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni tat-23 ta' Ottubru 2007 bit-titolu "Flimkien għas-Saħħa: Approċċ Strateġiku għall-UE 2008-2013" (COM(2007)0630),

— wara li kkunsidra s-Seba' Programm Kwadru għall-attività ta' riċerka (2007-2013) (9) u l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (COM(2011)0808),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ottubru 2009 bit-titolu "Is-solidarjetà fis-saħħa: it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa fl-UE" (COM(2009)0567),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni Nru 64/265 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tal-20 ta' Mejju 2010 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard li ma jitteħidx.

(1) http://www.idf.org/webdata/docs/idf-europe/SVD%201989.pdf
(2) http://ec.europa.eu/health/nutrition_physical_activity/platform/index_en.htm
(3) http://www.msps.es/organizacion/sns/planCalidadSNS/pdf/excelencia/cuidadospaliativos-diabetes/DIABETES/opsc_est9.pdf.
(4) ĠU C 296 E, 6.12.2006, p. 273.
(5) ĠU C 147, 23.6.2006, p. 1.
(6) http://www.euro.who.int/__data/assets/pdf_file/0004/77575/RC56_eres02.pdf
(7) ĠU L 301, 20.11.2007, p. 3.
(8) ĠU C 69, 3.3.2011, p. 1.
(9) ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.

— wara li kkunsidra r-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet prinċipali tal-proġett FP7-HEALTH-200701 imwaqqaf fid-'DIAMAP – Pjan Direzzjonali għar-Riċerka dwar id-Dijabete fl-Ewropa' ([1]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2010 bit-titolu "Inizjattiva ewlenija Europa 2020 – Unjoni innovattiva" (COM(2010)0546), u s-sħubija pilota tagħha dwar it-tixjiħ attiv u b'saħħtu,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2010 bit-titolu "Approċċi innovattivi għall-mard kroniku fis-sistemi tas-saħħa pubblika u ta' kura tas-saħħa",

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni Nru 65/238 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tal-24 ta' Diċembru 2010 dwar l-iskop, il-modalitajiet, il-format u l-organizzazzjoni tal-Laqgħa ta' Livell Għoli tal-Assemblea Ġenerali dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll ta' Mard li ma jitteħidx,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Moska adottata matul l-Ewwel Konferenza Ministerjali Dinjija tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Istili ta' Ħajja Tajbin għas-Saħħa u l-Kontroll tal-Mard li ma Jitteħidx, li saret f'Moska mit-28 sad-29 ta' April 2011 ([2]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Settembru 2011 dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-impenn tagħha bil-quddiem għal-laqgħa ta' livell għoli tan-NU dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard li ma jitteħidx ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi d-dijabete hija waħda mill-iktar komuni fost il-mard li ma jitteħidx, kkalkolata li taffettwa iktar minn 32 miljun ċittadin tal-UE, li jirrappreżentaw kważi 10 % tal-popolazzjoni kollha tal-UE, bi 32 miljun ċittadin ieħor li jsofru minn intolleranza għall-glukożju u bi probabilità kbira ħafna li tevolvi f'dijabete klinika ċara ([4]);

B. billi n-numru ta' persuni li qed jgħixu bid-dijabete fl-Ewropa huwa mistenni jiżdied b'16.6 % sal-2030, konsegwenza tal-epidemija tal-obeżità, it-tixjiħ tal-popolazzjoni Ewropea u fatturi oħrajn li għad iridu jiġu determinati;

C. billi d-dijabete tat-Tip 2 tnaqqas il-medja ta' għomor il-bniedem b'bejn 5 u 10 snin ([5]) u d-dijabete tat-Tip 1 tnaqqas il-medja ta' għomor il-bniedem b'madwar 20 sena ([6]) filwaqt li 325 000 mewt fis-sena huma attribwiti lid-dijabete fl-UE ([7]) jiġifieri ċittadin tal-UE kull żewġ minuti;

D. billi t-tnaqqis tal-fatturi ta' riskju identifikati, l-iktar id-drawwiet marbuta mal-istil ta' ħajja, huwa dejjem aktar rikonoxxut bħala strateġija ewlenija ta' prevenzjoni li tista' tnaqqas l-inċidenza, il-prevalenza u l-kumplikazzjonijiet kemm għad-dijabete tat-Tip 1 kif ukoll għal dik tat-Tip 2;

E. billi għadha meħtieġa riċerka biex jiġu identifikati b'mod ċar il-fatturi ta' riskju għad-dijabete tat-Tip 1, billi qed issir riċerka dwar il-predispożizzjoni ġenetika u billi d-dijabete tat-Tip 1 qed tiżviluppa dejjem aktar f'età żgħira;

F. billi d-dijabete tat-Tip 2 hija marda li tista' tiġi evitata u li l-fatturi ta' riskju għaliha - bħal dieta fqira u mhux ibbilanċjata, l-obeżità, in-nuqqas ta' attività fiżika u l-konsum tal-alkoħol - ġew identifikati b'mod ċar u jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' strateġiji effikaċi ta' prevenzjoni;

[1] http://www.diamap.eu/report/DIAMAP-Road-Map-Report-Sept2010.pdf
[2] http://www.who.int/nmh/events/moscow_ncds_2011/conference_documents/moscow_declaration_en.pdf
[3] Testi adottati, P7_TA(2011)0390.
[4] Federazzjoni Internazzjonali tad-Dijabete IDF Diabetes Atlas, 4th edn. 2009. http://www.diabetesatlas.org/downloads
[5] http://www.euro.who.int/__data/assets/pdf_file/0003/98391/E93348.pdf
[6] http://www.diabetes.org.uk/Documents/Reports/Diabetes_in_the_UK_2010.pdf
[7] Federazzjoni Internazzjonali tad-Dijabete IDF Diabetes Atlas, 3rd edn. Brussels, 2006 http://www.diabetesatlas.org/sites/default/files/IDF%20Diabetes%20Atlas-2007%20(3rd%20edition).pdf

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

G. billi għalissa għad m'hemmx kura għad-dijabete;

H. billi l-komplikazzjonijiet tad-dijabete tat-Tip 2 jistgħu jiġu evitati permezz ta' promozzjoni ta' stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa u ta' dijanjosi bikrija; billi ta' spiss qed issir dijanjosi tad-dijabete tard wisq peress u sa 50 % tal-persuni kollha bid-dijabete bħalissa mhumiex konxji mill-kundizzjoni tagħhom [1];

I. billi sa 75 % tal-persuni kollha li għandhom id-dijabete mhumiex f'kontroll tajjeb tal-kundizzjoni tagħhom, ħaġa li twassal għal riskju akbar ta' komplikazzjonijiet, telf ta' produttività u spejjeż kbar għas-soċjetà [2] kif instab minn studju riċenti [3];

J. billi f'ħafna Stati Membri d-dijabete hija responsabbli għal iktar minn 10 % tal-infiq għall-kura tas-saħħa, ċifra li xi kultant titla' sa 18,5 % [4], u l-ispiża ġenerali għall-kura tas-saħħa għal ċittadin tal-UE bid-dijabete hija bħala medja EUR 2 100 fis-sena [5];

K. billi d-dijabete hija kawża prinċipali ta' attakki tal-qalb, attakki ta' puplesija, agħma, amputazzjoni u problemi bil-kliewi, jekk ma tiġix trattata kif suppost jew djanjostikata tard wisq;

L. billi l-promozzjoni ta' stili tal-ħajja sani u l-indirizzar tal-erba' fatturi prinċipali li huma ta' detriment għas-saħħa – it-tabakk, dieta ħażina, in-nuqqas ta' attività fiżika u l-alkoħol – fl-oqsma politiki kollha jistgħu jagħtu kontribut kbir għall-prevenzjoni tad-dijabate, il-kumplikazzjonijiet tagħha u l-ispejjeż ekonomiċi u soċjali tagħha;

M. billi l-persuni li qed jgħixu bid-dijabete għandhom jipprovdu 95 % tal-kura tagħhom stess [6] u billi l-piż tad-dijabete fuq l-individwi u l-familji tagħhom mhuwiex biss finanzjarju, iżda jinvolvi wkoll kwistjonijiet psikosoċjali u kwalità ta' ħajja iktar fqira;

N. billi 16 biss minn 27 Stat Membru għandhom qafas jew programm nazzjonali fis-seħħ biex tiġi indirizzata d-dijabete, u ma jeżisti ebda kriterju ċar dwar x'inhu programm tajjeb jew liema huma l-pajjiżi tal-aħjar prattika [7]; u billi hemm differenzi u inugwaljanzi konsiderevoli fil-kwalità tat-trattament tad-dijabete fl-UE;

O. billi ma jeżisti l-ebda qafas legali tal-UE għad-diskriminazzjoni kontra l-persuni li jbatu mid-dijabete jew minn mard kroniku ieħor, u l-preġudizzju kontra dawk li jbatu minn dan il-mard għad għandu rwol kbir fl-iskejjel, fir-reklutaġġ, fil-postijiet tax-xogħol, fil-poloz tal-assikurazzjoni u fil-valutazzjoni għal liċenzji tas-sewqan fl-UE kollha;

P. billi hemm nuqqas ta' finanzjament u infrastruttura biex tiġi kkoordinata r-riċerka dwar id-dijabete fl-UE, ħaġa li qed ikollha impatt negattiv fuq il-kompetittività tar-riċerka tal-UE dwar id-dijabete u li qed żżomm persuni li għandhom id-dijabete milli jibbenefikaw għalkollox mir-riċerka fl-Ewropa;

Q. billi bħalissa m'hemm l-ebda strateġija Ewropea biex tiġi indirizzata d-dijabete minkejja l-Konlużjonijiet tal-Kunsill tal-Presidenza Awstrijaka dwar il-promozzjoni ta' stili ta' ħajja li huma tajbin għas-saħħa u l-prevenzjoni tad-dijabete tat-Tip 2 [8], lista estensiva ta' Riżluzzjonijiet tan-NU u d-Dikjarazzjoni bil-Miktub tal-Parlament Ewropew dwar id-dijabete;

---

[1] Diabetes – The Policy Puzzle: towards benchmarking in the EU 25 (2005) il-Federazzjoni Internazzjonali tad-Dijabete, 2006, http://www.idf.org/webdata/docs/idf-europe/DiabetesReport2005.pdf

[2] Diabetes – The Policy Puzzle: towards benchmarking in the EU 25 (2005) il-Federazzjoni Internazzjonali tad-Dijabete, 2006, http://www.idf.org/webdata/docs/idf-europe/DiabetesReport2005.pdf

[3] Diabetes expenditure, burden of disease and management in 5 EU countries, 2012 http://www2.lse.ac.uk/LSEHealthAndSocialCare/research/LSEHealth/MTRG/LSEDiabetesReport26Jan2012.pdf

[4] Diabetes – The Policy Puzzle: towards benchmarking in the EU 27 (2007) http://www.idf.org/webdata/docs/EU-diabetes-policy-audit-2008.pdf

[5] Federazzjoni Internazzjonali tad-Dijabete IDF Diabetes Atlas, 4th edn. Brussell, il-Belġju, 2009 http://www.diabetesatlas.org/downloads

[6] http://www.worlddiabetesday.org/media/press-materials/press-releases/idf-launches-world-diabetes-day-2010-campaign

[7] Diabetes – The Policy Puzzle: towards benchmarking in the EU 27 (2007) http://www.idf.org/webdata/docs/EU-diabetes-policy-audit-2008.pdf

[8] ĠU C 147, 23.6.2006, p. 1.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

1. Jilqa' l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2010, dwar 'Approċċi innovattivi għall-mard kroniku fis-sistemi tas-saħħa pubblika u ta' kura tas-saħħa' ([1]) u t-talba tiegħu lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex 'jibdew proċess ta' riflessjoni mmirat li jidentifika l-għażliet li jottimizzaw ir-reazzjoni għall-isfidi tal-mard kroniku';

2. Jieħu nota tar-Riżoluzzjoni msemmija hawn fuq tal-15 ta' Settembru 2011 dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-impenn tagħha għal-laqgħa ta' livell għoli tan-NU dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard li ma jitteħidx li tiffoka fuq id-dijabete bħala waħda mill-erba' mardiet ewlenin li ma jitteħdux;

3. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa u timplimenta Strateġija mmirata tal-UE għad-Dijabete fil-forma ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-UE dwar il-prevenzjoni, id-djanjosi, il-ġestjoni, l-edukazzjoni u r-riċerka tad-dijabete;

4. Jistieden lill-Kummissjoni tħejji kriterji u metodi komuni u standardizzati għall-ġbir tad-data dwar id-dijabete, u b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, biex tikkoordina, tiġbor, tirreġistra, timmoniterja u tiġġestixxi d-data epidemjoloġika komprensiva dwar id-dijabete u data ekonomika dwar l-ispejjeż diretti u indiretti tal-prevenzjoni u l-ġestjoni tad-dijabete;

5. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw, jimplimentaw u jimmoniterjaw programmi nazzjonali dwar id-dijabete mmirati lejn il-promozzjoni tas-saħħa, it-tnaqqis, it-tbassir u l-prevenzjoni tal-fatturi ta' riskju, id-djanjosi bikrija u t-trattament tad-dijabete, intenzjonati għall-popolazzjoni kollha u għal gruppi li jinsabu f'riskju għoli b'mod partikulari u bl-għan li jnaqqsu l-inugwaljanzi u jottimizzaw ir-riżorsi tal-kura tas-saħħa;

6. Jitlob lill-Istati Membri jippromwovu l-prevenzjoni tad-dijabete tat-Tip 2 u l-obeżità (filwaqt li jirrakkomanda li l-istrateġiji jiġu implimentati minn età bikrija permezz tal-edukazzjoni dwar drawwiet dietetiċi sani u l-attività fiżika fl-iskejjel) strateġiji favur l-istil tal-ħajja san, inklużi approċċi tad-dieta u tal-eżerċizzju; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li l-politiki dwar l-ikel ikunu allinjati mal-objettivi tal-promozzjoni ta' dieta sana, li tippermetti lill-konsumaturi li jagħmlu għażliet infurmati u favur is-saħħa, u ta' dijanjożi bikrija bħala ewlementi ewlenin ta' azzjoni fil-programmi nazzjonali tagħhom dwar id-dijabete;

7. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri billi tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar il-programmi nazzjonali tajbin dwar id-dijabete; jenfasizza l-bżonn li l-Kummissjoni timmoniterja l-progress b'mod kontinwu fir-rigward tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-programmi nazzjonali dwar id-dijabete u li tippreżenta r-riżultati kull tliet snin fil-forma ta' rapport tal-Kummissjoni;

8. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw programmi ta' ġestjoni tad-dijabete ibbażati fuq l-aħajr prattiki kif ukoll linji gwida dwar it-trattament ibbażati fuq l-evidenza;

9. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw l-aċċess kontinwu għall-pazjenti tal-kura primarja u sekondarja għal timijiet interdixxiplinari, trattamenti tad-dijabete u teknoloġiji ta' kwalità għolja, inklużi teknoloġiji tas-saħħa elettronika, u biex jappoġġaw lill-pazjenti fil-ksib u ż-żamma tal-ħiliet u l-fehim meħtieġa biex ikollhom awtoġestjoni kompetenti tul il-ħajja kollha;

10. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbu l-koordinazzjoni tar-riċerka Ewropea dwar id-dijabete billi jħeġġu l-kollaborazzjoni bejn id-dixxiplini tar-riċerka u joħolqu infrastrutturi ġenerali komuni li jiffaċilitaw l-isforzi tar-riċerka Ewropea dwar id-dijabete, anke fl-oqsma tal-identifikazzjoni u tal-prevenzjoni tal-fatturi ta' riskju;

11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-appoġġ kontinwu għall-finanzjament tad-dijabete taħt il-Programmi Qafas għar-Riċerka tal-UE attwali u futuri, filwaqt li jqis li d-dijabete tat-Tip 1 hija marda differenti minn dik tat-Tip 2;

12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw is-segwitu xieraq u adegwat għar-riżultati tas-Samit tan-NU ta'Settembru 2011dwar il-Mard li ma Jitteħidx;

([1]) http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/lsa/118282.pdf

13. Ifakkar fl-importanza li l-UE u l-Istati Membri jintegraw aktar il-prevenzjoni u t-tnaqqis ta' fatturi ta' riskju fl-oqsma leġiżlattivi u ta' politika kollha u b'mod partikolari fil-politiki tal-ambjent, tal-ikel u tal-konsumatur tagħhom, bil-għan li jiġu implimentati l-objettivi marbutin mal-mard li ma jittieħidx u biex jiġu indirizzati l-isfidi għas-saħħa pubblika, soċjali u ekonomiċi;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, il-Kummissjoni u l-parlamenti tal-Istati Membri.

## Rapport dwar it-tkabbir għal Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

P7_TA(2012)0083

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2012 dwar ir-rapport ta' progress 2011 dwar dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (2011/2887(RSP))**

(2013/C 251 E/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2005 biex jagħti l-istatus ta' pajjiż kandidat għas-sħubija fl-UE lill-pajjiż u l-Konklużjonijiet tal-Presidenza li ħarġu wara l-Kunsilli Ewropej tal-15 u s-16 ta' Ġunju 2006 u tal-14 u l-15 ta' Diċembru 2006,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjonijiet tal-KSNU 845 (1993) u 817 (1993), kif ukoll ir-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 47/225 (1993) u l-Ftehim Interim tal-1995,

— wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar l-Applikazzjoni tal-Ftehim Interim tat-13 ta' Settembru 1995 (Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja vs il-Greċja),

— wara li kkunsidra r-Rapport ta' Progress tal-2011 tal-Kummissjoni (SEC(2011)1203) u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ottubru 2011 bit-titolu 'Strateġija ta' Tkabbir u Sfidi Ewlenin 2011-2012' (COM(2011)0666),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Parlamentari Konġunt tal-4 ta' Novembru 2011,

— wara li kkunsidra r-Rapport Finali tal-Missjoni ta' Osservazzjoni tal-Elezzjonijiet OKSE/ODIHR għall-elezzjonijiet parlamentari bikrija tal-5 ta' Ġunju 2011,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2008/212/KE tat-18 ta' Frar 2008 dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kundizzjonijiet li jinsabu fis-Sħubija ta' Adeżjoni mal-pajjiż,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali u tal-Affarijiet Barranin tat-13 u tal-14 ta' Diċembru 2010 u tal-5 ta' Diċembru 2011,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ta' Tessaloniki tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003, sar impenn mal-Istati kollha tal-Balkani tal-Punent li 'l quddiem kienu se jissieħbu mal-Unjoni Ewropea u dan l-impenn ittenna fil-Laqgħa ta' Livell Għoli dwar il-Balkani tal-Punent f'Sarajevo fit-2 ta' Ġunju 2010;

B. billi l-Kummissjoni fir-Rapport ta' Progress tal-2011 tagħha żammet ir-rakkomandazzjoni tagħha tal-2009 li tibda n-negozjati ta' adeżjoni mal-UE mal-pajjiż;

C. billi l-Kummissjoni fl-Istrateġija ta' Tkabbir tagħha tal-2011 ikkonfermat li "l-politika tat-tkabbir tat prova li hi għodda qawwija għat-trasformazzjoni tas-soċjetà" u li "l-impenn, il-kundizzjonalità u l-kredibbiltà tpoġġew fil-qalba tal-proċess ta' adeżjoni u tas-suċċess tiegħu";

D. billi s-Shubija ta' Assoċjazzjoni rrikjediet l-intensifikazzjoni tal-isforzi, ibbażat fuq approċċ kostruttiv, biex tinstab soluzzjoni nnegozjata u aċċettata reċiprokament għall-kwistjoni dwar l-isem mal-Greċja, fil-qafas tar-Riżoluzzjonijiet 817 (1993) u 845 (1993) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, u biex jiġu evitati azzjonijiet li jistgħu jaffetwaw tali sforzi b'mod negattiv; billi kemm il-Kummissjoni u kemm il-Kunsill enfasizzaw ripetutament li ż-żamma ta' relazzjonijiet tajbin mal-viċinat, inkluża l-ħidma għal soluzzjoni nnegozjata u aċċettata reċiprokament rigward il-kwistjoni tal-isem, taħt l-awspiċju tan-NU, hija essenzjali;

E. billi l-kwistjonijiet bilaterali m'għandhomx jirrappreżentaw u jintużaw bħala ostakolu fil-proċess ta' adeżjoni, iżda għandhom jiġu indirizzati fi spirtu kostruttiv kemm jista' jkun malajr, filwaqt li jitqiesu l-interessi u l-valuri ġenerali tal-UE;

F. billi l-kooperazzjoni reġjonali u r-relazzjonijiet tajbin mal-viċinat jibqgħu partijiet essenzjali tal-proċess ta' tkabbir u s-sejbien ta' kompromessi fuq kwistjonijiet kontestati huwa l-aħjar mod biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni reġjonali, fl-interess taż-żamma tal-paċi u tar-relazzjonijiet tajbin mal-viċinat fil-Balkani tal-Punent; billi t-tkomplija tal-proċess ta' adeżjoni jikkontribwixxi għall-istabilità tal-pajjiż u jsaħħaħ ulterjorment ir-relazzjonijiet interetniċi;

G. billi kull pajjiż kandidat għandu l-livell ta' progress u d-dinamika tal-adeżjoni partikolari tiegħu; billi l-UE għandha r-responsabilità li ma tħalli l-ebda pajjiż lura u l-kredibilità tal-proċess ta' adeżjoni tal-UE tista' tiġi pperikolata minn dewmien kontinwu fil-ftuħ tan-negozjati ta' adeżjoni;

H. billi dan kien fost l-ewwel pajjiżi tar-reġjun li ngħata l-istatus ta' pajjiż kandidat, huwa l-pajjiż bl-ogħla appoġġ pubbliku nazzjonali għall-adeżjoni mal-UE, u issa gawda minn rakkomandazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni biex tiġi stabbilita data għall-ftuħ tan-negozjati ta' adeżjoni mal-UE għal tliet snin konsekuttivi;

I. billi l-pajjiżi kollha kandidati u dawk potenzjalment kandidati għandhom jiġu kkunsidrati fil-proċess ta' integrazzjoni skont il-merti proprji tagħhom;

1. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kunsill li jistabbilixxi data għall-ftuħ tan-negozjati ta' adeżjoni mal-pajjiż mingħajr iżjed dewmien;

2. Jaqbel mal-valutazzjoni li saret mill-Kummissjoni fir-rapport ta' progress tagħha tal-2011 rigward l-ilħuq kontinwu tal-kriterji politiċi min-naħa tal-pajjiż; jiddispjaċih li għat-tielet sena konsekuttiva, il-Kunsill ma segwiex ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni u li waqt il-laqgħa tiegħu fid-9 ta' Diċembru 2011, ma ddeċidiex li jiftaħ in-negozjati ta' adeżjoni mal-pajjiż;

3. Jenfasizza l-importanza tal-proċess ta' integrazzjoni Ewropea tal-pajjiż u tal-isforzi kollha għall-appoġġ ta' dan il-għan, b'mod partikolari l-bidu tal-iscreening preliminari tal-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni mal-acquis u l-implimentazzjoni tat-tieni fażi tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni;

4. Jinsab imħasseb, filwaqt li ma jixtieqx iżomm lura l-progress tant milqugħ lejn l-adeżjoni mal-UE li sar minn pajjiżi oħra tal-Balkani tal-Punent, li l-perċezzjoni li l-progress tal-pajjiż 'jinqabeż minn ħaddieħor' tista' tostakola t-titjib kontinwu fir-relazzjonijiet interetniċi fil-pajjiż u li n-nuqqas min-naħa ta' kwalunkwe pajjiż fir-reġjun li jikseb progress konsistenti lejn l-adeżjoni mal-UE fl-aħħar mill-aħħar, thedded l-istabilità u s-sigurtà tagħhom kollha;

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

5. Jindika li, filwaqt li kull pajjiż kandidat għandu l-livell ta' progress u d-dinamika tal-adeżjoni partikolari tiegħu, l-UE għandha r-responsabilità li ma tħalli l-ebda pajjiż lura;

6. Jinnota l-kumment tal-Kummissarju Ewropew għat-Tkabbir u l-Politika tal-Viċinat tal-5 ta' Settembru 2011, li r-rakkomandazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni Ewropea mhix imnaqqxa fil-ġebel; jindika madankollu, li d-deċiżjoni tal-Kunsill li ma jsegwix ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ħolqot frustrazzjoni u nuqqas ta' sodisfazzjon leġittimi fl-opinjoni pubblika tal-pajjiż u jinnota li l-UE u l-Istati Membri tagħha m'għandhom qatt jagħmlu fatta l-perspettiva Ewropea ta' kwalunkwe pajjiż applikant u għandhom jagħmlu sforzi ugwali sabiex jaċċeleraw il-proċess ta' adeżjoni fi spirtu sinċier ta' sħubija;

7. Jilqa' l-ħatra tal-Kap il-ġdid tad-Delegazzjoni tal-UE u jittama li din il-ħatra se ssaħħaħ ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-pajjiż;

8. Jilqa' l-bidu, fil-15 ta' Marzu 2012, tad-Djalogu dwar l-Adeżjoni ta' Livell Għoli mal-Kummissjoni Ewropea, bħala pass 'il quddiem fil-proċess ta' adeżjoni mal-UE bl-għan li jsir progress fl-aġenda tar-riforma permezz ta' skambju ta' fehmiet sostanzjali u konsultazzjonijiet tekniċi regolari f'ħames oqsma ewlenin tal-politika – il-libertà tal-espressjoni, l-istat tad-dritt, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, ir-riforma elettorali, u l-kriterji ekonomiċi; huwa tal-istess fehma tal-Kummissjoni u tal-awtoritajiet tal-Gvern li d-djalogu għandu jqiegħed enfasi fuq il-Kapitolu 23 - Il-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali u fuq il-Kapitolu 24 - Il-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà, biex ikompli jsir progress fil-livell ta' applikazzjoni tal-kriterji u l-istandards ta' adeżjoni mal-UE; jistenna li din il-forma avvanzata ta' djalogu tkompli f'oqsma oħra li huma kruċjali għall-proċess ta' adeżjoni mal-UE; iqis li dan id-djalogu se joħloq impenn ġdid favur ir-riformi u jsaħħaħ ir-relazzjoni tagħna permezz ta' laqgħat darbtejn fis-sena fuq livell politiku;

9. Jirrikonoxxi li s-sħubija man-NATO kif ukoll mal-Unjoni Ewropea t-tnejn huma essenzjali għall-approċċ Ewro-Atlantiku adottat mill-pajjiż, u jinnota li s-Samit tan-NATO f'Chicago f'Mejju 2012 kif ukoll it-tnedija tad-Djalogu dwar l-Adeżjoni ta' Livell Għoli u l-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2012 jipprovdu opportunitajiet importanti oħra għal aktar progress; ifakkar fid-dikjarazzjoni reċenti tas-Segretarju Ġenerali tan-NATO li hekk kif tinstab soluzzjoni aċċettata reċiprokament għall-kwistjoni dwar l-isem, tiġi estiża stedina lill-pajjiż;

10. Itenni t-talba tiegħu lill-awtoritajiet u lill-midja sabiex jaħdmu għall-ħolqien ta' atmosfera pożittiva li se tgħin fl-iżvilupp ta' relazzjonijiet ma' pajjiżi ġirien u mhux tinkoraġġixxi diskors ta' mibgħeda;

11. Jinnota d-deċiżjoni tal-Gvern iffurmata f'Lulju 2011, sabiex tiġi applikata l-Liġi dwar l-amnestija għall-erba' każijiet relatati mad-delitti tal-gwerra li ġew riassenjati lill-ġurisdizzjoni domestika mit-Tribunal Internazzjonali Kriminali għal dik li kienet il-Jugoslavja fl-2008; jitlob lill-Gvern jinvestiga l-għażliet alternattivi sabiex jiġi żgurat l-aċċess għall-ġustizzja u l-kumpens għall-vittmi ta' dawn id-delitti u għall-familji tagħhom skont l-obbligi tal-liġi umanitarja internazzjonali;

***It-tilwima dwar l-isem***

12. Jinnota d-deċiżjoni tal-5 ta' Diċembru 2011 tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja rigward it-tilwima dwar l-isem; huwa tal-fehma li din id-deċiżjoni għandha tagħti impetu ġdid biex jiġi żgurat li jsir kull sforz possibbli sabiex tissolva t-tilwima dwar l-isem taħt il-patroċinju tan-NU, u jistieden lill-partijiet jikkonformaw ġenwinament mas-sentenza u jużawha biex jintensifikaw id-djalogu, b'enfasi fl-istess waqt tal-ħtieġa ta' kompromess aċċettat b'mod reċiproku; jilqa' f'dan ir-rigward id-dikjarazzjoni tal-medjatur maħtur min-NU u t-talba tiegħu lill-partijiet biex iqisu dan il-fatt bħala opportunità sabiex jaħsbu b'mod kostruttiv dwar ir-relazzjoni reċiproka tagħhom u jikkunsidraw inizjattiva mġedda bil-għan li jilħqu soluzzjoni definittiva dwar din il-kwistjoni;

13. Jiddispjaċih ħafna li t-tilwima dwar l-isem qed tkompli xxekkel it-triq tal-pajjiż lejn l-adeżjoni mal-UE u b'hekk qed tostakola l-proċess ta' tkabbir innifsu; jenfasizza li relazzjonijiet tajbin mal-viċinat huma kriterju ewlieni għall-proċess ta' tkabbir tal-UE u jistieden lill-gvernijiet ikkonċernati jevitaw ġesti u azzjonijiet kontroversjali u dikjarazzjonijiet li jista' jkollhom effetti negattivi fuq ir-relazzjonijiet;

14. Itenni t-talba tiegħu lill-Viċi-President/Rappreżentant Għoli u lill-Kummissarju responsabbli għat-tkabbir biex jiffaċilitaw il-ftehim rigward il-kwistjoni dwar l-isem u joffru gwida politika; huwa tal-fehma barra minn hekk, li t-tmexxija tal-pajjiż u l-Unjoni Ewropea għandhom b'mod kostanti jispjegaw lill-pubbliku l-benefiċċji tas-soluzzjoni meta din tintlaħaq, qabel ir-referendum dwar il-kwistjoni;

15. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas tat-terminu 'Maċedonjan' fir-Rapport ta' Progress tal-2011 u mill-2009, irrispettivament mill-fatt li din hija n-norma f'referenzi għal-lingwa, il-kultura u l-identità tal-pajjiż fit-testi tan-Nazzjonijiet Uniti; jiġbed l-attenzjoni għar-reazzjonijiet negattivi li ħoloq dan l-aspett fl-opinjoni pubblika matul din is-sena u jistieden lill-Kummissjoni tqis dan fit-tħejjija ta' rapporti futuri; ifakkar li l-Ftehim Qafas ta' Ohrid huwa bbażat fuq il-prinċipju tar-rispett għall-identità etnika tal-komunitajiet kollha;

16. Jenfasizza l-importanza li jinżamm 'ir-ritmu' tal-proċess ta' adeżjoni; f'dan ir-rigward jilqa' l-offerta tal-Gvern tal-pajjiż li jistabbilixxi skadenza għal soluzzjoni b'suċċess tat-tilwima dwar l-isem sa mhux aktar tard mit-tmiem tal-proċess ta' screening li għandu jsir mill-Kummissjoni hekk kif jinfetħu n-negozjati; jemmen li sforzi ġenwini mill-Gvern u t-twettiq tar-riformi tal-UE tul il-qasam kollu tal-kwistjonijiet rilevanti jistgħu jgħinu fil-ħolqien ta' ambjent politiku li jwassal sabiex jiġu solvuti kwistjonijiet bilaterali, kif intwera minn proċessi ta' tkabbir oħrajn; jindika li l-proċess parallel li tissolva l-kwistjoni bilaterali u t-tkomplija tan-negozjati ta' adeżjoni, fuq l-istess bażi bħall-mudell Slovenja-Kroazja, se jkun ta' benefiċċju kemm għall-pajjiż u kemm għall-UE;

17. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex, bi qbil mat-Trattati tal-UE, jibdew jiżviluppaw mekkaniżmu ta' arbitraġġ b'applikazzjoni ġenerali mmirat li jsolvi l-kwistjonijiet bilaterali bejn il-pajjiżi ta' tkabbir u l-Istati Membri;

***Il-kooperazzjoni parlamentari***

18. Jilqa' l-elezzjoni tal-parlament il-ġdid u l-ħolqien rapidu tal-gvern ta' koalizzjoni, li rriżulta mill-elezzjonijiet parlamentari bikrija; jitlob it-tisħiħ tad-djalogu politiku, filwaqt li jiġbed l-attenzjoni lejn il-parlament bħala istituzzjoni demokratika ewlenija għad-diskussjoni u s-soluzzjoni tal-kwistjonijiet li jirriżultaw minn differenzi politiċi; jinnota li r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Nazzjonali laqgħet ir-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport ta' Progress ta' din is-sena u ġiet adottata b'kunsens; jistieden lill-atturi politiċi kollha fil-pajjiż jintensifikaw l-isforzi tagħhom sabiex ikomplu bir-riformi neċessarji, inkluża l-implimentazzjoni effikaċi u s-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni;

19. Jifraħ lill-pajjiż dwar kif tmexxew l-elezzjonijiet parlamentari bikrija tal-5 ta' Ġunju 2011 u jilqa' l-valutazzjoni tal-OSKE/ODHIR li skontha kienu kompetittivi, trasparenti u amministrati tajjeb fil-pajjiż kollu; jiġbed l-attenzjoni madankollu għal xi nuqqasijiet, u jistieden lill-awtoritajiet isegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-komunità internazzjonali, b'mod partikolari l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-missjoni ta' osservazzjoni tal-elezzjonijiet OSKE/ODHIR u tal-osservaturi nazzjonali mill-assoċjazzjoni Most, bħall-aġġornament tal-lista tal-votanti, il-garanzija ta' trattament bilanċjat min-naħa tal-istampa, inkluż mix-xandir pubbliku, kemm tal-Gvern u kemm tal-partiti fl-oppożizzjoni, il-protezzjoni tal-ħaddiema fiċ-ċivil kontra kull xorta ta' pressjonijiet politiċi, l-iżgurar ta' monitoraġġ effikaċi tal-finanzjament tal-partiti u finanzjament pubbliku trasparenti, arranġamenti għall-votazzjoni barra mill-pajjiż, u r-rispett sħiħ għas-separazzjoni bejn l-istrutturi tal-istat u tal-partit; jistieden lill-awtoritajiet rilevanti jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet fil-futur qrib;

20. Jilqa' t-tmiem tal-bojkotts parlamentari u jemmen li t-tisħiħ ulterjuri tad-demokrazija fil-pajjiż jista' jinkiseb biss permezz ta' spirtu mtejjeb tad-djalogu politiku fi ħdan istituzzjonijiet demokratiċi stabbiliti, li jinkorpora l-partiti politiċi kollha; jitlob it-tisħiħ tar-rwol ta' sorveljanza tal-parlament fir-rigward tal-Gvern u l-aġenziji tiegħu; jitlob id-disponibilità tal-finanzjament neċessarju u l-ħatra tal-persunal addizzjonali neċessarju sabiex ikun possibbli l-istabbiliment sħiħ tal-Istitut Parlamentari; iħeġġeġ il-progress li sar permezz tal-istabbiliment ta' smigħ parlamentari ta' kontroll u jappoġġa l-isforzi addizzjonali mill-Unjoni Ewropea biex tkun provduta assistenza teknika għall-Assemblea Nazzjonali biex tiżviluppa l-prattiki tagħha; iħeġġeġ it-tkomplija tax-xogħol tal-Kumitat Parlamentari Konġunt mal-Parlament Ewropew;

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

***L-iżvilupp ekonomiku***

21. Ifaħħar lill-pajjiż għall-prestazzjoni ekonomika tajba tiegħu u talli żamm l-istabilità makroekonomika; jifraħ lill-Gvern talli l-pajjiż, skont ir-Rapport tal-Bank Dinji 'Doing Business' għal dawn l-aħħar ħames snin kien t-tielet l-aktar pajjiż ta' suċċess fid-dinja fir-rigward tat-teħid ta' riformi regolatorji; jinnota li t-tnaqqis ekonomiku globali affetwa l-Investiment Barrani Dirett, li għadu f'livell baxx ħafna; jemmen li l-potenzjal għall-investiment, il-kummerċ u l-iżvilupp ekonomiku jibqa' l-argument deċiżiv għat-tkomplija tal-proċess ta' adeżjoni tal-pajjiż mal-UE;

22. Jinnota li l-prevedibilità legali u l-infurzar effiċjenti tal-liġijiet huma essenzjali għat-titjib ulterjuri tal-ambjent kummerċjali għall-kumpaniji domestiċi u l-investituri barranin; jistieden lill-Gvern għaldaqstant, jgħaġġel fl-isforzi sabiex tiġi żgurata ġudikatura effikaċi u indipendenti, kif ukoll amministrazzjoni professjonali, kompetenti u imparzjali, inklużi passi għat-tisħiħ tal-indipendenza u tal-kapaċitajiet ta' aġenziji regolatorji u superviżorji;

23. Jirrikonoxxi l-isfidi tal-qgħad għoli u l-faqar, li jkomplu jirrappreżentaw piż qawwi fuq il-pajjiż; jilqa' d-dibattitu dwar il-paga minima li għaddej attwalment fil-parlament; ifakkar li fl-Indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem tan-NU, il-pajjiż qiegħed fi grad baxx u jilqa' l-adozzjoni tal-Istrateġija kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali; jenfasizza, filwaqt li jistieden lill-Gvern jagħmel aktar sforzi sabiex jindirizza l-qgħad strutturali u jipproteġi l-gruppi vulnerabbli, li soluzzjoni għal problema serja ta' livelli għoljin ta' qgħad persistenti fil-pajjiż tista' tkun biss tkabbir ekonomiku sostenibbli permezz tal-ħolqien ta' ambjent li jħeġġeġ lin-negozji jinvestu aktar; għal dan il-għan, iħeġġeġ lill-Gvern jappoġġa intrapriżi żgħar u medji billi jiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament u jħeġġu jkompli bil-prattika tajba tiegħu li jikkonsulta r-rappreżentanti tal-komunità tal-kummerċ;

24. Jilqa' l-fatt li tul l-aħħar ħames snin, il-pajjiż telgħa erbgħin post 'il fuq fl-indiċi kontra l-korruzzjoni ta' Transparency International; ifaħħar l-emendi li saru fil-qafas legali għal politika kontra l-korruzzjoni skont ir-rakkomandazzjonijiet GRECO; jaqbel mal-opinjoni tal-Kummissjoni madankollu, li l-korruzzjoni għadha 'tħassib serju'; iħeġġeġ sforzi kontinwi sabiex jiġi stabbilit bilanċ ta' suċċess fir-rigward ta' kundanni imparzjali għall-każijiet ta' korruzzjoni, b'mod partikolari dawk ta' livell għoli u f'oqsma ewlenin ta' tħassib bħall-akkwist pubbliku; jenfasizza l-ħtieġa ta' aktar trasparenza fir-rigward tan-nefqa pubblika u l-finanzjament ta' partiti politiċi; jistieden lill-investituri u l-impriżi tal-Unjoni Ewropea li għandhom rapporti kummerċjali mal-pajjiż biex ikollhom rwol ta' tmexxija tal-pari akbar mas-sħab lokali tagħhom fi stqarrijiet bil-miftuħ kontra l-korruzzjoni;

25. Jinnota s-sejba tar-Rapport ta' Progress li l-indipendenza u l-imparzjalità tal-Kummissjoni Statali għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni għadhom fraġli; jitlob protezzjoni legali u istituzzjonali aktar b'saħħitha għal dawk li jirrappurtaw; jilqa' l-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali l-ġdid, adottat fil-qafas ta' Riforma Ġudizzjarja Kriminali usa', li għandu jtejjeb il-proċeduri investigattivi għal każijiet ta' kriminalità organizzata u korruzzjoni kumplessi; jilqa' l-ħatra mis-sena li ġejja ta' tim investigattiv li jaħdem direttament għall-Prosekutur Pubbliku u jittama li dan se jippermetti li aktar każijiet mgħoddija mill-Kummissjoni jwasslu realment għall-kundanni; jistieden lill-Gvern jipprovdi lill-Kummissjoni Statali għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni bil-fondi u l-persunal neċessarju; jenfasizza li r-rieda politika hija kruċjali biex tiġi ttrattata l-korruzzjoni sistematika;

26. Jinnota l-adozzjoni ta' pakkett legali b'ambitu wiesa' mmirat li jsaħħaħ ulterjorment l-effiċjenza u l-indipendenza tal-ġudikatura; jilqa' f'dan ir-rigward il-ħidma effiċjenti tal-Akkademja tal-Imħallfin u l-Prosekuturi Pubbliċi u l-implimentazzjoni tad-distribuzzjoni arbitrarja tal-każijiet; iħeġġeġ lill-awtoritajiet responsabbli biex ikomplu jimplimentaw leġiżlazzjoni li tiġġieled il-korruzzjoni, u jtejbu l-indipendenza, l-effiċjenza u r-riżorsi tal-ġudikatura; jiġbed l-attenzjoni lejn l-importanza ta' sistema tal-qorti li tiffunzjona mingħajr indħil politiku; jilqa' l-isforzi biex jiżdiedu l-effiċjenza u t-trasparenza tas-sistema tal-qorti; jenfasizza l-ħtieġa li jinżamm bilanċ tal-infurzar ta' prosekuzzjonijiet u kundanni li permezz tiegħu jista' jitkejjel il-progress; jitlob l-unifikazzjoni tal-ġurisprudenza, biex jiġu żgurati sistema ġudizzjarja prevedibbli u l-fiduċja taċ-ċittadini;

***Il-ftehim qafas ta' ohrid***

27. Jifraħ lill-pajjiż fl-20 anniversarju mill-indipendenza tiegħu u fl-10 anniversarju tal-Ftehim Qafas ta' Ohrid imfakkra fl-2011; jenfasizza li l-ftehim jista' jkun mudell ta' riżoluzzjoni ta' suċċess ta' kunflitti interetniċi, filwaqt li jżomm l-integrità territorjali u jirriforma l-istrutturi tal-Istat; jenfasizza madankollu, li jinħtieġu sforzi ulterjuri u aktar b'saħħithom sabiex tinkiseb rikonċiljazzjoni sħiħa bejn il-partijiet u tiġi stabbilita l-bażi għall-konsolidazzjoni ta' istituzzjonijiet demokratiċi mhux partiġjani u interetniċi;

28. Ifaħħar id-diskors tal-Prim Ministru fil-5 ta' Settembru 2011, li laqa' l-multikulturaliżmu bħala l-mudell soċjali u politiku tal-pajjiż u enfasizza l-ħtieġa tal-implimentazzjoni tal-Ftehim Qafas ta' Ohrid u l-istabbiliment tal-objettiv ta' integrazzjoni mingħajr assimilazzjoni; jappoġġa l-impenji li ttieħdu lejn it-tieni deċennju tal-implimentazzjoni tal-Ftehim Qafas ta' Ohrid;

29. Jirrikonoxxi l-adozzjoni reċenti ta' bosta liġijiet, b'mod partikolari l-emendi għal-Liġi dwar il-Lingwi u l-użu ta' simboli; jitlob appoġġ attiv fil-lokalitajiet kollha għall-Kumitati għar-relazzjonijiet fost il-komunitajiet;

30. Jinnota bi tħassib l-użu ta' argumenti storiċi fid-dibattitu attwali, inkluż il-fenomenu tal-hekk imsejħa antikwiżazzjoni, li thedded li żżid it-tensjonijiet mal-pajjiżi ġirien u toħloq qasmiet interni ġodda;

31. Jenfasizza l-ħtieġa ta' preparazzjoni u organizzazzjoni operattiva adegwati taċ-ċensiment skont il-liġi u l-istandards tal-Eurostat; jistieden lill-Gvern jippreżenta pjan kredibbli għall-implimentazzjoni tal-proċess; jinnota l-importanza tal-limitu ta' 20% għall-attivazzjoni ta' ċerti drittijiet skont il-Ftehim Qafas ta' Ohrid, iżda jinsisti li l-ebda forma ta' diskriminazzjoni lejn il-komunità Albaniża jew kwalunkwe komunità etnika ta' minoranza oħra ma tista' tiġi ġġustifikata fuq il-bażi tal-proporzjon tagħhom fil-popolazzjoni;

32. Jitlob sforzi sinifikament imtejba għall-ġlieda kontra s-separazzjoni ta' tfal ta' gruppi etniċi differenti fis-sistema tal-edukazzjoni, filwaqt li jappoġġa d-dritt ta' kulħadd għal edukazzjoni fil-lingwa nattiva proprja; għal dan il-għan, jenfasizza l-importanza li jiġu żviluppati kotba tal-iskola ġodda bil-għan li tittejjeb il-komprensjoni reċiproka u tiġi fit-tmiem il-prattika ta' rotazzjoni etnika li għadha ssir f'xi skejjel; jitlob, fid-dawl tal-importanza kbira tal-edukazzjoni għall-pajjiż, li jingħata appoġġ akbar lil dan is-settur mill-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, bil-kundizzjoni li s-segregazzjoni fl-edukazzjoni tiġi ttrattata b'mod effikaċi;

***Id-deċentralizzazzjoni***

33. Jappoġġa l-passi deċiżivi lejn id-deċentralizzazzjoni politika fil-pajjiż, li ġew deskritti mill-Gvern bħala l-pilastru ewlieni tal-Ftehim Qafas ta' Ohrid, u li hija fl-interess ta' amministrazzjoni pubblika tajba; jilqa' l-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni biex dan jinkiseb;

34. Japprova r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni biex jingħata impetu aktar qawwi għall-proċess ta' deċentralizzazzjoni; jitlob għal bilanċjar sinifikanti mill-ġdid bejn il-baġits ċentrali u lokali biex tinkiseb din id-deċentralizzazzjoni; jenfasizza l-importanza tat-trasparenza, l-oġġettività u l-imparzjalità fid-distribuzzjoni tal-għotjiet lill-muniċipalitajiet; jesprimi t-tħassib tiegħu li xi muniċipalitajiet se jesperjenzaw problemi finanzjarji minħabba nuqqas ta' kapaċitajiet ta' ġestjoni finanzjarja, u jħeġġeġ lill-Gvern bl-appoġġ tal-Kummissjoni fejn meħtieġ, biex jipprovdilhom l-assistenza teknika xierqa;

35. Ifaħħar il-programm ta' kooperazzjoni ta' suċċess bejn il-muċipalitajiet, bl-assistenza tal-UNDP, u jistieden lill-UE ssaħħaħ l-appoġġ tagħha għal din il-prattika;

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

***Id-drittijiet fundamentali***

36. Jinsab imħasseb ħafna dwar l-iżviluppi reċenti fil-midja u dwar il-fatt li s-sjieda tal-midja għadha mhux trasparenti u kkonċentrata ħafna; iħeġġeġ lill-pajjiż juri impenn assolut lejn il-libertajiet tal-midja u l-pluraliżmu, inkluż dibattitu infurmat u pluralistiku dwar il-kwistjonijiet ta' riforma identifikati fir-Rapport ta' Progress; jilqa' l-istedina tar-Rappreżentant tal-OSKE dwar il-Libertà tal-Midja biex jieħu sehem fil-laqgħat ta' diskussjoni stabbiliti dan l-aħħar dwar il-libertà tal-midja u japprova l-istqarrija tagħha li, filwaqt li l-kumpaniji tal-midja kollha għandhom jirrispettaw r-regoli ġuridiċi u finanzjarji applikabbli biex isir il-kummerċ, il-midja kritika fil-konfront ta' partit wieħed ma tistax tkun partikolarment fil-mira tas-sistema legali; iħeġġeġ lill-awtoritajiet jiżguraw ir-rispett għall-istat ta' dritt u l-libertà tal-midja fil-pajjiż, u b'hekk jiżguraw li l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tibqa' pożittiva fil-futur;

37. Jitlob għad-distribuzzjoni ekwa u trasparenti tad-dħul mir-riklami tal-Istat bejn ix-xandara nazzjonali kollha mingħajr l-ebda kunsiderazzjoni tal-kontenut editorjali jew il-ġibda politika; japprova ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal azzjoni li tiżgura li l-istazzjon televiżiv tal-Istat jissodisfa l-objettivi u għandu rwol imparzjali ta' xandar tas-servizz pubbliku; jistieden lill-awtoritajiet jadottaw il-bidliet neċessarji sabiex jallinjaw il-Liġi dwar ix-xandir mal-leġiżlazzjoni tal-UE;

38. Jitlob sforzi biex ikun evitat l-abbuż ta' azzjonijiet ta' libell kontra ġurnalisti għal raġunijiet politiċi; jilqa' l-istqarrija reċenti tal-Gvern li l-liġi dwar il-malafama għandha titneħħa mill-kodiċi kriminali u l-kawżi pendenti kontra ġurnalisti għandhom jiġu sospiżi;; jenfasizza li l-libertà tal-midja hija l-pedament tad-demokrazija u hija essenzjali għal kull pajjiż li jaspira li jsir Stat Membru tal-UE; huwa tal-fehma li s-settur tal-midja għandu jelabora u jimplimenta standards professjonali għoljin għall-ġurnalisti u jimxi mar-regoli tal-etika ġurnalistika; jistieden lill-awtoritajiet ifasslu leġiżlazzjoni antitrust fil-qasam tal-midja, kif ukoll miżuri li jevitaw l-influwenza politika fis-settur tal-midja;

39. Jilqa' l-fatt li l-libertà tal-ħsieb, il-kuxjenza u r-reliġjon hi ġeneralment garantita; iħeġġeġ lill-Gvern ikompli bl-isforzi tiegħu għat-tisħiħ ta' politiki kontra d-diskriminazzjoni, jenfasizza l-importanza li tiġi evitata d-diskriminazzjoni għal raġunijiet etniċi, inkluża d-diskriminazzjoni kontra ċittadini li jesprimu bil-miftuħ l-identità u/jew l-oriġini etnika Bulgara tagħhom;

40. Jilqa' l-ħolqien tal-Kummissjoni Kontra d-Diskriminazzjoni din is-sena u jitlob lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u lin-Netwerk Equinet għall-aġenziji indipendenti Ewropej kontra d-diskriminazzjoni, jappoġġaw u jikkooperaw bis-sħiħ max-xogħol tagħha; jilqa' l-fatt li tliet ilmenti ta' allegata diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' orjentazzjoni sesswali mressqin mill-Koalizzjoni għad-drittijiet sesswali u tas-saħħa qed jiġu investigati mill-Kummissjoni;

41. Jitlob għat-tisħiħ tal-politiki kontra d-diskriminazzjoni u l-implimentazzjoni effikaċi tagħhom, inklużi aktar sforzi biex jitħarsu d-drittijiet tan-nisa u tat-tfal kif ukoll dawk tal-persuni b'diżabilità; jilqa' r-rwol attiv u effikaċi tal-grupp parlamentari tan-nisa, iżda jinsab imħasseb dwar ir-rata ta' parteċipazzjoni baxxa min-naħa tan-nisa fil-ħajja politika fuq livell lokali, u jqis li programmi edukattivi mmirati li jinvolvu lin-nisa fil-ħajja ċivili u politika għandhom jittejbu u jiġu implimentati; jitlob aktar sforzi sabiex il-persuni b'diżabilità ma jibqgħux istituzzjonalizzati; jilqa' r-ratifika parlamentari tal-Konvenzjoni tan-NU għad-drittijiet tal-persuni b'diżabilitajiet fis-7 ta' Diċembru 2011;

42. Jinsab imħasseb li sar biss progress limitat rigward l-ugwaljanza tal-ġeneru u d-drittijiet tan-nisa; iħeġġeġ lill-Gvern jagħmel l-ugwaljanza tal-ġeneru prijorità politika u jżid l-appoġġ għal attivitajiet u inizjattivi li għandhom l-għan li jiġġieldu drawwiet, tradizzjonijiet u sterjotipi diskriminatorji li jdgħajfu d-drittijiet bażiċi tan-nisa;

43. Itenni t-talba tiegħu għal modifika tal-Liġi dwar il-prevenzjoni u l-ħarsien kontra d-diskriminazzjoni biex tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq il-bażijiet kollha, skont l-Artikolu 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u jenfasizza li dan huwa prerekwiżit għall-adeżjoni; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-kotba tal-università u tal-iskola li jiddeskrivu l-omosesswalità bħala marda u jitlob il-modifika immedjata tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa programmi għal bini tal-kapaċità, immirati lejn it-tisħiħ tas-soċjetà ċivili, inkluża l-komunità tal-leżbjani, omosesswali, bisesswali u transġeneru (LGBT);

44. Jilqa' l-presidenza attwali tal-pajjiż tad-Deċennju għall-Inklużjoni tar-Rom u jittama li dan se jispira ulterjorment il-progress fl-integrazzjoni tar-Rom fil-ħajja politika, soċjali u ekonomika; jilqa' l-progress fl-integrazzjoni tar-Rom fis-sistema edukattiva, b'żieda fir-reġistrazzjonijiet għall-edukazzjoni sekondarja u universitarja, kif ukoll ir-rappreżentazzjoni mtejba tar-Rom fis-servizz ċivili; jiġbed l-attenzjoni madankollu, għall-konklużjoni tal-Kummissjoni li jinħtieġu sforzi kontinwi biex tkun promossa l-fiduċja, speċjalment fl-oqsma tal-edukazzjoni, il-kultura u l-lingwa; itenni t-tħassib tiegħu dwar il-kundizzjonijiet tal-ħajja diffiċli ħafna esperjenzati mill-komunità Rom u l-fatt li dawn qed ikomplu jaffaċjaw diskriminazzjoni fl-aċċess għall-edukazzjoni, is-suq tax-xogħol, il-kura tas-saħħa u s-servizzi soċjali; jiġbed l-attenzjoni għas-sitwazzjoni partikolarment diffiċli tan-nisa u t-tfal Rom li jgħixu taħt il-limitu tal-faqar u jistieden lill-awtoritajiet jieħdu passi immedjati biex jindirizzaw din il-kwistjoni;

45. Jilqa' l-adozzjoni min-naħa tal-Gvern tal-Istrateġija għall-inklużjoni soċjali tar-Rom 2012-2014; jindika madankollu, li fl-2012 ma ġew allokati l-ebda fondi statali għall-implimentazzjoni tal-miżuri skont il-pjan ta' azzjoni rilevanti, u jistieden f'dan ir-rigward lill-awtoritajiet isibu r-riżorsi neċessarji;

46. Jistieden lill-partijiet interessati kollha jippromwovu u jikkontribwixxu lejn l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili indipendenti, pluralista, interetnika, interkulturali u mhux partiġġjana fi ħdan il-pajjiż; jenfasizza madankollu li sabiex ikollhom dan ir-rwol, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jeħtiġilhom li jissaħħu kunsiderevolment u jsiru indipendenti mill-influwenzi esterni, b'mod partikolari mill-interessi politiċi, u li dan ġeneralment għadu mhux il-każ fil-pajjiż; jitlob li jkun disponibbli finanzjament nazzjonali għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi sabiex tintemm id-dipendenza żejda fuq id-donaturi barranin;

47. Jemmen madankollu, li l-Faċilità tas-Soċjetà Ċivili tal-UE għandha l-potenzjal li ssaħħaħ drammatikament l-iskambji bejn l-NGOs, in-negozji u t-trejdjunjins tal-pajjiż ma' sħab fl-Istati Membri tal-UE għall-benefiċċju reċiproku tagħhom u bil-għan dirett li jissaħħaħ il-proċess ta' adeżjoni tal-UE; għal dan il-għan, jistieden lill-Kummissjoni tespandi l-appoġġ finanzjarju mill-Istrument ta' Qabel l-Adeżjoni biex jissaħħaħ l-iżvilupp b'mod partikolari tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi;

48. Jenfasizza li l-pajjiż irratifika it-tmien konvenzjonijiet ta' qofol tal-ILO dwar id-drittijiet tax-xogħol; jinsab imħasseb li sar biss progress moderat fil-qasam tad-drittijiet tax-xogħol u tat-trejdjunjins; jistieden lill-awtoritajiet isaħħu ulterjorment id-drittijiet tax-xogħol u tat-trejdjunjins; f'dan ir-rigward, iħeġġeġ lill-Gvern jiżgura biżżejjed kapaċità amministrattiva sabiex ikun hemm lok għal implimentazzjoni u infurzar xierqa tal-liġi tax-xogħol; jindika r-rwol importanti tad-djalogu soċjali u jħeġġeġ lill-Gvern iżid l-ambizzjonijiet tiegħu u jwaqqaf djalogu soċjali li jinkludi l-aspetti kollha mas-sħab relevanti;

### *Il-ġustizzja u l-affarijiet interni*

49. Jinnota l-progress li sar fir-riforma tal-ġudikatura; jifraħ lill-Akkademja għat-Taħriġ tal-Imħallfin u l-Prosekuturi, li issa waslet għal ħames anniversarju tagħha, għax-xogħol tagħha; jinsab imħasseb dwar in-nuqqasijiet tal-Liġi dwar l-Imħallfin, li fiha hemm lok għal influwenza politika permezz ta' proċeduri ta' tkeċċija, iżda jirrikonoxxi li hemm kunsens dwar il-ħtieġa għal aktar kriterji oġġettivi f'dan ir-rigward; jenfasizza, filwaqt li jilqa' l-fokus il-ġdid fuq il-prestazzjoni tal-imħallfin, li dan ma jistax jinkiseb mingħajr impenn ugwali lejn il-kwalità tas-sentenzi, inkluż l-impenn lejn it-taħriġ kontinwu u proċeduri ta' reklutaġġ ibbażati fuq il-mertu u lejn il-prinċipju ta' ġudikatura indipendenti;

50. Jinsab imħasseb dwar ir-rapporti ta' trattament ħażin mill-pulizija u jitlob li jsiru investigazzjonijiet dettaljati, b'mod partikolari tal-inċident traġiku fil-lejl tal-elezzjoni u l-affermazzjonijiet li skonthom ma saritx investigazzjoni totali fuq il-post tar-reat; jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata l-indipendenza tal-mekkaniżmi ta' kontroll tal-pulizija, b'mod partikolari s-Settur għall-Kontroll Intern u l-Istandards Professjonali fil-Ministeru tal-Intern;

51. Iħeġġeġ il-passi li qed jittieħdu biex tittejjeb is-sitwazzjoni fil-ħabsijiet, bħall-korsijiet ta' taħriġ u ta' żvilupp professjonali ġodda għall-persunal tal-ħabs, il-bini ta' diversi ħabsijiet ġodda biex jieħdu post dawk qodma u l-inizjattiva sabiex titfassal il-liġi dwar il-probazzjoni fi sforz sabiex jiġi indirizzat l-iffullar; iħeġġeġ il-progress kontinwu fit-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħabs iżda jitlob li tingħata attenzjoni speċifika lill-faċilitajiet ta' detenzjoni għall-minuri u lis-sejba tar-Rapport ta' Progress li l-unità għall-ġlieda kontra t-trattament ħażin ma tistax twettaq il-missjoni tagħha;

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

52. Ifaħħar il-kooperazzjoni mal-Unjoni Ewropea għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu u jilqa' l-ftehimiet dwar il-kooperazzjoni ġuridika u mal-pulizija ffirmata mal-pajjiżi ġirien; jilqa' l-konklużjoni ta' ftehim operattiv bejn il-pajjiż u l-Europol sabiex jiġi ffaċilitat b'mod sinifikanti l-iskambju ta' data analitika u tittejjeb il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu; jinnota l-Att tas-Sistematizzazzjoni u t-tibdil li jintroduċi fid-Dipartiment għall-Kriminalità Organizzata tal-Ministeru għall-Intern biex itejjeb il-funzjonalità tiegħu u l-integrazzjoni fis-sistema ta' informazzjoni nazzjonali u internazzjonali għall-investigazzjoni kriminali; jilqa' l-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali l-ġdid, li għandu jtejjeb il-proċeduri investigattivi għal każijiet ta' kriminalità organizzata u korruzzjoni kumplessi; jinsisti li s-superviżjoni għandha titwettaq b'mod proporzjonat mat-theddida ġenwina għas-sigurtà tal-pubbliku, b'kontroll ġudizzjarju mtejjeb u b'sorveljanza parlamentari msaħħa tas-servizzi ta' informazzjoni u dawk kontroinformattivi;

53. Jheġġeġ lill-awtoritajiet jtemmu t-tħabbir li ilu tant mistenni tal-ismijiet tal-aġenti affiljati mas-servizzi sigrieti ta' dik li kienet il-Jugoslavja bħala pass ewlieni lejn il-firda mill-passat tal-Komuniżmu; iħeġġeġ it-tisħiħ tal-mandat tal-Kummissjoni tal-Verifika tad-Data, notevolment l-indipendenza tagħha li tiżvela s-sejbiet tagħha direttament lill-pubbliku u t-trasferiment tad-dokumenti neċessarji kollha fuq bażi permanenti lejn il-bini tal-Kummissjoni;

54. Jinnota l-miżuri meħuda biex il-flussi migratorji jkunu ġestiti b'aktar effikaċja, b'mod partikolari billi jiġi indirizzat t-tħassib dwar il-problema ta' dawk li jitolbu ażil mingħajr bażi; jesprimi tħassib madankollu, dwar l-użu tal-profili u jitlob applikazzjoni riġida tal-prinċipju ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni f'tali miżuri; jitlob sforzi msaħħa biex jiġu implimentati d-drittijiet taċ-ċittadinanza għar-refuġjati eliġibbli u biex l-applikazzjonijiet għal ażil jiġu pproċessati fil-ħin u f'konformità totali mal-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;

55. Jilqa' l-fatt li ċ-ċittadini tal-pajjiż ibbenefikaw mil-liberalizzazzjoni tal-viża sa minn Diċembru 2009; jintrabat li jiddefendi reġim ħieles mill-viżi bħala l-pedament tar-relazzjonijiet bejn il-pajjiż u l-Unjoni Ewropea, kif ukoll bħala miżura sinifikanti għall-promozzjoni ulterjuri u t-tisħiħ tal-kuntatti bejn persuna għal oħra;

***L-amministrazzjoni pubblika***

56. Jilqa' l-adozzjoni tal-Istrateġija dettaljata għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika sal-2015 u d-dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar il-funzjonarji pubbliċi f'April 2011; iħeġġeġ lill-Gvern jarmonizza ulterjorment il-qafas legali fil-qasam tal-impjegati ċivili u l-impjegati pubbliċi, inkluż billi jemenda l-liġijiet relevanti; jenfasizza l-passi ulterjuri li jridu jittieħdu bil-għan li jiġi żgurat servizz ċivili professjonali u imparzjali, inkluż fuq livell muniċipali; jilqa' f'dan ir-rigward, it-twaqqif ta' Qorti Amministrattiva Għolja u jheġġeġ lill-istituzzjonijiet responsabbli għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika jikkontribwixxu lejn l-aċċelerazzjoni tal-proċess ta' riforma; jinsisti li ħatriet fuq il-mertu u mhux skont l-affiljazzjoni politika jistgħu u jridu jinkisbu b'mod parallel mal-isforzi għal rappreżentazzjoni ekwa;

57. Ifaħħar lill-Gvern għall-progress fil-qasam tal-iżvilupp reġjonali u għall-preparazzjoni tat-trasferiment tal-fondi ta' ġestjoni skont l-Istrument ta' Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA); jinnota b'sodisfazzjon l-akkreditazzjoni ta' awtoritajiet nazzjonali għall-komponenti tal-IPA dwar l-għajnuna għat-tranżizzjoni u l-bini tal-istituzzjonijiet, l-iżvilupp reġjonali, l-iżvilupp tar-riżorsi umani u l-iżvilupp rurali; jistieden lill-Gvern u lill-Kummissjoni jħaffu x-xogħol neċessarju bil-għan li jittrasferixxu l-ġestjoni tal-komponent IPA li fadal dwar il-kooperazzjoni transkonfinali; itenni l-importanza tal-IPA bħala strument ewlieni mfassal sabiex jgħin lill-pajjiż jipprepara għas-sħubija mal-UE, u jheġġeġ lill-Gvern itejjeb ulterjorment il-koordinazzjoni interministerjali sabiex il-pajjiż ikun jista' jibbenefika bis-sħiħ mir-riżorsi disponibbli;

***Kwistjonijiet oħra ta' riforma***

58. Jilqa' l-kampanja dwar l-effiċjenza fl-enerġija u jistenna aktar miżuri effikaċi għall-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli, skont il-potenzjal tal-pajjiż; jenfasizza l-importanza ta' implimentazzjoni effikaċi tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-ambjent, sabiex ikunu protetti r-riżorsi naturali, b'mod partikolari l-ilma; jinnota li l-pajjiż għadu ma ħax impenji fir-rigward tat-tnaqqis tal-gass b'effett ta' serra u li hemm il-bżonn li jitqajjem id-dibattitu nazzjonali dwar il-konsegwenzi negattivi tat-tibdil fil-klima; jitlob għal aktar sforzi biex il-leġiżlazzjoni nazzjonali tkun allinjata mal-acquis tal-UE f'dan il-qasam;

59. Jilqa' l-progress li sar fl-immodernizzar tan-netwerks tat-trasport, tal-enerġija u tat-telekomunikazzjonijiet u b'mod partikolari l-isforzi biex jitlesta l-Kuritur X; minħabba l-importanza tal-konnessjonijiet tal-ferrovija bħala alternattiva għat-trasport fit-triq, jilqa' l-intenzjoni tal-Gvern li jtejjeb jew jibni konnessjonijiet tal-ferrovija minn Skopje għall-kapitali tal-pajjiżi ġirien u jitlob il-finalizzazzjoni tal-konnessjonijiet tal-ferrovija fil-Kuritur VIII;

60. Jesprimi d-diżappunt tiegħu għan-nuqqas ta' progress f'ċelebrazzjonijiet konġunti ta' avvenimenti storiċi u figuri komuni ma' Stati Membri tal-UE ġirien, li jistgħu jikkontribwixxu għal għarfien aħjar tal-istorja u relazzjonijiet tajba mal-viċinat; iħeġġeġ it-twaqqif ta' kumitati esperti konġunti dwar l-istorja u l-edukazzjoni mal-Bulgarija u l-Greċja, li twassal għal interpretazzjoni tal-istorja oġġettiva u bbażata fuq il-fatti, it-tisħiħ tal-kooperazzjoni akkademika u l-promozzjoni ta' attitudnijiet pożittivi fiż-żgħażagħ fir-rigward tal-ġirien tagħhom;

61. Iħeġġeġ l-isforzi kontinwi għall-implimentazzjoni tal-proċess ta' Bologna fl-edukazzjoni ogħla u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi oħra fir-reġjun biex tkun promossa l-kwalità tal-universitajiet; ifakkar l-importanza tal-prinċipju ta' libertà akkademika;

62. Jifraħ lill-pajjiż dwar il-prestazzjoni qawwija tat-tim tiegħu fil-Kampjonat Ewropew tal-Basketball 2011;

63. Jilqa' l-livell ogħli ta' allinjament bejn il-pajjiż u l-Pożizzjonijiet Komuni tal-UE fil-qasam tal-politika għall-affarijiet barranin; iħeġġeġ l-isforzi tal-pajjiż għall-istabbiliment ta' relazzjonijiet tajba mal-viċinat tiegħu; jilqa' l-fatt li d-demarkazzjoni tal-fruntiera mal-Kosovo fl-2009 ppermettiet relazzjonijiet aktar mill-qrib u, sa minn Settembru 2011, ftehim dwar il-kontrolli konfinali konġunti; jantiċipa li dan il-ftehim se jkun qiegħed jopera totalment fil-futur qrib; jifraħ lill-awtoritajiet dwar l-organizzazzjoni reċenti ta' suċċess tal-Laqgħa tal-Ministri għall-Integrazzjoni tal-UE tal-Balkani tal-Punent li saret fi Skopje;

64. Jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni reġjonali bħala parti essenzjali tal-proċess li jqarreb lejn l-Unjoni Ewropea; jilqa' l-passi lejn l-iffaċilitar tal-libertà ta' moviment fir-reġjun, inkorporat fit-trattat mal-Albanija u l-Montenegro li jippermettu liċ-ċittadini tagħhom jaqsmu l-fruntieri u jivjaġġaw liberament madwar it-tliet pajjiżi, sempliċiment permezz tal-karta tal-identità; iħeġġeġ l-estensjoni tal-inizjattiva għal aktar pajjiżi tar-reġjun;

65. Jilqa' l-involviment internazzjonali tal-pajjiż f'diversi attivitajiet importanti, bħall-parteċipazzjoni fil-Missjoni EUFOR Althea (operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnja u Ħerżegovina), il-presidenza tiegħu tal-Proċess ta' Kooperazzjoni Ewropew 2012-2013 u l-kooperazzjoni sħiħa tiegħu mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja;

*

* *

66. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Gvern u lill-Parlament tal-pajjiż.

---

## Rapport dwar it-tkabbir għall-Islanda

P7_TA(2012)0084

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2012 dwar ir-rapport ta' progress 2011 dwar l-Islanda (2011/2884(RSP))**

(2013/C 251 E/11)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010 biex jibdew in-negozjati tal-adeżjoni mal-Islanda,

**L-Erbgħa 14 ta’ Marzu 2012**

— wara li kkunsidra r-riżultati tal-Konferenzi tal-Adeżjoni mal-Islanda fuq livell Ministerjali tas-27 ta’ Ġunju 2010 u tas-27 ta’ Ġunju 2011 u tat-12 ta’ Diċembru 2011, kif ukoll il-Konferenza tal-Adeżjoni mal-Islanda fuq livell ta’ sostituti ministerjali fid-19 ta’ Ottubru 2011,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-isem ‘Strateġija ta’ Tkabbir u Sfidi Ewlenin 2011-2012’ (COM(2011)0666) u r-Rapport ta’ Progress 2011 dwar l-Islanda, adottat fit-12 ta’ Ottubru 2011 (SEC(2011)1202),

— wara li kkunsidra r-riżultati tal-proċess ta’ screening,

— wara li kkunsidra l-Programm Nazzjonali tal-IPA għall-Islanda adottat f’Ottubru 2011 b’baġit ta’ EUR 12-il miljun,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta’ Lulju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Islanda għal adeżjoni mal-Unjoni Ewropea [1] u r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta’ April 2011 dwar ir-rapport ta’ progress 2010 dwar l-Islanda [2],

— wara li kkunsidra l-laqgħat tal-Kumitat Parlamentari Konġunt UE-Islanda,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi l-Islanda tissodisfa l-kriterji ta’ Kopenħagen, u n-negozjati tal-adeżjoni mal-Islanda bdew fis-27 ta’ Lulju 2010 wara l-approvazzjoni mill-Kunsill;

B. billi l-proċess ta’ screening tal-acquis tal-UE jinsab kważi lest;

C. billi sa issa fin-negozjati tal-adeżjoni nfetħu u ngħalqu provviżorjament tmien kapitoli (Kapitolu 2 - Moviment Liberu tal-Ħaddiema, Kapitolu 7 - Liġijiet dwar il-Proprjetà Intellettwali, Kapitolu 20 - Politika dwar l-Impriżi u l-Industrija, Kapitolu 21, Netwerks Trans-Ewropej, Kapitolu 23 - Il-Ġudikatura u d-Drittijiet Fundamentali, Kapitolu 25 - Xjenza u Riċerka, u Kapitolu 26 - Edukazzjoni u Kultura) u nfetħu tlieta oħra (Kapitolu 5 - Akkwist Pubbliku, Kapitolu 10 - Is-Soċjetà Informatika u l-Midja u Kapitolu 33 - Dispożizzjonijiet Finanzjarji u Baġitarji);

D. billi kif enfasizzat fil-konsensus imġedded dwar it-tkabbir, il-progress ta’ kull pajjiż lejn l-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea huwa bbażat fuq il-mertu;

E. billi l-Islanda diġà qed tikkoopera mill-qrib mal-UE bħala membru taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), il-Ftehimiet ta’ Schengen u r-Regolament Dublin II, u diġà adottat parti sinifikanti tal-acquis;

F. billi l-proċess ta’ adeżjoni tal-Islanda għandu jissalvagwardja bi sħiħ il-prinċipji u l-acquis tal-UE;

G. billi l-Islanda tikkontribwixxi għall-koeżjoni u s-solidarjetà Ewropea permezz tal-Mekkaniżmu Finanzjarju skont iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u tikkoopera mal-UE għaż-żamma tal-paċi u l-operazzjonijiet tal-ġestjoni tal-kriżijiet;

H. billi l-konsolidazzjoni ekonomika u fiskali qiegħda fit-triq it-tajba, l-ekonomija Islandiża sejra moderatament għall-aħjar u l-PDG mistenni li jirkupra bil-mod;

[1] ĠU C 351 E, 2.12.2011, p. 73.
[2] Testi adottati, P7_TA(2011)0150.

*Kummenti ġenerali*

1. Ifakkar li l-kriterji ta' Kopenħagen u l-kapaċità ta' integrazzjoni tal-Unjoni jipprovdu l-bażi ġenerali għall-adeżjoni mal-UE;

2. Jappoġġa l-progress tal-Islanda fil-proċess ta' adeżjoni; jilqa' l-ftuħ ta' ħdax-il kapitolu tan-negozjati u l-għeluq provviżorju ta' tmienja minn dawn il-kapitoli fin-negozjati tal-adeżjoni; iqis li huwa importanti li jinħolqu l-kundizzjonijiet sabiex jitlesta l-proċess ta' adeżjoni mal-Islanda u biex jiġi żgurat li l-adeżjoni tagħha tkun suċċess;

*Kriterji politiċi*

3. Jilqa' l-prospettiva li, bħala Stat Membru ġdid tal-UE, se jkollna pajjiż bi tradizzjoni demokratika u kultura ċivika bi storja twila u b'saħħithom;

4. Jinnota r-rabtiet storiċi b'saħħithom tal-Islanda mat-Tramuntana tal-Ewropa u l-kooperazzjoni Ewro-Atlantika li ilha taħdem b'suċċess iktar minn 60 sena;

5. Jinnota b'sodisfazzjon li l-istabbiliment ta' Kunsill Kostituzzjonali u l-proċess li għaddej ta' reviżjoni tal-Kostituzzjoni Islandiża, bl-għan li jżid il-protezzjoni demokratika, isaħħaħ il-kontrolli u l-bilanċi, itejjeb il-funzjonament tal-istituzzjonijiet tal-istat u jiddefinixxi aħjar ir-rwoli u s-setgħat rispettivi tagħhom; jilqa' l-isforzi biex jissaħħu r-rwol u l-effiċjenza tal-Parlament Islandiż (Althingi) bit-tisħiħ tar-rwol tiegħu ta' superviżjoni, kif ukoll it-trasparenza tal-proċess leġiżlattiv;

6. Jinnota t-tibdil fil-karigi fil-Gvern Islandiż li sar fil-31 ta' Diċembru 2011; jesprimi fiduċja li l-gvern il-ġdid ikompli n-negozjati b'impenn iktar b'saħħtu u iktar persistenti fir-rigward tal-proċess ta' adeżjoni;

7. Ifaħħar lill-Islanda għar-riżultati tajbin tagħha biex jiġu salvagwardjati d-drittijiet tal-bniedem u biex jiġi żgurat livell għoli ta' kooperazzjoni mal-mekkaniżmi internazzjonali għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza li l-adeżjoni tal-Islanda mal-UE se tkompli ssaħħaħ ir-rwol tal-Unjoni bħala promotur u difensur tad-drittijiet tal-bniedem u tad-drittijiet fundamentali fid-dinja;

8. Jilqa' l-progress tajjeb li sar għat-tisħiħ tal-indipendenza u l-effiċjenza tal-ġudikatura, kif ukoll ir-rinfurzar tal-qafas politiku kontra l-korruzzjoni, rikonoxxut permezz tal-għeluq proviżorju tal-Kapitolu 23;

9. Jilqa' wkoll l-att il-ġdid dwar il-midja adottat mill-Althingi fl-20 ta' April 2011; jinkoraġġixxi lill-kumitati parlamentari rilevanti maħtura fis-sajf 2011 sabiex jaħdmu fuq il-qafas leġiżlattiv f'dan il-qasam kif ukoll dwar il-konċentrazzjoni tas-sjieda tas-suq tal-midja Islandiż u r-rwol tas-servizz tax-xandir tal-istat Islandiż fis-suq tar-reklamar;

10. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-Inizjattiva Islandiża dwar il-Midja Moderna, u qed jistenna bil-ħerqa t-traspożizzjoni tagħha fil-liġi u l-prattika ġudizzjarja, li tippermetti kemm lill-Islanda u kemm lill-UE jieħdu pożizzjoni b'saħħitha fir-rigward tal-protezzjoni legali tal-libertajiet ta' espressjoni u ta' informazzjoni;

11. Itenni l-istedina tiegħu lill-awtoritajiet Islandiżi biex jarmonizzaw id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE fir-rigward tad-dritt tagħhom li jivvutaw fl-elezzjonijiet lokali fl-Islanda;

12. Jieħu nota tad-diviżjoni politika fi ħdan il-gvern kif ukoll fi ħdan l-Althingi u l-forzi politiċi Islandiżi prinċipali rigward l-adeżjoni mal-UE; jinkoraġġixxi l-adozzjoni ta' strateġiji komprensivi għall-adeżjoni mal-UE f'ċerti oqsma, b'mod partikulari f'dawk li mhumiex koperti miż-ŻEE;

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

13. Jinnota bi pjaċir li għadd sinifikanti ta' Islandiżi huma favur it-tkomplija tan-negozjati tal-adeżjoni; jilqa' l-appoġġ tal-gvern għal dibattitu infurmat tajjeb u bilanċjat dwar il-proċess tal-adeżjoni u l-involviment tas-soċjetà Islandiża fid-diskussjonijiet pubbliċi rigward l-adeżjoni mal-UE; iqis li l-ftuħ ta' Ċentri ta' Informazzjoni tal-UE fl-Islanda huwa opportunità għall-UE biex tipprovdi liċ-ċittadini Islandiżi t-tagħrif kollu possibbli rigward l-effetti kollha tas-sħubija tal-UE għall-pajjiż u l-UE nnifisha;

14. Iqis li hu essenzjali li ċ-ċittadini tal-UE jingħataw informazzjoni ċara u komprensiva bbażata fuq il-fatti dwar l-implikazzjonijiet tal-adeżjoni tal-Islanda; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħmlu sforzi għal dan il-għan, u jikkunsidra li hu ugwalment importanti li l-preokkupazzjonijiet u l-mistoqsijiet taċ-ċittadini jinstemgħu u jiġu indirizzati kif ukoll li jitqiesu l-fehmiet u l-interessi tagħhom;

***Kriterji ekonomiċi***

15. Jilqa' r-rabtiet ekonomiċi mill-qrib mal-Islanda u l-livell ġeneralment sodisfaċenti li laħqet l-Islanda fl-implimentazzjoni tal-obbligi tagħha taż-ŻEE u fil-ħila tagħha li tirreżisti għall-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-UE fuq perjodu ta' żmien medju, sakemm tkompli tindirizza d-dgħufijiet attwali permezz ta' politiki makroekonomiċi xierqa u riformi strutturali; ifakkar, madankollu, fil-ħtieġa li jkunu indirizzati bis-sħiħ l-obbligi taż-ŻEE eżistenti kif identifikati mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA;

16. Jistieden lill-awtoritajiet Islandiżi jindirizzaw l-intervent tal-istat li għadu sinifikanti fis-settur bankarju; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Islandiżi jirriformaw u jiftħu gradwalment l-industriji bħal dawk tal-enerġija, tat-trasport, tal-ajru u tas-sajd, li għadhom protetti mill-kompetizzjoni barranija, bil-kunsiderazzjoni dovuta għall-ispeċifiċitajiet tal-pajjiż; jappoġġa, f'dan ir-rigward, l-isforzi biex isiru magħrufa aħjar il-kawżi tal-kollass tas-sistema ekonomika u finanzjarja tal-Islanda; jenfasizza li t-tneħħija tal-protezzjoniżmu hija prerekwiżit għall-iżvilupp ekonomiku sostenibbli;

17. Ifaħħar lill-Islanda talli temmet b'suċċess il-Programm ta' rkupru ekonomiku mal-FMI, bl-għan tal-konsolidazzjoni fiskali u ekonomika;

18. Jinnota bi pjaċir il-progress ekonomiku tajjeb li sar diġà u r-ristrutturar estensiv u r-riformi li għaddejjin fis-settur finanzjarju; jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet Islandiżi jkomplu bl-isforzi tagħhom sabiex jitnaqqas il-livell tal-qgħad u b'mod partikulari l-qgħad fost iż-żgħażagħ;

19. Jilqa' l-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Politika 2020 tal-Islanda u jinkoraġġixxi lill-gvern jagħti spinta lill-impriżi żgħar u medji (SMEs) fil-pajjiż billi jiffaċilita l-preżenza tagħhom fis-suq internazzjonali u billi jipprovdi aċċess adegwat għar-riżorsi finanzjarji;

20. Jieħu nota tal-approvazzjoni mill-Althingi tal-istrateġija riveduta għat-tneħħija tal-kontrolli fuq il-kapital, imħejjija mill-awtoritajiet Islandiżi fuq konsultazzjoni mal-FMI, u tad-djalogu kostruttiv li sar bejn l-Islanda u l-UE f'dan il-qasam; ifakkar li t-tneħħija tal-kontrolli fuq il-kapital huwa rekwiżit importanti għall-adeżjoni tal-pajjiż mal-UE;

21. Ifakkar li l-kontroversja dwar l-Icesave għadha ma ssolvietx f'dan l-istadju; jenfasizza li l-kwistjoni Icesave għandha tkun solvuta apparti min-negozjati tal-adeżjoni u m'għandhiex tkun ta' ostaklu fil-proċess tal-adeżjoni tal-Islanda; jieħu nota tad-deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA li tirreferi l-każ "Icesave" lill-Qorti taż-ŻEE u tas-sentenza tal-Qorti Suprema Islandiża li jinżamm l-Att ta' Emerġenza tas-6 ta' Ottubru 2008; japprezza l-impenn kontinwu tal-awtoritajiet Islandiżi biex isolvu din il-kontroversja u jilqa' l-ewwel ħlasijiet parzjali lill-kredituri ta' prijorità fl-għeluq tal-Landsbanki Íslands hf, stmati li kienu ta' madwar terz tal-klejms ta' prijorità rikonoxxuti;

***Kapaċità li tadotta l-obbligi tas-sħubija***

22. Jistieden lill-Islanda ttejjeb il-preparazzjonijiet għall-allinjament mal-acquis tal-UE, b'mod partikulari fl-oqsma li mhumiex koperti miż-ŻEE, u tiżgura l-implimentazzjoni u l-infurzar tiegħu sad-data tal-adeżjoni;

23. Jieħu nota tar-riżultati tal-proċess ta' screening; jilqa' l-ambizzjoni ddikjarata mill-Islanda li tiftaħ il-kapitoli tan-negozjati kollha matul il-presidenza Daniża; jittama li n-negozjati ta' adeżjoni se jimxu b'suċċess matul il-Presidenza attwali, filwaqt li jenfasizza l-bżonn li jiġu ssodisfati l-parametri ta' referenza tal-bidu fil-Kapitolu 11 - Agrikultura u Żvilupp Rurali u fil-Kapitolu 22 - Politika Reġjonali u Koordinazzjoni tal-Istrumenti Strutturali u l-kriterji ta' referenza għall-għeluq tal-Kapitolu 5 – Akkwist Pubbliku, Kapitolu 10 - Is-Soċjetà Informatika u l-Midja u l-Kapitolu 33 - Dispożizzjonijiet Finanzjarji u Baġitarji;

24. Jilqa' l-konsolidazzjoni attwali tal-ministeri, jirrikonoxxi l-effiċjenza u l-professjonalità tal-amministrazzjoni Islandiża u jappoġġa l-għan ġenerali tat-titjib tal-kapaċità amministrattiva u ta' koordinazzjoni tal-ministeri Islandiżi;

25. Jilqa' l-isforzi ulterjuri biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet istituzzjonali fis-settur finanzjarju u l-progress għat-tisħiħ tal-prattiki regolatorji u superviżorji tal-banek;

26. Filwaqt li jikkunsidra l-fatt li kemm il-Politika Komuni tas-Sajd u kemm il-politika tas-sajd Islandiża attwalment qegħdin jiġu riveduti, jistieden lill-Islanda u lill-UE jittrattaw dan il-kapitolu tan-negozjati b'mod kostruttiv bil-għan li tinstab soluzzjoni sodisfaċenti reċiproka għall-ġestjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fi ħdan l-acquis applikabbli;

27. Jikkunsidra li huwa importanti li jsiru tħejjijiet sabiex l-istrutturi amministrattivi meħtieġa jkunu adattati adegwatament għall-parteċipazzjoni sħiħa tal-Islanda fil-PAK mill-ġurnata tal-adeżjoni, filwaqt li jirrikonoxxi l-ispeċifiċitajiet tal-agrikoltura Islandiża fir-rigward, b'mod partikolari tal-awtosuffiċjenza attwali f'termini ta' ikel tal-pajjiż u l-proċess ta' riforma li għaddej tal-Politika Agrikola Komuni;

28. Jiddispjaċih li l-laqgħa riċenti tal-erba' stati kostali, l-Islanda, l-UE, in-Norveġja u l-Gżejjer Faeroe, dwar il-ġestjoni tas-sajd għall-kavalli fl-Atlantiku tal-Grigal fl-2012, spiċċat mingħajr ma ntlaħaq ftehim, u jinkoraġġixxi lill-istati kostali kollha biex jagħmlu sforz imġedded biex ikomplu bin-negozjati bil-għan li tinstab soluzzjoni għall-kontroversja dwar il-kavalli, ibbażata fuq proposti realistiċi konsistenti mad-drittijiet storiċi u l-parir tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar, li jissalvagwardjaw il-ġejjieni tal-istokk, jipproteġu u jżommu l-impjiegi fis-sajd pelaġiku u jiżguraw sajd fit-tul u sostenibbli; jinnota l-proposta tal-Kummissjoni li tressaq miżuri kummerċjali biex tiġġieled kontra prattiki mhux sostenibbli tas-sajd;

29. Jemmen li l-Islanda, li tikseb kważi l-enerġija stazzjonarja tagħha kollha minn sorsi rinnovabbli, tista' tagħti kontribut prezzjuż lill-politiki tal-UE minħabba l-esperjenza tagħha fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, b'mod partikulari fir-rigward tal-użu tal-enerġija ġeotermali, il-ħarsien tal-ambjent u l-miżuri li jindirizzaw it-tibdil fil-klima; huwa wkoll konvint li kooperazzjoni aktar mill-qrib jista' jkollha impatt pożittiv fuq l-investiment u għalhekk fuq is-sitwazzjoni ekonomika u tal-impjiegi fl-Islanda u fl-UE;

30. Jinnota madankollu, li għad fadal diverġenzi bejn l-UE u l-Islanda dwar kwistjonijiet relatati mal-ġestjoni tal-ħajja tal-baħar, partikularment il-kaċċa tal-balieni; jindika li l-projbizzjoni tal-kaċċa tal-balieni hija parti mill-acquis tal-UE u jitlob diskussjonijiet usa' dwar il-kwistjoni tal-qerda tal-kaċċa tal-balieni u l-kummerċ tal-prodotti tal-balieni;

31. Jilqa' l-appoġġ kontinwu tal-Islanda għall-operazzjonijiet ċivili tal-PSDK u l-allinjament tagħha mal-maġġoranza tad-dikjarazzjonijiet u d-deċiżjonijiet fil-qasam tal-PESK; jenfasizza li bħala parti mill-proċess ta' qabel l-adeżjoni, l-Islanda mistennija tikkoordina l-pożizzjonijiet tagħha mal-UE fil-fora internazzjonali kollha, inkluża d-WTO;

***Kooperazzjoni reġjonali***

32. Iqis li l-adeżjoni tal-Islanda mal-UE se ssaħħaħ b'mod sinifikanti l-prospetti tal-Unjoni li jkollha rwol aktar attiv u kostruttiv fit-Tramuntana tal-Ewropa u fl-Artiku billi tikkontribwixxi għall-governanza multilaterali u s-soluzzjonijiet politiki sostenibbli fir-reġjun, billi l-isfidi tal-ambjent Artiku huma ta' interess komuni; jemmen li l-Islanda tista' ssir pont strateġiku fir-reġjun u li l-adeżjoni tagħha mal-UE tikkonsolida ulterjorment il-preżenza Ewropea fil-Kunsill tal-Artiku;

33. Iqis b'mod pożittiv il-parteċipazzjoni tal-Islanda fil-Kunsill Nordiku u fil-Kunsill tal-Istati tal-Baħar Baltiku (CBSS), kif ukoll fil-Politika tal-UE dwar id-Dimensjoni tat-Tramuntana, fil-Kunsill Ewro-Artiku ta' Barents, fil-Kunsill Artiku kif ukoll fil-kooperazzjoni Nordika-Baltika (NB8); jikkunsidra li l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni dwar Politika Islandiża dwar it-Tramuntana Estrema, adottata mill-Althingi f'Marzu 2011, reġgħet saħħet l-impenn tal-Islanda li jkollha parti attiva fir-reġjun tal-Artiku b'mod ġenerali;

34. Jenfasizza l-ħtieġa ta' politika tal-Unjoni Ewropea aktar effikaċi u koordinata dwar l-Artiku u jesprimi l-opinjoni li l-adeżjoni tal-Islanda fl-UE ssaħħaħ kemm il-vuċi tal-UE fl-Artiku u kemm id-dimensjoni tat-Tramuntana tal-Atlantiku tal-politiki esterni tal-Unjoni;

*

* *

35. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-President tal-Althingi u lill-Gvern tal-Islanda.

## Rapport dwar it-tkabbir għall-Bosnja-Ħerzegovina

P7_TA(2012)0085

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2012 dwar ir-rapport ta' progress 2011 dwar il-Bosnja-Ħerzegovina (2011/2888(RSP))**

(2013/C 251 E/12)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-ftehim ta' Stabbilizzazzjoni (SAA) bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda u l-Bosnja-Ħerzegovina min-naħa l-oħra, iffirmat fis-16 ta' Ġunju 2008 u rrattifikat mill-Istati Membri kollha tal-UE u mill-Bosnja-Ħerzegovina,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/211/KE tat-18 ta' Frar 2008 dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kondizzjonijiet kontenuti fis-Shubija Ewropea mal-Bożnja-Ħerzegovina u li tħassar id-Deċiżjoni 2006/55/KE ([1]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/426/PESK tat-18 ta' Lulju 2011 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja-Ħerzegovina ([2]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bosnja-Ħerzegovina tal-21 ta' Marzu 2011, tal-10 ta' Ottubru 2011 u tal-5 ta' Diċembru 2011,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-isem 'Strateġija ta' Tkabbir u Sfidi Ewlenin 2011-2012' (COM(2011)0666) u r-Rapport ta' progress 2011 dwar il-Bosnja-Ħerzegovina, adottat fit-12 ta' Ottubru 2011 (SEC(2011)1206),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-17 ta' Ġunju 2010 dwar is-sitwazzjoni fil-Bosnja-Ħerzegovina ([3]),

([1]) ĠU L 80, 19.3.2008, p. 18.
([2]) ĠU L 188, 19.7.2011, p. 30.
([3]) ĠU C 236 E, 12.8.2011, p. 113.

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tat-13-il laqgħa Interparlamentari bejn il-Parlament Ewropew u l-Assemblea Parlamentari tal-Bosnja-Ħerzegovina, li saret fi Brussell fid-19-20 ta' Diċembru 2011,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Unjoni Ewropea għadha impenjata bil-qawwi favur Bosnja-Ħerzegovina (BĦ) sovrana u magħquda; billi wieħed mill-objettivi bażiċi tal-politika tal-UE huwa li jaċċelera l-progress tal-pajjiż lejn is-sħubija tal-UE u b'hekk jgħin fit-titjib tal-kwalità tal-ħajja għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha; billi dan it-titjib jirrikjedi istituzzjonijiet funzjonali fil-livelli kollha u impenn mill-mexxejja politiċi tal-pajjiż;

B. billi l-futur tal-BĦ jinsab fl-Unjoni Ewropea u billi l-prospettiva ta' sħubija fl-UE kienet wieħed mill-fatturi li l-iktar għaqqdu n-nies tal-pajjiż,

C. billi r-responsabilità primarja għall-proċess tal-adeżjoni mal-UE ta' suċċess taqa' fuq il-pajjiż kandidat potenzjali u t-tmexxijiet għandhom isiru primarjament minn dawk li huma eletti miċ-ċittadini u responsabbli għalihom u skont viżjoni komuni kondiviża dwar il-problemi politiċi, ekonomiċi u soċjali urġenti tal-pajjiż; billi l-BĦ biss bħala pajjiż wieħed għandha l-prospettiva ta' sħubija tal-UE, u l-imminar ta' istituzzjonijiet tal-Istat iċaħħad liċ-ċittadini kollha milli jiksbu l-benefiċċji tal-integrazzjoni fl-UE,

D. billi l-mexxejja tal-partiti politiċi rnexxielhom jaqblu fil-prinċipju dwar gvern ġdid tal-Istat, li sadattant ġie kkostitwit, wara li s-sitwazzjoni politika weħlet f'punt fejn id-diskussjonijiet ma setgħux jitkomplew għal madwar ħmistax-il xahar,

E. billi n-nuqqas li jintlaħaq ftehim politiku u istituzzjonali żamm lill-pajjiż milli jkompli bir-riformi tant meħtieġa, intiżi biex iressqu l-pajjiż eqreb lejn l-UE, b'mod partikulari f'oqsma fundamentali bħall-bini ta' stat, governanza, l-implimentazzjoni tal-istat tad-dritt u l-approssimazzjoni ta' standards tal-UE, billi n-nuqqas ta' gvern tal-Istat affettwa wkoll il-kapaċità li jkunu adottati politiki ekonomiċi u fiskali koerenti,

F. billi r-riforma kostituzzjonali tibqa' r-riforma ewlenija għat-trasformazzjoni tal-BĦ fi stat effikaċi u li jaħdem tajjeb;

G. billi f'pajjiż b'livelli differenti ta' governanza huma meħtieġa koordinazzjoni b'saħħitha bejn id-diversi atturi u kooperazzjoni sinċiera biex tittejjeb il-kapaċità tiegħu li jitkellem b'vuċi waħda; billi, madankollu, l-ebda mekkaniżmu ta' koordinazzjoni ma' jista' jissostitwixxi r-rieda politika tant meħtieġa; billi l-kooperazzjoni tista' twassal għal riżultati tanġibbli għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha, kif intwera bil-liberalizzazzjoni tal-viża, għalkemm f'ħafna każi hija nieqsa l-koordinazzjoni neċessarja,

H. billi l-objettivi tal-politika tar-Rappreżentant Speċjali (EUSR) u l-Kap tad-Delegazzjoni tal-UE(HoD) fil-kariga msaħħa tiegħu huma li joffri pariri min-naħa tal-UE u jiffaċilita l-proċess politiku, jiżgura l-konsistenza u l-koerenza tal-azzjoni tal-Unjoni,

I. billi l-istruttura kumplessa tas-sistema ġudizzjarja bin-nuqqas ta' Qorti Suprema fil-livell ta' Stat, in-nuqqas ta' armonizzazzjoni fost l-erba' ġurisdizzjonijiet interni, l-interferenza politika fis-sistema ġudizzjarja u l-kontestazzjonijiet għall-kompetenzi tal-aġenziji ġudizzjarji fil-livell ta' Stat jimminaw il-funzjonament tal-ġudikatura u jxekklu l-isforzi ta' riforma,

J. billi l-Missjoni tal-Pulizija tal-UE, stabbilita fl-2003, ġiet estiża sat-30 ta' Ġunju 2012 fil-perspettiva ta' tranżizzjoni ta' attivitajiet futuri għal strumenti Komunitarji u l-istabbiliment ta' kapaċità konsultattiva strateġika fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u l-ġustizzja kriminali fl-uffiċċji tal-EUSR,

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

K. billi l-BĦ qiegħda tipprovdi għajnuna fil-proċessi u l-appelli li għaddejjin dwar delitti tal-gwerra, u qiegħda tikkoopera rigward il-kawżi trasferiti,

L. billi l-korruzzjoni għadha problema kbira għall-iżvilupp soċjoekonomiku u politiku tal-pajjiż,

M. billi t-traffikar tal-bnedmin huwa delitt serju u vjolazzjoni grassa tad-drittijiet tal-bniedem; billi l-BĦ hija pajjiż ta' oriġini, tranżitu u destinazzjoni għat-traffikar tal-bnedmin, speċjalment tan-nisa u l-bniet,

N. billi n-nuqqas ta' prospettivi ta' impjiegi, b'mod speċjali fost iż-żgħażagħ, qiegħed ixekkel il-progress tal-pajjiż u jżid l-iskuntentizza soċjali;

O. billi l-kooperazzjoni ma' pajjiżi oħra fir-reġjun hija prerekwiżit għal paċi dewwiema u r-rikonċiljazzjoni fil-BĦ u l-Balkani tal-Punent,

***Osservazzjonijiet ġenerali***

1. Jilqa' l-formazzjoni ta' gvern ġdid tal-Istat, wara ftehim bejn il-mexxejja tal-patiti politiċi dwar firxa ta' kwsitjonijiet importanti; jitlob l-impimentazzjoni sħiħa ta' dan il-ftehim billi jiġu indirizzati kwistjonijiet pendenti, inklużi l-adozzjoni tal-baġit tal-Istat tal-2012 u l-ħatriet tad-Diretturi tal-aġenzjiji tal-Istat; jistieden lill-elite politika biex tibni fuq dan l-iżvilupp pożittiv, li jista' jagħti impetu ulterjuri għall-proċess ta' integrazzjoni tal-UE, u terġa' timpenja ruħha fi djalogu kostruttiv dwar riformi importanti oħra wkoll;

2. Huwa mħasseb dwar il-progress limitat li kisbet il-BĦ bħala pajjiż kandidat potenzjali għas-sħubija fl-UE fi triqitha lejn l-istabbilizzazzjoni u l-iżvilupp soċjoekonomiku; huwa tal-fehma, madankollu, li huwa possibbli l-progress lejn l-integrazzjoni mal-UE għall-benefiċċju taċ-ċittadini tal-BĦ sakemm id-determinazzjoni, ir-responsabbiltà politika, kultura ta' kompromess u viżjoni komuni dwar il-futur tal-pajjiż jikkostitwixxu l-prinċipji ta' gwida għal azzjonijiet ulterjuri; jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet tal-BĦ jieħdu passi konkreti oħra biex jerġgħu jqiegħdu lill-pajjiż lura fi triqtu lejn l-UE b'mod sod;

3. Ifakkar lill-parteċipanti politiċi kollha fil-Bosnja-Ħerzegovina li r-riformi fit-triq lejn l-integrazzjoni mal-UE huma ta' benefiċċju għall-poplu tal-BĦ u li hi r-responsabilità tagħhom vis-à-vis ċ-ċittadini li jaslu għall-kompromessi, jikkoordinaw effettivament, u jaqblu dwar ir-riformi u jimplimentawhom; ifakkar li Stat li jiffunzjona kif ukoll gvern u amministrazzjoni tal-Istat li jiffunzjonaw huma wkoll kundizzjonijiet biex applikazzjoni għal sħubija fl-UE tkun ta' suċċess; iħeġġeġ lill-atturi politiċi kollha jwettqu l-bidliet kostituzzjonali meħtieġa u jaħdmu favur riformi fundamentali oħra, kif ukoll jiffukaw fuq il-ħolqien tal-kundizzjonijiet għad-dħul fis-seħħ tal-FSA; jenfasizza li s-sjieda lokali u l-impenn politiku huma prerekwiżiti għas-suċċess ta' kwalunkwe għajnuna finanzjarja mill-UE; għal dan il-għan, jistieden lill-awtoritajiet tal-pajjiż jistabbilixxu l-istruttura neċessarja tal-ġestjoni deċentralizzata (DIS) tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA); jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni dwar l-ipprogrammar ta' assistenza finanzjarja futura tal-UE, partikolarment fil-qafas tal-programm IPA;

4. Jemmen bis-sħiħ li t-tisħiħ tal-Istat ċentrali ma jfissirx li jiddgħajfu l-Entitajiet iżda li jinħolqu l-kundizzjonijiet għal amministrazzjoni ċentrali effettiva li tkun kapaċi tipprepara l-pajjiż kollu għall-adeżjoni mal-UE, b'kollaborazzjoni mill-qrib bejn livelli differenti ta' governanza; għalhekk jenfasizza l-ħtieġa tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet amministrattivi fil-livelli kollha tal-governanza li jittrattaw kwistjonijiet relatati mal-UE kif ukoll il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet rispettivi fl-ipprogrammar tal-għajnuna finanzjarja tal-UE fis-setturi kollha relevanti għat-traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE;

5. Jikkundanna l-użu ta' lingwaġġ u azzjonijiet inflammatorji, li jimminaw il-proċess ta' rikonċiljazzjoni interetnika u l-funzjonament tal-istrutturi tal-Istat;

*Preżenza msaħħa tal-UE*

6. Jilqa' l-istrateġija globali tal-UE lejn il-BĦ li tinkludi t-tisħiħ tal-preżenza tal-UE fil-BĦ permezz tal-introduzzjoni ta' rappreżentant tal-UE b'kariga msaħħa li jaġixxi b'mandat doppju ta' EUSR u HoD; ifaħħar lill-EUSR/HoD talli appoġġa lill-BĦ fi kwistjonijiet marbuta mal-UE u talli ffaċilita proċess ta' integrazzjoni mal-UE li huwa mmexxi lokalment; jappoġġa bis-sħiħ lill-EUSR/HoD fl-ambizzjoni tiegħu li jgħin lill-awtoritajiet tal-BĦ biex jankraw l-aġenda tal-UE fil-qalba tal-proċess politiku billi jiżgura l-konsistenza, il-koordinazzjoni u l-koerenza tal-azzjoni tal-Unjoni; iħeġġeġ lill-atturi politiċi kollha, f'dan ir-rigward, biex jaħdmu fi sħubija mill-qrib mal-EUSR; ifakkar fil-ħtieġa li l-preżenza msaħħa tal-UE tkun implimentata minn strateġiji ċari u komprensivi dwar il-problemi varji u fl-istess ħin minn appoġġ sod u koerenti mill-Istati Membri kollha għall-EUSR/HoD; jinnota, f'dan ir-rigward, li l-UE għandha talloka fondi biżżejjed, inkluż fil-persunal biex tippermetti l-preżenza fil-pajjiż kollu, sabiex tgħin lill-EUSR/HoD jiksbu l-objettivi meħtieġa;

7. Jistieden lill-komunità internazzjonali tikkunsidra l-ħtieġa u ssib soluzzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 5+2 tal-Bord ta' Tmexxija tal-Kunsill għall-Implimentazzjoni tal-Paċi biex tħejji t-triq għax-xolji-ment tal-Uffiċċju tar-Rappreżentant Għoli (OHR) sabiex ikun jista' jkun hemm iktar sjieda u responsabilità lokali għall-affarijiet proprji tal-BĦ, filwaqt li żżomm quddiem għajnejha li kwalunkwe pass bħal dan m'għandux ikollu impatt negattiv fuq l-istabilità tal-pajjiż jew ir-ritmu u l-eżitu ta' riformi tant meħtieġa; ifakkar li l-awtoritajiet tal-BĦ għandhom, f'dan il-kuntest, isolvu l-kwistjonijiet pendenti tal-proprjetà tal-istat u l-proprjetà tad-difiża;

8. Jinnota b'sodisfazzjon il-kontribuzzjoni sinifikanti tal-Missjoni tal-Pulizija tal-UE (EUPM) u l-Operazz-joni Althea tal-EUFOR għall-istabilità u s-sigurtà tal-BĦ u jqishom elementi importanti fl-istrateġija globali msaħħa tal-UE għall-BĦ; ifaħħar il-kisbiet tal-EUPM fil-kontribut tagħha fil-ġlieda kontra l-kriminalità orga-nizzata u l-korruzzjoni mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura tal-BĦ; jinnota l-ftehim li tingħalaq l-EUPM sal-aħħar ta' Ġunju 2012; ifakkar fil-ħtieġa ta' tranżizzjoni mingħajr xkiel mill-ħidma tal-EUPM għal proġetti ta' għajnuna ffinanzjati mill-IPA kif ukoll favur kapaċità konsultattiva strateġika fl-oqsma tal-infurzar tal-liġi u l-ġustizzja kriminali fl-uffiċċju tal-EUSR; jilqa' r-rwol militari eżekuttiv tal-operazzjoni Althea b'appoġġ għall-isforzi tal-BĦ fiż-żamma ta' ambjent sikur u fiż-żgur taħt il-mandat imġedded tan-NU; jenfasizza l-bżonn li jkomplu jissaħħu l-ħiliet u l-professjonaliżmu tal-forzi tas-sigurtà tal-BĦ bl-għan li jissaħħu s-sjieda u l-kapaċità lokali;

*Kriterji politiċi*

9. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-Istat għandu jkollu biżżejjed setgħat leġiżlattivi, baġitarji, eżekuttivi u ġudizzjarji sabiex ikun kapaċi jissodisfa l-kriterji tal-adeżjoni mal-UE;

10. Jilqa' l-inizjattiva dwar il-Forum ta' Koordinazzjoni Parlamentari li tittratta kwestjonijiet leġiżlattivi ta' integrazzjoni mal-UE f'livelli differenti ta' governanza u li għandha tikkontribwixxi biex l-aġenda Ewropea ssir aġenda nazzjonali; għalkemm għadu ma ntlaħaqx ftehim dwar emendi kostituzzjonali konkreti, iqis il-ħidma tal-Kumitat Konġunt Temporanju bħala pass sinifikanti 'l quddiem għaliex għall-ewwel darba l-politiċi tal-BĦ stabbilixxew mod istituzzjonalizzat ta' kif jiddiskutu emendi kostituzzjonali mingħajr il-preżenza tal-komunità internazzjonali, u bl-involviment tas-soċjetà ċivili u b'mod miftuħ u trasparenti għall-pubbliku;

11. Huwa mħasseb li d-djalogu soċjali għadu dgħajjef u li l-konsultazzjoni tas-sħab soċjali għadha fortuwita; iħeġġeġ lill-gvernijiet tal-BĦ kemm fil-livell ta' entitajiet kif ukoll dawk statali, jsaħħu l-kapaċità amministrattiva għall-kooperazzjoni mal-NGOs u jipprovdu aktar appoġġ għall-iżvilupp tas-soċjetà ċivili billi jkunu iktar ambizzjużi fl-istabbiliment ta' djalogu soċjali mas-sħab rilevanti; jenfasizza li r-regoli għar-rikonoxximent u r-reġistrazzjoni tas-sħab soċjali għandhom jiġu ċċarati u l-liġi fil-livell tal-Istat dwar ir-rappreżentattività tas-sħab soċjali jeħtieġ li tiġi adottata;

12. Jinnota li r-riforma kostituzzjonali għadha r-riforma ewlenija għat-trasformazzjoni tal-BĦ fi stat effikaċi u funzjonali għalkollox; jistieden lill-kumitat parlamentari jagħmel proposti konkreti f'dan ir-rigward;

13. Itenni s-sejħa tiegħu biex jintlaħaq ftehim u għal konformità sħiħa mad-deċiżjoni tal-QEDB fil-kawża Sejdić-Finci u l-Artikolu 2 tal-FSA li jirrikjedi rispett għall-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem; ifakkar li minbarra s-sentenza Sejdić-Finci hemm ukoll ħtieġa ġenerali li tiġi mmodifikata l-kostituzzjoni b'mod li jippermetti stil ta' governanza u struttura statali aktar pluralistiċi, demokratiċi u effiċjenti;

14. Jistieden lill-awtoritajiet kompetenti kollha jiffaċilitaw ir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni rispettiva u jiżguraw l-istabbiliment ta' sistema ġuridika indipendenti, imparzjali u effettiva konformi mal-istandards tal-UE u internazzjonali sabiex jissaħħaħ l-istat tad-dritt għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha; jilqa' ċertu progress, permezz tad-djalogu strutturat dwar il-ġudikatura, li sar fir-rigward tal-ħolqien ta' bilanċ bejn il-kompetenzi ġudizzjarji fuq livell ta' Stat u ta' Entità; iħeġġeġ lill-Gvern, madankollu, jimplimenta effettivament l-Istrateġija ta' Riforma tal-Qasam tal-Ġustizzja u jipprevjeni tentattivi biex jiddgħajfu l-istituzzjonijiet ġudizzjarji fil-livell tal-Istat, bħall-Kunsill Ġudizzjarju u ta' Prosekuzzjoni Għoli (HJPC);

15. Itenni l-appell tiegħu li t-twaqqif possibbli ta' Qorti Suprema, u kwistjonijiet strateġiċi u strutturali oħra relatati mal-armonizzazzjoni tal-erba' sistemi legali differenti tal-BĦ, jiġu indirizzati b'mod konsistenti waqt id-dibattitu li għaddej fil-qafas tad-Djalogu Strutturat dwar il-Ġustizzja; kif indikat ukoll fl-Istrateġija għar-Riforma tas-Settur tal-Ġustizzja, dawn il-kwistjonijiet strateġiċi għandhom jiġu diskussi fi sjieda sħiħa tal-kuntest ta' proċess ta' riforma kostituzzjonali;

16. Jilqa' l-progress fit-tħejjijiet għat-tmiem tas-superviżjoni internazzjonali tad-Distrett ta' Brcko;

17. Jilqa' l-adozzjoni tal-Liġi dwar iċ-Ċensiment miż-żewġ Kmamar tal-Assemblea Parlamentari tal-BĦ, wara l-ftehim politiku bejn il-mexxejja tal-partiti; jistieden lill-awtoritajiet tal-BĦ jwettqu t-tħejjijiet tekniċi meħtieġa bħala kwestjoni ta' urġenza peress li din mhix biss hi prekundizzjoni ċara għall-prospettiva ta' sħubija fl-UE iżda wkoll essenzjali għall-iżvilupp soċjoekonomiku tal-pajjiż;

18. Itenni f'dan ir-rigward l-obbligu li jiġi implimentat l-Anness VII tal-Ftehim ta' Paċi ta' Dayton biex jiġu żgurati soluzzjonijiet ta' ritorn sostenibbli, ġusti, komprensivi u dewwiema għall-persuni spustati internament, għar-rifuġjati u għal persuni oħra affettwati mill-kunflitt;

19. Jistieden lill-awtoritajiet tal-BĦ jinvestigaw b'mod effettiv każijiet ta' korruzzjoni u jressquhom quddiem il-qrati u jżidu n-numru tal-persuni li jinstabu ħatja; jilqa' l-ambizzjonijiet għat-tnedija ta' pjan ta' azzjoni għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni fis-servizz ċivili; jenfasizza l-ħtieġa li jiżdied l-għarfien tal-pubbliku rigward il-leġiżlazzjoni u l-prattiki kontra l-korruzzjoni kif ukoll il-ħtieġa li tiġi implimentata sistema li tippermetti liċ-ċittadini jirrapportaw każijiet ta' korruzzjoni; iħeġġeġ ukoll lill-gvern, jekk ikun meħtieġ bl-għajnuna tal-UE, jiżviluppa u jimplimenta programmi ta' taħriġ speċjali għall-forzi tal-pulizija, għall-prosekuturi, għall-imħallfin u għal awtoritajiet rilevanti oħra li jgħinuhom isiru jafu aħjar il-leġiżlazzjoni u l-prattiki kontra l-korruzzjoni u jkunu aktar konxji tagħhom;

20. Jilqa' l-ħatra tad-diretturi tal-Aġenzija għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni u l-Koordinazzjoni tal-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni u fl-istess ħin jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jkunu pprovduti r-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa biex ikun żgurat li din l-Aġenzija ssir operattiva għalkollox; jinkoraġġixxi li jsiru l-isforzi kollha għall-iffirmar ta' ftehim operattiv mal-EUROPOL malajr kemm jista' jkun;

21. Huwa mħasseb dwar il-progress fqir fil-qasam tal-ħasil tal-flus; iħeġġeġ lill-Parlament jadotta l-emendi leġiżlattivi meħtieġa li inter alia jtejbu r-rappurtar ta' tranżazzjonijiet bankarji suspettużi, iżidu r-rati ta' sekwestru tal-beni ggwadanjati b'mod kriminali u jtejbu l-effiċjenza tal-awtoritajiet rilevanti; jitlob li jissaħħaħ id-Dipartiment tat-Tagħrif Sigriet Finanzjarju billi jiżdiedu l-kapaċitajiet investigattivi tiegħu; jenfasizza l-importanza li jitwaqqfu strutturi għall-ġestjoni u l-manteniment tal-beni ssekwestrati;

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

22. Jinnota li l-liberalizzazzjoni tal-viżi ma wasslitx għal żieda fit-talbiet għal asil minn ċittadini tal-Bosnja-Ħerzegovina fiż-Żona ta' Schengen u fil-Bulgarija u r-Rumanija; ifaħħar lill-awtoritajiet talli stabbilixxew mekkaniżmi fil-livelli bilaterali u multilaterali għal każijiet fejn Stati Membri individwali esperjenzaw żieda temporanja fit-talbiet għal asil;

23. Jistieden lill-awtoritajiet tal-BĦ jipproteġu u jippromwovu b'mod attiv id-drittijiet tal-gruppi u –individwi kollha, li għandhom jiġu protetti mid-diskriminazzjoni diretta jew indiretta u mill-vjolenza; jinnota bi tħassib li l-implimentazzjoni tal-liġi kontra d-diskriminazzjoni għadha dgħajfa u li d-dispożizzjonijiet legali fihom nuqqasijiet; iħeġġeġ lill-gvern u lill-parlament tal-BĦ jġibu l-qafas legali u istituzzjonali tal-pajjiż konformi mal-istandards tal-UE u dawk internazzjonali dwar id-drittijiet tal-persuni LGBT; jistieden lill-awtoritajiet tal-BĦ jsaħħu u jinvolvu attivament lis-soċjetà ċivili fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki dwar id-drittijiet tal-bniedem;

24. Jinnota l-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija tar-Roma u l-pjanijiet ta' azzjoni dwar id-djar u l-impjiegi; jitlob iżjed sforzi f'dawn l-oqsma, waqt li l-popolazzjoni tar-Roma għadha tiffaċċja diskriminazzjoni u kundizzjonijiet tal-ħajja diffiċli;

25. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi miġġieled b'mod effettiv it-traffikar tal-bnedmin b'kooperazzjoni mal-komunità internazjonali, biex iressqu lil min jikkommetti dawn ir-reati quddiem il-ġustizzja, biex jipprovdu protezzjoni u kumpens lill-vittmi u biex iqajmu kuxjenza ħalli tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni mill-awtoritajiet u mis-soċjetà; jitlob kooperazzjoni u sħubija msaħħa bejn l-awtoritajiet kompetenti mal-oqsma varji tal-politika u l-NGOs mill-pajjiż u r-reġjuni; jitlob li tiżdied il-kuxjenza tal-forzi tal-pulizija tal-BĦ rigward it-traffikar tal-bnedmin permezz tal-iżvilupp ta' korsijiet ta' taħriġ speċjali; jinkoraġġixxi l-appoġġ kontinwu mill-UE fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin u jitlob kooperazzjoni mill-qrib rigward din il-kwistjoni bejn id-DĠ ELARG, DĠ HOME u l-Koordinatur tal-UE Kontra t-Traffikar;

26. Jirrikonoxxi li d-dispożizzjonijiet legali li jiggarantixxu d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri huma fis-seħħ, iżda huwa mħasseb li sar biss progress limitat f'dan il-qasam; iħeġġeġ lill-gvern tal-BĦ jagħmel ħiltu biex ikun hemm żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa kemm fix-xena politika kif ukoll fis-suq tax-xogħol; jinkoraġġixxi lill-gvern, barra minn hekk, iżid l-appoġġ għal attivitajiet u inizjattivi li għandhom l-għan li jiġġieldu kontra drawwiet, tradizzjonijiet u sterjotipi diskriminatorji li jdgħajfu d-drittijiet bażiċi tan-nisa;

27. Jistieden lill-awtoritajiet tal-BĦ jikkumbattu l-estremiżmu, il-mibegħda u l-vjolenza tar-reliġjon b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-komunità internazzjonali; huwa mħasseb dwar l-estremiżmu ta' Wahhabites flimkien ma' tendenzi estremi oħra fir-reġjun tal-Balkani tal-Punent;

28. Jistieden lill-awtoritajiet tal-BĦ jsaħħu midja indipendenti u varji ħielsa mill-indħil politiku u jippermettu lill-midja jirrapportaw liberament mill-inħawi kollha tal-pajjiż; jiddispjaċih li għad hemm pressjoni politika fuq il-midja tal-pajjiż kif ukoll theddid kontra l-ġurnalisti; iħeġġeġ, barra minn hekk, sabiex tkun indirizzata l-frammentazzjoni politika u etnika kbira u l-polarizzazzjoni tal-midja;

***It-trattament tad-delitti tal-gwerra***

29. Ifaħħar lill-awtoritajiet tal-BĦ, kemm fil-livell ta' Stat u kemm fil-livell ta' Entità, talli rrispondew fil-pront u b'mod adegwat għat-talbiet mill-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (ICTY);

30. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti kollha jsaħħu l-kapaċità tal-Uffiċċji tal-Prosekuturi u tal-Qrati fil-BĦ kollha li jittrattaw id-delitti tal-gwerra, inaqqsu l-ammont kbir ta' kawżi ta' delitti tal-gwerra li għadhom ma ġewx ittrattati, jindirizzaw l-applikabilità ta' kodiċi kriminali differenti, li tirriżulta f'kundanni inkonsistenti, u jħaffu l-progress fil-protezzjoni tax-xhieda u fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali dwar id-Delitti tal-Gwerra; jenfasizza li l-proċess għar-rinviju tal-kawżi ta' delitti tal-gwerra mill-ġudikatura tal-livell Statali għal istanzi kompetenti oħra għandu jkun garantit permezz tal-applikazzjoni ta' kriterji oġġettivi u trasparenti; jikkundanna kull attakk motivat politikament fuq is-sentenzi tal-Qorti tal-BĦ f'każijiet ta' delitti tal-gwerra; jistieden lill-awtoritajiet tal-BĦ jħaffu l-proċedimenti f'każijiet ta' delitti sesswali tul il-gwerra kif ukoll jiżguraw il-ġustizzja u l-kumpens xierqa għall-vittmi;

31. Jilqa' l-iżvilupp ta' strateġija mmirata lejn il-vittmi ta' delitti tal-gwerra u ta' vjolenza sesswali li tagħti lill-vittmi kumpens adegwat, appoġġ ekonomiku, soċjali u psikoloġiku b'mod dirett, inkluż l-ogħla livell possibbli ta' servizzi ta' appoġġ ta' saħħa mentali u fiżika; jistieden lill-awtoritajiet tal-BĦ jiżviluppaw

programmi u jallokaw riżorsi adegwati għall-ħarsien tax-xhieda; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa tat-titjib tal-koordinazzjoni bejn il-korpi ġudizzjarji differenti u li t-tħaffif tal-proċeduri ta' prosekuzzjoni f'każi ta' delitti tal-gwerra ta' natura sesswali li jkunu saru matul il-gwerra; jistieden lill-Kummissjoni u lil donaturi internazzjonali oħra sabiex jappoġġaw lill-awtoritajiet tal-BĦ f'dan l-isforz tagħhom permezz ta' riżorsi finanzjarji u għarfien espert maħsuba għall-vittmi ta' delitti tal-gwerra u ta' vjolenza sesswali; jinnota li l-Ministeru għad-Drittijiet tal-Bniedem u tar-Refuġjati tal-BĦ, appoġġjat mill-UNFPA, ingħata l-inkarigu li jiżviluppa l-istrateġija msemmija hawn fuq billi jwaqqaf grupp ta' ħidma ta' esperti; jinnota li r-Repubblika Srpska (RS) kienet mistiedna tinnomina rappreżentanti mill-ministri kompetenti tagħha biex jipparteċipaw, imma s'issa dan għadha ma wettqitux; jistieden lill-awtoritajiet tar-RS biex jimpenjaw lilhom infushom b'mod attiv f'dan l-isforz kruċjali billi jadottaw u jimplimentaw l-istrateġija;

32. Huwa mħasseb minħabba li l-BĦ għad m'għandhiex faċilità ta' detenzjoni fil-livell tal-Istat fejn tista' tqiegħed priġunieri kkundannati għal reati serji, inklużi delitti relatati mal-gwerra; jilqa' l-arrest ta' Radovan Stanković, li kien ħarab mill-ħabs ta' Foča wara li kien ġie kkundannat mill-Qorti tal-Istat tal-Bosnja-Ħerzegovina u ngħata s-sentenza ta' 20 sena ħabs għal delitti kontra l-umanità, inklużi stupri, skjavitù u tortura;

33. Jistieden lill-awtoritajiet tal-BĦ jippromwovu u jlestu r-ritorn sostenibbli tar-rifuġjati u tal-persuni spostati f'pajjiżhom kif ukoll jadottaw strateġija rilevanti; iħeġġeġ lill-awtoritajiet lokali jiżguraw li jkun hemm l-infrastuttura għal ritorn b'suċċess; jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet tal-BĦ jagħmlu sforzi ulterjuri għall-implimentazzjoni tal-Proċess tad-Dikjarazzjoni ta' Sarajevo dwar ir-refuġjati billi jindirizzaw l-isfidi fundamentali bħall-provvista ta' kura tas-saħħa, impjiegi u servizzi soċjali;

34. Ifakkar f'dan il-kuntest, fl-importanza tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Istrateġija dwar il-Ġlieda kontra l-Mini; jenfasizza l-ħtieġa ta' liġi futura dwar azzjonijiet kontra l-mini li tindirizza b'mod adegwat ir-responsabilitajiet ta' ġbir ta' fondi, il-kapaċità amministrattiva u ta' ġestjoni u l-koordinazzjoni tal-miżuri għat-tneħħija tal-mini, kif enfasizzat mill-Kummissjoni;

35. Jinnota s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Bosnja-Ħerzegovina dwar il-fatt li l-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza tikser il-Kostituzzjoni; itenni t-talba tal-Qorti Kostituzzjonali lill-Assemblea Parlamentari biex temenda l-liġi fi żmien sitt xhur; jitlob għall-implimentazzjoni tas-sentenza tal-Qorti bħala kwistjoni ta' urġenza;

***Edukazzjoni***

36. Waqt li jinnota ċertu progress fit-titjib tal-qafas ġenerali għall-edukazzjoni, jistieden lill-Gvern il-ġdid, inter alia, itejjeb il-koordinazzjoni fost it-13-il ministeru tal-edukazzjoni u d-Dipartiment tal-Edukazzjoni fid-distrett ta' Brcko, inaqqas il-frammentazzjoni tas-sistema edukattiva u jagħmel l-iskejjel aktar inklużivi;

37. B'kunsiderazzjoni għar-rwol vitali tal-edukazzjoni fil-ħolqien ta' soċjetà multietnika tolleranti, iħeġġeġ lill-gvernijiet kollha fil-BĦ jippromwovu sistema edukattiva inklużiva, mhux diskriminatorja, u jeliminaw is-segregazzjoni tal-gruppi etniċi differenti (żewġ skejjel taħt saqaf wieħed) billi jiżviluppaw programmi edukattivi komuni u klassijiet integrati fil-pajjiż kollu; jistieden lill-Kummissjoni teżamina jekk appoġġ immirat tal-UE jistax jgħin biex jingħata tmiem għas-sistema segregata tal-edukazzjoni;

38. Iħeġġeġ lill-gvern il-ġdid u lill-awtoritajiet kompetenti fil-livell ta' entità, distretti awtonomi u tad-Distrett ta' Brcko jintensifikaw il-pjan ta' azzjoni għall-ħtiġijiet edukattivi tar-Rom u jiżguraw riżorsi finanzjarji adegwati għall-implimentazzjoni tiegħu; jistieden lill-awtoritajiet tal-BĦ jsibu mezzi għar-reġistrazzjoni tat-twelid tat-tfal Rom kollha sabiex dawn kollha jkunu jistgħu jinkitbu fi skola;

39. Jenfasizza l-ħtieġa li tittejjeb il-kwalità ġenerali tal-edukazzjoni b'mod li tissodisfa l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol; jistieden lill-awtoritajiet tal-BĦ jindirizzaw in-nuqqasijiet ta' taħriġ vokazzjonali sabiex jattiraw investiment dirett barrani kif ukoll jiżguraw, ukoll minħabba n-neċessità ekonomika, li tibda l-akkreditazzjoni ta' istituzzjonijiet edukattivi u li l-aġenziji li jittrattaw ir-rikonoxximent ta' lawrji u diplomi jsiru kompletament operattivi;

40. Iħeġġeġ lill-gvern il-ġdid jieħu l-passi meħtieġa sabiex il-partijiet interessati rilevanti fil-BĦ fl-aħħar jieħdu l-opportunità li jipparteċipaw fil-programmi ta' mobilità fl-edukazzjoni tal-Unjoni Ewropea, li ilhom miftuħa għalihom mill-2007;

41. Jistieden lill-awtoritajiet jitfgħu dawl fuq il-qafas legali għall-istituzzjonijiet kulturali bħall-Mużew Nazzjonali, il-Bibljoteka Nazzjonali u l-Mużew tal-Istorja u jiżguraw li dawn l-istituzzjonijiet jiġu ppreservati;

***Kwistjonijiet ekonomiċi u soċjali***

42. Jinnota li l-istandard tal-għajxien qed imur għall-agħar kawża tal-qgħad li qed jiżdied, b'mod partikulari fost iż-żgħażagħ ta' bejn it-18 u l-24 sena; jemmen bis-sħiħ li l-prosperità ekonomika u l-prospett ta' impjiegi, speċjalment għaż-żgħażagħ, huma kruċjali għall-iżvilupp ulterjuri tal-pajjiż; jistieden lill-Gvern il-ġdid jaċċelera t-tkabbir ekonomiku li kien imxekkel mill-istruttura ineffiċjenti li tirregolah, burokraziji tal-gvern kbar u għaljin iżżejjed, u problemi li ilhom jeżistu bil-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni;

43. Iħeġġeġ lill-mexxejja tal-istat u tan-negozju jagħmlu kull sforz biex jerġgħu jiksbu l-fiduċja tal-investituri u joħolqu ambjent li jiffaċilita n-negozju peress li l-BĦ niżlet fl-aħħar post fir-reġjun inkwantu klima ta' investiment;

44. Jilqa' l-implimentazzjoni tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar u l-isforzi tal-Kunsill tal-Ministri u tal-Entitajiet ħalli jipprovdu miżuri ta' appoġġ finanzjarju għall-impriżi żgħar u medji (SMEs); barra minn hekk, jenfasizza l-bżonn tal-introduzzjoni immedjata ta' reġistru fil-livell tal-Istat għall-produzzjoni ta' statistika dwar in-negozji u sistema unika ta' reġistrazzjoni tal-SMEs għall-pajjiż kollu li tiffaċilita l-proliferazzjoni tal-SMEs;

45. Iħeġġeġ lill-Gvern il-ġdid u l-gvernijiet tal-entitajiet jindirizzaw b'mod koordinat l-impatt tal-kriżi ekonomika, isostnu politiki fiskali sodi kif ukoll jadottaw il-baġit statali 2012 u l-Qafas Globali għall-Politiki Fiskali 2012 u -2014; iqis li huwa importanti li jitħaffef il-pass tar-ristrutturar ekonomiku b'mod partikolari fil-Federazzjoni; jistieden lill-gvern jiżgura baġit xieraq għall-elezzjonijiet muniċipali li jmiss fl-2012;

46. Iħeġġeġ lill-gvern il-ġdid jiffoka l-isforzi tiegħu fuq ir-riformi neċessarji għall-adeżjoni tal-BĦ mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ sabiex jippromwovi klima ta' negozju anke aktar pożittiva milli hi u investiment barrani;

47. Itenni l-istedina tiegħu lill-atturi kollha involuti biex jaħdmu għat-tlestija taż-żona ekonomika unika madwar il-pajjiż kollu billi jsaħħu l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika bejn il-gvernijiet tal-entitajiet, ineħħu l-ostakoli għal qafas legali suffiċjenti u jiġġeneraw il-kompetizzjoni fil-pajjiż kollu;

48. Jilqa' l-adozzjoni tal-Liġi dwar l-Għajnuna miż-żewġ Kmamar tal-Assemblea Parlamentari tal-BĦ; jinnota li din il-liġi hija waħda mir-rekwiżiti li tippermetti lill-FSA jidħol fis-seħħ; jistieden lill-awtoritajiet jadottaw ir-regoli ta' implimentazzjoni ta' din il-liġi b'konformità mal-acquis;

49. Jistieden lill-Gvern il-ġdid jiżviluppa sistema effiċjenti u sostenibbli ta' protezzjoni soċjali kif ukoll iqassam il-benefiċċji soċjali aħjar; jistieden lill-awtoritajiet tal-BĦ jieħdu impenn aktar sod fil-politiki tax-xogħol, tal-koeżjoni soċjali u tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri; iqis li t-titjib tal-koordinazzjoni bejn l-edukazzjoni u s-setturi tas-suq tax-xogħol huwa essenzjali sabiex ikunu sodisfatti aħjar il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol;

50. Jistieden lill-Gvernijiet Statali u tal-Entitajiet ineħħu l-ostakoli li jikkontribwixxu għall-mobilità tax-xogħol baxxa fil-pajjiż billi jarmonizzaw id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjonijiet dwar ix-xogħol u s-sistemi tal-pensjonijiet u s-sigurtà soċjali differenti bejn l-Entitajiet u wkoll bejn id-distretti awtonomi, u b'hekk jinkoraġġixxu iktar mobilità u trasferibilità tal-benefiċċji madwar il-pajjiż;

51. Jenfasizza li l-BĦ rratifikat il-konvenzjonijiet fundamentali dwar id-drittijiet tax-xogħol tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) kif ukoll il-verżjoni riveduta tal-Karta Soċjali Ewropea; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li d-drittijiet tax-xogħol u tal-għaqdiet tal-ħaddiema għadhom limitati u jistieden lill-gvern tal-BĦ jsaħħaħ ulterjorment dawn id-drittijiet u jaħdem għall-armonizzazzjoni tal-qafas legali f'dan ir-rigward madwar il-pajjiż kollu;

52. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi pjan direzzjonali dettaljat għat-tisħiħ tal-mobilità tal-istudenti, l-apprendisti u l-ħaddiema fis-suq tax-xogħol u l-aċċess tagħhom għalih u għas-servizzi edukattivi fiż-Żona Ekonomika Ewropea, inklużi programmi ta' migrazzjoni ċirkulari għax-xogħol;

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

***Kooperazzjoni reġjonali***

53. Ifaħħar lill-BĦ għar-rwol proattiv tagħha fil-Proċess tad-Dikjarazzjoni ta' Sarajevo kif ukoll fl-addozzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-BĦ, is-Serbja, il-Kroazja u l-Montenegro dwar it-tmiem tar-risistemazzjoni u l-provvediment ta' soluzzjonijiet dewwiema għar-rifuġjati u l-persuni spostati internament li huma persuni vulnerabbli;

54. Ifaħħar l-isforzi għas-soluzzjoni ta' kwistjonijiet li ilhom għaddejjin bejn il-BĦ, is-Serbja u l-Kroazja, u l-intensifikazzjoni ta' dawn l-isforzi f'dawn l-aħħar xhur; iħeġġeġ lill-partijiet kollha, inklużi l-awtoritajiet tal-BĦ jagħtu attenzjoni partikulari lill-kooperazzjoni bilaterali u reġjonali fil-qasam tal-ġustizzja u s-sigurtà;

55. Waqt li jinnota li l-BĦ u s-Serbja stabbilixxew relazzjonijiet ta' ġirien tajbin, jistieden lill-BĦ ma tipposponix l-iffirmar tal-protokoll dwar l-iskambju ta' evidenza f'kawżi ta' delitti tal-gwerra u tistabbilixxi kooperazzjoni iktar mill-qrib f'dan il-qasam sensittiv; jilqa', madankollu, il-ftehim bilaterali bejn il-BĦ u s-Serbja dwar il-kooperazzjoni li jikkonċerna l-iskambju ta' informazzjoni fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-kuntrabandu u t-traffikar ta' droga u ta' organi umani, il-migrazzjoni illegali u t-terroriżmu;

56. Jistieden lill-gvern tal-BĦ jagħmel dak kollu possibbli biex isolvi l-kunflitti transkonfinali mal-ġirien tiegħu, jew permezz ta' ftehimiet bilaterali, jew permezz ta' mezzi oħra; jenfasizza li l-kwistjonijiet bilaterali għandhom jiġu solvuti mill-partijiet ikkonċernati, b'determinazzjoni, fi spirtu tajjeb ta' viċinat u b'kunsiderazzjoni tal-interessi globali tal-UE;

57. B'kunsiderazzjoni għall-fatt li l-adeżjoni tal-Kroazja mal-UE se jkollha wkoll implikazzjonijiet bilaterali, jistieden lill-awtoritajiet tal-BĦ jagħmlu l-isforzi kollha possibbli biex jallinjaw il-leġiżlazzjoni relevanti tal-BĦ fil-livelli rispettivi tal-gvern mal-leġiżlazzjoni tal-UE fl-oqsma tal-veterinarja, tal-fitosanità u tas-sikurezza tal-ikel kif ukoll itejbu jew jibnu l-infrastruttura meħtieġa f'numru ta' punti ta' qsim tal-fruntiera mal-Kroazja, biex jiffaċilitaw il-kontrolli tal-fruntieri mitluba mill-UE;

58. Huwa mħasseb li l-BĦ hija l-uniku pajjiż fir-reġjun li ma jippermettix id-dħul ta' ċittadini tal-Kosovo fil-BĦ; iħeġġeġ, għalhekk, lill-awtoritajiet tal-BĦ jaċċettaw id-dokumenti tal-ivvjaġġar meħtieġa ta' ċittadini tal-Kosovo biex jidħlu fil-pajjiż, kif sar mis-Serbja u minn pajjiżi oħra;

*

* *

59. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin l-Politika ta' Sigurtà tal-Unjoni, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Bosnja-Ħerzegovina u l-entitajiet tagħha.

## Ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050

P7_TA(2012)0086

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2012 dwar Pjan direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050 (2011/2095(INI))**

(2013/C 251 E/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Pjan direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050' (COM(2011)0112) u d-dokumenti ta' ħidma li jakkumpanjawha (SEC(2011)0288) u (SEC(2011)0289),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Analiżi tal-alternattivi biex isir progress lil hinn mit-tnaqqis ta' 20% tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra u l-valutazzjoni tar-riskju ta' rilaxx tal-karbonju' (COM(2010)0265) u d-dokument li jakkumpanjaha (SEC(2010)0650),

— wara li kkunsidra l-proposti għat-tfassil mill-ġdid (COM(2011)0656) u l-emendar tad-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji (MiFID) (COM(2011)0652) u d-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq (MAD) (COM(2011)0651) fir-rigward tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-ETS tal-UE,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2011,

— wara li kkunsidra l-pakkett dwar il-klima u l-enerġija tal-UE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 9 tat-TFUE (il-'Klawsola Soċjali'),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għall-Agrikoltura u Iżvilupp Rurali (A7-0033/2012),

A. billi madwar 90 firmatarju għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, inklużi l-ekonomiji emerġenti, li flimkien huma responsabbli għal aktar minn 80% tal-emissjonijiet globali, għamlu dikjarazzjonijiet unilaterali dwar l-objettivi għal tnaqqis kwantifikat tal-emissjonijiet prodotti mill-attività ekonomika kollha anke jekk dawn l-objettivi mhumiex legalment vinkolanti;

B. billi l-Parlament Ewropew u l-Kunsill Ewropew iddikjaraw l-ambizzjoni tagħhom li jiżguraw livell ta' tnaqqis ta' 80 sa 95% fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra sal-2050;

C. billi l-Unjoni Ewropea għandha tilħaq ftehim dwar miri speċifiċi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet biex tipprovdi l-bażi u l-qafas għall-atti leġiżlattivi neċessarji u għal miżuri oħra;

D. billi l-Pjan Direzzjonali juri li l-objettiv attwali ta' tnaqqis ta' 20%, li l-parti l-kbira minnu jista' jinkiseb permezz ta' tnaqqis mhux domestiku, mhuwiex mezz kosteffikaċi li jwassal għal tnaqqis ta' 80% sal-2050 meta mqabbel mal-1990; billi t-tnaqqis ta' 80% hu l-minimu fit-tnaqqis ta' bejn it-80 u l-95% li l-IPCC qieset bħala neċessarju għall-pajjiżi industrijalizzati u li l-Kunsill Ewropew adotta bħala l-objettiv tal-UE għall-2050;

E. billi l-industrija teħtieġ li jkollha stampa ċara dwar l-istrateġija tal-UE għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, appoġġjata wkoll miċ-ċertezza regolatorja, minn objettivi ambizzjużi u minn mekkaniżmi ta' finanzjament imfassla sew, bil-għan li jsiru investimenti ekoloġiċi fuq perjodu ta' żmien twil;

**Il-Ħamis 15 ta' Marzu 2012**

F. billi hu fl-interess tal-Istati Membri li jnaqqsu d-dipendenza tagħhom fuq fornituri barranin tal-enerġija, speċjalment minn pajjiżi bi problemi politiċi,

G. billi l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija kkalkulat li erbgħa minn kull ħamsa tat-total tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ permessi sal-2035 fix-Xenarju 450 huma diġà allokati mill-istokk kapitali eżistenti;

H. billi hemm il-bżonn ta' valutazzjoni u ta' azzjoni kontra r-riskji li, fin-nuqqas ta' sforz globali suffiċjenti, l-isforzi interni jwasslu għal bidla fis-sehem tas-suq favur installazzjonijiet inqas effiċjenti, u għalhekk għal żieda globali ta' emissjonijiet, i.e. rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju;

I. billi r-rapport Stern jikkalkola li l-ispejjeż tan-nuqqas ta' azzjoni fil-ħarsien tal-klima se jkun ekwivalenti għall-inqas għal madwar 5% tal-PDG globali kull sena;

J. billi l-produzzjoni u l-konsum tal-bijomassa bħala sors ta' enerġija għadhom mhumiex definiti bħala newtrali fl-emissjonijiet tal-karbonju;

K. billi l-aspetti soċjali jridu jiġu kkunsidrati permezz tal-istrument tal-"valutazzjoni tal-impatt soċjali";

1. Jirrikonoxxi l-benefiċċji għall-Istati Membri, u fejn meħtieġ, għar-reġjuni tagħhom, li jiżviluppaw ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju; għaldaqstant japprova l-Pjan direzzjonali tal-Kummissjoni għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050, flimkien mal-perkors tiegħu, l-istadji speċifiċi għal tnaqqis tal-emissjonijiet domestiċi ta' 40%, 60% u 80% rispettivament għall-2030, l-2040 u l-2050, u l-firxiet ta' miri intermedjarji speċifiċi għas-settur, bħala l-bażi għat-tressiq ta' proposti leġiżlattivi u inizjattivi oħra dwar il-politika ekonomika u dik dwar il-klima; jirrikonoxxi li l-perkors u l-istadji huma bbażati fuq il-mudell PRIMES bil-għan li jippreparaw l-istrumenti leġiżlattivi u regolatorji neċessarji;

2. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi tnaqqis temporanju tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-2030 u l-2040, inklużi objettivi konkreti għal kull settur, flimkien ma' kalendarju ambizzjuż;

3. Jistieden lill-Kummissjoni biex fi żmien sentejn tressaq il-miżuri neċessarji għall-kisba tal-objettivi tal-2030, waqt li tieħu inkonsiderazzjoni l-potenzjal u l-kapaċitajiet nazzjonali partikolari, kif ukoll il-progress internazzjonali rigward l-azzjoni dwar il-klima;

4. Iqis li għandhom ikunu implimentati miżuri b'mod koordinat, kosteffikaċi u effettiv, li jippermettu karatteristiċi speċifiċi għall-Istati Membri;

5. Jitlob għal konsistenza akbar fost il-programmi u l-politiki Komunitarji sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-pjan direzzjonali u sabiex jiġi żgurat li l-prijoritajiet tiegħu jkunu integrati b'mod sħiħ fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid għall-2014-2020; jirrikonoxxi li biex tilħaq il-mira ta' 20% ta' effiċjenza enerġetika, l-UE trid tkun tista' tnaqqas l-emissjonijiet interni tagħha ta' CO b'25% jew aktar sal-2020, u li dan it-tnaqqis xorta waħda jkun kosteffettiv fit-triq li twassal għall-mira fuq terminu twil ta' żmien ta' tnaqqis ta' 80-95% ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2050 meta mqabbla mal-livelli tal-1990; jinnota li skont il-pjan direzzjonali, approċċ inqas ambizzjuż iwassal għal nefqa ferm akbar tul il-perjodu kollu; ifakkar, madankollu, li l-kosteffikaċja tal-investimenti għandha dejjem titkejjel fid-dawl tal-implikazzjonijiet baġitarji tal-Istati Membri;

6. Ifakkar li fit-tħejjija għall-Konferenza ta' Durban dwar il-Klima, il-Parlament Ewropew sejjaħ sabiex l-objettiv ta' tnaqqis ta' CO ikun aktar minn 20% sal-2020;

7. Jenfasizza li l-miri ċari tal-emissjonijiet se jistimulaw l-investimenti bikrija meħtieġa fir-R&Ż, għad-demostrazzjoni u t-tħaddim ta' teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi, u li huwa importanti ħafna li tiġi definita strateġija fit-tul li tiżgura li l-UE qiegħda fit-triq it-tajba biex tilħaq l-għan miftiehem tagħha ta' tnaqqis ta' emissjonijiet sal-2050;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta analiżi tal-kosteffettiv tat-twettiq tal-pjan propost fuq il-livell ta' Stat Membru, filwaqt li tikkunsidra ċ-ċirkustanzi nazzjonali li joħorġu minn żviluppi teknoloġiċi u ħtiġijiet ta' investimenti differenti (u l-aċċettabilità soċjali tagħhom) kif ukoll l-eżistenza ta' firxa wiesgħa ta' kundizzjonijiet globali possibbli;

9. Jenfasizza li t-tranżizzjoni għal ekonomija b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju għandha potenzjal qawwi ta' ħolqien ta' impjiegi filwaqt li tiżgura tkabbir ekonomiku u tipprovdi vantaġġ kompetittiv għall-industrija Ewropea;

10. Ifakkar li t-tranżizzjoni għal teknoloġiji nodfa tnaqqas drastikament it-tniġġiż tal-arja u għalhekk tiżgura benefiċċji sinifikanti fis-saħħa pubblika kif ukoll fl-ambjent.

***Id-dimensjoni internazzjonali***

11. Jinnota li l-iżvilupp u l-applikazzjoni madwar id-dinja tat-teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju qegħdin jiżdiedu b'mod rapidu, u li hu essenzjali għall-kompetittività futura tal-Ewropa li jiżdiedu l-livelli ta' investiment fir-riċerka, fl-iżvilupp u fl-applikazzjoni fir-rigward ta' dawn it-teknoloġiji;

12. Jinnota ċ-ċaqliq fl-innovazzjoni xjentifika u teknoloġika sostenibbli lil hinn mill-Ewropa lejn partijiet oħra tad-dinja, li tista' twassal biex l-UE titlef il-pożizzjoni teknoloġika ewlenija tagħha f'dan il-qasam u ssir importatur nett ta' dawn it-teknoloġiji u ta' prodotti relatati; jenfasizza, għalhekk, l-importanza tal-valur miżjud Ewropew fl-iżvilupp u l-produzzjoni domestika ta' teknoloġiji u prodotti, b'mod partikolari fl-effiċjenza enerġetika u s-sorsi tal-enerġija rinnovabbli;

13. Jenfasizza li ċ-Ċina qiegħda fuq quddiem f'termini ta' kapaċità ta' turbini tar-riħ installati, li l-produtturi Ċiniżi u Indjani huma fost l-akbar għaxar produtturi tat-turbini tar-riħ, u li ċ-Ċina u t-Tajwan bħalissa jimmanifatturaw il-parti l-kbira tal-panelli fotovoltajċi fid-dinja; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu passi biex jippromwovu fl-UE l-iżvilupp u l-produzzjoni ekoeffiċjenti ta' dawn it-teknoloġiji u ta' teknoloġiji ġodda u innovattivi li huma meħtieġa biex jintlaħqu l-miri ambizzjużi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra;

14. Jitlob sabiex l-UE jkompli jkollha rwol attiv fin-negozjati internazzjonali biex jiġi finalizzat ftehim ambizzjuż, komprensiv u legalment vinkolanti; jieħu nota tal-importanza li l-UE turi l-konvinzjonijiet tagħha u taġixxi bħal mudell fit-turija tal-benefiċċji u l-vijabilità tal-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju; jilqa' r-riżultat tal-konferenza ta' Durban li fiha sar qbil dwar kalendarju ċar għat-tfassil ta' ftehim internazzjonali post 2012 u l-aċċettazzjoni li l-pajjiżi li huma l-aktar responsabbli għall-emissjonijiet, kemm jekk għandhom ekonomiji żviluppati jew li qed jiżviluppaw, iridu jadottaw miri ambizzjużi u suffiċjenti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra;

15. Jenfasizza li l-UE għandha tkompli taħdem b'mod kostruttiv fin-negozjati globali dwar il-klima u li jeħtieġ tiġi żviluppata aktar id-diplomazija Ewropea dwar il-klima, taħt il-kappa tal-SEAE;

16. Jindika li l-isfida ewlenija biex naslu għal ekonomija sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju hi li jkun żgurat li l-politiki tat-tibdil fil-klima jiġu integrati fl-oqsma ewlenin kollha ta' attività relatati mal-enerġija, it-trasport, l-agrikultura, l-edukazzjoni, l-innovazzjoni, eċċ;

17. Jenfasizza li d-dewmien biex tittieħed azzjoni globali u Ewropea dwar il-klima jwassal għal spejjeż akbar mhux biss biex tintlaħaq l-objettiv tal-2050, minħabba investimenti marbuta fi stokk ta' kapital b'livell għoli ta' karbonju u tagħlim teknoloġiku aktar bil-mod, iżda wkoll f'termini ta' telf tar-rwol ta' tmexxija innovattiva għall-UE fir-riċerka, fil-ħolqien tal-impjiegi u fl-iggwidar għal ekonomija sostenibbli u aktar ekoloġika; jirrimarka, barra minn hekk, li d-dewmien biex tittieħed azzjoni għall-2020 jikkomprometti l-potenzjal ta' tnaqqis għall-2030 u għas-snin ta' wara;

18. Itenni li l-emissjonijiet kumulattivi huma deċiżivi għas-sistema klimatika; jinnota li anke bi tnaqqis ta' 30% fl-2020, 55% fl-2030, 75% fl-2040 u 90% fl-2050, l-UE xorta tkun għadha responsabbli għal madwar id-doppju tas-sehem tagħha per capita tal-baġit tal-karbonju globali kompatibbli mal-objettiv ta' 2°C, u li jekk it-tnaqqis tal-emissjonijiet idum ma jsir is-sehem kumulattiv jiżdied b'mod sinifikanti;

19. Ifakkar li l-limitazzjoni fiż-żieda tat-temperatura globali għall-medja ta' 2°C mhix garanzija li se jiġu evitati impatti negattivi sinifikanti tal-klima;

**Il-Ħamis 15 ta' Marzu 2012**

***Sistema għan-Negozjar ta' Emissjonijiet***

20. Jirrikonoxxi li s-Sistema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet (ETS) hija l-istrument prinċipali, għalkemmn mhux l-uniku, għat-tnaqqis tal-emissjonijiet industrijali u l-promozzjoni tal-investiment f'teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju; jinnota li huwa meħtieġ titjib addizzjonali tal-ETS; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jikkumplimentaw l-ETS tal-UE b'approċċ teknoloġiku u innovattiv sabiex jassigura t-tnaqqis sinifikanti meħtieġ;

21. Jinnota li l-ETS tal-UE qed tiffunzjona kif maħsub, u li l-prezz aktar baxx tal-karbonju huwa r-riżultat ta' attività ekonomika mnaqqsa kif ukoll allowances disponibbli li huma ħafna ikbar mid-domanda; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li nuqqas ta' stimolu għal investimenti b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju u riskji akbar marbuta mal-effiċjenza enerġetika joħolqu żvantaġġ lill-UE fir-rigward tal-kompetituri industrijali tagħha; jirrikonoxxi rapporti li l-prezz tal-karbonju mhux mistenni jitla' fin-nuqqas ta' tkabbir ferm ikbar jew aġġustament tal-ETS;

22. Jirrikonoxxi l-fatt li l-prezz attwali tal-karbonju ma jinċentivax l-investimenti f'teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u għalhekk jagħti kontribut limitat biex jitnaqqsu l-emissjonijiet, filwaqt li hemm riskju li jżomm l-UE f'infrastrutturi b'użu intensiv tal-karbonju għall-għexieren ta' snin li ġejjin;

23. Jenfasizza li l-politiki ta' mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima ma jistgħux iserrħu biss fuq mekkaniżmi bbażati fuq is-suq,

24. Jirrikonoxxi li l-ETS qed tesperjenza problemi li ma kinux oriġinarjament antiċipati, u li l-eċċess li qed jakkumula ta' kwoti se jnaqqas l-inċentiv li jiġu promossi investimenti f'teknoloġiji bi ftit emissjonijiet ta' karbonju għal ħafna snin; jinnota li dan jipperikola l-effikaċja tal-ETS bħala l-mekkaniżmu prinċipali tal-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet biex jinħolqu kundizzjonijiet ugwali għal teknoloġiji li jikkompetu ma' xulxin, tingħata l-flessibilità lill-kumpaniji biex jiżviluppaw l-istrateġija ta' mitigazzjoni tagħhom stess u jiġu provduti miżuri speċifiċi biex tiġi miġġielda r-rilokazzjoni tal-karbonju,Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu:

(a) il-preżentazzjoni malajr kemm jista' jkun ta' rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li għandu jeżamina, fost l-oħrajn, l-impatti fuq l-inċentivi għal investimenti f'teknoloġiji bi ftit emissjonijiet ta' karbonju u r-riskju ta' rilokazzjoni tal-karbonju. Qabel il-bidu tat-tielet fażi, il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, temenda r-regolament imsemmi fl-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2003/87/KE biex timplimenta miżuri xierqa li jistgħu jinkludu ż-żamma tal-ammont neċessarju ta' kwoti.

(b) tipproponi leġiżlazzjoni kemm jista' jkun malajr li timmodifika r-rekwiżit annwali għal tnaqqis lineari ta' 1,74% sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-mira ta' tnaqqis tas-$CO_2$ għall-2050;

(c) it-twettiq u l-pubblikazzjoni ta' valutazzjoni tal-valur tal-istabbiliment ta' prezz ta' riżerva għall-irkant tal-kwoti;

(d) tieħu passi biex iżżid id-dħul ta' informazzjoni relevanti u t-trasparenza tar-reġistru tal-iskema tan-negozjar tal-emissjonijiet sabiex jingħata lok għal monitoraġġ u valutazzjoni iktar effikaċi;

(e) tkompli ttejjeb l-użu tal-mekkaniżmi ta' kumpens, pereżempju billi tillimita l-aċċess għal kumpens li jissussidja l-kompetituri industrijali tal-Ewropa, bħal fil-qasam tal-HFCs;

(f) l-iżgurar madankollu li ebda minn dawn il-miżuri ma jkollhom l-effett li jnaqqsu l-livell ta' kwoti għal setturi li jistgħu jkunu suxxettibbli għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju skont id-Deċiżjoni tal-Parametru ta' Referenza (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE);

25. Jinnota li dawn il-miżuri se jżidu d-dħul mill-irkant għall-Istati Membri, ifakkar lill-gvernijiet li ma hemm l-ebda limitu fir-rigward tal-proporzjon ta' tali flus li jista' jintnefaq għal skopijiet relatati mal-klima, u jirrakkomanda li l-ammonti kkonċernati jintużaw biex jiġu promossi investimenti b'livelli baxxi ta' emissjonijiet ta' karbonju fl-industrija jew biex jitħeġġu mezzi oħrajn ta' ħolqien ta impjiegi bħal pereżempju billi jitnaqqsu t-taxxi imposti fuq ix-xogħol;

26. Jitlob lill-Kummissjoni tressaq proposti sal-aħħar tal-2013 biex ir-rekwiżit li l-kwoti tal-emissjonijiet jinxtraw permezz ta' rkant jiġi estiż għal dawk l-industriji li jużaw ħafna enerġija u li jaffaċċaw theddida minima minn kompetizzjoni barranija;

27. Jirrikonoxxi li sabiex jinkisbu l-miri tal-Pjan Direzzjonali għal Livell Baxx ta' Emissjonijiet tal-Karbonju, trid tiġi aġġustata d-Deċiżjoni dwar il-Qsim tal-Isforz (Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill).

### *Ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju*

28. Jitlob lill-Kummissjoni biex tippubblika dettalji tal-kontribuzzjoni reali tal-UE mill-1990 biex tnaqqas l-emissjonijiet globali tas-$CO_2$, waqt li tieħu inkonsiderazzjoni l-konsum tagħha ta' prodotti li issa qegħdin jiġu mmanufatturati xi mkien ieħor;

29. Jinsisti li t-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għandha tiġi appoġġjata b'approċċ regolatorju raġonevoli u meqjus; jafferma li konformità ambjentali b'piż żejjed mil-lat amministrattiv u finanzjarju jkollha impatt sinifikanti fuq l-impjiegi u l-produzzjoni fis-setturi li jużaw ħafna enerġija, u żżid ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonjiet tal-karbonju, filwaqt li twassal ukoll biex in-negozji u b'hekk l-impjiegi jmorru barra mill-UE.

30. Jaqbel mal-opinjoni tal-Kummissjoni li l-miżuri ta' aġġustament konfinali jew miżuri li jinkludu l-importazzjonijiet fl-ETS jeħtieġ ikunu kkombinati mal-irkant sħiħ għas-setturi kkonċernati; jistieden lill-Kummissjoni tipproduċi analiżi tas-setturi li għalihom l-allokazzjoni bla ħlas ta' allowances tonqos milli tevita r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju;

31. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi gwida lill-Istati Membri għall-adozzjoni ta' kwalunkwe miżura maħsuba biex tagħti kumpens lill-industriji fejn ikun ġie ppruvat li huma esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għal spejjeż indiretti relatati mal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra kif previst fid-direttiva kemm jista' jkun malajr;

32. Jitlob lill-Kummissjoni tipproduċi analiżi dwar in-nuqqas ta' kriterju ġeografiku fil-valutazzjoni tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għas-suq tal-elettriku fix-Xlokk tal-Ewropa;

33. Jinnota li, skont il-konklużjoni tal-pjan direzzjonali, is-settur tal-enerġija għandu jelimina kważi kompletament l-emissjonijiet tal-karbonju sal-2050 (tnaqqis ta' 93% - 99% fl-emissjonijiet); madankollu jirrikonoxxi li minn perspettiva industrijali tal-UE, dawk li jagħmlu l-ewwel pass fit-teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet għandhom vantaġġ kompetittiv f'dinja b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju ta' llum u ta' għada; jinnota li t-tnaqqis tal-emissjonijiet għandu, għalhekk, jintlaħaq b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-kompetittività tal-UE u li jindirizza r-riskju tar-rilokazzjoni tal-karbonju, partikolarment fis-setturi b'konsum għoli ta' enerġija;

### *Effiċjenza enerġetika*

34. Ifakkar li l-valutazzjonijiet attwali jindikaw li l-objettiv ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika u ta' tnaqqis fl-użu tal-enerġija ta' 20% meta mqabbel mat-tbassir għall-2020 attwalment ma jidhirx li se jintlaħaq; jappella għal azzjoni rapida, ambizzjoni akbar u impenn politiku aktar b'saħħtu f'termini ta' kisba tal-miri tal-2020 u biex isir ippjanar lil hinn mill-2020, li jwassal biex jiġi attirat investiment xieraq; japprova l-konklużjoni tal-pjan direzzjonali tal-Kummissjoni li tagħraf li l-politiki tal-effiċjenza enerġetika huma essenzjali biex jitnaqqsu aktar l-emissjonijiet tal-karbonju; iqis għalhekk li ma għandhomx ikunu esklużi miri vinkolanti; jenfasizza li l-miżuri ta' effiċjenza enerġetika jgħinu fil-ħolqien tal-impjiegi, fl-iffrankar tal-enerġija, u sabiex jissaħħu s-sigurtà tal-provvista u l-kompetittività; jilqa' f'dan ir-rigward il-prijoritajiet stabbiliti mill-proposta għal Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika fis-setturi kollha, u partikolarment fil-bini permezz tar-rinnovazzjoni tal-bini eżistenti, b'enfasi b'mod partikolari fuq ir-rinnovazzjoni ta' bini pubbliku; jitlob biex jiżdiedu r-riżorsi u l-miżuri sabiex ikunu mobilizzati sorsi ġodda ta' fondi fuq livell Ewropew u nazzjonali, inkluż permezz ta' strumenti finanzjarji ġodda; jenfasizza l-importanza tal-investiment privat sabiex jingħelbu l-limitazzjonijiet baġitarji attwali fis-settur pubbliku;

35. Jiddeplora n-nuqqas ta' miżuri biex jinqabad il-potenzjal tat-tnaqqis bi spiża negattiva tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-effiċjenza tal-enerġija u tar-riżorsi u jitlob li jiġi aċċellerat ix-xogħol skont id-Direttiva tal-Ekodisinn (2009/125/KE), l-applikazzjoni stretta tal-prinċipju tal-anqas spiża taċ-ċiklu tal-ħajja jew li l-miżuri ta' implimentazzjoni jiġu stabbiliti fil-livell ta' dawk li qed jiksbu l-aħjar riżultati, kif ukoll li jiġu stabbiliti wkoll rekwiżiti minimi għall-prodotti li mhumiex tal-elettriku;

36. Jitlob li x-xogħol skont id-Direttiva tal-Ekodisinn jinkludi t-tagħmir ta' tisħin, il-bojlers u l-materjal iżolanti, li jistgħu jiffaċilitaw it-tnaqqis fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi filwaqt li jippermettu riċiklaġġ ikbar, kif ukoll l-estensjoni u l-iżvilupp tar-rekwiżiti ta' tikkettar li jistgħu jgħinu lill-konsumaturi jieħdu deċiżjonijiet infurmati;

37. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Effiċjenza Enerġetika jiġi aġġornat b'miri vinkolanti li jinkludu firxa sħiħa ta' miżuri ġenwini u kkwantifikati tul il-katina tal-provvista tal-enerġija;

38. Iqis li l-effiċjenza enerġetika hija l-istrument l-iktar effikaċi biex tiġi ammeljorata l-innovazzjoni teknoloġika industrijali u ssir kontribuzzjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ġenerali b'mod ekonomikament effiċjenti filwaqt li jiġu stimulati l-impjiegi. jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri fil-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika billi tistabbilixxi skemi ta' inċentivi fit-tul u stabbli għall-promozzjoni ta' teknoloġiji li jkunu l-iktar effikaċi mill-perspettiva tar-relazzjoni bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji; jemmen li sabiex jinkiseb l-objettiv tal-effiċjenza enerġetika 2020, għandu jiġi garantit levell adegwat ta' armonizzazzjoni tal-istandards ta' effiċjenza Ewropej;

39. Itenni l-importanza li jkunu provduti inċentivi għal investimenti pubbliċi u privati maħsuba għat-tfassil u l-iżvilupp ta' teknoloġiji li jistgħu jiġu kkuppjati faċilment sabiex itejbu l-kwalità tal-iffrankar u l-effiċjenza enerġetika;

40. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fil-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika, tistabbilixxi miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati l-inċentivi negattivi li jseħħu bejn il-konsumaturi u d-distributuri tal-enerġija;

41. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi mira fit-tul għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija tal-istokk tal-bini tal-UE sal-2050;

42. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-UE u l-Istati Membri ma investewx biżżejjed f'miżuri biex inaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ jew biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika fl-oqsma tal-kostruzzjoni u t-trasport; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jallokaw aktar fondi għal miżuri li jżidu l-effiċjenza enerġetika tal-binjiet u ta' netwerks urbani ċentralizzati ta' tisħin u tkessiħ, kemm fil-kuntest tar-rieżami tal-Perspettiva Finanzjarja attwali kif ukoll fl-Oqsfa Finanzjarji Multiannwali ġejjiena;

### *L-enerġija rinnovabbli*

43. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa politika dwar il-provvista tal-bijomassa biex tinkoraġġixxi l-produzzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijomassa; jenfasizza li din għandha tinkludi kriterji ta' sostenibilità għal bijomassa differenti li tqis il-marka tal-karbonju matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' sorsi differenti, bi prijorità mogħtija għall-iżgurar tal-ewwel valur minn materja prima tal-bijomassa aktar milli l-użu tagħhom għall-enerġija; jinsisti li l-kisba tal-mira tal-UE marbuta mal-bijofjuwils ma tridx tolqot ħażin il-produzzjoni tal-ikel u tal-għalf jew twassal għal telf ta' bijodiversità;

44. Jitlob għalhekk lill-Kummissjoni ssegwi approċċ usa' fir-rigward tal-kwistjoni tal-ILUC u tippromwovi protezzjoni adegwata tal-ambjent f'pajjiżi terzi affettwati mill-bidla fl-użu tal-art b'mod bilaterali u multilaterali sabiex jitqiesu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra attribwibbli għal bidliet fix-xejriet tal-użu tal-art; dan jista' jinkiseb permezz tal-introduzzjoni ta' rekwiżiti ta' sostenibilità addizzjonali għal ċerti kategoriji ta' bijofjuwils impurtati minn pajjiżi terzi;

45. Jenfasizza l-importanza tat-teknoloġiji l-ġodda fl-iżvilupp ta' enerġiji rinnovabbli u tal-produzzjoni tal-bijoenerġija u jenfasizza li l-UE għandha tisfrutta kull innovazzjoni disponibbli sabiex tilħaq il-miri tagħha tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$;

46. Jenfasizza r-rwol importanti tal-enerġija rinnovabbli, inklużi l-iżviluppi innovattivi f'dan il-qasam u jinsisti dwar l-urġenza li jinstabu soluzzjonijiet aħjar dwar kif jinħażnu dawn l-enerġiji, biex tikber l-effiċjenza tagħhom, u tkun żgurata trażmissjoni effiċjenti tal-enerġija, inklużi miżuri infrastrutturali xierqa; jirrikonoxxi l-progress sinifikanti li għamlu l-Istati Membri fl-iżvilupp tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli minn meta ġew stabbiliti miri vinkolanti għall-2020; jiġbed l-attenzjoni dwar l-importanza li jitkompla dan l-approċċ u li jiġu stabbiliti aktar miri vinkolanti dwar l-enerġija rinnovabbli għall-2030, filwaqt li jitqiesu l-fattibilità u l-impatt makroekonomiku tagħhom; jirrimarka li din l-azzjoni tgħin biex jintlaħqu l-objettivi għall-2050, tagħti lill-industrija ċ-ċertezza tal-investiment li teħtieġ, tnaqqas sew l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, toħloq l-impjiegi, tippromwovi l-indipendenza enerġetika tal-UE, u tinkoraġġixxi leadership teknoloġika u l-innovazzjoni industrijali; jenfasizza li hu ferm importanti li jinżammu l-miri stabbiliti fil-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali dwar l-enerġija rinnovabbli biex jintlaħqu l-miri globali tal-UE sal-2050; iqis li l-Kummissjoni għandha tieħu miżuri fejn il-miri nazzjonali ma jintlaħqux;

47. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Kummissjoni tiżgura li l-adozzjoni ta' tali miri ma tnaqqasx l-inċentivi għall-investiment f'forom oħrajn ta' ġenerazzjoni tal-enerġija b'livell baxx ta' karbonju;

48. Jitlob lill-Kummissjoni biex, meta tkun qed tippubblika sa tmiem l-2012 ir-rapport meħtieġ tagħha dwar il-progress li qed jagħmel kull Stat Membru biex jilħaq ir-rekwiżiti legali fir-rigward tal-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli, flimkien ma' valutazzjoni dwar jekk il-miri 2020 humiex se jintlaħqu, tipproponi programm ta' azzjonijiet li se jittieħdu sabiex tiġi promossa l-konformità tal-Istati Membri li preżentament mhumiex fit-triq it-tajba biex jissodisfaw ir-rekwiżiti;

49. Ifakkar li n-netwerks tal-elettriku se jkollhom jiġu aġġornati u żviluppati, b'mod partikolari biex jittrasportaw l-enerġija rinnovabbli prodotta f'żoni ta' potenzjal kbir, bħall-enerġija mir-riħ offshore fil-Baħar tat-Tramuntana u l-enerġija solari fin-Nofsinhar tal-Ewropa u biex jakkomodaw il-produzzjoni diċentralizzata tal-enerġija rinnovabbli;

50. Jenfasizza li żieda fl-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi permezz, pereżempju, ta' riċiklaġġ tal-iskart, ġestjoni aħjar tal-iskart u bidla fl-imġiba, għandha rwol importanti ħafna biex jinkisbu l-objettivi strateġiċi tal-UE għal tnaqqis fl-emissjonijiet tas-$CO_2$;

51. Jinnota li, bl-għarfien u t-tekniki dispobibbli llum il-ġurnata, l-ażjendi agrikoli diġà jistgħu jsiru awtosuffiċjenti fl-enerġija, bil-possibilità kemm li jżidu l-profitti kif ukoll li joħolqu gwadann ambjentali permezz tal-produzzjoni lokali tal-bijoenerġija mill-iskart organiku;

52. Jinnota li, għal raġunijiet ta' użu effiċjenti ta' riżorsi, il-bdiewa għandhom jiġu inkoraġġuti jużaw aħjar il-potenzjal tal-bijogass u l-prodotti sekondarji tiegħu f'termini ta' sostituzzjoni tal-fertilizzanti;

53. Jenfasizza, għal dan il-għan, l-importanza tal-ipproċessar tad-demel, li mhux biss jipprovdi enerġija rinnovabbli, iżda jnaqqas ukoll il-pressjoni ambjentali u huwa sostitut għall-fertilizzant artifiċjali fil-forma ta' konċentrati ta'minerali; jenfasizza f'dan ir-rigward, li jekk id-demel irid jiġi kkunsidrat bħala sors tal-enerġija, huwa essenzjali li d-demel ipproċessat jiġi rikonoxxut bħala sostitut għall-fertilizzant artifiċjali fid-Direttiva dwar in-Nitrati;

54. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm titjib fl-awtosuffiċjenza enerġetika tal-ażjendi agrikoli, permezz ta' inċentivi għall-enerġija rinnovabbli fuq il-post, bħat-turbini tar-riħ, il-pannelli solari u t-teknoloġija tal-bijofermentazzjoni, minħabba li dan inaqqas l-ispejjeż tal-produzzjoni u jżid il-vijabilità ekonomika, billi jipprovdi sors alterattiv ta' dħul għall-bdiewa;

***Riċerka***

55. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li Horizon 2020 u s-Sħubiji Ewropej għall-Innovazzjoni taħt l-Unjoni tal-Innovazzjoni jagħtu prijorità lill-bżonn li jiġu żviluppati t-tipi kollha ta' teknoloġiji b'emissjoni baxxa ta' karbonju, sabiex tingħata spinta lill-kompetittività tal-UE, ikunu promossi l-opportunitajiet ta' impjiegi ekoloġiċi u tinħoloq bidla fl-imġiba tal-konsumaturi;

**Il-Ħamis 15 ta' Marzu 2012**

56. Jenfasizza li huma meħtieġa b'mod urġenti iktar finanzjament u sforzi ta' riċerka għall-iżvilupp u l-integrazzjoni ta' prattiki agrikoli effiċjenti fir-rigward tal-klima u li jużaw l-enerġija b'inqas intensità u metodi agrikoli li jniġġsu inqas u produzzjoni tal-enerġija iktar effiċjenti; jinnota barra minn hekk li diġà jeżistu alternattivi li jniġġsu inqas u li huma effiċjenti fl-użu tal-enerġija; jikkunsidra r-riċerka u l-iżvilupp f'dan il-qasam bħala parti essenzjali mill-implimentazzjoni sħiħa tal-pjan strateġiku tat-teknoloġija tal-enerġija, u li dan jitlob għal investiment addizzjonali; jenfasizza li jeħtieġ li jiġi żgurat, b'rabta ma' dan, li r-riżultati tar-riċerka jiġu tradotti fil-prattika fil-livell tal-kumpaniji; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex tistabilixxi qafas ġdid tar-riċerka (Horizon 2020);

57. Jitlob li l-appoġġ baġitarju jkun konsistenti mal-Eur 50 biljun meħtieġa minn sorsi pubbliċi u privati biex jiġi impimentat kompletament il-pjan SET;

58. Jenfasizza l-importanza tar-R&Ż biex ikunu żviluppati teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet u effiċjenti fl-enerġija; jistieden lill-UE tieħu rwol ewlieni fir-riċerka ta' teknoloġiji favur l-ambjent u effiċjenti fl-enerġija u sabiex tiżviluppa kooperazzjoni xjentifika mill-qrib mas-sieħba internazzjonali tagħha, b'enfasi partikolari fuq teknoloġiji nodfa u sostenibbli li jwasslu biex jintlaħqu l-objettivi stabiliti għall-2020 fil-Pjan SET (li hi l-inizjattiva emblematika tal-UE għat-teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju); jenfasizza li għandhom jiżdiedu l-fondi għal kull tip ta' riċerka dwar l-enerġija skont l-inizjattiva Horizon 2020, partikolarment dawk dwar l-enerġija rinnovabbli; ifakkar li l-allokazzjonijiet finanzjarji attwali fil-qasam tal-enerġija jirrappreżentaw 0,5% biss tal-baġit tal-UE għall-2007-2013, u li dan mhux konformi mal-prijoritajiet politiċi tal-UE;

### *Il-qbid u l-ħżin tal-karbonju*

59. Jirrikonoxxi l-importanza li tiġi applikata t-teknoloġija tas-CCS, meta jkun fattibbli, biex jintlaħqu l-għanijiet għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' karbonju bl-inqas spiża possibbli, u jagħraf li d-dewmien proċedurali, in-nuqqasijiet finanzjarji kif ukoll in-nuqqas ta' impenn min-naħa ta' xi Stati Membri x'aktarx jisfratta l-kisba tal-ambizzjoni tal-Kunsill Ewropew li sal-2015 ikollu joperaw sa 12-il proġett ta' dimostrazzjoni tas-CCS; jitlob lill-Kummissjoni biex tippubblika Pjan ta' Azzjoni dwar is-CCS; jirrikonoxxi li s-CCS mhux se jkun xieraq fiċ-ċirkostanzi kollha, anke sal-2050, u jista' jkun limitat għal installazzjonijiet kbar u l-evitar ta' emissjonijiet mill-proċess industrijali; jitlob appoġġ fir-rigward ta' teknoloġiji rivoluzzjonarji f'oqsma oħrajn sabiex tiżdied l-effiċjenza enerġetika u jitnaqqas il-konsum tal-enerġija, biex jiġu pprovduti soluzzjonijiet oħrajn lil hinn mill-qafas tas-CCS;

60. Jitlob lill-Kummissjoni tipproponi li l-fondi li ma jintużawx għall-proġetti tas-CCS fil-Programm Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku jiġu riallokati favur proġetti ta' dimostrazzjoni alternattivi tas-CCS;

### *Pjanijiet direzzjonali nazzjonali u speċifiċi għas-settur*

61. Jinnota li l-ftehim ta' Cancún jipprevedi li l-pajjiżi żviluppati kollha għandhom jiżviluppaw strateġiji għal livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju;

62. Jilqa' l-produzzjoni ta' strateġiji għal livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju minn xi Stati Membri tal-UE iżda jitlob lill-Istati Membri kollha biex jipproduċu dawn l-istrateġiji mhux aktar tard minn Lulju 2013; jinsisti li l-Kummissjoni għandha tintroduċi proposti leġiżlattivi li jirrikjedu l-preparazzjoni tagħhom jekk sal-aħħar tal-2012 mhux l-Istati Membri kollha jkunu ħadu dan l-impenn;

63. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-adegwatezza ta' dawn il-pjanijiet fir-rigward tal-kontribut għall-objettiv ta' Cancún li ż-żieda fit-temperatura medja dinjija tinżamm taħt iż-2°C meta mqabbla mal-livelli preindustrijali;

64. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-pjanijiet direzzjonali nazzjonali u settorjali jkunu suġġetti għal skrutinju indipendenti sabiex jiġi evalwat jekk l-użu potenzjali tal-aqwa teknoloġiji disponibbli kienx meqjus bis-sħiħ u jekk l-ispejjeż proposti jkunux jaqblu mal-prattika miftiehma;

65. Jistenna li l-Kummissjoni tqis bis-sħiħ il-pjanijiet direzzjonali meta tħejji inizjattivi politiċi, u li tenfasizza wkoll il-każijiet fejn is-setturi tal-industrija naqqsu milli jħejju dawn il-pjanijiet ta' azzjoni;

66. Jitlob lill-gruppi industrijali relevanti biex jippreparaw pjanijiet direzzjonali speċifiċi għas-settur li jistabbilixxu kif l-objettivi tal-UE għal livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju jistgħu l-aħjar jintlaħqu, inklużi l-livelli ta’ investiment meħtieġa u s-sorsi ta’ ffinanzjar li jridu jiġu użati;

67. Jistenna li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jappoġġjaw lis-setturi li ħejjew il-pjanijiet direzzjonali tagħhom, biex jiġu żviluppati aktar l-inizjattivi u s-sħubiji li jsegwu minnhom, għall-iżvilupp ta’ teknoloġiji innovattivi biex jitnaqqsu l-livelli tal-karbonju ta’ dawk l-industriji b’konsum intensiv tal-enerġija kkonċernati;

68. Jistieden lill-Kummissjoni taġġorna l-previżjonijiet u l-pjan direzzjonali 2050 kull 3-5 snin, u jistedinha tintegra l-pjanijiet direzzjonali settorjali, reġjonali u tal-Istati Membri fil-verżjoni aġġornata tal-pjanijiet direzzjonali, il-mudelli u l-metodoloġiji tal-Kummissjoni użati għal dan il-għan u li jkunu totalment trasparenti;

69. Jenfasizza li sabiex tinkiseb ekonomija b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju, jeħtieġ li jkun hemm użu aktar effiċjenti tar-riżorsi; għaldaqstant, iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw jew isaħħu l-istrateġiji eżistenti dwar l-effiċjenza fir-riżorsi, u jintegrawhom fil-politiki nazzjonali dwar it-tkabbir u l-impjiegi sal-2013;

***Ġenerazzjoni tal-elettriku***

70. Ifakkar li d-domanda dinjija tal-enerġija primarja se tiżdied b’aktar minn 30% sal-2035, u b’hekk se żżid il-kompetizzjoni globali għar-riżorsi tal-enerġija;

71. Isostni li l-Istati Membri għandu jkollhom l-usa’ mezzi possibbli biex jiksbu ġenerazzjoni tal-elettriku b’livell baxx ta’ karbonju (inklużi sorsi ta’ enerġija li jiġġeddu, enerġija nukleari, l-użu tat-teknoloġiji tal-qbid u l-ħżin tal-karbonju, u bijomassa prodotta b’mod sostenibbli) u li l-ebda minnhom m’għandu jkun eskluż mill-alternattivi disponibbli biex jintlaħqu dawn ir-rekwiżiti;

72. Jistieden lill-Kummissjoni tkun partikolarment viġilanti fir-rigward ta’ kwalunkwe rilokazzjoni tal-produzzjoni enerġetika barra mill-ETS tal-EU, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari lil dawk l-Istati Membri b’interkonnessjonijiet ma’ pajjiżi barra mill-UE;

73. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-effettività tal-mekkaniżmi li jippermettu t-tħaddim tajjeb tas-suq tal-elettriku f’ekonomija b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju u, jekk ikun hemm bżonn, tressaq proposti leġiżlattivi biex ikun hemm integrazzjoni aktar mill-qrib mas-swieq transkonfinali tal-elettriku u għal miżuri oħra li jindirizzaw il-ħtieġa li jkun determinat il-bilanċ u d-disponibilità tal-kapaċità ta’ ġenerazzjoni;

74. Jistieden l-UE timpenja ruħha għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija sal-2050;

75. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni sabiex jinvestu aktar fl-infrastruttura tal-enerġija meħtieġa biex issir it-tranżizzjoni għal ekonomija sostenibbli; jenfasizza li l-Ewropa għandha tkun fuq quddiem nett fl-iżvilupp ta’ standards u teknoloġiji bl-internet interoperabbli relatati mal-enerġija u ta’ applikazzjonijiet tal-ICT effiċjenti fl-enerġija, b’mod partikolari netwerks ta’ distribuzzjoni intelliġenti, l-applikazzjoni sħiħa u fil-ħin ta’ sistemi intelliġenti fid-djar bħal miters intelliġenti mfassla biex minnhom jibbenefika l-konsumatur, kif ukoll l-immodernizzar u l-iżvilupp ta’ supersistema ta’ distribuzzjoni Ewropea u ta’ infrastrutturi LNG; jenfasizza, fir-rigward tal-konnessjonijiet interreġjonali, il-ħtieġa li jitnieda pjan ta’ investiment ibbażat l-aktar fuq il-Pakkett dwar l-Infrastrutturi Enerġetiċi tal-UE sabiex jiżgura d-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-provvista tal-enerġija; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi soluzzjonijiet prattiċi għall-integrazzjoni effiċjenti ta’ ammonti kbar ta’ sorsi rinnovabbli billi tippromwovi regoli tas-suq li jippermettu skambju internazzjonali tal-enerġija effiċjenti u trasparenti; jitlob, għalhekk, sabiex ikunu integrati u utilizzati b’mod rapidu s-swieq transkonfinali tal-elettriku; jirrikonoxxi l-ħtieġa urġenti ta’ viżjoni fit-tul minħabba li hemm bżonn ħafna snin biex tinbena infrastruttura tal-enerġija fuq terminu twil ta’ żmien; jilqa’ l-enfasi li qed tingħata fuq l-infrastruttura tal-enerġija fil-proposta dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa;

76. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li l-objettiv attwali ta’ 20% huwa msejjes fuq il-kontribut tal-enerġija nukleari fit-taħlita tal-enerġija f’għadd ta’ Stati Membri; jinnota li l-pubblikazzjoni ‘World Energy Outlook 2011’ tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (IEA) tinkludi x-xenarju ridott fl-użu tan-nukleari, li juri li ż-żieda stmata ta’ emissjonijiet dinjija ta’ $CO_2$ mis-settur tal-enerġija se tkun sostanzjalment ogħla f’tul ta’

żmien medju minħabba żieda fl-użu tal-fjuwils fossili; itenni li d-deċiżjoni ta' xi Stati Membri li jagħlqu uħud mir-reatturi nukleari m'għandhiex isservi ta' ġustifikazzjoni biex inaqqsu l-livell ta' ambizzjoni fil-politiki attwali tagħhom dwar il-klima; jinnota li, skont l-IEA, il-kisba tal-mira ta' 2°C se tirrikjedi aċċelerazzjoni tal-iżvilupp u tal-użu ta' teknoloġiji tal-ġbir u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju (CCS) kemm f'impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-faħam kif ukoll dawk li jaħdmu bil-gass; jinnota, madankollu, li t-teknoloġija tas-CCS għadha fl-istadju ta' evalwazzjoni u fil-fażi prekummerċjali, għalhekk jeħtieġ li jiġu kkunsidrati wkoll xenarji alternattivi, bħal pereżempju xenarji ta' sorsi ta' rinnovabilità u ta' effiċjenza enerġetika kbar; għal-daqstant, jappella għal żieda fl-appoġġ għall-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi sabiex tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija u sabiex it-tkabbir ekonomiku jitqies separatament mill-konsum enerġetiku;

77. Iqis li l-ilħuq ta' dawn l-objettivi sal-2050, mingħajr ma jiġu ppreġudikati t-taħlitiet differenti tas-sorsi tal-enerġija tal-Istati Membri, jista' jwassal għal tnaqqis fil-konsum, iżid is-sigurtà u l-affidabilità tal-provvista tal-enerġija u t-trażżin tal-volatilità tal-prezz tal-enerġija, u b'hekk jippermetti li jkun hemm prezzijiet tal-enerġija ġusti u kompetittivi għall-konsumaturi u l-impriżi u jtejjeb il-kompetittività u t-tkabbir tal-impjiegi fl-UE;

### *Industrija*

78. Jinsisti li l-appoġġ tal-UE għall-"ekonomija ekoloġika" għandu jagħraf l-importanza tal-investiment minn industriji eżistenti użat biex itejjeb b'mod sinifikanti l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u biex jintlaħqu l-objettivi tal-Istrateġija UE 2020 dwar il-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi; jenfasizza li ekonomija aktar ekoloġika għandha tappoġġja l-kompetittività u l-innovazzjoni fis-setturi kollha billi tiffoka fuq oqsma fejn it-titjib huwa aktar effiċjenti mil-lat ekonomiku u aktar effettiv mil-lat ambjentali;

79. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora strumenti innovattivi ta' finanzjament għal investiment f'ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju;

80. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jappoġġjaw il-ħolqien ta' ċentri innovattivi sabiex jiżviluppaw soluzzjonijiet reġjonali u nazzjonali;

### *Trasport*

81. Jappoġġja r-rekwiżit li l-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Spazju Uniku Ewropew tat-Trasport inaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mit-trasport fl-UE b'60% sal-2050 meta mqabbla mal-livelli tal-1990; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tipproponi objettivi intermedji ta' tnaqqis tal-emissjonijiet għas-settur sabiex tiżgura li tittieħed biżżejjed azzjoni fi stadju bikri;

82. Jilqa' l-progress li sar mill-2007 'l hawn mill-manufatturi tal-vetturi rigward it-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn karozzi tal-passiġġieri, u jisħaq fuq l-importanza taż-żieda fir-ritmu għal aktar titjib fl-effiċjenza tal-fjuwil; jafferma li meta tkun qed tipprepara r-rieżami li ġej il-Kummissjoni għandha tipproponi modi kif tiżgura li l-medja tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn karozzi ġodda tilħaq il-mira maqbula għall-2020 ta' mhux aktar minn 95g/km sal-2020, jistieden lill-Kummissjoni tintensifika d-djalogu u l-kooperazzjoni mal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali sabiex tiżgura l-inklużjoni tas-settur tat-tbaħħir fl-impenji għat-tnaqqis tas-$CO_2$;

83. Ifakkar li, skont id-Direttiva 2009/29/KE, il-Kummissjoni meħtieġa tevalwa l-progress tal-IMO dwar l-emissjonijiet mit-tbaħħir sal-31 ta' Diċembru 2011; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi t-trasport marittimu fil-pjan direzzjonali u, fin-nuqqas ta' ftehim internazzjonali li jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-tbaħħir, tipproponi leġiżlazzjoni sabiex dawn l-emissjonijiet ikunu inklużi fl-impenji tal-Komunità bil-għan li l-att propost jidħol fis-seħħ fl-2013;

84. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti biex ittejjeb l-effiċjenza tal-fjuwil tal-vetturi tqal tal-ġarr tal-merkanzija u, fir-reviżjoni tagħha tal-leġiżlazzjoni dwar l-emissjonijiet minn vetturi kummerċjali ħfief, maħsuba għall-2013, tqis aktar il-ħtieġa li jittejjeb l-iffrankar tal-fjuwil sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-impriżi marbuta maż-żidiet fil-prezzijiet tal-fjuwil;

85. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi, lil min jixtri kwalunkwe tip ta' vettura tal-passiġġieri jew tal-ġarr tal-merkanzija, ċarezza akbar dwar l-effiċjenza tal-fjuwil tagħhom u biex tressaq proposti, li ilhom għal żmien mistennija, għal riforma tad-Direttiva dwar l-Ittikkettar, li għandha tinkludi l-forom kollha tal-promozzjoni għall-bejgħ;

86. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu passi immedjati biex tiżgura li ċ-ċikli ta' testijiet użati biex jivvalutaw l-emissjonijiet minn karozzi ġodda jirriflettu bi preċiżjoni r-realtajiet tal-użu ta' dawn il-vetturi f'kundizzjonijiet normali ta' sewqan;

87. Jagħraf l-isforzi li qed jitwettqu minn xi Stati Membri biex iwaqqfu infrastrutturi għall-iċċarġjar mill-ġdid/l-għoti tal-fjuwil biex jippromwovu l-użu ta' karozzi tal-elettriku u karozzi b'emissjonijiet baxxi ħafna ta' karbonju, u jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti biex tiffissa rekwiżiti minimi f'kull Stat Membru sabiex twaqqaf netwerk fuq skala Ewropea;

88. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu bħala prijorità, bil-għan li jnaqqsu l-emissjonijiet niġġiesa mit-trasport, l-investiment fl-iżvilupp ta' netwerk pan-Ewropew tal-enerġija intelliġenti li jkun jista' jiġbor l-enerġija ġġenerata fil-livell lokali u reġjonali inkluż minn sorsi rinnovabbli u li jgħin l-iżvilupp tal-infrastruttura meħtieġa għall-użu ta' vetturi elettriċi;

89. Jikkunsidra li jeħtieġ ikun hemm qalba kulturali lejn modi aktar sostenibbli tat-trasport; għaldaqstant, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħeġġu forom ġodda ta' investiment, sabiex jiffaċilitaw il-qalba modali lejn modi ta' trasport li jirrispettaw aktar l-ambjent, u biex inaqqsu l-ħtieġa tat-trasport, fost l-oħrajn, billi japplikaw l-IT u permezz ta' ppjanar spazjali;

90. Jenfasizza li l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tat-trasport fil-prezzijiet tat-trasport, f'termini tal-livell ta' tniġġis, hija sfida ewlenija biex jiġu inċentivati l-iffrankar tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika, u li ż-żieda mil-lat ta' prestazzjoni twassal għal għażla tal-modi tat-trasport li tirrispetta l-ambjent;

91. Jitlob li l-konsistenza fil-prijoritajiet tal-Pjan Direzzjonali tkun żgurata fir-rigward tal-investimenti ġodda maħsuba għall-infrastruttura tat-trasport, u jfakkar li hemm ir-riskju li l-Eur 1,5 triljun fuq iż-żewġ deċennji li ġejjin bejn l-2010 u l-2030, rikjesti mill-Kummissjoni, ma jispiċċawx destinati għal prijoritajiet xierqa ta' emissjonijiet baxxi tal-karbonju; jenfasizza għalhekk il-bżonn ta' baġit infrastrutturali tal-UE li jkun 'ekoloġiku', speċjalment fir-rigward tal-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni;

92. Jilqa' l-linji gwida ġodda proposti għan-Netwerks Trans-Ewropew tat-Trasport u l-importanza mogħtija lill-iżvilupp ta' kuriduri ferrovjarji għall-passiġġieri u għall-merkanzija; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta, mill-aktar fis, strateġija għall-użu ta' fjuwils alternattivi u teknoloġiji ġodda fit-trasport; iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw urġentement il-miżuri tal-Ajru Uniku Ewropew u, għaldaqstant, itejbu l-effiċjenza tal-operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-ajruplani u tat-traffiku;

93. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni dwar l-avjazzjoni fl-ETS;

### *Agrikoltura*

94. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi miżuri speċifiċi biex jonqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u tippromwovi gwadanji fl-effiċjenza mill-użu tal-art agrikola u jitnaqqas l-użu ta' fertizzanti bbażati fuq fjuwils fossils, filwaqt li tqis partikolarment ir-rwol tal-agrikultura bħala produttur tal-ikel (aktar milli fjuwil); hu tal-opinjoni wkoll li l-bdiewa fuq skala iżgħar jistgħu jeħtieġu taħriġ u assistenza teknika f'dan il-qasam; jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex iżżid ir-riċerka dwar il-funzjonament ta' tipi differenti ta' agrikoltura u prattiki agroambjentali effettivi, bir-rispett dovut għall-kundizzjonjiet klimatiċi dominanti;

95. Jemmen li l-agrikoltura tinsab f'pożizzjoni tajba biex tagħti kontribut kbir biex tittratta t-tibdil fil-klima u toħloq impjiegi ġodda permezz tat-tkabbir ekoloġiku; jinnota li t-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra fis-settur agrikolu huwa ta' vantaġġ għal kulħadd billi jsaħħaħ il-vijabilità ekonomika u agronomika tal-bdiewa fuq perjodu twil ta' żmien; jitlob l-inklużjoni ta' miri għall-użu tal-enerġija sostenibbli fil-PAK;

96. Jenfasizza li l-PAK wara l-2013 mistennija tkabbar il-kontribut imsemmi hawn fuq; jirrikonoxxi li l-agrikoltura diġà naqqset l-emissjonijiet tagħha b'mod sostanzjali permezz tat-titjib fl-effiċjenza tal-produzzjoni; jinnota, madankollu, li fuq perjodu twil, il-potenzjal għat-tnaqqis tal-emmissjoni tal-agrikoltura huwa sostanzjali (sal-2050, is-settur tal-agrikoltura se jkun jista' jnaqqas l-emissjonijiet li mhumiex tas-$CO_2$ b'bejn 42% u 49% meta mqabbla mal-livelli tal-1990), iżda jista' jitqies pjuttost limitat meta mqabbel ma' setturi oħra; jenfasizza li l-pajjiżi kollha li għandhom l-ogħla emissjonijiet, għandhom jagħtu kontribuzzjoni adegwata;

**Il-Ħamis 15 ta’ Marzu 2012**

97. Jappoġġa l-komponent ekoloġiku tal-PAK biex jopera bħala skema ta’ inċentivar madwar l-UE bil-għan li żżid l-effiċjenza mil-lat nutrittiv, enerġetiku u klimatiku, billi jsir fokus partikolari fuq il-qbid tal-karbonju fil-ħamrija, fuq it-tnaqqis ulterjuri tal-emissjonijiet tal-gassijiet b’effett ta’ serra u fuq titjib tal-ġestjoni tan-nutrijenti; l-għanijiet ta’ din l-iskema jkunu li tiġi żgurata l-kompetittività tal-irziezet u s-sigurtà tal-ikel fuq perjodu twil permezz ta’ ġestjoni aktar effikaċi tar-riżorsi naturali limitati;

98. Jitlob il-miżuri neċessarji, inklużi l-finanzjament tar-riċerka, l-isforzi edukattivi, l-appoġġ fl-investiment u inizjattivi oħra abbażi ta’ inċentivi, li għandhom jiġu implimentata fil-PAK, sabiex jappoġġaw u jippermettu l-użu ta’ residwu agrikolu u tal-forestrija fil-produzzjoni tal-enerġija sostenibbli;

99. Ifakkar li l-prattiki mtejba tal-agrikoltura u l-forestrija għandhom iżidu l-kapaċità tas-settur li jżomm u jaqbad il-karbonju fil-ħamrija u l-foresti; fl-istess ħin jenfasizza li l-maġġoranza tas-sidien tal-foresti huma wkoll bdiewa; jenfasizza, barra minn hekk, l-għan tal-UE li tnaqqas id-deforestazzjoni li qed isseħħ madwar id-dinja, partikolarment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u li twaqqaf it-telf globali tal-foresti sa mhux aktar tard mill-2030;

100. Jenfasizza l-importanza li jiġu żviluppati miżuri u/jew mekkaniżmi xierqa li jippermettu r-rikonoxximent finanzjarju reali tar-rwol tal-agrikoltura u l-forestrija fiż-żamma tal-karbonju;

101. Jenfasizza li l-użu sostenibbli tal-foresti jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u li għalhekk huwa neċessarju li jittieħdu miżuri skont it-tieni pilastru tal-politika agrikola, sabiex tkun tista’ ssir il-ġestjoni tal-foresti anke f’postijiet diffiċli;

102. Jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni speċjali għat-tisġir, bħala l-uniku mod naturali biex jiżdiedu l-assorbenti tal-karbonju u bħala sors ta’ injam għall-bijoenerġija;

103. Jitlob strateġija għall-użu tal-art tal-UE, it-tibdil fl-użu tal-art u l-foresterija (LULUCF), filwaqt li jiġu żgurati l-permanenza u l-integrità ambjentali tal-kontribut tas-settur għat-tnaqqis tal-emissjonijiet; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jiżviluppaw il-politiki nazzjonali tagħhom biex jilħqu l-potenzjal ta’ mitigazzjoni tas-setturi LULUCF rispettivi tagħhom, fir-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, peress li dan jista’ jgħin biex tinkiseb esperjenza siewja; jenfasizza l-ħtieġa li jsir investiment fir-riċerka xjentifika dwar il-kapaċità ta’ ħżin u l-emissjonijiet mill-attivitajiet ta’ LULUCF;

104. Jikkunsidra li l-kompetittività fit-tul tista’ tinkiseb biss permezz ta’ ekosistemi agrikoli b’saħħithom u bijoloġikament diversi li jifilħu għall-klima u billi wieħed jieħu ħsieb kif xieraq ir-riżorsi naturali limitati, bħall-ħamrija, l-ilma u l-art;

105. Jenfasizza li l-ħarsien, l-apprezzament u r-restawr tal-bijodiversità u tas-servizzi ekosistemiċi huma fundamentali sabiex tinkiseb ekonomija b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju;

106. Jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tenfasizza l-integrazzjoni tal-klima sabiex tinħoloq koerenza bejn il-politiki, inklużi l-industrija, ir-riċerka, l-enerġija, il-bijodiversità, il-kummerċ, l-iżvilupp, l-agrikoltura, l-innovazzjoni, it-trasport, il-benessri tal-annimali u l-istrateġija Ewropa 2020; jemmen li l-ġestjoni strateġika soda tal-potenzjal tas-settur agrikolu, tqiegħed lill-Ewropa fid-direzzjoni t-tajba sabiex issir attur kompetittiv fl-ekonomiji globali, b’livell baxx ta’ emissjonijiet ta’ karbonju, tal-ġejjieni;

107. Jenfasizza li l-katina tal-ikel għandha titqassar u ssir iktar trasparenti u li għandu jitħeġġeġ il-konsum ta’ ikel prodott lokalment, kif ukoll l-appoġġ tas-swieq lokali u reġjonali, sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet relatati mat-trasport tal-produzzjoni agrikola; jenfasizza li r-rilokazzjoni tal-produzzjoni u l-ipproċessar multifunzjonali tal-Ewropa għal pajjiżi li mhumiex fl-UE jkollha impatt negattiv fuq il-valur miżjud Ewropew u fuq l-għanijiet b’rabta mal-klima;

108. Jemmen li permezz tal-ġestjoni aħjar tal-għalf tal-annimali, inklużi prodotti tar-raba’ li fihom il-proteini f’raba’ li jinħadem b’sistema ta’ rotazzjoni u ż-żieda fid-diversità tal-prodotti tar-raba’ li fihom il-proteini f’taħlitiet ta’ mergħat permanenti, sabiex jitkabbar aktar għalf tal-annimali fuq il-post, tista’ titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-għalf tal-annimali li jġibu magħhom "spiża" kbira mil-lat ta’ karbonju; jemmen li dan jista’ jnaqqas ukoll l-ispejjeż relatati mal-għalf tal-annimali għall-bdiewa, u jirriżulta f’ġestjoni aħjar tal-ħamrija, billi jżid iż-żamma tal-ilma tal-ħamrija, u jnaqqas ukoll is-suxxettibilità għall-infestazzjonijiet;

*Il-finanzjament*

109. Jappoġġa l-proposti magħmula mill-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Multiannwali 2014-2020 biex tipprovdi finanzjament maħsub għaż-żieda fl-investiment u biex tippromwovi l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju; iħaddan l-intenzjoni li tintegra l-finanzjament relatat mal-klima tat-total tal-MFF u talloka 20% tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) għall-enerġija rinnovabbli u għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika, filwaqt li jinsisti li din għandha tkun immonitorjata b'mod effettiv; jirrakkomanda li l-Kummissjoni għandha tiżgura li jsir użu partikulari minn dan il-finanzjament sabiex jiġu megħjuna dawk l-Istati Membri li għandhom potenzjal kbir li jnaqqsu l-emissjonijiet sa aktar mill-objettivi eżistenti iżda li m'għandhomx il-kapaċità li jagħmlu l-investimenti meħtieġa;

110. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi kkunsidrata l-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali fit-tfassil ta' politiki li jiżguraw u jappoġġaw l-investimenti inizjali li jikkontribwixxu biex jiżdiedu s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli b'mod li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-enerġija fuq terminu twil ta' żmien u titjieb l-effiċjenza enerġetika fl-oqsma tal-provvista u t-trasport tal-enerġija;

111. Ifakkar li l-ispejjeż ekonomiċi fuq żmien fit-tul minħabba nuqqas ta' interventi biex jevitaw it-tibdil fil-klima huma ferm akbar mill-ispejjeż fuq żmien qasir ta' azzjonijiet sodi u deċiżivi meħuda issa;

112. Jittama li jkunu stabbiliti b'ħeffa objettivi settorjali konkreti u li jistgħu jitkejlu biex jitħeġġu l-investituri privati u tinħoloq klima ta' fiduċja u ta' kooperazzjoni fosthom, waqt li jkun promoss l-aħjar użu tal-fondi Ewropej; jenfasizza li l-enerġija rinnovabbli, l-innovazzjoni u l-iżvilupp u l-użu tal-aħħar teknoloġiji jistgħu jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u, fl-istess ħin, jikkonvinċu lill-imsieħba tal-UE madwar id-dinja li t-tnaqqis fl-emissjonijiet hu fattibbli mingħajr ma tintilef il-kompetittività jew jitqiegħed fil-periklu il-ħolqien tal-impjiegi; iqis li hu essenzjali li l-Ewropa u l-Istati Membri tagħha jagħtu l-eżempju billi jwaqqfu sistema ta' investiment f'teknoloġiji ġodda, effiċjenti fl-enerġija u b'livell baxx ta' karbonju; jitlob sabiex ikunu infurzati skemi ta' finanzjament eżistenti ħalli jintlaħqu l-objettivi tal-pjan direzzjonali, kif ukoll biex immedjatament isiru diskussjonijiet dwar l-istrumenti finanzjarji li jeħtieġ li jiġu utilizzati, u biex jiġu faċilitati sinerġiji aħjar bejn l-iskemi nazzjonali ta' finanzjament u dawk Ewropej; jemmen li skemi ta' finanzjament minn diversi sorsi jistgħu jkunu strumenti effettivi; jenfasizza r-rwol importanti tal-fondi tal-politika reġjonali u ta' koeżjoni bħala l-istrument ewlieni għall-miżuri ta' kofinanzjament reġjonali li jwasslu għal tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx tal-karbonju; iqis li, għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, parti sinifikanti tal-finanzjament għandha tiġi allokata biex jintlaħqu l-objettivi għall-pjan direzzjonali tal-2050;

113. Jinnota li, minħabba l-prezz baxx tal-karbonju, l-irkant tal-kwoti tal-ETS mhuwiex se jimmobilizza r-riżorsi għal investimenti fil-klima kif mistenni, ifakkar li tal-anqas 50% tad-dħul mill-bejgħ tal-kwoti jrid jiġi investit mill-ġdid f'azzjoni favur il-klima kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni timmoniterja attivament l-infiq ta' dan id-dħul mill-Istati Membri u ta' kull sena tirrapportah lill-Parlament; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu effettiv mid-dħul mill-bejgħ tal-kwoti sabiex jippromwovu r-R&Ż (riċerka u żvilupp) u l-innovazzjoni bil-għan li jiksbu tnaqqis fuq żmien fit-tul fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra;

114. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex, mill-2013, tiġbor informazzjoni dwar l-użu ta' fondi ġejjin mill-bejgħ ta' kwoti tal-ETS, u tippubblika rapport annwali li jqabbel kemm kull Stat Membru jkun uża dawn il-fondi biex jippromwovi l-iżvilupp ta' teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u mezzi oħrajn biex jitrażżnu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra;

115. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi li l-Istati Membri jagħtu perċentwali tal-fondi ġejjin mill-bejgħ tal-kwoti biex jipprovdu finanzjament addizzjonali lill-UE sabiex jappoġġjaw l-innovazzjoni permezz tal-pjan SET jew permezz ta' inizjattivi ekwivalenti;

116. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora u tikkunsidra sorsi kumplimentari u innovattivi ta' finanzjament, inkluż l-użu potenzjali ta' fondi għall-iżvilupp reġjonali, sabiex tippromwovi aktar l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju;

117. Jisħaq fuq il-bżonn urġenti li jiġu ttrattati s-sussidji li huma ta' dannu għall-ambjent fil-qafas tal-Pjan Direzzjonali; jappella għal azzjoni kkoordinata bil-għan li, sal-2020, tidentifika u tneħħi gradwalment is-sussidji li huma ta' ħsara għall-ambjent, sabiex tkun ta' sostenn għall-konsolidazzjoni baġitarja u t-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni tippubblika, qabel l-aħħar tal-2013, komunikazzjoni li tindika l-mezzi kollha li bihom il-baġit tal-UE jintuża biex jiġi ġġustifikat l-appoġġ finanzjarju, dirett jew permezz tal-Istati Membri, għall-attivitajiet li jmorru kontra l-objettivi tal-Pjan Direzzjonali tagħha dwar Ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju;

118. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu spinta favur implimentazzjoni aktar rapida tal-ftehim tal-G-20 dwar it-tneħħija tas-sussidji tal-fjuwils fossili; jenfasizza li, sabiex jinkiseb l-effett mixtieq, l-implimentazzjoni trid tkun ikkoordinata fuq livell internazzjonali;

***Miżuri addizzjonali***

119. Jitlob lill-Kummissjoni tressaq qabel tmiem l-2012 proposti ambizzjużi biex tnaqqas l-emissjonijiet tal-metan, tal-karbonju iswed u tal-gassijiet fluworinati;

120. Ifakkar il-potenzjal tal-injam bħala sostitut għal materjali ferm intensivi fil-karbonju, fost l-oħrajn fis-settur tal-bini, u jappella biex titwaqqaf ġerarkija ċara tal-użu ta' injam prodott b'mod sostenibbli, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-objettivi dwar il-klima kif ukoll ta' effiċjenza tar-riżorsi; iqis li bijoenerġija sostenibbli tista' tinkiseb mill-iskart, minn xi residwi u mill-prodotti sekondarji industrijali, sakemm ikun hemm biżżejjed salvagwardji kontra t-telf tal-karbonju fil-ħamrija u tal-bijodiversità, kif ukoll l-emissjonijiet indiretti li jirriżultaw mill-ispostament ta' użi oħrajn tal-istess materjal;

121. Ifakkar li l-kostruzzjoni għandha impatt ekoloġiku kbir minħabba li tikkonsma kwantitajiet kbar ta' riżorsi naturali u ta' enerġija li ma jiġġeddux u hija responsabbli għal emissjonijiet sostanzjali tas-$CO_2$; ifakkar li l-użu tal-materjali li jiġġeddu għall-bini jnaqqas il-konsum tar-riżorsi naturali u l-ħsara ambjentali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, għaldaqstant, biex tqis aħjar in-natura ta' emissjonijiet baxxi u ta' effiċjenza enerġetika tal-materjali tal-bini matul iċ-ċiklu kollu ta' ħajjithom, u tippromwovi l-użu ta' materjali sostenibbli mil-lat ekoloġiku, li jiġġeddu u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, bħall-injam, fil-bini; ifakkar li l-injam jassorbi l-karbonju waqt li jikber, biex b'hekk ikun materjal newtru mil-lat tal-karbonju;

*

* *

122. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## Siti tal-internet diskriminatorji u reazzjonijiet tal-gvernijiet

P7_TA(2012)0087

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2012 dwar siti tal-internet diskriminatorji u reazzjonijiet tal-gvernijiet (2012/2554(RSP))**

(2013/C 251 E/14)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 4 u 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Artikoli 2, 3, 4, 9, 10, 18, 19, 20, 21, 26, 45, 49, 56, 67, 83 u 258 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali ([1]),

([1]) ĠU L 328, 6.12.2008, p. 55.

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/43/KE tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew l-etniċità ([2]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-11 ta' Frar 2012 tal-Viċi President tal-Kummissjoni Vivianne Reding dwar is-sit tal-Partit għal-Libertà Olandiż (PVV) ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, fil-bidu ta' Frar 2012, il-PPV nieda hotline fuq l-internet 'Meldpunt Midden en Oost Europeanen', fejn talab lin-nies jirrapportaw ilmenti li joriġinaw mill-'migrazzjoni massiva ta' ħaddiema' ta' 'ċittadini mill-Ewropa Ċentrali jew tal-Lvant', b'mod partikolari ta' Pollakki, Rumeni u Bulgari; billi n-nies qed jiġu mistoqsija, b'mod partikolari, jekk esperjenzawx xi problemi f'termini ta' mġiba antisoċjali u jekk tilfux l-impjiegi tagħhom minħabba wieħed minn dawk iċ-ċittadini;

B. billi l-moviment liberu taċ-ċittadini fl-Unjoni Ewropea huwa minqux fl-Artikolu 21 tat-TFUE, u l-moviment liberu tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea huwa minqux fl-Artikolu 45 tat-TFUE;

C. billi d-dritt għall-protezzjoni mid-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' nazzjonalità huwa minqux fl-Artikolu 18 tat-TFUE, u l-protezzjoni mid-diskriminazzjoni abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika hija minquxa fl-Artikolu 10 tat-TFUE;

D. billi d-dritt għal-libertà tal-ħsieb huwa minqux fl-Artikolu 10 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u d-dritt għal-libertà tal-espressjoni huwa minqux fl-Artikolu 11 tiegħu;

E. billi l-Unjoni Ewropea hija msejsa fuq il-valuri tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt, kif stipulat fl-Artikolu 2 tat-Trattat UE, u fuq ir-rispett inekwivoku għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, kif minqux fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fil-KEDB;

F. billi l-Istati Membri għandhom obbligu fil-konfront taċ-ċittadini kollha tal-UE li jiżguraw li ma jiġux iddiskriminati jew stigmatizzati meta jgħixu u jaħdmu madwar l-Ewropa;

G. billi l-hotline tal-PVV tinċita apertament għad-diskriminazzjoni kontra ħaddiema tal-Unjoni Ewropea minn pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant u qed toħloq firdiet bejn komunitajiet fis-soċjetà Olandiża;

H. billi s-sit tal-PVV jimmina l-moviment liberu tal-persuni u d-dritt għan-nondiskriminazzjoni, fuq il-bażi tad-Direttiva 2004/38/KE u l-Artikoli tat-Trattat rilevanti;

I. billi l-Gvern Olandiż iffirma ftehim ta' appoġġ parlamentari mal-PVV u għalhekk jista' jkollu maġġoranza fil-Parlament Olandiż;

J. billi sal-lum il-Gvern Olandiż ma kkundannax formalment il-hotline tal-PVV;

K. billi t-tnedija ta' din il-hotline qajmet dibattitu feroċi fil-Pajjiżi l-Baxxi, u ħafna partiti politiċi, il-mezzi tax-xandir, intrapriżi ta' daqs żgħir u medju u mexxejja oħra tal-kumpaniji, mexxejja tas-soċjetà ċivili u ċittadini individwali kkundannaw l-inizjattiva tal-PVV; billi tnedew ħafna kontrainizjattivi, bħal websajt li tirrapporta dwar esperjenzi pożittivi mal-persuni Pollakki;

(1) ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77.
(2) ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.
(3) http://ec.europa.eu/commission_2010-2014/reding/multimedia/news/2012/02/20120211_en.htm

**Il-Ħamis 15 ta' Marzu 2012**

L. billi l-ambaxxaturi ta' għaxar pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant fil-Pajjiżi l-Baxxi oġġezzjonaw bis-saħħa għall-websajt, filwaqt li ddijaraw li din tħeġġeġ il-perċezzjoni negattiva ta' grupp partikolari ta' ċittadini tal-UE fi ħdan is-soċjetà Olandiża;

M. billi skont l-aħħar studji mwettqa mill-Università Erasmus f'Rotterdam [1], il-ħaddiema migranti mill-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant qed jagħtu kontribut sinifikanti għall-ekonomija Olandiża u għas-suq tax-xogħol Olandiż;

N. billi l-impenn tal-politika tal-Gvern Olandiż favur l-integrazzjoni Ewropea naqas b'mod sinifikanti matul l-aħħar snin, kif intwera mill-pożizzjoni tal-Gvern Olandiż kurrenti dwar kwistjonijiet bħat-tkabbir taż-żona ta' Schengen u l-moviment liberu tal-ħaddiema;

O. billi hemm riskju reali li jiġu mnedija hotlines simili fi Stati Membri oħra;

1. Jikkundanna bil-qawwa s-sit imniedi mill-PVV, billi jmur kontra l-valuri fundamentali Ewropej tad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, u jista' jeqred il-bażi tal-Unjoni, li hija l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-libertà tal-moviment;

2. Iqis il-hotline tal-PVV bħala inizjattiva malintenzjonata bl-għan li toħloq firdiet fis-soċjetà u li jinkiseb vantaġġ politiku għad-detriment ta' ħaddiema mill-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant;

3. Jistieden bis-saħħa lill-Prim Ministru Mark Rutte biex, f'isem il-Gvern Olandiż, jikkundanna din l-inizjattiva deplorabbli u jiddistanzja ruħu minnha; jenfasizza, barra minn hekk, l-obbligu tal-gvernijiet kollha tal-Unjoni Ewropea li jiggarantixxu d-drittijiet tal-moviment liberu u tan-nondiskriminazzjoni u jitlob, għalhekk, lill-Kunsill Ewropew jikkundanna formalment il-hotline tal-PVV peress li din tagħmel ħsara lil dawk id-drittijiet u hija affront għall-valuri u l-prinċipji Ewropej;

4. Iħeġġeġ lill-Gvern Olandiż biex ma jinjorax il-politiki tal-PVV li jmorru kontra l-valuri fundamentali tal-UE;

5. Jistieden lill-awtoritajiet Olandiżi jinvestigaw jekk din l-inizjattiva rriżultatx fl-inċitament għall-mibegħda u d-diskriminazzjoni;

6. Jenfasizza li l-ħaddiema mill-pajjiżi li ngħaqdu mal-UE fl-2004 u l-2007 kellhom impatt pożittiv fuq l-ekonomija tal-Istati Membri u ma kkaġunawx tfixkil serju fis-swieq tax-xogħol tagħhom, imma taw kontribut sinifikanti għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli fl-UE;

7. Jistieden lill-Gvern Olandiż jagħti tweġiba immedjata lill-ittri mibgħuta mill-Kummissjoni dwar il-leġiżlazzjoni prevista li tista' tikser id-Direttiva 2004/38/KE dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri, u biex jagħti segwitu għat-talbiet li għamel il-Parlament fir-riżoluzzjonijiet tiegħu;

8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jagħmlu l-aħjar li jistgħu biex iwaqqfu t-tixrid ta' attitudnijiet ksenofobiċi bħal dawk espressi f'din il-websajt u biex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tad-Deċiżjoni Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija fl-Istati Membri kollha;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill tal-Ewropa, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

[1] Arbeidsmigranten uit Polen, Roemenie en Bulgarije in Den Haag. Sociale leefsituatie, arbeidpositie en toekomstperspectief, Prof. Godfried Engbersen, Diviżjoni tas-Soċjoloġija, l-Università ta' Rotterdam.

## Ir-riżultat tal-elezzjonijiet presidenzjali fir-Russja

P7_TA(2012)0088

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2012 dwar ir-riżultat tal-elezzjonijiet presidenzjali fir-Russja (2012/2573(RSP))**

(2013/C 251 E/15)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa, li daħal fis-seħħ fl-1997 u li ġie estiż fl-istennija li jkun hemm ftehim ġdid minfloku,

— wara li kkunsidra n-negozjati li għaddejjin bħalissa għal ftehim ġdid li jipprovdi qafas komprensiv ġdid għar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja, kif ukoll is-'Sħubija għall-Modernizzazzjoni' li nbdiet fl-2010,

— wara li kkunsidra r-rapporti u r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Russja, b'mod partikolari r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-16 ta' Frar 2012 ([1]) dwar l-elezzjonijiet presidenzjali imminenti fir-Russja, tal-14 ta' Diċembru 2011 ([2]) dwar l-elezzjonijiet tad-Duma tal-Istat, b'mod speċjali l-kritika tiegħu dwar kif saru l-elezzjonijiet tad-Duma, u tas-7 ta' Lulju 2011 ([3]) dwar it-Tħejjijiet għall-Elezzjonijiet ta' Diċembru tad-Duma tal-Istat Russu,

— wara li kkunsidra l-Istqarrija Komuni dwar is-Sejbiet Preliminari u l-Konklużjonijiet tal-5 ta' Marzu 2012 tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-OSKE, l-Assemblea Parlamentari tal-OSKE u l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Viċi-President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-4 ta' Marzu 2012 dwar l-elezzjonijiet presidenzjali fir-Russja tal-4 ta' Marzu 2012 u d-diskorsi tagħha tal-14 ta' Diċembru 2011 fi Strasburgu dwar is-Samit bejn l-UE u r-Russja u tal-1 ta' Frar 2012 fi Brussell dwar is-sitwazzjoni politika fir-Russja,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-UE, bħala s-sieħba strateġika u ġara diretta tar-Russja, segwiet b'interess partikolari l-proċess tal-elezzjonijiet u d-dibattitu pubbliku u l-protesti mifruxa li għadhom għaddejjin fir-Russja relatati mal-elezzjonijiet tad-Duma tal-Istat ta' Diċembru 2011 u l-elezzjonijiet presidenzjali tal-4 ta' Marzu 2012;

B. billi għad hemm tħassib serju dwar il-progress fil-Federazzjoni Russja fir-rigward tar-rispett u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għal prinċipji demokratiċi, regoli elettorali u proċeduri rikonoxxuti b'mod komuni; billi l-Federazzjoni Russa hija membru sħiħ tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, u għalhekk intrabtet mal-prinċipji tad-demokrazija u tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem;

C. billi fit-12 ta' April 2011, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat sentenza kontra l-proċeduri kkumplikati ta' reġistrazzjoni għall-partiti politiċi fir-Russja, li mhumiex konformi mal-istandards elettorali stabbiliti mill-Kunsill tal-Ewropa u mill-OSCE; billi l-illimitar tar-reġistrazzjoni tal-partiti u tal-kandidati politiċi jirrestrinġi l-kompetizzjoni politika u l-pluraliżmu politiku fir-Russja;

D. billi minkejja inizjattivi limitati meħuda dan l-aħħar biex jittejbu l-liġijiet elettorali, ir-regoli ġenerali għadhom kumplessi wisq u f'xi każijiet iwasslu għal applikazzjoni inkonsistenti tal-bażi legali;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0054.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2011)0575.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2011)0335.

E. billi l-awtoritajiet Russi ppruvaw itellfu l-krettu tal-NGOs involuti fl-osservazzjoni elettorali u b'mod partikolari ta' Golos, li tkeċċiet mill-uffiċċji prinċipali tagħha f'Moska u kienet suġġetta għal kampanja fil-midja intiża biex tagħmel ħsara lir-reputazzjoni tagħha u li l-uffiċċji reġjonali tagħha kienu suġġetti għall-investigazzjonijiet tat-taxxa; billi l-midja indipendenti wkoll tqiegħdu taħt pressjoni serja;

F. billi l-Istqarrija Komuni dwar is-Sejbiet u l-Konklużjonijiet tal-5 ta' Marzu 2012 tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-OSKE, l-Assemblea Parlamentari tal-OSKE u l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa tgħid li l-proċess elettorali ma kienx ħieles u ġust, minħabba li kien 'ixaqleb ħafna favur kandidat partikolari' minħabba denunzja waqt il-proċess tar-reġistrazzjoni tal-kandidati potenzjalment kompetituri, kopertura tal-midja inugwali u preġudikat u l-użu tar-riżorsi tal-Istat favur kandidat wieħed;

G. billi, permezz ta' għadd ta' demostrazzjonijiet li bdew wara l-elezzjonijiet tad-Duma fl-4 ta' Diċembru 2011, il-poplu Russu esprima r-rieda tiegħu għal aktar demokrazija u għal riforma komprensiva tas-sistema elettorali, partikolarment 'l hekk imsejħa dimostranti 'taż-żigarelli bojod';

1. Jieħu nota tar-riżultati tal-elezzjonijiet elettorali fid-dawl tal-konklużjonijiet preliminari tal-tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-OSKE; kif ukoll tal-organizzazzjonijiet ta' osservazzjoni domestiċi, eż: Golos, Grazhdanin Nabludatel, il-Lega tal-Votanti u r-rappreżentanti tal-partiti politiċi;

2. Jenfasizza l-ħtieġa ta' involviment kritiku mar-Russja, b'appoġġ sħiħ tal-aġenda ta' modernizzazzjoni li tkopri djalogu dwar ir-riformi ekonomiċi u politiċi bil-għan li jiġu introdotti u implimentati riformi li jindirizzaw id-defiċjenzi eżistenti;

3. Jikkritika bil-qawwa n-nuqqasijiet u l-irregolaritajiet fit-tħejjija u fit-twettiq ta' dawn l-elezzjonijiet, u l-fatt li l-għażla tal-votanti kienet limitata; jisħaq li l-midja tax-xandir Russa ma pprovdietx kopertura bilanċjata tal-kandidati kollha waqt il-kampanja elettorali, li tikser ir-rekwiżiti legali; jilqa' l-involviment ċiviku sinifikanti fil-kampanja, u jitlob li jsiru analiżijiet komprensivi u trasparenti tal-irregolaritajiet kollha u li jiġu introdotti, msaħħa u implimentati r-regoli demokratiċi għal elezzjonijiet ġejjiena; jikkundanna l-arrest ta' għexieren ta' dimostranti madwar ir-Russja waqt protesti;

4. Jistieden lill-President Medvedev biex isegwi l-kliem bil-fatt u biex jiggarantixxi l-adozzjoni tar-riformi meħtieġa għas-sistema politika, u jistenna li l-President Russu l-ġdid ikun lest li jmexxihom 'il quddiem, fosthom is-simplifikazzjoni meħtieġa ħafna tar-regoli tar-reġistrazzjoni tal-partiti politiċi; jitlob li jkun hemm impenn serju biex jiġu indirizzati wkoll il-problemi tal-libertà tal-midja u tal-libertà ta' għaqda u ta' espressjoni; itenni r-rieda tal-UE li tikkoopera mar-Russja, inkluż fil-qafas ipprovdut mis-Sħubija għall-Modernizzazzjoni, biex ittejjeb ir-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali, li f'dan ir-rigward ir-rilaxx tal-priġunieri politiċi huwa kwistjoni ewlenija, u l-effikaċja ta' sistema ta' stat ta' dritt indipendenti fir-Russja;

5. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet u lill-partiti politiċi Russi rappreżentati fid-Duma tal-Istat biex jinvolvu rwieħhom fi djalogu ta' sustanza mad-dimostranti favur id-demokrazija u mal-oppożizzjoni fl-interessi ta' riforma komprensiva, it-trasparenza u d-demokrazija; jappella lill-President elett Vladimir Putin biex irattab it-ton tar-retorika tiegħu kontra d-dimostranti u jipparteċipa magħhom fi djaloġu sinċier dwar il-ġejjieni tal-pajjiż;

6. Iħeġġeġ lid-diversi gruppi tal-oppożizzjoni demokratika Russi biex flimkien iħaddnu aktar mill-qrib programm pożittiv ta' riformi politiċi, biex b'hekk iċ-ċittadini Russi jkolhom alternattiva aktar kredibbli;

7. Jilqa' d-deċiżjoni tal-President Dmitry Medvedev li jordna lill-Prosekutur Ġenerali jeżamina l-legalità ta' 32 każ kriminali, inkluża s-sentenza ta' ħabs ta' Mikhail Khodorkovsky; jitlob lill-President elett Vladimir Putin jordna eżami simili tal-każ ta' Sergey Magnitsky;

8. Jinnota l-approvazzjoni inizjali tad-Duma tal-Istat tal-abbozz tal-liġijiet Presidenzjali mmirati lejn tibdiliet komprensivi tas-sistema politika, inkluża simplifikazzjoni tar-regoli tar-reġistrazzjoni tal-partijiet politiċi u l-aċċess tagħhom għall-elezzjonijiet; iħeġġeġ lid-Duma tal-Istat biex fl-adozzjoni tal-liġijiet meħtieġa, tqis l-emendi imressqa b'mod konġunt mill-partiti mhux reġistrati; jistenna lin-naħat kollha jieħdu l-opportunità qabel l-inawgurazzjoni tal-President elett biex jiddeċiedu dwar pakkett ta' riformi komprensivi inklużi tibdiliet tal-liġi elettorali; jesprimi x-xewqa kbira tiegħu li jara riżultati tajba u implimentazzjoni sħiħa tal-proposti ta' riforma kollha li qed jiġu diskussi fil-grupp ta' ħidma Medvedev; jinsab konvint li liġi elettorali ġdida u r-reġistrazzjoni ta' partiti politiċi fl-oppożizzjoni għandhom jipprovdu bażi għal elezzjonijiet ħielsa u ġusti fid-Duma tal-Istat;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti tal-Istati Membri, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Federazzjoni Russa, lill-Kunsill tal-Ewropa u lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa.

## Kazakistan

P7_TA(2012)0089

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2012 dwar il-Kazakistan (2012/2553(RSP))**

(2013/C 251 E/16)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-azzjoni esterna tal-Unjoni stipulati fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u l-proċedura għall-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali stipulata fl-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE għall-Ażja Ċentrali,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-KE u l-Kazakistan li daħal fis-seħħ fl-1999, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu (Taqsima dwar il-Prinċipji Ġenerali),

— wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE għal Sħubija Ġdida mal-Ażja Ċentrali, adottata mill-Kunsill Ewropew fil-21-22 ta' Ġunju 2007, u r-rapporti ta' progress tagħha tal-24 ta' Ġunju 2008 u t-28 ta' Ġunju 2010,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Mejju 2011 dwar il-Kazakistan,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-UE dwar il-Kazakistan fil-Kunsill Permanenti tal-OSKE tat-3 ta' Novembru, tat-22 ta' Diċembru 2011, u tad-19 ta' Jannar, is-26 ta' Jannar u d-9 ta' Frar 2012, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet tal-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-UE Catherine Ashton tas-17 ta' Diċembru 2011 dwar dak li seħħ fid-distrett ta' Zhanaozen u tas-17 ta' Jannar 2012 dwar l-elezzjonijiet parlamentari tal-15 ta' Jannar 2012 fil-Kazakistan,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-riżultati u l-konklużjonijiet preliminari tal-missjoni ta' osservazzjoni tal-elezzjonijiet parlamentari tal-15 ta' Jannar 2012, immexxija mill-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-OSKE,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant tal-OSKE dwar il-Libertà tal-Midja tal-25 ta' Jannar 2012 dwar is-sitwazzjoni tal-midja fil-Kazakistan,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-Direttur tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-OSKE tal-1 ta' Frar 2012 dwar it-trażżin tal-oppożizzjoni fil-Kazakistan,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2011 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali [1],

[1] Testi adottati, P7_TA(2011)0588.

**Il-Ħamis 15 ta' Marzu 2012**

— wara li kkunsidra l-paragrafu 23 tar-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2012 dwar il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi kemm l-UE kif ukoll il-Kazakhstan jistgħu jgawdu benefiċċji importanti jekk jikkooperaw aktar mill-qrib, u l-Parlament jappoġġa dan l-objettiv filwaqt li jenfasizza li l-kooperazzjoni ekonomika trid tmur id f'id mal-kooperazzjoni politika u trid tkun ibbażata fuq ir-rieda politika li jiġu implimenti u mħaddna valuri komuni, meta jitqies ir-rwol ċentrali tal-Kazakhstan fl-iżvilupp soċjoekonomiku tal-Ażja Ċentrali u l-istabbiltà u s-sigurtà tar-reġjun;

B. billi n-negozjati dwar ftehim imsaħħaħ bejn l-UE u l-Kazakistan, li għandu jieħu post il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li qiegħed fis-seħħ attwalment, tnedew f'Ġunju 2011;

C. billi fis-17 ta' Frar 2012 il-President tal-Kazakistan iffirma bosta liġijiet bl-għan li titjieb il-bażi legali għar-relazzjonijiet tax-xogħol, id-drittijiet tal-ħaddiema u d-djalogu soċjali u sabiex tissaħħaħ l-indipendenza tal-ġudikatura;

D. billi fis-16 ta' Diċembru 2011 għadd kbir ta' nies inqatlu u ħafna oħra kienu feruti fil-ġlied fil-belt ta' Zhanaozen fil-Punent tal-Kazakhstan, fejn aktar minn 3 000 ruħ inġabru paċifikament fil-pjazza ewlenija b'appoġġ għat-talbiet tal-ħaddiema tas-settur taż-żejt li ilhom fuq strajk minn Mejju għal salarji ogħla u kundizzjonijiet aħjar u d-dritt li jagħżlu r-rappreżentanti tal-junjin tagħhom;

E. billi l-awtoritajiet irrapportaw li 17-il persuna mietu wara li, skont rapporti indipendenti u xhieda, il-pulizija ta' kontra l-irvellijiet attakkaw lid-dimostranti, fetħu n-nar fuq iċ-ċivili inklużi persuni mhux armati li kienu qed jistrajkjaw, flimkien mal-qraba tagħhom; billi wara l-ġlied l-awtoritajiet tal-Kazakistan iddikjaraw stat ta' emerġenza, u pprojbixxew l-aċċess tal-ġurnalisti u tal-osservaturi indipendenti għal Zhanaozen; billi l-istat ta' emerġenza finalment ġie mitmum fil-31 ta' Jannar 2012, iżda xi xhieda qalu li l-għadd ta' persuni maqtula aktarx li hu ħafna ikbar; billi l-awtoritajiet reġjonali wiegħdu li jagħtu appoġġ finanzjarju lill-familji tal-vittmi li mietu f'dawn l-avvenimenti;

F. billi l-istampa ta' dak li fil-fatt ġara f'Zhanaozen fis-16 ta' Diċembru 2011 għadha mhix ċara; billi l-linji ta' komunikazzjoni inizjalment inqatgħu mill-awtoritajiet u l-aċċess għall-belt imbagħad baqa' kkontrollat taħt stat ta' emerġenza li dam għaddej sal-31 ta' Jannar 2012; billi l-intimidazzjoni u l-attakki vjolenti kontra l-midja indipendenti, flimkien ma' klima ta' biża' fost iċ-ċittadini, qed ikomplu jxekklu l-iżvilupp ta' aktar ċarezza; billi b'reazzjoni għall-avvenimenti f'Zhanazoen f'Diċembru 2011, l-awtoritajiet tal-Kazakistan żiedu ċ-ċensura tal-internet fil-pajjiż u attwalment qegħdin iwettqu spezzjoni deep packet tat-traffiku kollu tal-internet;

G. billi madwar 43 persuna ġew arrestati sa minn Diċembru 2012 u qed jiffaċċaw akkużi li jinvolvu sentenzi ta' sa sitt snin priġunerija, fosthom mexxejja prominenti u attivisti mill-istrajk tal-ħaddiema taż-żejt, inkludi Talat Saktaganov, Roza Tuletaeva u Natalya Azhigalieva; billi numru ta' żgħażagħ akkużati b'attivitajiet Iżlamisti ġew arrestati fil-belt ta' Uralsk fit-3 ta' Frar 2012 fuq suspett li qed jorganizzaw diżordni tal-massa f'Zhanaozen;

H. billi l-President tal-Kazakistan sejjaħ għal investigazzjoni sħiħa tal-avvenimenti, billi waqqaf kummissjoni tal-gvern immexxija mill-Ewwel Viċi Prim Ministru u stieden esperti internazzjonali, fosthom min-NU, biex jipparteċipaw fil-proċess ta' investigazzjoni; billi bosta uffiċjali tal-pulizija qegħdin jiġu investigati minħabba użu mhux xieraq ta' armi tan-nar, għalkemm s'issa l-ebda wieħed minnhom ma ġie akkużat;

I. billi hemm diversi rapporti li d-detenuti ġew ittorturati u maltrattati; billi investigazzjoni kredibbli, segwita minn azzjoni legali xierqa, hija meħtieġa wkoll b'rabta ma' dan;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0058.

J. billi l-elezzjonijiet ġenerali li saru fis-15 ta' Jannar 2012 kienu meqjusa mill-OSKE li ma kinux konformi mal-istandards tagħha, minħabba ħafna irregolaritajiet fil-votazzjoni kif ukoll l-użu ta' riżorsi u slogans tal-istat biex isaħħu l-popolarità tal-partit fil-gvern, li ma pprovdiex il-kundizzjonijiet meħtieġa għat-twettiq ta' elezzjonijiet genwinament pluralistiċi, għalkemm hu meqjus li din id-darba l-elezzjonijiet kienu amministrati sew fil-livell tekniku;

K. billi fis-6 ta' Jannar 2012 il-President tal-Kazakistan iffirma l-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali, li ssaħħaħ l-awtorità tas-servizzi tas-sigurtà u tafferma li persuni meqjusa li qed jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tal-pajjiż fuq livell dinji jistgħu jitqiesu 'distruttivi' u se jkollhom jiffaċċaw il-konsegwenzi;

L. billi f'dawn l-aħħar ftit xhur is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kazakistan iddeterjorat, kif rifless fid-dikjarazzjonijiet tal-UE fil-Kunsill Permanenti tal-OSKE u f'dikjarazzjonijiet reċenti tar-Rappreżentant tal-OSKE dwar il-Libertà tal-Midja u tad-Direttur tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-OSKE;

M. billi f'Settembru 2011 l-awtoritajiet adottaw liġi dwar ir-reliġjon li tobbliga lill-gruppi reliġjużi kollha li jerġgħu jirreġistraw, u tinkludi dispożizzjonijiet li jistgħu jipprojbixxu ċittadini tal-Kazakistan milli jipprattikaw il-fidi tagħhom liberament; billi, barra minn dan, liġijiet adottati riċentement dwar il-midja tal-massa u s-sigurtà nazzjonali kollha jinkludu dispożizzjonijiet li jsaħħu l-elementi mhux liberali tas-sistema politika tal-Kazakistan u jikkontradixxu ambizzjonijiet dikjarati ta' demokratizzazzjoni;

N. billi fit-8 ta' Awwissu 2011, il-Qorti tal-Belt ta' Aktau sabet lil Natalia Sokolova, l-avukat tal-ħaddiema tas-settur taż-żejt, ħatja li "inċitat id-diskordanza soċjali" u li "ħadet sehem attiv f'laqgħat illegali" u ngħatat sentenza ta' sitt snin ħabs;

O. billi fl-istennija li ttejjeb l-immaġni tagħha ta' pajjiż rispettabbli f'livell internazzjonali, il-Kazakistan ħa r-rwol ta' Chair tal-OSKE fl-2010, u impenja ruħu għal sensiela ta' riformi demokratiċi u li jirrispetta l-prinċipji bażiċi ta' dik l-organizzazzjoni;

P. billi tul dawn l-aħħar xahrejn, il-partiti tal-oppożizzjoni u l-organizzazzjonijiet Alga, Azat u l-Moviment Soċjalista tal-Kazakistan, midja indipendenti inklużi l-ġurnali Vzglyad, Golos Republik u Respublika u l-istazzjon televiżiv bis-satellita STAN TV, u trejdjunjins indipendenti inkluża l-junjin Zhanartu u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili kienu fil-mira ta' repressjoni intensifikata, filwaqt li ġew detenuti, inter alia, il-mexxej tal-partit Alga Vladimir Kozlov u l-editur kap tal-ġurnal Vzgyad, Igor Vinyavski; billi fit-28 ta' Jannar 2012 madwar 1 000 persuna f'Almaty ħadu sehem fi protesta mhux awtorizzata kontra r-repressjoni, u talbu lill-awtoritajiet biex itemmu l-persekuzzjoni politika;

Q. billi l-partiti tal-oppożizzjoni ddikjaraw pjanijiet għal protesta fl-24 ta' Marzu 2012 f'Almaty sabiex jikkommemoraw il-100 jum mill-massakru ta' Zhanaozen;

R. billi l-fatt li s-Sur Kozlov ġie arrestat u nżamm incommunicado ftit wara li rritorna mil-laqgħat tiegħu mal-Parlament Ewropew u mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jagħti lill-UE raġuni addizzjonali ta' tħassib, u jenfasizza l-importanza tas-salvagwardja tal-ħila tal-istituzzjonijiet tagħna li jmexxu djalogi ma' firxa wiesgħa ta' atturi fil-pajjiżi sħab tal-UE mingħajr ma dan ikollu konsegwenzi negattivi għall-interlokuturi tagħna;

1. Jenfasizza l-importanza tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Kazakistan u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni politika u ekonomika, li tinkludi oqsma strateġiċi bħalma huma d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-ambjent, l-enerġija, il-kummerċ u t-trasport kif ukoll il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u t-traffikar tad-drogi; jenfasizza li s-sena li għaddiet kienet ikkaratterizzata minn kooperazzjoni ikbar, laqgħat ta' livell għoli frekwenti u l-bidu tan-negozjati għal Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni ġdid;

2. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu kif ukoll il-kondoljanzi tiegħu fir-rigward tal-avvenimenti li seħħew fis-16 ta' Diċembru 2011 fid-distrett ta' Zhanaozen tal-Kazakistan, fejn 17-il persuna tilfu ħajjithom u 110 oħra ndarbu;

**Il-Ħamis 15 ta' Marzu 2012**

3. Jikkundanna bil-qawwa t-trażżin vjolenti min-naħa tal-forzi tal-pulizija ta' dimostranti f'Zhanaozen, u jitlob li ssir investigazzjoni internazzjonali indipendenti u kredibbli tal-ġrajjiet, b'komponent internazzjonali;

4. Jistqarr l-intenzjoni tiegħu li jibqa' jmexxi djalogi mal-atturi tas-soċjetà ċivili, bħala parti mir-relazzjonijiet tiegħu mal-Kazakistan, u skont il-prattiki tar-relazzjonijiet tiegħu ma' pajjiżi terzi oħra; jistenna rispett lejn dawn id-djalogi, u jenfasizza li mhux insensittiv għall-benessri tal-interlokuturi tiegħu;

5. Jemmen li l-ġestjoni ħażina tat-tilwima tal-ħaddiema fis-settur taż-żejt fil-Punent tal-Kazakistan kienet il-kawża ewlenija tal-iskuntentizza popolari dejjem tikber qabel l-avvenimenti ta' nofs Diċembru 2011; jinsab konvint li r-rikonoxximent, kemm bil-kliem kif ukoll bil-fatti, tad-dritt tal-ħaddiema li jorganizzaw djalogu b'rispett reċiproku bejn ir-rappreżentanti tat-trejdjunjins, min iħaddem u l-awtoritajiet, l-impjegar mill-ġdid ta' ħaddiema li ngħataw is-sensja jew impjiegi ġodda għalihom, l-appoġġ għall-familji li qed ibatu ħafna minħabba l-konsegwenzi tal-avvenimenti reċenti u l-bini tal-fiduċja fl-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi huma fundamentali biex jinkisbu l-paċi soċjali u stabbiltà sostenibbli;

6. Jistieden lis-SEAE jsegwi mill-qrib il-proċess ta' dawk akkużati li organizzaw id-dimostrazzjonijiet, u jirrapporta lura lill-Parlament;

7. Jilqa' l-ħelsien riċenti tad-difensur tad-drittijiet tal-bniedem Evgeny Zhovtis, direttur tal-Bureau Internazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Istat tad-Dritt tal-Kazakistan u tal-ġurnalist ta' 'Vremya' Tokhniyaz Kuchukov, li ngħataw amnestija b'deċiżjoni tal-qorti fit-2 ta' Frar 2012 wara li kienu ġew ikkundannati għal erba' snin f'kamp tax-xogħol f'Settembru 2009;

8. Jiddispjaċih li jeżistu ftit wisq eċċezzjonijiet għax-xejra negattiva fl-iżviluppi relatati mad-drittijiet tal-bniedem fil-Kazakistan li ilha għaddejja tul ta' żmien konsiderevoli u dan l-aħħar ġiet rinfurzata, u jistieden lill-awtoritajiet tal-Kazakistan jipprovdu assigurazzjonijiet dwar is-sikurezza tal-familji ta' attivisti arrestati;

9. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Kazakistan biex jagħmlu kull sforz biex itejbu s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżhom; jissottolinja li progress fin-negozjati tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni ġdid u mtejjeb bejn l-UE u l-Kazakistan għandu jiddependi mill-progress tar-riformi politiċi; iħeġġeġ lill-Kazakistan iżomm l-impenn mistqarr tiegħu favur riformi ulterjuri, sabiex tinbena soċjetà miftuħa u demokratika li tkun tinkludi oppożizzjoni u soċjetà ċivili indipendenti, fir-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt;

10. Itenni li aċċess mingħajr restrizzjonijiet għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni u aċċess inċensurat għall-internet (libertajiet diġitali) huma drittijiet universali u huma indispensabbli għad-drittijiet tal-bniedem bħall-espressjoni ħielsa u l-aċċess għall-informazzjoni, kif ukoll biex jiġu żgurati t-trasparenza u r-responsabilità fil-ħajja pubblika;

11. Jilqa' t-tibdil legali ta' dawn l-aħħar xhur bl-għan li jkabbru l-firmxa ta' partiti li jistgħu jippreżentaw kandidati parlamentari; jinnota li sa mill-aħħar elezzjonijiet leġiżlattivi, tliet partiti ġew rappreżentati fil-parlament il-ġdid; jiddispjaċih għall-fatt li għadd ta' partiti tal-oppożizzjoni mhux qed jitħallew jirreġistraw, u jħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Kazakistan iwettqu r-riformi ulterjuri meħtieġa biex ikunu żgurati elezzjonijiet ġenwinament pluralistiċi u sabiex ikunu appoġġati l-funzjonament tal-midja indipendenti u l-attivitajiet tal-NGOs;

12. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Kazakistan jindirizzaw is-sejbiet tal-ODHIR tal-OSKE bħala kwistjoni ta' prijorità ħalli l-oppożizzjoni tal-pajjiż tkun tista' tieħu l-irwol li jistħoqqilha f'soċjetà demokratika, u jieħdu l-passi kollha neċessarji biex jikkonformaw mal-istandards internazzjonali tal-elezzjonijiet; jistieden lill-SEAE jappoġġa l-Kazakistan fl-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet;

13. Jieħu nota tal-pjan direzzjonali għall-adeżjoni tal-Kazakistan fid-WTO, li se tgħin sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għall-komunitajiet kummerċjali fuq iż-żewġ naħat, u se tiffaċilita u tilliberalizza l-kummerċ, u tibgħat messaġġ ta' kooperazzjoni u ftuħ; jenfasizza li bl-adeżjoni, il-kazakistan għandu l-obbligu li jikkonforma mar-regoli kollha tad-WTO, fosthom li jelimina miżuri protezzjonisti;

14. Jesprimi r-rabja tiegħu dwar il-fatt li mexxejja tal-oppożizzjoni u ġurnalisti ilhom miżmuma l-ħabs sa minn Jannar 2012, u jistieden lill-awtoritajiet tal-Kazakistan iwaqqfu t-trażżin tal-oppożizzjoni u tal-midja indipendenti fil-pajjiż, u jeħilsu lill-persuni kollha li ntbagħtu l-ħabs għal raġunijiet politiċi, inkluż il-mexxej tal-partit Alga, Vladimir Kozlov u l-editur kap tal-gazzetta Vzglyad, Igor Vinyavskiy, kif ukoll il-persuni kollha msemmija f'dikjarazzjonijiet reċenti tal-UE fil-Kunsill Permanenti tal-OSKE li għadhom detenuti; jitlob li s-Sur Kozlov jingħata aċċess għall-familja immedjata tiegħu, inkluża martu, u għal valutazzjoni indipendenti tal-kundizzjoni medika tiegħu; jilqa' b'sodisfazzjon il-ħelsien ta' Natalya Sokolova, avukat tat-trejdjunjins tal-kumpanija taż-żejt Karazhanbasmunai, li kienet ingħatat sentenza ta' sitt snin ħabs, u li issa tnaqqset għal sentenza proviżorja ta' tliet snin; jiddispjaċih, madankollu, li skont is-sentenza tal-Qorti Suprema, is-Sra Sokolova xorta waħda għadha pprojbita li tipparteċipa f'attivitajiet trejdjunjonistiċi waqt il-perjodu ta' libertà proviżorja.

15. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Kazakistan itejbu fis ir-rispett għal-libertajiet tal-għaqda, tal-assoċjazzjoni, tal-espressjoni u tar-reliġjon, skont ir-rakkomandazzjonijiet tar-rappreżentanti u tal-korpi tal-OSKE, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-impenji internazzjonali meħuda mill-Kazakistan, kif ukoll lill-wegħdiet li saru qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni biex il-Kazakistan jingħata l-Presidenza tal-OSKE fl-2010; jiġbed l-attenzjoni għall-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem imħejji sew li ġie adottat fl-2009, u jħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Kazakistan jimplimentawh bis-sħiħ;

16. Jinsab konvint li l-awtoritajiet u s-soċjetà tal-Kazakistan jibbenefikaw bil-kbir jekk tittieħed azzjoni bħal din, anke f'termini ta' stabbiltà u sigurtà u ritorn l-iżvilupp stabbli ta' qabel fil-pożizzjoni internazzjonali tal-pajjiż;

17. Jenfasizza l-parteċipazzjoni sa minn Jannar 2012 tar-rappreżentanti uffiċjali tal-Kazakistan waqt laqgħat miftuħa u kostruttivi ma' Membri Parlamentari Ewropej fil-Parlament Ewropew, bil-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili u ta' NGOs, fejn urew li huma disposti għal investigazzjonijiet dwar l-avvenimenti ma' komponent internazzjonali, u wegħdu informazzjoni dwar l-arresti tax-xhur li għaddew; jistenna li dawn id-dikjarazzjonijiet se jiġu segwiti b'azzjonijiet konkreti;

18. Jenfasizza l-importanza ta' djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u l-awtoritajiet tal-Kazakistan fejn il-kwistjonijiet kollha jistgħu jiġu indirizzati b'mod miftuħ; jitlob li jissaħħu dawn id-djalogi sabiex isiru iktar effettivi u orjentati lejn il-kisba tar-riżultati u sabiex jiġi permess l-involviment ta' atturi tas-soċjetà ċivili;

19. Jistieden lill-UE, u b'mod partikolari lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, tissorvelja l-iżviluppi mill-qrib, tqajjem il-kwistjonijiet kollha li joħolqu tħassib mal-awtoritajiet tal-Kazakistan, toffri assistenza u tirrapporta regolarment lill-Parlament;

20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President u lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Gvern u l-Parlament tar-Repubblika tal-Kazakistan u lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa.

## Is-sitwazzjoni fin-Niġerja

P7_TA(2012)0090

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2012 dwar is-sitwazzjoni fin-Niġerja (2012/2550(RSP))**

(2013/C 251 E/17)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet mill-Viċi President/Rappreżentant Għoli Ashton tas-26 ta' Diċembru 2011 dwar l-attakki bil-bombi f'Jum il-Milied, u tat-22 ta' Jannar 2012 dwar l-attakki bil-bombi f'Kano, in-Niġerja,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tas-27 ta' Diċembru 2011 dwar l-attakki fin-Niġerja,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

**Il-Ħamis 15 ta' Marzu 2012**

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966, irratifikat min-Niġerja fid-29 ta' Ottubru 1993,

— wara li kkunsidra t-tieni reviżjoni tal-Ftehim ta' Cotonou 2007-2013, irratifikat min-Niġerja fis-27 ta' Settembru 2010,

— wara li kkunsidra l-Karta Afrikana għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli tal-1981, irratifikata min-Niġerja fit-22 ta' Ġunju 1983,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar t-Tneħħija tal-Forom Kollha ta' Intolleranza u ta' Diskriminazzjoni bbażati fuq Reliġjon u Twemmin tal-1981,

— wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tar-Repubblika Federali tan-Niġerja u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tagħha dwar il-protezzjoni tal-libertà reliġjuża fil-Kapitolu IV tagħha – Id-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon,

— wara li kkunsidra l-Laqgħa Ministerjali Niġerja-UE tat-8 ta' Frar 2012 b'Abuja,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem E/CN.4/RES/2005/69 li titlob lis-"Segretarju Ġenerali jaħtar rappreżentant speċjali dwar il-kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-korporazzjonijiet transnazzjonali u intrapriżi oħra ta' kummerċ",

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet fir-rapport tal-UNEP biex tiġi stabbilita Awtorità għar-Restawr tal-Ambjent f'Ogoniland,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar in-Niġerja,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi jinsab ixxukkjat bl-aħħar mewġa ta' attakki permezz ta' armi tan-nar u bombi mis-setta Iżlamista Boko Haram, li qatlet tal-anqas 185 persuna f'Kano fl-20 ta' Jannar 2012, u li fil-biċċa l-kbira kienu indirizzati kontra l-pulizija; billi Boko Haram wissiet lir-residenti ta' Kano, f'fuljett imqassam madwar il-belt matul il-lejl, li l-attakki tagħhom kontra s-servizzi ta' sigurtà se jitkomplu u ħeġġet il-perseveranza waqt li l-grupp jiġġieled sabiex tiġi stabbilita "Sistema Iżlamika";

B. billi organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem iddokumentaw l-involviment tal-grupp Iżlamist Boko Haram f'attakki fuq għases tal-pulizija, faċilitajiet militari, knejjes u banek, kif ukoll f'attakk suwiċida bil-bombi fis-sede tan-NU, li ħalla 24 persuna mejta u iktar minn 100 persuna oħra midruba;

C. billi, b'reazzjoni għall-vjolenza tal-Boko Haram, il-pulizija u l-militar Niġerjani wettqu eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji ta' numru sostanzjali ta' membri suspettati tal-grupp;

D. billi Boko Haram kellha fil-mira l-Kristjani, b'mod partikolari f'Jum il-Milied, meta nqatlu għexieren ta' persuni f'għadd ta' attakki bil-bombi, li l-agħar fosthom qatel 44 ruħ barra knisja Katolika ħdejn il-belt kapitali ta' Abuja; u billi Boko Haram ħalfet li se tibda gwerra reliġjuża fuq il-Kristjani u tkeċċihom mit-Tramuntana tal-pajjiż fejn il-maġġoranza hija Musulmana;

E. billi fit-3 ta' Jannar 2012, Boko Haram tat ultimatum u tat lill-Kristjani fit-Tramuntana tan-Niġerja tlett ijiem biex jitilqu; billi mill-anqas 8 Kristjani li kienu qed jattendu servizz ta' talb f'Gombe inqatlu fil-5 ta' Jannar 2012 u 20 Kristjani inqatlu matul servizz funebri fis-6 ta' Jannar 2012 f'Mubi;

F. billi fis-26 ta' Frar 2012, żewġ suwiċidi bil-bombi mill-grupp ta' Boko Haram splodew splossivi mqiegħda f'karozza quddiem knisja fil-belt ta' Jos u qatlu tliet persuni u darbu 38; u billi fil-21 ta' Frar 2012, estremisti splodew bomba barra knisja fil-belt ta' Suleja u darbu ħames persuni;

G. billi fl-4 ta' Marzu 2012, Boko Haram iddikjarat li se tagħmel serje ta' attakki kkoordinati sabiex teqred il-komunità Kristjana sħiħa li qed tgħix fil-partijiet tat-Tramuntana tal-pajjiż;

H. billi l-libertajiet tar-reliġjon, it-twemmin, il-kuxjenza u l-ħsieb huma valuri fundamentali u universali u huma elementi essenzjali tad-demokrazija; billi l-Unjoni Ewropea esprimiet b'mod ripetut l-impenn tagħha għal-libertajiet tar-reliġjon, it-twemmin, il-kuxjenza u l-ħsieb, u enfasizzat li l-gvernijiet għandhom dmir li jiggarantixxu dawn il-libertajiet fid-dinja kollha;

I. billi l-Boko Haram qed tingħata l-ħtija tal-mewt ta' aktar minn 900 ruħ f'madwar 160 attakk separat minn Lulju 2009; billi, skont diversi rapport riċenti, hemm konnessjoni possibbli bejn Boko Haram u AQMI (Al-Qaida fil-Maghreb Iżlamiku) u din tista' tikkostitwixxi theddida serja għall-paċi u s-sigurtà fir-reġjun ta' Saħel u fl-Afrika tal-Punent;

J. billi b'reazzjoni għaż-żieda f'daqqa fil-vjolenza, il-President Goodluck Jonathan iddikjara stat ta' emerġenza f'bosta stati fil-31 ta' Diċembru 2011 u għalaq temporanjament il-fruntieri maċ-Ċad, il-Kamerun u n-Niġer; billi l-President ammetta li Boko Haram infiltrat l-istituzzjonijiet tal-istat u l-forzi ta' sigurtà filwaqt li uffiċjali korrotta allegatament ipprovdew lil Boko Haram bl-armi;

K. billi l-problemi fin-Niġerja ġejjin minn nuqqas ta' żvilupp ekonomiku u t-tensjoni ssib l-għeruq tagħha f'għexieren ta' snin ta' riżentiment bejn gruppi indiġeni, li qed jiġġieldu għall-kontroll ta' artijiet agrikoli għammiela kontra migranti u residenti ġodda mit-Tramuntana, li huma Musulmani u tal-ilsien Hausa;

L. billi r-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti timplika r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, l-aċċess għall-ġustizzja u t-tmiem tal-impunità, kif ukoll l-aċċess ġust għar-riżorsi, u r-ridistribuzzjoni tad-dħul f'pajjiż għani biżżejt kif inhi n-Niġerja;

M. billi, għalkemm in-Niġerja huwa t-tmien l-akbar produttur taż-żejt fid-dinja, il-maġġoranza tal-148 miljun abitant tagħha jgħixu fil-faqar;

N. billi l-Gvern Niġerjan jonfoq madwar $8 biljun fis-sena f'sussidji tal-fjuwil; billi f'pajjiżi mogħnija b'riżorsi u b'differenzi kbar bejn is-sinjuri u l-foqra bħalma hi n-Niġerja, il-gass issussidjat huwa wieħed mill-ftit benefiċċji li jitħalla għaddej minn gvernijiet magħrufa għall-korruzzjoni li jġestixxu ħażin il-profitti li jirriżultaw miż-żejt;

O. billi fil-bidu ta' din is-sena, il-protesti pubbliċi vjolenti u l-istrajk ġenerali ta' ġimgħa, ġiegħlu lill-President Goodluck Jonathan jerġa' jistabbilixxi b'mod parzjali s-sussidju tal-fjuwil; billi istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, bħall-Fond Monetarju Internazzjonali, jargumentaw li s-sussidji jistgħu jintużaw aħjar għall-finanzjament tal-edukazzjoni, is-servizzi tas-saħħa u servizzi oħrajn;

P. billi l-ġestjoni ħażina u l-użu ħażin tar-riżorsi naturali vasti tal-pajjiż – prinċipalment iż-żejt – min-naħa tal-grupp elit fit-tmexxija għadhom għaddejjin bl-istess ritmu; billi, barra minn hekk, tixrid ta' żejt wieħed wara l-ieħor minn operazzjonijiet taż-żejt multinazzjonali, sabotaġġ tal-pipelines, serq taż-żejt mhux raffinat u prattika mifruxa ta' ħruq ta' gass wasslu għal tniġġiż qawwi tad-Delta tan-Niġer; billi skont rapport tan-NU, ir-restawr tal-ambjent ta' Ogoniland, reġjun taż-żejt tan-Niġerja, jaf ikun l-eżerċizzju l-iktar wiesa' u fit-tul ta' tindif miż-żejt tad-dinja, jekk l-ilma tax-xorb, l-art, il-qaliet u ekosistemi kkontaminati oħrajn kellhom jitreġġgħu lura għas-saħħa kompleta tagħhom;

Q. billi, il-Ministru għall-Affarijiet tan-Nisa u l-Iżvilupp Soċjali, Hajia Zainab Maina, tkellmet kontra l-frekwenza għolja ta' stupru u vjolenza sesswali kontra n-nisa fil-pajjiż u ddikjarat li sabiex jiġi indirizzat dan l-iżvilupp preokkupanti, jeħtieġ li l-abbozz ta' liġi proposta dwar il-"vjolenza kontra l-persuni" issir liġi;

R. billi skont il-kodiċi kriminali federali tan-Niġerja, l-imġiba omosesswali timplika sentenza sa 14-il sena ħabs; billi f'ċerti stati fejn tiġi implimentata l-liġi tax-xarija, il-piena għall-imġiba omosesswali konsenswali bejn l-irġiel hija l-mewt filwaqt li fil-każ tan-nisa, hi ta' swat bil-frosta u sentenzi ta' sitt xhur ħabs; billi reċentement ġiet ukoll introdotta leġiżlazzjoni federali li tikkriminalizza unjonijiet bejn l-istess sess, li tagħtihom sentenzi ta' massimu ta' 14-il sena ħabs; billi l-Assemblea Nazzjonali f'żewġ okkażjonijiet ippruvat tintroduċi tali leġiżlazzjoni iżda ġiet imwaqqfa milli tagħmel dan minn attivisti internazzjonali u domestiċi tad-drittijiet tal-bniedem;

S. billi Osmond Ugwu u Raphael Elobuike, attivisti favur il-ħaddiema u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem Niġerjani, qed jinżammu fil-Ħabs Federali ta' Enugu fix-Xlokk tan-Niġerja fuq akkużi ta' attentat ta' qtil ta' pulizija wara li ġew arrestati waqt dimostrazzjoni tal-ħaddiema fl-24 ta' Ottubru 2011; billi skont Amnesty International u Human Rights Watch, ma hemm l-ebda provi fil-każ ta' prosekuzzjoni kontrihom;

T. billi l-UE hija donatur finanzjarju ewlieni tan-Niġerja; billi, fit-12 ta' Novembru 2009, il-Kummissjoni u l-Gvern Federali tan-Niġerja ffirmaw id-Dokument ta' Strateġija għall-Pajjiż Niġerja-KE u l-Programm Indikattiv Nazzjonali għall-perjodu 2008-2013, skont liema dokumenti l-UE se tiffinanzja proġetti bl-għanijiet tal-paċi, is-sigurtà u d-drittijiet tal-bniedem;

U. billi, skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou, l-UE tipparteċipa fi djalogu politiku regolari man-Niġerja dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi, li jinkludu d-diskriminazzjoni etnika, reliġjuża u razzjali;

1. Jikkundanna bis-sħiħ il-vjolenza reċenti – b'mod partikolari l-attakki terroristiċi mwettqa mis-setta Iżlamista Boko Haram – u t-telf traġiku ta' ħajja fir-reġjuni milquta tan-Niġerja, u jestendi l-kondoljanzi u s-solidarjetà tiegħu lill-familji ta' dawk li mietu u lill-persuni midruba;

2. Iħeġġeġ lill-komunitajiet kollha joqogħdu lura u jfittxu soluzzjonijiet paċifiċi biex isolvu d-differenzi ta' bejn il-gruppi reliġjużi u etniċi fin-Niġerja;

3. Iħeġġeġ lill-gvern tan-Niġerja biex itemm il-vjolenza mill-aktar fis possibbli, u jiggarantixxi s-sigurtà u l-protezzjoni tal-popolazzjoni tiegħu u jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem;

4. Jistieden lill-President tan-Niġerja jinkoraġġixxi d-djalogu interreliġjuż u bejn konvinzjonijiet differenti u jżid il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon;

5. Jenfasizza l-importanza ta' sistema ġudizzjarja indipendenti, imparzjali u aċċessibbli biex tintemm l-impunità u jittejjeb ir-rispett għall-istat tad-dritt u għad-drittijiet fundamentali tal-popolazzjoni;

6. Jistieden lill-Gvern Federali jwettaq investigazzjoni tal-kawżi tal-vjolenza l-aktar reċenti kif ukoll jiżgura li dawk li wettqu atti ta' vjolenza jingħataw f'idejn il-ġustizzja; jistieden, b'mod partikolari, lill-Gvern Federali jieħdu azzjoni ħarxa kontra Boko Haram li qed tkompli tissaħħaħ billi tisfrutta t-tensjoni reliġjuża profonda fin-Niġerja;

7. Jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni reġjonali għall-iffaċċjar tat-theddida kkawżata minħabba konnessjoni possibbli bejn Boko Haram u AQMI; jinkoraġġixxi l-pajjiżi fir-reġjun isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom, inkluż permezz l-organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti, sabiex jiġu pprevenuti s-sinerġiji bejn Boko Haram u AQMI; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jagħtu l-appoġġ tagħhom lil dawn l-isforzi reġjonali;

8. Jikkundanna bis-saħħa l-qtil taċ-ċittadin Brittaniku Chris McManus u taċ-ċittadin Taljan Franco Lamolinara – żewġ inġiniera li kienu jaħdmu għal kumpanija ta' kostruzzjoni Taljana u li kienu qed jinżammu bħala ostaġġi mill-AQMI għal 10 xhur fit-Tramuntana tan-Niġerja – matul attentat ta' ħelsin li falla fit-8 ta' Marzu 2012, u jestendi l-kondoljanzi tiegħu lill-familji tal-vittmi;

9. Jitlob eżami usa' tal-kawżi li jinsabu fl-għeruq ta' dan il-kunflitt inklużi t-tensjonijiet soċjali, ekonomiċi u etniċi, u li jiġu evitati spjegazzjonijiet wesgħin u superfiċjali bbażati fuq ir-reliġjon biss li mhux se jipprovdu l-bażi għal soluzzjoni fit-tul u dewwiema għall-problemi tar-reġjun;

10. Jistieden lill-Gvern Federali jipproteġi l-popolazzjoni tiegħu u jindirizza l-kawżi li jinsabu fl-għeruq ta' din il-vjolenza billi jiżgura drittijiet ugwali għaċ-ċittadini kollha u billi jindirizza l-problemi li jinvolvu l-kontroll tal-art agrikola għammiela, il-qgħad u l-faqar;

11. Jistieden lill-Gvern Federali jiġġieled il-korruzzjoni, il-faqar u l-inugwaljanza u jħabrek bie jagħmel riformi soċjali, politiċi u ekonomiċi sabiex joħloq stat demokratiku, stabbli, sikur u ħieles li jqis id-drittijiet tal-bniedem;

12. Jappella lill-awtoritajiet jindirizzaw l-ilmenti ġenwini taċ-ċittadini li jgħixu f'żoni fit-Tramuntana tal-pajjiż li huma ħafna iktar foqra minn xi stati iktar għonja fin-Nofsinhar u jipprijoritizzaw it-titjib tal-kundizzjonijiet ta' għajxien ħżiena tagħhom, filwaqt li ma jinsewx stati oħra bi problemi simili fin-Nofsinhar;

13. Jistieden lill-awtoritajiet Niġerjani u lill-kumpaniji barranin attivi fis-settur taż-żejt tan-Niġerja jgħinu t-tisħiħ tal-governanza billi jżidu t-trasparenza u r-responsabilità fis-settur tal-estrazzjoni, u jistieden lill-kumpaniji jimxu mal-Inizjattiva għat-Trasparenza tal-Industriji tal-Estrazzjoni u jippubblikaw dak li jħallsu lill-Gvern Niġerjan.

14. Jenfasizza l-bżonn li l-awtoritajiet Niġerjani u l-kumpaniji multinazzjonali taż-żejt jagħmlu l-almu tagħhom biex itemmu l-kontaminazzjoni li għaddejja bħalissa, u jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Programm Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti sabiex tiġi indirizzata l-ħsara ambjentali li rriżultat mit-tniġġiż taż-żejt;

15. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-awtoritajiet Niġerjani jiżguraw li l-abbozz ta' liġi proposta dwar il-"vjolenza kontra l-persuni" issir liġi u jemmen li din se tkun strumentali biex titnaqqas ir-rata għolja ta' vjolenza sesswali u ta' atti oħra ta' vjolenza kontra n-nisa;

16. Jitlob l-abolizzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali li tikkriminalizza l-omosesswalità, li f'ċerti każijiet tagħmilha punibbli bit-tħaġġir; jitlob lill-Parlament Niġerjan jirrifjuta l-'Abbozz ta' Liġi ta' Projbizzjoni ta' Żwieġ bejn Persuni tal-Istess Sess', li, jekk ikun approvat, iqiegħed lill-persuni LGBT – kemm Niġerjani u kemm barranin – f'riskju serju ta' vjolenza u arrest;

17. Jistieden lill-gvern jeħles lill-mexxej tal-union favur il-ħaddiema Osmond Ugwu u lill-membru tal-istess organizzazzjoni Raphael Elobuike minħabba nuqqas ta' evidenza fil-każ ta' prosekuzzjoni kontrihom;

18. Itenni t-tħassib tiegħu dwar ir-rispett sħiħ u effettiv tad-dritt għal-libertà reliġjuża għall-minoranzi reliġjużi f'għadd ta' pajjiż terzi; f'dan il-kuntest jenfasizza li l-libertà tal-qima hija aspett wieħed biss tad-dritt għal-libertà reliġjuża, peress li din tal-aħħar tinkludi l-libertà li wieħed ibiddel ir-reliġjon tiegħu u li jimmanifesta u jxerred ir-reliġjon tiegħu fit-tagħlim, il-prattika u l-osservanza fuq livell individwali, kollettiv, privat, pubbliku u istituzzjonali; f'dan il-kuntest huwa jenfasizza li l-element pubbliku huwa essenzjali għal-libertà reliġjuża, u li l-Kristjani u oħrajn jiġu mċaħħda milli esprimu t-twemmin tagħhom pubblikament, filwaqt li r-reliġjon tagħhom tiġi limitata għal fenomenu privat jikser b'mod serju d-dritt tagħhom għal-libertà reliġjuża;

19. Jenfasizza li għad hemm ostakoli f'diversi partijiet tad-dinja li jimpedixxu l-manifestazzjoni tar-reliġjon jew it-twemmin u jistieden lir-Rappreżentant Għoli Ashton u lill-Kummissjoni jinsistu dwar kwistjonijiet bħal dawn fil-kuntest tal-inizjattivi rilevanti tagħha relatati mad-drittijiet tal-bniedem;

20. Jitlob lir-Rappreżentant Għoli, li hija responsabbli għas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, biex tieħu miżuri fin-Niġerja li jikkombinaw id-diplomazija mal-kooperazzjoni għall-iżvilupp fuq perjodu ta' żmien twil sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-paċi, is-sigurtà, il-governanza tajba u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem;

21. Iħeġġeġ lill-UE tkompli d-djalogu politiku tagħha man-Niġerja skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou rivedut, u biex f'dak il-kuntest tindirizza kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem universali, inklużi l-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon jew tat-twemmin, u n-non-diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi, kif imħaddna fi strumenti universali, reġjonali u nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Gvern Federali tan-Niġerja, lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Afrikana u tal-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Ko-Presidenti tal-Assemblea Parlamentari Konġunta tal-AKP-UE u lill-Parlament PAN-Afrikan (PAP).

---

## Is-Sitt Forum Dinji dwar l-Ilma

P7_TA(2012)0091

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2012 dwar is-Sitt Forum Dinji dwar l-Ilma li se jseħħ f'Marsilja mit-12 sas-17 ta' Marzu 2012 (2012/2552(RSP))**

(2013/C 251 E/18)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra s-Sitt Forum Dinji dwar l-Ilma li se jseħħ f'Marsilja mit-12 sas-17 ta' Marzu 2012,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet finali tal-ewwel ħames Fora Dinjija dwar l-Ilma, li saru f'Marrakesh (1997), f'The Hague (2000), fi Kjoto (2003), fil-Belt tal-Messiku (2006) u f'Istanbul (2009),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 64/292 tat-28 ta' Lulju 2010 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar id-dritt tal-bniedem għall-ilma u għal kundizzjonijiet sanitarji u r-riżoluzzjoni 15/9 tat-30 ta' Settembru 2010 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-aċċess għall-ilma tax-xorb sikur u għal kundizzjonijiet sanitarji,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti tat-8 ta' Settembru 2000, li stipulat l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju bħala objettivi stabbiliti konġuntament mill-komunità internazzjonali għall-eliminazzjoni tal-faqar u li pprevediet li sal-2015 jitnaqqas bin-nofs il-proporzjon tal-popolazzjoni mingħajr aċċess għall-ilma tajjeb għax-xorb u għal infrastruttura sanitarja bażika,

— wara li kkunsidra t-tielet Rapport tan-NU dwar l-Iżvilupp tar-Riżorsi tal-Ilma fid-Dinja bit-titolu "L-ilma f'Dinja li qed tinbidel",

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni dwar it-tniġġis tal-ilma adottata mill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP/UE f'Budapest (16-18 ta' Mejju 2011),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ilma [1] (Direttiva Qafas dwar l-Ilma),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Settembru 2011 dwar l-iżvilupp ta' pożizzjoni komuni tal-UE qabel il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (Rio+20) [2],

---

[1] ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.
[2] Testi adottati, P7_TA(2011)0430.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoniet tiegħu tat-12 ta' Marzu 2009 dwar l-ilma fid-dawl tal-Ħames Forum Dinji dwar l-Ilma f'Istanbul mis-16 sat-22 ta' Marzu 2009 ([1]) u tal-15 ta' Marzu 2006 dwar ir-Raba' Forum Dinji dwar l-Ilma f'Belt il-Messiku (16-22 ta' Marzu 2006) ([2]),

— wara li kkunsidra l-mistoqsija orali lill-Kummissjoni dwar is-Sitt Forum Dinji dwar l-Ilma f'Marsilja, bejn it-12 u s-17 ta' Marzu 2012 (O-000013/2012 – B7-0101/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura,

A. billi kważi nofs il-popolazzjoni tad-dinja li qed tiżviluppa m'għandhiex strutturi sanitarji, 'il fuq minn 800 miljun ruħ għadhom jużaw sorsi mhux sikuri tal-ilma tax-xorb, u billi l-aċċess inadegwat għall-ilma sikur u għas-servizzi tas-sanità u l-prattiki ħżiena ta' iġjene jikkawżaw il-mewt ta' aktar minn 2,5 miljun tifel u tifla kull sena,

B. billi l-ġestjoni tal-ilma għandha impatt dirett fuq is-saħħa tal-bniedem, il-produzzjoni tal-enerġija, l-agrikoltura u s-sikurezza tal-ikel, u l-ġestjoni effikaċi tal-ilma hija prekundizzjoni fundamentali għat-tnaqqis tal-faqar;

C. billi d-deforestazzjoni, l-urbanizzazzjoni, it-tkabbir tal-popolazzjoni, it-tniġġis bijoloġiku u kimiku u t-tibdil fil-klima qed jagħmlu pressjoni ġdida u intensifikata fuq id-disponibilità u l-kwalità ta' sorsi tal-ilma tajbin u sikuri, kif ukoll jikkawżaw riskji akbar ta' eventi estremi relatati mal-ilma, u l-popolazzjonijiet foqra huma l-aktar vulnerabbli għal dawn ix-xejriet, kif ukoll l-anqas kapaċi li jadattaw għalihom;

D. billi ġeografikament l-ilma huwa mqassam b'mod ferm inugwali u sikwit ikun immaniġġjat l-aħjar permezz ta' approċċ ta' "governanza f'diversi livelli" li jenfasizza r-rwol tal-awtoritajiet reġjonali u lokali;

E. billi, fir-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar ir-Raba' u l-Ħames Fora Dinjin dwar l-Ilma, il-Parlament stieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iħeġġu lill-awtoritajiet lokali tal-UE jiddedikaw parti mill-imposti li jiġbru mill-utenti għall-provvista tal-ilma u ta' servizzi sanitarji għal miżuri ta' kooperazzjoni deċentralizzata, u billi, minkejja l-fatt li azzjoni f'dal-qasam tirriżulta f'aċċess miżjud għall-ilma u għall-infrastrutturi ta' sanità għall-ifqar nies, dawn it-talbiet ma wasslu għall-ebda azzjoni;

F. billi s-sistemi tal-infrastrutturi tal-ilma sikwit ikunu inadegwati fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jkun għadda żmienhom fil-pajjiżi żviluppati;

G. billi l-iżviluppi teknoloġiċi ġodda għandhom il-potenzjal li jiksbu effiċjenza u sostenibilità akbar fl-użu tal-ilma, u jistgħu jintużaw b'mod partikulari għall-vantaġġ tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

H. billi d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma stabbiliet qafas biex jitħares u jiġi ripristinat l-ilma nadif fl-UE u sabiex jiġi żgurat l-użu sostenibbli u fit-tul tiegħu;

I. billi stat tajjeb tal-ilma jinkiseb l-aħjar permezz tat-tnaqqis tar-rimi, tal-emissjonijiet u tar-rilaxx ta' kontaminanti fl-ambjent;

J. billi l-oqfsa l-ġodda tal-UE proposti għall-Politika Agrikola Komuni u l-Politika ta' Koeżjoni, fil-kuntest tal-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, jippromwovu l-integrazzjoni tal-kwistjonijiet ambjentali u klimatiċi;

K. billi l-Forum Dinji dwar l-Ilma, li jiltaqa' kull tliet snin, jipprovdi pjattaforma unika fejn il-komunità interessata fil-kwistjonijiet dwar l-ilma u dawk li jfasslu l-politika u d-deċiżjonijiet mir-reġjuni kollha tad-dinja jistgħu jiltaqgħu, jiddibattu u jippruvaw isibu soluzzjonijiet biex tinkiseb sikurezza tal-ilma;

([1]) ĠU C 87 E, 1.4.2010, p. 157.
([2]) ĠU C 291 E, 30.11.2006, p. 294.

L. billi s-Sitt Forum Dinji dwar l-Ilma, li t-tema tiegħu hija "Wasal iż-żmien għas-soluzzjonijiet", jidentifika 12-il prijorità ewlenija għal azzjonijiet dwar l-ilma, maqsuma fi tliet direzzjonijiet strateġiċi, primarjament li "jiġi żgurat il-benessri ta' kulħadd", "isir kontribut lill-iżvilupp ekonomiku" u li "l-pjaneta tinżamm blu", kif ukoll tliet "kundizzjonijiet għas-suċċess";

***Jiġi żgurat il-benessri ta' kulħadd***

1. Jiddikjara li l-ilma huwa riżorsa komuni tal-umanità u għalhekk m'għandux ikun sors ta' profitt illeġittimu u li l-aċċess għall-ilma għandu jikkostitwixxi dritt fundamentali u universali; jilqa' l-fatt li n-Nazzjonijiet Uniti rrikonoxxiet id-dritt tal-bniedem għall-ilma tajjeb għax-xorb u għas-servizzi tas-sanità kif derivati mid-dritt għal livell xieraq ta' għajxien; jappella biex jitwettqu l-isforzi kollha neċessarji sabiex, sal-2015, jiġi garantit aċċess għall-ilma lill-iktar popolazzjonijiet foqra;

2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-impenn tagħhom biex jintlaħqu bis-sħiħ l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti fil-qasam tal-ilma u s-sanità, kif ukoll jikkunsidraw ir-riżultati rilevanti tal-Konferenza Rio+20 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli; jenfasizza li d-dibattitu tal-Forum Dinji dwar l-Ilma għandu jimmira lejn strateġiji u soluzzjonijiet għall-agrikoltura u l-iżvilupp ekonomiku li jistgħu jiggarantixxu livell għoli ta' disponibilità u kwalità tal-ilma;

3. Jissottolinja n-neċessità li jsiru impenji konkreti lejn il-promozzjoni u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma speċjalment fid-dawl tal-Konferenza Rio+20 li jmiss;

4. Iqis is-saħħa pubblika u l-ħarsien tal-ambjent bħala prijoritajiet ta' kwalunkwe politika ta' ġestjoni tal-ilma; jenfasizza r-rwol fundamentali tal-ħarsien tar-riżorsi tal-ilma tax-xorb għas-saħħa tal-bniedem; jappella għall-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' miżuri fil-livell tal-baċini tal-ilma li jkopru ċ-ċiklu idroloġiku kollu; jirrimarka li t-tniġġis tal-ilma għandu jiġi indirizzat fis-sors, biex b'hekk jiġi limitat l-ammont ta' sustanzi perikolużi li jidħlu fl-ambjent u fiż-żoni tar-riżorsi tal-ilma tajjeb għax-xorb; jappella għall-implimentazzjoni tal-prinċipju "min iniġġes iħallas";

5. Jenfasizza r-rwol tal-ilma għall-paċi u l-kooperazzjoni; jappella għall-konklużjoni u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali għall-ġestjoni maqsuma tal-uċuħ tal-ilma u tal-ilma tal-blat transkonfinali, li jġibu flimkien lill-popolazzjonijiet u l-amministrazzjonijiet sabiex jiġi żgurat li jkun hemm ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma u bħala salvagwardja kontra l-kunflitti lokali u internazzjonali;

***Kontribut lill-iżvilupp ekonomiku***

6. Jenfasizza l-ħtieġa li jintlaħaq bilanċ fl-użu tal-ilma biex jiġi żgurat li d-disponibilità tlaħħaq mad-domanda, kif ukoll il-kwalità, b'mod partikulari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jappella għall-adozzjoni ta' pjanijiet integrati ta' ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma flimkien mal-ippjanar tal-artijiet fuq livell internazzjonali, nazzjonali u lokali;

7. Jappella għal investiment pubbliku u privat fir-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi għall-ilma fl-oqsma kollha; jinkuraġġixxi l-użu ta' tekonoloġiji, tagħmir u faċilitajiet ġodda tal-ilma fil-qasam tal-biedja, biex jiġi prodott biżżejjed ikel sikur b'mod sostenibbli bl-użu aktar effiċjenti tal-ilma u billi jsir użu aħjar ta' sorsi mhux konvenzjonali tal-ilma, inkluż l-użu mill-ġdid ta' ilma mormi u ttrattat mill-ġdid għall-finijiet tat-tisqija u industrijali;

8. Jitlob li jitneħħew l-ostakli li jipprevjenu t-trasferiment ta' għarfien u teknoloġija dwar il-konservazzjoni tal-ilma, il-ġbir tal-ilma, it-tekniki ta' irrigazzjoni, il-ġestjoni tal-ilma ta' taħt l-art, it-trattament tal-ilma mormi eċċ.;

9. Jenfasizza l-importanza tal-effiċjenza tal-ilma; jitlob li jsir użu aktar effiċjenti tal-ilma speċjalment f'setturi bħas-settur tal-agrikoltura, fejn tintuża l-biċċa l-kbira tal-ilma, peress li huwa f'dawn is-setturi li tista' tinkiseb l-aktar effiċjenza; jitlob li jkun hemm ukoll rekwiżiti minimi ta' effiċjenza għall-prodotti b'implikazzjonijiet kbar fuq il-konsum tal-ilma li jitpoġġew fis-suq tal-UE, b'kunsiderazzjoni wkoll tal-potenzjal tal-iffrankar tal-enerġija relatat;

10. Jenfasizza li l-użu sostenibbli tal-ilma huwa fl-istess ħin neċessità ekonomika u neċessità ambjentali u tas-saħħa; jitlob li jkun hemm aktar trasparenza fl-iskemi tal-ipprezzar tal-ilma;

***Il-pjaneta tinżamm blu***

11. Jenfasizza li l-ilma huwa partikolarment vulnerabbli għall-effetti tat-tibdil fil-klima, u dan jista' jwassal għal tnaqqis fil-kwantità u l-kwalità tal-ilma disponibbli, partikolarment tal-ilma tax-xorb, kif ukoll għal żieda fil-frekwenza u l-intensità tal-għargħar u ta' żminijiet ta' nixfa; jappella biex il-politiki tat-trażżin tat-tibdil fil-klima u ta' adattament għalih iqisu kif jixraq l-impatt fuq ir-riżorsi tal-ilma; jenfasizza l-importanza ta' strateġiji ta' prevenzjoni tar-riskju, ta' trażżin u ta' rispons bil-għan li jiġu evitati fenomeni estremi relatati mal-ilma;

12. Jistieden lill-pajjiżi kollha jiffissaw, sal-2015, objettiv kwantitattiv għat-tnaqqis tat-tniġġis kimiku u bijoloġiku mill-ilma mormi urban u mill-attivitajiet ibbażati fuq l-art, sabiex titħares u tiġi ripristinata l-kwalità tal-ilma u sabiex tiġi appoġġjata s-sotenibilità tar-riżorsi tal-ilma u tal-ekosistemi; ifakkar lill-Istati Membri fl-obbligi tagħhom skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma biex jiksbu stat tajjeb tal-ilma sal-2015; jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha neċessarji u jagħmlu disponibbli biżżejjed fondi biex jilħqu dawn l-objettivi dwar il-kwalità tal-ilma;

***Il-kundizzjonijiet għas-suċċess***

13. Iħeġġeġ l-iżvilupp ta' bażi ta' għarfien komuni dwar l-ilma fuq livell dinji u tal-UE; jappella għall-iżvilupp ta' indikaturi fundamentali globali għall-kwalità, il-kwantità, id-disponibilità u l-aċċessibilità ekonomika tal-ilma, kif ukoll indikaturi dwar l-effiċjenza tal-ilma fil-livell tal-baċini tax-xmajjar;

14. Jappoġġa l-iżvilupp ta' pjanijiet integrati ta' ġestjoni tal-baċini tax-xmajjar fil-livell dinji; jenfasizza r-rwol primarju tal-pjanijiet ta' ġestjoni tal-baċini tax-xmajjar għall-implimentazzjoni tal-politika tal-UE dwar l-ilma skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma; jenfasizza r-rwol fundamentali tal-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jindirizzaw b'mod kosteffiċjenti l-kwistjonijiet globali dwar l-ilma, u biex jipprevjenu l-korruzzjoni;

15. Jistieden lill-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, u lill-Istati Membri jaderixxu mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1997 dwar il-Mogħdijiet tal-Ilma Internazzjonali u jippromwovu wkoll id-dħul fis-seħħ tal-emendi tal-Konvenzjoni ta' Ħelsinki tal-1992 dwar il-Protezzjoni u l-Użu tal-Mogħdijiet tal-Ilma Transkonfinali u l-Lagi Internazzjonali, li se jippermettu l-estensjoni tal-ambitu ta' dan l-istrument lil hinn mill-uniċi pajjiżi tal-UNECE, kif ukoll li jħeġġu r-ratifika aktar wiesgħa tal-protokoll dwar l-ilma u s-saħħa tal-Konvenzjoni ta' Ħelsinki tal-1992 bil-għan li tiġi promossa ġestjoni koordinata u ġusta tal-ilma fil-baċini nazzjonali u internazzjonali;

16. Jenfasizza l-ħtieġa li tintlaħaq konċentrazzjoni tematika tal-fondi disponibbli dwar kwistjonijiet tal-ilma u sabiex il-kwistjoni tal-ilma tiġi integrata fl-oqsma politiċi kollha, fosthom fl-istrumenti finanzjarji u legali kollha tal-UE; jenfasizza li, sabiex ikun hemm il-bidla b'suċċess lejn l-"ekonomija ekoloġika" u sabiex din titħaddem sewwa, huwa essenzjali li jiġu indirizzati l-isfidi dwar l-ilma;

17. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jinkoraġġixxu lill-awtoritajiet lokali tal-UE jallokaw proporzjon mill-ħlasijiet miġbura mingħand l-utenti għall-provvista tas-servizzi tal-ilma u tas-sanità favur miżuri ta' kooperazzjoni deċentralizzata; jiġbed l-attenzjoni, bħala eżempju ta' promozzjoni, għall-prinċipju tal-"1% solidarjetà għall-ilma", adottat minn uħud mill-Istati Membri;

*

* *

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

**Il-Ħamis 15 ta' Marzu 2012**

## It-traffikar tal-bnedmin fis-Sinaj, b'mod partikolari fil-każ ta' Solomon W.

P7_TA(2012)0092

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2012 dwar it-traffikar tal-bnedmin fis-Sinaj, b'mod partikolari fil-każ ta' Solomon W. (2012/2569(RSP))**

(2013/C 251 E/19)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2010 dwar ir-Refuġjati Eritrej miżmuma ostaġġi fis-Sinaj ([1]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948, partikolarment l-Artikolu 3 tagħha (Kulħadd għandu d-dritt għall-ħajja, il-libertà u s-sigurtà tal-persuna), l-Artikolu 4, li jipprojbixxi l-kummerċ tal-iskjavi fil-forom kollha tiegħu, u l-Artikolu 5 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1950,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikulari l-Artikoli 1, 3, 4, 5 u 6 tagħha,

— wara li kkunsidra l-ewwel Konferenza tan-Netwerk Ewro-Mediterranju dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li saret fil-Kajr fis-26 u s-27 ta' Jannar 2006,

— wara li kkunsidra l-Protokoll ta' Palermo tan-NU ta' l-2000 għall-Prevenzjoni, it-Trażżin u l-Ikkastigar tat-Traffikar tal-Persuni, speċjalment tan-Nisa u tat-Tfal, sabiex tissupplimenta l-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Kriminalità Tranżnazzjonali Organizzata, speċjalment l-Artikoli 6 u 9 tiegħu,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Brussell dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Kummerċ fil-Bnedmin adottata fl-20 ta' Settembru 2002,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin tal-2005,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 2, l-Artikolu 6.1, l-Artikolu 7 u l-Artikolu 17 (Kulħadd għandu d-dritt għall-protezzjoni tal-liġi kontra interferenzi u attakki bħal dawn) tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU tal-1951 Rigward l-Istatus tar-Rifuġjati u l-Protokoll tal-1967 ta' magħha,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-21 ta' Settembru 2010 li għamlet Catherine Ashton, Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà, dwar il-priġunieri politiċi fl-Eritrea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi eluf ta' persuni li qed ifittxu l-ażil u migranti jitilfu ħajjithom u jisparixxu fis-Sinaj kull sena, filwaqt li oħrajn, inklużi ħafna nisa u tfal, jinsterqu u jinżammu ostaġġi għal somma flus minn traffikanti tal-bnedmin; billi l-vittmi tat-traffikanti tal-bnedmin jiġu abbużati bl-iktar modi inumani u jiġu soġġetti għal vjolenza u torturi sistematiċi, stupru u abbuż sesswali u xogħol furzat;

B. billi f'Diċembru 2011, bosta individwi insterqu barra l-kamp tar-refuġjati tan-NU fis-Sudan minn traffikanti tal-bnedmin tat-tribù Rashaida; billi 27 minnhom, inklużi erba' bniet u mara b'tarbija, kienu Eritrej u ddaħlu f'Rafah fis-Sinaj Mahadya fl-Eġittu;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2010)0496.

C. billi fi ħdan il-grupp, in-nisa b'mod partikolari kienu msawta u trattati b'mod ħażin u xi wħud minnhom inqatlu u ġisimhom intefa' fid-deżert, u kien biss Solomon, raġel mill-Eritrea ta' 25 sena, li rnexxielu jaħrab minn idejn il-ħallelin;

D. billi Solomon ġie salvat milli jġib l-ilma għal 125 priġunier mill-Eritrea, mis-Sudan u mill-Etjopja li kienu qed jinżamu fi djar u stalel fir-raħal ta' Al Mahdya, u Solomon jaf fejn qed jinżammu l-priġunieri u kien ukoll xhieda tal-qtil, it-torturi u l-istupri;

E. billi ż-żgħażugħ mill-Eritrea żvela li wieħed mill-irġiel li kienu qed iżommu l-ħabsin wrieh borża tal-plastik li kien fiha orgni umani ta' refuġjat li ma ħallasx għall-ħelsien tiegħu innfisu;

F. billi ħajjet Solomon tinsab f'periklu, peress li t-traffikanti tal-orgni umani qed jiġru warajh u saħansitra qiegħdu premju ta' $ 50 000 fuq mewtu u, għalissa, Solomon huwa protett mill-Bedwini Salafiti tax-Sheikh Mohamed;

G. billi ġie rappurtat li madwar 2 000 persuna jidħlu fl-Iżrael mis-Sinaj kull xahar, u bosta minnhom għamlu dan bl-għajnuna ta' kutrabandisti li stabbilixxew newtwerk imdaqqas f'din iż-żona; billi, skont l-istimi tal-gvern Iżraeljan, madwar 50 000 Afrikan daħlu illegalment fl-Iżrael mis-Sinaj mill-2005;

H. billi l-pulizija arrestat mijiet ta' immigranti illegali, qabel kollox mill-Eritrea, l-Etjopja u mis-Sudan, u żammithom f'għases tal-pulizija u f'ħabsijiet fis-Sinaj u fl-Eġittu ta' Fuq mingħajr aċċess għall-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati, u b'hekk ma ċaħdithom mid-dritt li jagħmlu talba għall-ażil;

I. billi, skont l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, dawk li ma jħallsux il-prezz għall-ħelsien tagħhom jinqatlu, u l-orgni tagħhom jitneħħew u jinbiegħu; billi hemm rapporti ta' oqbra tal-massa ta' refuġjati maqtula;

J. billi l-UE ripetutament stiednet lill-Eġittu u lill-Iżrael biex jiżviluppaw u jtejbu l-kwalità tal-għajnuna u l-protezzjoni li joffru lill-persuni li jfittxu l-ażil u lir-refuġjati li jgħixu fi jew jgħaddu mit-territorju tagħhom;

K. billi l-Protokoll tan-NU għall-Prevenzjoni, it-Trażżin u l-Ikkastigar tt-Traffikar tal-Persuni, speċjalment tan-Nisa u tat-Tfal, jiddefinixxi t-traffikar tal-persuni bħala "traffikar tal-bnedmin" tfisser ir-reklutaġġ, trasportazzjoni, trasferiment, ħabi jew riċeviment ta' persuni, permezz tat-theddida ta' jew l-użu tal-forza jew forom oħra ta' sfurzar, ħtif, frodi, qerq, abbuż tal-poter jew ta' pożizzjoni ta' vulnerabbiltà jew tal-għoti jew riċeviment ta' ħlas jew benefiċċji biex jinkiseb il-kunsens ta' persuna li għandha kontroll fuq persuna oħra, għall-fini ta' sfruttament;

L. billi t-traffikar tal-bnedmin huwa negozju li jagħmel ħafna qligħ għall-kriminalità organizzata;

1. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Eġizzjani biex jintervjenu malajr sabiex jipprovdu protezzjoni effettiva u jqiegħdu lil Solomon fis-sikur, peress li t-traffikanti tal-orgni qed ifittxuh bir-reqqa u stabbilixxew premju ta' $ 50 000 fuq mewtu, minħabba l-fatt li jaf eżattament fejn qed jinżammu l-priġunieri;

2. Jitlob lill-awtoritajiet Eġizzjani jipproteġu lil Solomon bħala vittma tat-traffikar tl-persuni, u lill-vittmi kollha tat-traffikar tal-persuni, speċjalment lin-nisa u lit-tfal, milli jsiru vittmi għal darb'oħra;

3. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Eġizzjani jinvestigaw dan il-każ mimli qtil, torturi u stupri, fejn nisa ġew imsawta u trattati ħażin, u xi wħud minnhom inqatlu u ġisimhom intefa' fid-deżert, billi japplikaw id-dritt nazzjonali u internazzjonali kontra dan it-tip ta' kriminalità organizzata fir-rigward tat-traffikar tal-bniedem;

4. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Eġizzjani biex jintervjenu mingħajr dewmien biex jiżguraw li dawn ir-refuġjati jinħelsu, u biex jittieħdu miżuri adegwati biex jiġu arrestati u sentenzjati l-membri tas-sindakati tat-traffikar;

5. Jitlob lill-awtoritajiet Eġizzjani biex jimplimentaw bis-sħiħ, permezz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, il-prinċipji tal-Konvenzjonijiet li għalihom huwa firmatarju l-Eġittu, jiġifieri l-Konvenzjoni tan-NU tl-1951 dwar l-Istatus tar-Refuġjati (u l-Protokoll Fakultattiv tagħha tal-1967), il-Konvenzjoni tal-OAU tal-1969 li Tiggverna l-Aspetti Speċifiċi tal-Problemi tar-Refuġjati fl-Afrika u l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Migranti Ħaddiema kollha u l-Membri tal-Familji tagħhom, li ġiet ratifikata fl-1993 u li mbagħad daħlet fis-seħħ fl-2003;

6. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Eġizzjani biex jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex itemmu t-tortura, l-estorsjoni u t-traffikar tal-bnedmin tar-refuġjati mill-Eritrea u refuġjati ta' pajjiżi oħra, u biex iġibu quddiem il-ġustizzja dawk il-persuni kollha li jippruvaw jiksru d-drittijiet tal-bniedem tar-refuġjati u li jipprattikaw kwalunkwe forma ta' skjavitù, b'mod partikolari fir-rigward tan-nisa u tat-tfal;

7. Ifaħħar l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tl-bniedem Eġizzjani u Iżraeljani, li jipprovdu għajnuna u trattament mediku lill-bittmi tat-traffikar tal-bniedem fis-Sinaj, u jħeġġeġ lill-komunità internazzjonali u lill-UE biex jappoġġaw ix-xogħol ta' dawn l-organizzazzjonijiet;

8. Jirrikonoxxi li l-migranti irregolari fis-Sinaj iġibu magħhom riskju ta' sigurtà għall-Eġittu u għall-Iżrael; madankollu jerġa' jħeġġeġ lill-forzi tas-sigurtà Eġizzjani u Iżraeljani jevitaw li jużaw forza qattiela kontra l-migranti illegali;

9. Jenfasizza r-responsabilità tal-awtoritajiet eġizzjani u Iżraeljani li jwaqqfu lit-traffikanti tal-bnedmin fis-Sinaj kif ukoll li jipproteġu lill-vittmi; jilqa' l-isforzi tal-gvernijiet Ewġizzjan u Iżraeljan f'dan ir-rigward; jitlob madankollu li tingħata iktar għajnuna u appoġġ lill-vittmi, b'attenzjoni partikolari lin-nisa u t-tfal;

10. Jilqa' l-isforzi tal-Eġittu fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, speċjalment it-twaqqif tal-Kumitat Nazzjonali ta' Koordinazzjoni għall-ġlieda kontra u l-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin fl-2007, u jitlob lill-awtoritajiet Eġizzjani biex jimplimentaw il-liġi tal-2010 kontra t-traffikar u jieħdu miżuri bħar-riċerka, l-informazzjoni u l-kampanji tal-mass midja u inizjattivi soċjali u ekonomiċi għall-prevenzjoni u l-ġlieda tat-traffikar tal-bnedmin;

11. Jinkoraġġixxi lill-Eġittu, lil Iżrael u lill-komunità internazzjonali jkomplu u jintensifikaw il-ġlieda tagħhom kontra d-dħul bil-kuntrabandu u t-traffikar tal-bnedmin fis-Sinaj;

12. Jitlob għal aċċess sħiħ tal-aġenziji tan-NU u organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem f'żoni affettwati mill-kutrabandu u t-traffikar tal-bnedmin fis-Sinaj;

13. Jitlob lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u lill-Kummissjoni biex iqiegħdu dan is-suġġett fuq l-aġenda tad-djalogu politiku mal-Eġittu bħala kwistjoni ta' urġenza kbira, u biex iħeġġu lill-gvern ta' dan il-pajjiż biex jiġġieled kontra t-traffikar tal-bnedmin u biex jirrispetta l-obbligi tiegħu skont il-konvenzjonijiet internazzjonali tar-refuġjati, bl-għan li jippromwovi kooperazzjoni internazzjonali fit-teħid ta' azzjoni kontra t-traffikar tal-bnedmin;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lir-Rappreżentant Għoli / Viċi President, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-gvernijiet Eġizzjan u Iżraeljan, lill-PArlament Eġizzjan u lill-Knesset Iżraeljan, u lis-Segretarju Ġenerali tan-NU u lill-Kunsill tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem.

# Palestina: attakki minn forzi Iżraeljani fuq l-istazzjonijiet tat-televiżjoni Palestinjani

P7_TA(2012)0093

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2012 dwar il-Palestina: attakki mill-forzi Iżraeljani fuq stazzjonijiet telviżivi Palestinjani (2012/2570(RSP))**

(2013/C 251 E/20)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-3 ta' Marzu 2012 mill-kelliem għar-Rappreżentant Għoli Catherine Ashton dwar l-għeluq ta' żewġ stazzjonijiet televiżivi Palestinjani,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2009, tat-13 ta' Diċembru 2010, u tat-18 ta' Lulju 2011 dwar il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Iżrael, u b'mod partikulari l-Artikolu 2 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 19 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948, li tistqarr: 'Kull persuna għandha d-dritt għal-libertà tal-espressjoni; dan id-dritt jinkludi l-libertà għall-opinjoni mingħajr xkiel u biex wieħed ifittex, jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat permezz ta' kwalunkwe midja u irrispettivament mill-fruntieri',

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966,

— wara li kkunsidra l-Ftehimiet ta' Oslo (Dikjarazzjoni tal-Prinċipji dwar l-Arranġamenti Interim ta' Governanza awtonoma) tal-1993 u ftehimiet oħra bejn l-Iżrael u l-Awtorità Palestinjana,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Kwartett tal-Lvant Nofsani, b'mod partikolari dawk tat-23 ta' Settembru 2011 u tat-12 ta' Marzu 2012,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-UE ripetutament ikkonfermat l-appoġġ tagħha għal soluzzjoni li tinkludi żewġ stati, bl-Istat ta' Iżrael u l-Istat Palestinjan indipendenti, demokratiku, kontigwu u vijabbli spalla ma' spalla fil-paċi u fis-sigurtà;

B. billi fid-29 ta' Frar 2012 f'Ramallah, is-suldati u l-uffiċjali tal-Forżi tad-Difiża Iżraeljani tal-Ministeru tal-Komunikazzjoni Iżraeljan attakkaw żewġ stazzjonijiet televiżivi Palestinjani, Wattan TV u Al Quds Educational TV, ikkonfiskaw trażmettituri, kompjuters, tagħmir ta' xandir, cassettes u dokumenti amministrattivi u finanzjarji, u żammew il-ħaddiema għal sigħat twal;

C. billi l-Ministeru tal-Komunikazzjoni Iżraeljan qal fi stqarrija li ripetutament avża liż-żewġ stazzjonijiet li kienu qed jużaw frekwenzi li kisru l-ftehimiet bejn Iżrael u l-Palestina u marru kontra s-sistemi ta' komunikazzjoni u trażmissjoni f'Iżrael; billi l-kelliem għall-militar Iżraeljan qal li l-interferenza kienet qed taffettwa l-komunikazzjoni tal-inġenji tal-ajru fl-Ajruport Internazzjonali ta' Ben Gurion;

D. billi l-Awtorità Palestinjana (AP) wieġbet li l-akkużi Iżraeljani dwar l-interruzzjoni tal-komunikazzjonijiet tal-ajruplani kienu foloz, u żiedet li la hi u l-anqas iż-żewġ stazzjonijiet televiżivi ma rċevew avviżi mill-awtoritajiet Iżraeljani, u li ż-żewġ stazzjonijiet ma kienu ħatja ta' ebda ksur tal-ftehimiet bejn l-Iżrael u l-AP, filwaqt li l-attakki Iżraeljani kisru dawk il-ftehimiet, li jirrikjedu li dawn il-kwistjonijiet ikunu solvuti permezz ta' konsultazzjoni;

E. billi l-UE ħadmet maż-żewġ stazzjonijiet, li ilhom ixandru għal ħafna snin;

F. billi l-Ftehimiet ta' Osolo stabbilew Kumitat Tekniku Konġunt Iżraeli-Palestinjan biex jindirizza kull kwistjoni li tinqala' marbuta mal-qasam tat-telekomunikazzjoni;

G. billi l-attakki Iżraeljani fuq iż-żewġ stazzjonijiet televiżivi Palestinjani seħħew fiż-Żona A, li tinsab taħt l-amministrazzjoni u l-kontroll ċivili u tas-sigurtà Palestinjana;

1. Jinsab imħasseb ħafna dwar l-attakki f'Ramallah imwettqa mill-forżi tas-sigurtà Iżraeljani li laqtu l-istazzjonijiet televiżi Palestinjani Wattan TV u Al Quds Educational TV;

2. Jappoġġa l-isforzi tal-awtoritajiet Palestinjani u ż-żewġ stazzjonijiet televiżi biex it-tagħmir użat għax-xandir jerġa' jibda jopera u jitkompla x-xandir li ġie mwaqqaf; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Iżraeljani biex immedjatament jagħtu lura t-tagħmir konfiskat u jippermettu li terġa' tibda l-attività ta' trażmissjoni miż-żewġ stazzjonijiet tat-TV;

3. Jistieden lill-awtoritajiet Iżraeljani jirrispettaw bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet eżistenti bejn Iżrael u l-Awtorità Palestinjana meta jkollhom x'jaqsmu mal-midja Palestinjana; iħeġġeġ lill-Ministeru tal-Komunikazzjoni Palestinjan biex jaħdem aktar mill-qrib mal-awtoritajiet Iżraeljani sabiex jiżgura li l-faċilitajiet ta' xandir ikunu siguri u legali;

4. Jistieden lill-Iżrael u l-Awtorità Palestinjana biex jagħmlu l-aħjar użu possibbli tal-Kumitat Tekniku Konġunt Iżraeli-Palestinjan, stabbilit mill-Ftehimiet ta' Oslo biex jindirizza kwalunkwe kwistjonijiet li jqumu fil-qasam tat-telekomunikazzjoni, bil-għan li jkun hemm riżoluzzjoni urġenti ta' kull kwistjoni li tirrigwarda xandir minn dawn l-istazzjonijiet tat-televiżjoni;

5. Jilqa l-isforzi Palestinjani ta' tisħiħ istituzzjonali; jinnota li l-attakki mill-forzi Iżraeljani li jaffettwaw il-bliet Palestinjani fejn l-Awtorità Palestinjana, taħt il-Ftehimiet ta' Oslo, għandha poteri u responsabbiltajiet fuq is-sigurtà interna u l-ordni pubbliku jikkostitwixxu ksur ta' dawn il-ftehimiet;

6. Jerġa' jenfasizza l-fatt li l-mezzi paċifiċi u nonvjolenti huma l-uniku mod kif tista' tinkiseb soluzzjoni sostenibbli għall-kunflitt bejn Iżrael u l-Palestina;

7. Jistieden lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli, lill-Kunsill, u lill-Kummissjoni biex iqiegħdu din il-kwistjoni, li tikkonċerna d-drittijiet bażiċi ta' aċċess pubbliku għall-informazzjoni, il-libertà tal-istampa u l-libertà tal-espressjoni, fuq l-aġenda tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Iżrael, u jtenni f'dan il-kuntest l-obbligu tal-UE li tiżgura l-konsistenza bejn l-oqsma differenti tal-azzjoni esterna tagħha u bejn dawn u l-politiki l-oħra tagħha, skont l-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

8. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jaffermaw pożizzjoni b'saħħitha u magħquda kif ukoll ikollhom rwol aktar attiv, anke fi ħdan il-Kwartett, fl-isforzi biex tinkiseb paċi ġusta u dejjiema bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani; jenfasizza r-rwol ċentrali tal-Kwartett u jappoġġa bis-sħiħ ir-Rappreżentant Għoli fl-isforzi tagħha biex tiżgura li l-Kwartett joħloq perspettiva kredibbli għat-tnedija mill-ġdid tal-proċess ta' paċi;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Gvernijiet u l-Parlamenti tal-Istati Membri, lill-President tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, lill-Gvernijiet u l-Parlamenti tal-Membri tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, lill-Mibgħut tal-Kwartett tal-Lvant Nofsani, lill-Knesset u l-Gvern tal-Iżrael, lill-President tal-Awtorità Palestinjana u lill-Kunsill Leġiżlattiv Palestinjan.

# Ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-Baħrejn

P7_TA(2012)0094

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2012 dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-Baħrejn (2012/2571(RSP))**

(2013/C 251 E/21)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu tas-7 ta' Lulju 2011 dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja, fil-Jemen u fil-Baħrejn fil-kuntest tas-sitwazzjoni fid-dinja Għarbija u fl-Afrika ta' Fuq ([1]), u tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar il-Baħrejn ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Marzu 2011 dwar ir-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf ([3]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tat-12 ta' April 2011 mill-President tiegħu, dwar il-mewta ta' żewġ attivisti ċivili mill-Baħrejn, u tat-28 ta' April 2011 fejn ikkundanna s-sentenzi ta' qtil fir-rigward ta' erba' persuni mill-Baħrejn talli pparteċipaw fi protesti paċifiċi favur id-demokrazija,

— wara li kkunsidra s-Seduta ta' Smigħ tat-3 ta' Ottubru 2011 dwar il-Baħrejn fis-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet mill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli (VP/RGħ) dwar il-Baħrejn tal-2011 u b'mod partikolari dik tal-24 ta' Novembru 2011 dwar il-pubblikazzjoni tar-rapport tal-Kumitat ta' Inkjesta Indipendenti tal-Baħrejn, id-Dikjarazzjoni mill-kelliem għar-Rappreżentant Għoli Catherine Ashton dwar l-anniversarju tal-ferment fil-Baħrejn tat-13 ta' Frar 2012, u d-dikjarazzjonijiet tat-12 ta' Ottubru 2011 mill-VP/HR dwar is-sitwazzjoni fl-Eġittu, is-Sirja, il-Jemen u l-Baħrejn fil-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Baħrejn tal-21 ta' Marzu, it-12 ta' April u t-23 ta' Mejju 2011,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tat-23 ta' Ġunju u tat-30 ta' Settembru 2011 mis-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar is-sentenzi twal imposti fuq 21 attivista politiku, difensur tad-drittijiet tal-bniedem u mexxejja tal-oppożizzjoni Baħrejni, inkluż f'ċerti każijiet sentenzi ta' għomor il-ħabs, u d-Dikjarazzjoni mill-Kelliem għas-Segretarju Ġenerali dwar il-Baħrejn tal-15 ta' Frar 2012,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-29 ta' Settembru 2011 tas-66 Assemblea Ġenerali tan-NU dwar il-Baħrejn,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-istampa maħruġa mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tar-Renju tal-Baħrejn fil-5 ta' Ottubru 2011 u d-dikjarazzjoni maħruġa mill-Ministeru għas-Saħħa tal-Baħrejn dwar is-sentenzi fir-rigward ta' tobba, infirmiera u mediċi fit-30 ta' Settembru 2011,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-23 ta' Ottubru 2011 mill-Prosekutur Pubbliku Baħrejni rigward ir-riproċessar ta' tobba li kienu ġew preċedentement sentenzjati permezz ta' proċessi militari,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat ta' Inkjesta Indipendenti tal-Baħrejn tat-23 ta' Novembru 2011,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Torturi u Trattamenti jew Kastigi Oħrajn li huma Krudili, Inumani jew Degradanti, u l-Karta Għarbija tad-Drittijiet tal-Bniedem, li għalihom kollha il-Baħrejn huwa firmatarju,

([1]) Testi adottati, P7_TA(2011)0333.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2011)0475.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2011)0109.

**Il-Ħamis 15 ta’ Marzu 2012**

— wara li kkunsidra l-Artikolu 19(d) tal-Kostituzzjoni tal-Baħrejn,

— wara li kkunsidra l-linji gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-2004, kif aġġornati fl-2008,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Human Rights Watch tat-28 ta’ Frar 2012,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta’ Ġinevra tal-1949,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi l-14 ta’ Frar 2012 kien l-ewwel anniversarju tal-moviment popolari paċifiku li talab ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fundamentali u riformi demokratiċi; billi l-awtoritajiet tal-gvern arrestaw u pprevjenew protesti paċifiċi milli jseħħu; billi l-forzi tal-gvern laqtu lill-protestanti b’mod vjolenti; billi intużaw il-gass tad-dmugħ, 'stun grenades' u ċ-ċomb f’żoni residenzjali, u hemm rapporti li l-pulizija daħlet f’bosta djar;

B. billi l-protesti għadhom qed jiġu ripressi b’mod vjolenti; billi l-persekuzzjoni, iż-żamma u t-tortura tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, avukati, għalliema, ħaddiema tal-kura tas-saħħa u bloggers li ħadu sehem fil-protesti paċifiċi favur id-demokrazija għadhom għaddejjin; billi skont l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, ’il fuq minn 100 ċittadin tqegħdu l-ħabs b’mod arbitrarju tul l-aħħar xahrejn;

C. billi l-ekonomija bbażata fuq il-banek u t-turiżmu, li diġà kienet dgħajfa minħabba l-kriżi finanzjarja dinjija, qed ikollha problemi biex tirkupra;

D. billi fid-29 ta’ Jannar 2012, madwar 250 priġunier politiku bdew strajk mifrux tal-ġuħ minħabba li 14-il attivist politiku u tad-drittijiet tal-bniedem magħrufa kienu tqegħdu l-ħabs b’mod arbitrarju minn Marzu 2011;

E. billi sa mill-bidu tal-2012, l-awtoritajiet tal-Baħrejn irrifjutaw id-dħul fil-pajjiż lil organizzazzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u lill-ġurnalisti, u rrestrinġew iż-żjajjar min-naħa tagħhom, li jikkostitwixxi impediment serju lill-kapaċità tagħhom li jwettqu xogħolhom;

F. billi r-rapport tal-BICI (Kumitat ta’ Inkjesta Indipendenti tal-Baħrejn), mitlub mir-Re f’Ġunju li għadda u ppubblikat f’Novembru 2011, sab li 35 persuna kienu mietu fil-kunflitti tas-sena li għaddiet, inkluż ħames membri tal-persunal tas-sigurtà u ħames ħabsin ittorturati sal-mewt waqt li kienu miżmuma fil-ħabs; billi r-rapport tal-BICI ikkonkluda li kienet intużat forza eċċessiva kontra protestanti paċifiċi, attivisti politiċi, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u ġurnalisti, li t-tortura kienet intużat b’mod mifrux u li ħafna persuni kienu qed jiġu proċessati jew kienu ġew sentenzjati għall-ħabs minħabba li kienu eżerċitaw id-drittijiet tagħhom għal-libertà tal-espressjoni u tal-assemblea; billi fir-rapport, il-BICI esprima l-fehma li l-proċessi ma kienux konformi mal-istandards internazzjonali ta’ proċess ġust, u lanqas mal-Kodiċi Kriminali tal-Baħrejn stess;

G. billi r-Re tal-Baħrejn aċċetta s-sejbiet tar-rapport u ħatar Kumitat Nazzjonali ta’ 19-il persuna biex jissorvelja l-proċess ta’ implimentazzjoni; billi l-Kumitat Nazzjonali huwa skedat li joħroġ il-konklużjonijiet tiegħu fl-20 ta’ Marzu 2012 fejn se jkopri l-ġestjoni tad-dipartimenti tal-pulizija, il-ġudikatura, l-edukazzjoni u l-midja; billi r-Re Hamad Ben Issa Al Khalifa tal-Baħrejn ħa impenn pubblikament li jwettaq riformi biex tinkiseb rikonċiljazzjoni nazzjonali;

H. billi wara r-rakkomandazzjonijiet tal-BICI, il-Baħrejn ikkumpleta t-twaqqif ta’ unità investigattiva speċjali fi ħdan id-dipartiment tal-prosekuzzjoni pubblika, bl-għan li jinstabu r-resposabilitajiet ta’ dawk li jkunu wettqu atti illegali jew ta’ negliġenza li rriżultaw f’mewt, tortura u trattament ħażin ta’ ċivili matul is-sena li għaddiet;

I. billi l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-BICI għadha miexja bil-mogħod; billi inbeda proċess ta' djalogu nazzjonali għar-rikonċiljazzjoni;

J. billi skont il-bosta rapporti tal-NGO, proċessi inġusti quddiem qrati militari u ċivili għadhom jikkostitwixxu element ċentrali tar-ripressjoni tal-moviment tal-protesta favur id-demokrazija fil-Baħrejn; billi waħda mir-rakkomandazzjonijiet mill-BICI kienet li l-każijiet taċ-ċittadini kollha pproċessati minn qrati militari għandhom jerġgħu jiġu eżaminati minn qrati ordinarji, iżda dan għadu ma ġiex implimentat fil-każijiet kollha;

K. billi l-awtoritajiet tal-Baħrejn iddikjaraw ripetutament l-impenn tagħhom li jwettqu riformi tad-drittijiet tal-bniedem u li jikkooperaw ma' organizzazzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;

L. billi kien hemm bosta sejħiet biex il-Gvern tal-Baħrejn jestendi invitazzjoni permanenti lill-Proċeduri Speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU;

M. billi r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar it-torturi u trattamenti jew kastigi oħrajn li huma krudili, inumani jew degradanti, Juan Mendez, kellu jagħmel żjara fil-Baħrejn mit-8 sas-17 ta' Marzu 2012 iżda ntalab b'mod formali mill-awtoritajiet tal-Baħrejn biex jipposponi ż-żjara tiegħu sa wara Lulju 2012;

N. billi kien hemm rapporti li 'l fuq minn 4 000 persuna ġew imkeċċija mill-impjiegi tagħhom jew mill-università minħabba li pparteċipaw fil-protesti; billi skont it-trejdunjins tal-Baħrejn, 'il fuq minn 1 000 fost dawn għadhom ma reġgħux kisbu posthom u billi għexieren ta' studenti universitarji għadhom qed jistennew li jitħallew ikomplu l-istudji tagħhom; billi ħafna minn dawk li ngħataw posthom lura ġew imġiegħla jiffirmaw dikjarazzjonijiet li fihom jieħdu l-impenn li ma jipparteċipawx f'attivitajiet relatati ma' trejdunjins u fejn jaċċettaw li jieħdu impjiegi differenti minn dawk li kellhom qabel ma tkeċċew;

O. billi, fuq il-bażi ta' avvenimenti li seħħew is-sena li għaddiet, Reporters Without Borders identifikat lill-Baħrejn bħala 'għadu tal-Internet';

1. Jilqa' r-rakkomandazzjonijiet tal-BICI u jħeġġeġ lill-Gvern tal-Baħrejn biex jieħu l-passi meħtieġa biex jimplimenta bis-sħiħ u malajr ir-rakkomandazzjonijiet sabiex jindirizza l-iktar kwistjonijiet importanti, itemm l-impunità, jerġa' jikseb kunsens soċjali, itejjeb il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem bi qbil mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u jimplimenta riformi ewlenin;

2. Jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-vittmi kollha tar-ripressjoni u mal-familji tagħhom;

3. Jikkundanna l-ksur attwali tad-drittijiet tal-bniedem fil-Baħrejn u jħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Baħrejn u lill-forzi tas-sigurtà biex itemmu l-użu eċċessiv tal-vjolenza, inkluż l-użu eċċessiv tal-gass tad-dmugħ, ir-ripressjoni, l-atti ta' tortura, iż-żamma illegali u l-prosekuzzjoni ta' protestanti paċifiċi u biex jeżerċitaw l-ikbar trażżin meta jkunu qed jippruvaw jikkontrollaw il-protesti; iħeġġeġ lill-awtoritajiet biex jaġixxu bi qbil strett mal-leġiżlazzjoni tagħhom u mal-obbligi internazzjonali; jenfasizza d-dritt għal proċess ġust li l-Baħrejn huwa firmatarju tiegħu;

4. Itenni t-talba tiegħu għal liberazzjoni immedjata u inkondizzjonata tal-protestanti paċifiċi kollha, l-attivitsi politiċi, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, it-tobba u l-paramediċi, il-bloggers u l-ġurnalisti, b'mod partikolari Abdulhadi al-Khawaja, President taċ-Ċentru Baħrejni għad-Drittijiet tal-Bniedem, u Mahdi Abu Dheeb, President tal-Assoċjazzjoni tal-Għalliema tal-Baħrejn, li tqiegħdu l-ħabs jew ġew sentenzjati talli eżerċitaw id-dritt tagħhom għal-libertà tal-espressjoni, ta' assoċjazzjoni u ta' assemblea paċifika jew talli wettqu l-obbligi professjonali tagħhom;

5. Jenfasizza li l-protestanti esprimew l-aspirazzjonijiet demokratiċi leġittimi tagħhom u jħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Baħrejn biex jiksbu l-proċess ta' rikonċiljazzjoni f'kuntest ta' djalogu inkluživ u kostruttiv, li huwa essenzjali għall-istabilità demokratika tas-soċjetà diversifikata tal-Baħrejn, li fiha d-drittijiet ta' kull ċittadin għandhom ikunu garantiti b'mod ekwu kemm bil-liġi kif ukoll fil-prattika;

6. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Baħrejn biex iwettqu investigazzjonijiet fil-fond, imparzjali u indipendenti tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem mill-pulizija u l-forzi tas-sigurtà, u bħala riżultat tal-preżenza militari fil-Baħrejn matul u wara l-protesti favur id-demokrazija, fuq protestanti u ċittadini paċifiċi, biex jiġi żgurat teħid tar-responsabbiltà u tiġi evitata l-impunità għal dawk li huma responsabbli, indipendentement mill-pożizzjoni, u biex jiġu adottati miżuri li jipprevjenu ksur futur tad-drittijiet tal-bniedem;

7. Jitlob lill-Gvern Baħrejni jwaqqa' l-akkużi kollha u s-sentenzi kollha sa minn Frar 2011 fil-Qrati Nazzjonali ta' Sigurtà jew qrati ċivili bbażati fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet ta' libertà tal-espressjoni, tal-assoċjazzjoni u tal-assemblea paċifika, u s-sentenzi kollha bbażati unikament fuq it-twemmin reliġjuż;

8. Jitlob lill-awtoriatjiet tal-Baħrejn biex jiżguraw li l-awtoritajiet jipprovdu lill-konvenuti kriminali kollha b'aċċess malajr u sħiħ għal għajnuna legali, kif preskritt mid-dritt tal-Baħrejn u internazzjonali, inkluż b'rabta mal-interrogazzjonijiet u bi tħejjija għall-proċess, biex jinvestigaw allegazzjonijiet kredibbli ta' tortura u ta' trattament ħażin matul l-interrogatorju u biex iġibu quddiem il-ġustizzja kull uffiċjal li ma ssodisfax ir-rekwiżiti li jiżgura proċess ġust;

9. Jitlob lill-VP/RGħ biex tobbliga lill-Gvern tal-Baħrejn iżomm l-impenji tiegħu ta' rispett tad-drittijiet tal-bniedem, jimplimenta r-riformi meħtieġa, jibda investigazzjonijiet indipendenti ġodda dwar ksur tad-drittijiet tal-bniedem u jiżgura li l-persuni responsabbli jiġu trattati ta' tali, kif ukoll biex tħeġġeġ lill-Gvern tal-Baħrejn iwaqqa' l-akkużi kollha kontra tobba u persunal mediku u biex jeħles lill-ħabsin kollha miżmuma minħabba l-parteċipazzjoni tagħhom fi protesti paċifiċi favur id-demokrazija;

10. Jitlob lill-awtoritajiet tal-Baħrejn jirrestawrar u jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inklużi l-libertà tal-espressjoni, kemm onlajn kif ukoll offlajn, il-libertà tal-assemblea, il-libertà tat-twemmin reliġjuż, id-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi, biex jiġġieldu d-diskriminazzjoni u jtemmu minnufih ir-restrizzjonijiet kollha għall-aċċess għall-informazzjoni u t-teknoloġiji tal-komunikazzjoni; jitlob lill-awtoritajiet tal-Baħrejn jeliminaw kull restrizzjoni ta' dħul għall-ġurnalisti barranin u organizzazzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, u biex jippermettu l-monitoraġġ tal-investigazzjonijiet indipendenti mħabbra fil-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-implimentazzjoni tar-riforma mħabbra;

11. Jilqa' l-ħolqien ta' Ministeru għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Iżvilupp Soċjali fil-Baħrejn u jitlob lill-Ministeru jaġixxi skont l-obbligi u l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;

12. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll lill-intrapriżi Ewropej involuti biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni li tkeċċew mill-impjieg tagħhom jerġgħu jiksbuh minnufih;

13. Jilqa' s-sospensjoni mill-Istati Uniti tal-esportazzjoni tal-armi u ta' għodda oħra li tista' tintuża għal ripressjoni vjolenti taċ-ċittadini u għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, u b'mod simili jitlob lill-Istati Membri jiżguraw li jkunu konformi mal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill Ewropew li tiddefinixxi regoli komuni li jiggvernaw il-kontroll tal-esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari;

14. Itenni l-oppożizzjoni qawwija tiegħu għall-użu tal-piena tal-mewt u jħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Baħrejn biex jiddikjaraw moratorja immedjata;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, u lill-Gvern u lill-Parlament tar-Renju tal-Baħrejn.

## Bini ta' Kapaċitajiet Xjentifiċi fl-Afrika: il-promozzjoni ta' sħubijiet Ewropej-Afrikani dwar ir-radjuastronomija

P7_TA(2012)0095

**Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2012 dwar il-Bini ta' Kapaċitajiet Xjentifiċi fl-Afrika: il-promozzjoni ta' sħubijiet Ewropej-Afrikani dwar ir-radjuastronomija**

(2013/C 251 E/22)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Istrateġija Konġunta EU-Afrika, li għandha l-għan li ssaħħaħ il-koopreazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija bejn l-UE u l-Afrika,

— wara li kkunsidra l-Għanjiet ta' Żvilupp tal-Millenju, li jidentifikaw ir-rwol essenzjali tax-xjenza u t-teknoloġija għal trasformazzjoni soċjoekonomika,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi jagħraf il-valur tal-infrastrutturi tar-riċerka biex tiffaċilita l-kooperazzjoni mal-Afrika, tippromwovi l-iżvilupp tal-kapital uman u tindirizza l-isfidi tas-soċjetà, kif imsemmi fl-Unjoni għall-Innovazzjoni u l-Istrateġija Ewropa 2020,

B. billi jirrikonoxxi l-vantaġġ kompetittiv uniku tal-Afrika fl-istudju tar-radjuastronomija, rifless fil-proġetti estensivi eżistenti tar-radjoastronomija li għaddejjin fl-Afrika (PAPER, in-netwerk VLBI, MeerKAT, eċċ.),

C. billi jirrikonoxxi li involviment ulterjuri mill-Ewropa fir-radjuastronomija Afrikana jista' jagħti impetu kbir għal tkabbir soċjoekonomiku fl-Afrika u joħloq firxa ġdida ta' opportunitajiet tas-suq għaż żewġ kontinenti,

1. Iheġġeġ lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-parlamenti tal-Istati Membri:

(a) jappoġġjaw l-iżvilupp tal-kapaċitajiet xjentifiċi fl-Afrika permezz ta' investiment ikbar fl-infrastrutturi tar-riċerka, b'attenzjoni partikolari għall-proġetti tar-radjuastronomija,

(b) jippromwovu x-xjenza tar-radjuastronomija u l-potenzjal ta' inizjattivi tar-radjuastronomija għall-innovazzjoni u r-riċerka fi sħubijiet futuri bejn l-Afrika u l-UE,

(c) jimmobilizzaw mekkaniżmi ta' finanzjament fl-UE, inklużi l-Programmi Qafas u l-Istrument għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp, biex isostnu dawn l-objettivi;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji ([1]), lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

([1]) Il-lista ta' firmatarji hija ppubblikata fl-Anness 1 għall-Minuti tal-15 ta' Marzu 2012 (P7_PV(2012)03-15(ANN1).

**Il-Ħamis 15 ta' Marzu 2012**

## L-istabbiliment ta' limitu massimu ta' 8 sigħat ta' vvjaġġar għall-bhejjem li jiġu ttrasportati fl-Unjoni Ewropea biex jittieħdu għall-qatla

P7_TA(2012)0096

**Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2012 dwar l-istabbiliment ta' limitu massimu ta' 8 sigħat ta' vvjaġġar għall-bhejjem li jiġu ttrasportati fl-Unjoni Ewropea biex jittieħdu għall-qatla**

(2013/C 251 E/23)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 13 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Mejju 2010 dwar evalwazzjoni u bilanċ tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Benessri tal-Annimali 2006-2010 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 fil-premessi tiegħu jirrikonoxxi li 't-trasport tal-annimali fit-tul, li jinkludi annimali għall-qatla, għandu jkun limitat kemm jista' jkun' imma xora jippermetti traportazzjonijiet twal ħafna f'dawk li huma distanza u tul ta' ħin, li jikkawżaw għeja severa, tbatija u anke l-mewt waqt tali vjaġġi;

1. Jinnota li l-petizzjoni 8hours.eu li titlob li jiġi stabbilit limitu massimu ta' 8 sigħat ta' vvjaġġar għall-annimali mibgħuta għall-qatla hija appoġġjata minn kważi miljun persuna Ewropea;

2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jeżaminaw mill-ġdid ir-Regolament (KE) Nru 1/2005 biex jistabbilixxu limitu massimu ta' 8 sigħat għall-vjaġġi tal-annimali ttrasportati biex jittieħdu għall-qatla;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji ([2]), lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

([1]) ĠU C 81 E, 15.3.2011, p. 25.
([2]) Il-lista ta' firmatarji hija ppubblikata fl-Anness 2 għall-Minuti tal-15 ta' Marzu 2012 (P7_PV(2012)03-15(ANN2).

## L-introduzzjoni tal-programm 'Ċess fl-Iskola' fis-sistemi edukattivi tal-Unjoni Ewropea

P7_TA(2012)0097

**Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2012 dwar l-introduzzjoni tal-programm 'Ċess fl-Iskola' fis-sistemi edukattivi tal-Unjoni Ewropea**

(2013/C 251 E/24)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 6 u 165 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fl-Artikolu 6 tiegħu, jistipula li l-isport huwa fost l-oqsma li 'fihom l-Unjoni għandu jkollha kompetenzi li tieħu azzjonijiet sabiex tappoġġa, tikko-ordina jew tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri';

B. billi ċ-ċess huwa logħba aċċessibbli għat-tfal minn kull grupp soċjali u jista' jgħin għall-koeżjoni soċjali u jikkontribwixxi għall-ilħiq ta' objettivi tal-politika bħalma huma l-integrazzjoni soċjali, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, it-tnaqqis tar-rati tal-kriminalità u anke l-ġlieda kontra diversi dipendenzi;

C. billi irrispettivament mill-età tat-tfal, iċ-ċess jista' jtejjeb il-konċentrazzjoni, il-paċenzja u l-persistenza tagħhom u jista' jiżviluppa s-sens ta' kreattività, l-intuwizzjoni, il-memorja, u l-ħiliet tal-analiżi u t-teħid ta' deċiżjonijiet; billi ċ-ċess jgħallem ukoll id-determinazzjoni, il-motivazzjoni u l-ispirtu sportiv;

1. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu l-introduzzjoni tal-programm 'Ċess fl-Iskola' fis-sistemi edukattivi tal-Istati Membri;

2. Jitlob lill-Kummissjoni, fil-kommunikazzjoni tagħha li ġejja, biex tagħti l-attenzjoni neċessarja lill-programm 'Ċess fl-Iskola' u biex tiżgura finanzjament suffiċjenti għal dan il-programm mill-2012 'il quddiem;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex tqis ir-riżultati ta' kwalunkwe studju dwar l-effetti ta' dan il-programm fuq l-iżvilupp tat-tfal;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji ([1]), lill-Kummissjoni u lill-Parlamenti tal-Istati Membri.

---

([1]) Il-lista ta' firmatarji hija ppubblikata fl-Anness 3 għall-Minuti tal-15 ta' Marzu 2012 (P7_PV(2012)03-15(ANN3).

**It-Tlieta 13 ta' Marzu 2012**

II

*(Komunikazzjonijiet)*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## Talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Krisztina Morvai

P7_TA(2012)0067

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2012 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Krisztina Morvai (2010/2285(IMM))**

(2013/C 251 E/25)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Krisztina Morvai, imressqa fit-13 ta' Ottubru 2010 mill-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Pest f'Budapest (l-Ungerija) b'rabta mal-proċedimenti pendenti quddiem din il-qorti, u mħabbra fis-seduta plenarja tal-24 ta' Novembru 2010,

— wara li sema' lil Krisztina Morvai, skont l-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra s-sottomissjonijiet bil-miktub mill-Qorti Distrettwali Ċentrali tad-19 ta' Diċembru 2011 bi tweġiba għat-talba tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali skont l-Artikolu 7(3) għal aktar informazzjoni u spjegazzjonijiet,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, annessi mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, tal-20 ta' Settembru 1976,

— wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Mejju 1964, tal-10 ta' Lulju 1986, tal-15 u l-21 ta' Ottubru 2008, tad-19 ta' Marzu 2010 u tas-6 ta' Settembru 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 6(2) u 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0050/2012),

A. billi l-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Pest talbet it-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Membru tal-Parlament Ewropew, Krisztina Morvai, b'rabta mal-proċedimenti quddiemha;

B. billi t-talba mill-Qorti tirreferi għal proċedimenti kriminali relatati mal-offiża kriminali ta' malafama pubblika b'konnessjoni ma' dikjarazzjonijiet magħmula minn Krisztina Morvai rigward individwu privat fl-Ungerija;

([1]) Kawża 101/63 *Wagner* vs *Fohrmann u Krier* [1964] Ġabra 195, Kawża 149/85 *Wybot* vs *Faure et* [1986] Ġabra 2391, Kawża T-345/05 *Mote* vs *Il-Parlament* [2008] Ġabra II-2849, Kawżi Magħquda C-200/07 u C-201/07 *Marra* vs *De Gregorio u Clemente* [2008] Ġabra I-7929, u Kawża T-42/06 *Gollnisch* vs *Il-Parlament* (għadha mhux ippubblikata fil-Ġabra) u l-Kawża C-163/10 *Patriciello* (għadha mhux ippubblikata fil-Ġabra).

C. billi, skont l-Artikolu 8 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, il-Membri tal-Parlament Ewropew ma jistgħux ikunu suġġetti għal ebda forma ta' inkjesta, detenzjoni jew proċedimenti legali minħabba opinjonijiet espressi jew voti mitfugħa minnhom fil-qadi ta' dmirijiethom;

D. billi l-fatti tal-każ, kif manifestat fis-sottomissjonijiet li saru mill-Qorti lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, jindikaw li d-dikjarazzjonijiet saru fi żmien meta Krisztina Morvai ma kinitx Membru tal-Parlament Ewropew;

1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Krisztina Morvai;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtorità kompetenti tal-Ungerija u lil Krisztina Morvai.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

## Il-mandat tal-Kumitat Speċjali għall-Kriminalità Organizzata, il-Korruzzjoni u l-Ħasil tal-Flus

P7_TA(2012)0078

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2012 dwar it-twaqqif, il-poteri, il-kompożizzjoni numerika u l-mandat tal-kumitat speċjali dwar il-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus**

(2013/C 251 E/26)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tas-16 ta' Frar 2012 li pproponiet li jitwaqqaf kumitat speċjali dwar il-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus, u li jiġu ddefiniti s-setgħat, il-kompożizzjoni numerika u l-perjodu tal-mandat tiegħu,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-kriminalità organizzata fl-Unjoni Ewropea ([1]), li fiha esprima l-intenzjoni tiegħu li jitwaqqaf kumitat speċjali,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Settembru 2011 dwar l-isforzi tal-UE biex tiġġieled il-korruzzjoni ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 184 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Jiddeċiedi li jwaqqaf kumitat speċjali dwar il-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus, u li jingħata s-setgħat li ġejjin:

(a) li janalizza u jevalwa kemm huma mifruxa l-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus, u l-impatt tagħhom fuq l-Unjoni u fuq l-Istati Membri, u li jipproponi miżuri adegwati li jippermettu lill-Unjoni tipprevjeni u tikkumbatti dawn it-theddidiet, inkluż fil-livell Ewropew u nazzjonali;

(b) li janalizza u jevalwa l-implimentazzjoni attwali tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus, u dwar politiki oħra relatati, sabiex jiġi żgurat li l-liġi u l-politiki tal-Unjoni jkunu bbażati fuq l-evidenza u appoġġjati mill-aqwa evalwazzjonijiet tat-theddidiet disponibbli, kif ukoll li jimmoniterja l-kompatibilità tagħhom mad-drittijiet tal-bniedem skont l-Artikoli 2 u 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikulari d-drittijiet stipulati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u l-prinċipji tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, l-aktar dawk stipulati fl-Artikolu 21 tat-Trattat;

(c) li jeżamina u jagħmel skrutinju tar-rwol u l-attivitajiet tal-aġenziji tal-affarijiet interni tal-Unjoni (bħall-Europol, il-COSI, il-Eurojust, eċċ) li jwettqu ħidma dwar aspetti relatati mal-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus, u politiki oħra ta' sigurtà relatati;

(d) li jindirizza l-kwistjonijiet imsemmija fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-kriminalità organizzata fl-Unjoni Ewropea, u l-aktar il-paragrafu 15 tagħha ([3]), kif ukoll ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Settembru 2011 dwar l-isforzi tal-UE biex tiġġieled il-korruzzjoni,

([1]) Testi adottati, P7_TA(2011)0459.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2011)0388.
([3]) Il-kliem tal-paragrafu kien hekk: " 15. Biħsiebu, fi żmien tliet xhur mill-approvazzjoni tar-riżoluzzjoni preżenti, joħloq kumitat speċjali dwar it-tixrid ta' organizzazzjonijiet kriminali tat-tip mafjuż li joperaw fil-livell transkonfinali, inklużi l-mafji, li waħda mill-għanijiet tiegħu jkun li jinvestiga l-grad tal-fenomenu u l-impatt negattiv soċjali u ekonomiku li għandu fl-UE, inkluża l-kwistjoni tal-approprjazzjoni indebita ta' fondi pubbliċi minn organizzazzjonijiet kriminali u mafji u l-infiltrazzjoni tagħhom fis-settur pubbliku, kif ukoll il-kontaminazzjoni tal-ekonomija legali u s-sistema finanzjarja, filwaqt li għand ieħor ikun li jidentifika sensiela ta' miżuri leġiżlattivi sabiex jindirizza din it-theddida tanġibbli u rikonoxxuta lill-UE u ċ-ċittadini tagħha; jitlob, għalhekk, lill-Konferenza tal-Presidenti tressaq proposta skont l-Artikolu 184 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu;".

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

(e) għal dawn l-għanijiet, li jistabbilixxi l-kuntatti meħtieġa, jagħmel żjarat u seduti ta' smigħ mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u mal-istituzzjonijiet internazzjonali, Ewropej u nazzjonali, mal-parlamenti nazzjonali u l-gvernijiet tal-istati membri u tal-pajjiżi terzi, mar-rappreżentanti tal-komunità xjentifika, man-negozji u mas-soċjetà ċivili, kif ukoll mal-atturi tal-għeruq, l-organizzazzjonijiet tal-vittmi, u l-uffiċjali li kuljum jikkumbattu kontra l-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus, mal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, l-imħallfin u l-maġistrati, kif ukoll l-atturi tas-soċjetà ċivili li jippromwovu kultura ta' legalità f'ambiti diffiċli;

2. Jiddeċiedi, ladarba s-setgħat tal-kumitati permanenti tal-Parlament Ewropew responsabbli mill-adozzjoni, mill-monitoraġġ u mill-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni relatata ma' dan il-qasam baqgħu l-istess, li l-kumitat speċjali jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar il-miżuri u l-inizjattivi li għandhom jittieħdu, b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-kumitati permanenti;

3. Jiddeċiedi li l-kumitat speċjali għandu jkun magħmul minn 45 membru;

4. Iddeċieda li t-tul tal-mandat tal-kumitat speċjali għandu jkun ta' 12-il xahar, li jibda mill-1 ta' April 2012, liema perjodu jista' jiġi estiż; jiddeċiedi li l-kumitat speċjali għandu jippreżenta lill-Parlament rapport interim u rapport finali, li għandu jkun fihom rakkomandazzjonijet dwar il-miżuri u l-inizjattivi li għandhom jittieħdu.

**It-Tlieta 13 ta' Marzu 2012**

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali ***

P7_TA(2012)0066

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2012 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000 dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Protokoll tal-2001 miegħu (05306/2010 – C7-0030/2010 – 2009/0189(NLE))**

(2013/C 251 E/27)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra il-proposta għal abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (05306/2010),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000 dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Protokoll tal-2001 għal dan (14938/2003),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni mressqa mill-Kunsill skont l-Artikolu 82(1)(d) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0030/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0020/2012),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, tar-Repubblika tal-Islanda u tar-Renju tan-Norveġja.

## Ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet u l-istrumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u l-ħolqien ta’ Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni ***I

P7_TA(2012)0068

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta’ Marzu 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet u l-istrumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u l-ħolqien ta’ Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni (COM(2009)0154 – C7-0236/2009 – 2009/0157(COD))**

(2013/C 251 E/28)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2009)0154),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 251(2) u l-Artikolu 61(c) u t-tieni inċiż tal-Artikolu 67(5) tat-Trattat KE, skont liema artikolu l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0236/2009),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill intitolata 'Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta’ Lisbona fuq il-proċeduri interistituzzjonali ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet li għaddejjin bħalissa' (COM(2009)0665),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikolu 81(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-14 ta’ Lulju 2010 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0045/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b’mod sustanzjali jew li tibdilha b’test ġdid;

3. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) ĠU C 44, 11.2.2011, p. 148.

## P7_TC1-COD(2009)0157

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta’ Marzu 2012 bil-ħsieb ta’ l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar tal-istrumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u fil-ħolqien ta’ Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma’ l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

## Fond Ewropew għas-Sajd ***I

P7_TA(2012)0074

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd, fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet marbutin mal-amministrazzjoni finanzjarja ta' ċerti Stati Membri li għandhom jew li jinsabu mhedda b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom (COM(2011)0484 – C7-0219/2011 – 2011/0212(COD))**

(2013/C 251 E/29)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0484),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0219/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-27 ta' Ottubru 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-3 ta' Frar 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A7-0447/2011),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) ĠU C 24, 28.1.2012, p. 84.

## P7_TC1-COD(2011)0212

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Marzu 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd, fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet marbutin mal-amministrazzjoni finanzjarja għal ċerti Stati Membri li għandhom jew li jinsabu mhedda b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 387/2012.)*

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

## Kwota tariffarja awtonoma għall-importazzjonijiet tal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja ***I

P7_TA(2012)0075

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 617/2009 li jiftaħ kwota tariffarja awtonoma għall-importazzjonijiet tal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja (COM(2011)0384 – C7-0170/2011 – 2011/0169(COD))**

(2013/C 251 E/30)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0384),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0170/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-impenn mogħti mir-rappreżentant tal-Kunsill permezz ta' ittra bid-data tat-13 ta' Frar 2012 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont it-termini tal-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0025/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

## P7_TC1-COD(2011)0169

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Marzu 2012 bil-ħsieb ta'l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 617/2009 li jiftaħ kwota tariffarja awtonoma għall-importazzjonijiet tal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 464/2012.)*

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

## Politika kummerċjali komuni ***I

P7_TA(2012)0076

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda ċerti Regolamenti relatati mal-politika kummerċjali komuni fir-rigward tal-proċeduri għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri (COM(2011)0082 – C7-0069/2011 – 2011/0039(COD))**

(2013/C 251 E/31)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0082),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0069/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0028/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2011)0039

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Marzu 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-regolament (UE) Nru. …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda ċerti Regolamenti relatati mal-politika kummerċjali komuni fir-rigward tal-proċeduri għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja [1],

[1] Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-14 ta' Marzu 2012.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

Billi:

(1) Għadd ta' Regolamenti bażiċi relatati mal-politika kummerċjali komuni jipprevedu li l-atti li jimplimentaw il-politika kummerċjali komuni għandhom jiġu adottati mill-Kunsill skont il-proċeduri stabbiliti fl-istrumenti varji kkonċernati jew mill-Kummissjoni soġġetti għal proċeduri speċifiċi u kontroll mill-Kunsill. Tali proċeduri mhumiex soġġetti għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([1]).

(2) Huwa xieraq li jiġu emendati dawk ir-Regolamenti bażiċi sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mad-dispożizzjonijiet introdotti mit-Trattat ta' Lisbona. Dan għandu jsir, fejn xieraq, permezz tal-għoti ta' setgħat delegati lill-Kummissjoni u billi jiġu applikati ċertu proċeduri stabbiliti mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzji tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-poteri ([2]).

(3) Ir-Regolamenti li ġejjin għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan:

— Ir-Regolament (KEE) Nru 2841/72 tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1972 fuq il-miżuri ta' salvagwardja previsti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera ([3]),

— Ir-Regolament (KEE) Nru 2843/72 tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1972 fuq il-miżuri ta' salvagwardja previsti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda ([4]),

— Ir-Regolament (KEE) tal-Kunsill Nru 1692/73 tal-25 ta' Ġunju 1973 dwar il-miżuri ta' salvagward previsti fil-Ftehim bejn il-Komunita Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja ([5]),

— ***Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 tas-6 ta' Diċembru 1993 li jippreskrivi l-arranġamenti kummerċjali li japplikaw għal ċerti oġġeti li jirriżultaw millipproċessar ta' prodotti agrikoli ([6]),*** **[Em. 1]**

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3286/94 tat-22 ta' Diċembru 1994 li jistabbilixxi l-proċeduri tal-Komunità fil-qasam ta' politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Komunità skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċji tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ([7]),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 385/96 tad-29 ta' Jannar 1996 dwar il-protezzjoni kontra prezzijiet inġurjużi ta' bastimenti ([8]),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2271/96 tat-22 ta' Novembru 1996 li jipproteġi kontra l-effetti tal-applikazzjoni ekstraterritorjali tal-leġiżlazzjoni adottata minn pajjiż terz, u l-azzjonijiet ibbażati fuqha jew li jirriżultaw minnha ([9]),

([1]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.
([2]) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.
([3]) ĠU L 300, 31.12.1972, p. 284.
([4]) ĠU L 301, 31.12.1972, p. 162.
([5]) ĠU L 171, 27.6.1973, p. 103.
***([6]) ĠU L 318, 20.12.1993, p. 18.***
([7]) ĠU L 349, 31.12.1994, p. 71.
([8]) ĠU L 56, 6.3.1996, p. 21.
([9]) ĠU L 309, 29.11.1996, p. 1.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1515/2001 tat-23 ta' Lulju 2001 fuq il-miżuri li jistgħu jittieħdu mill-Komunità wara rapport adottat mill-Korp għall-Ftehim fuq Tilwim tad-WTO dwar kwistjonijiet fuq anti-dumping u anti-sussidji (1),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2248/2001 tad-19 ta' Novembru 2001 dwar ċerti proċeduri għall-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, għall-parti waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, għall-parti l-oħra u għall-applikazzjoni tal-Ftehim Temporanju bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja (2),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 153/2002 tal-21 ta' Jannar 2002 fuq ċerti proċeduri għall-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri, fuq naħa, u l-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fuq l-oħra, u għall-applikazzjoni tal-Ftehim Provviżorju bejn il-Komunità Ewropea u l-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (3),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 427/2003 tat-3 ta' Marzu 2003 dwar mekkaniżmu tranżitorju ta' salvagwardja għal prodotti partikolari għall-importazzjonijiet li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 519/94 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (4),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 452/2003 tas-6 ta' Marzu 2003 dwar il-miżuri li l-Komunità tista' tadotta relatati mal-effett ikkombinat ta' miżuri kontra r-rimi u kontra s-sussidju b'miżuri ta' salvagwardjar (5),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 673/2005 tal-25 ta' April 2005 li jistabbilixxi d-dazji doganali ta' importazzjoni addizzjonali ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika (6),

— ***Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, tortura jew trattamenti jew kastigi oħrajn krudili, disumani jew degradanti (7),*** **[Em. 2]**

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1616/2006 tat-23 ta' Ottubru 2006 dwar ċerti proċeduri sabiex jiġi applikat il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq in-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Albanija, fuq in-naħa l-oħra, u sabiex jiġi applikat il-Ftehim *Interim* bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Albanija (8),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 tal-20 ta' Diċembru 2007 li japplika l-arranġamenti għall-prodotti li joriġinaw f'ċerti stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikani, Karibej u Paċifiċi (AKP) previsti fi ftehim li jistabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (9),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 140/2008 tad-19 ta' Novembru 2007 dwar ċerti proċeduri għall-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra, u għall-applikazzjoni tal-Ftehim Temporanju bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra (10),

(1) ĠU L 201, 26.7.2001, p. 10.
(2) ĠU L 304, 21.11.2001, p. 1.
(3) ĠU L 25, 29.1.2002, p. 16.
(4) ĠU L 65, 8.3.2003, p. 1.
(5) ĠU L 69, 13.3.2003, p. 8.
(6) ĠU L 110, 30.4.2005, p. 1.
***(7) ĠU L 200, 30.7.2005, p. 1.***
(8) ĠU L 300, 31.10.2006, p. 1.
(9) ĠU L 348, 31.12.2007, p. 1.
(10) ĠU L 43, 19.2.2008, p. 1.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 55/2008 tal-21 ta' Jannar 2008 li jintroduċi l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 980/2005 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/924/KE ([1]),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 594/2008 tas-16 ta' Ġunju 2008 dwar ċerti proċeduri sabiex jiġi applikat il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Bożnja u Ħerzegovina, min-naħa l-oħra, u sabiex jiġi applikat il-Ftehim Temporanju dwar il-kummerċ u materji relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Bożnja u Ħerzegovina, min-naħa l-oħra ([2]),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 tat-22 ta' Lulju 2008 li japplika skema ta' preferenzi ġeneralizzati tat-tariffa għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 552/97, Nru 1933/2006 u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1100/2006 u Nru 964/2007 ([3]),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal- Komunità Ewropea ([4]),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 260/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet ([5]),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 625/2009 tas-7 ta' Lulju 2009 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi ([6]),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1061/2009 tad-19 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għall-esportazzjoni ([7]),

— ~~Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1215/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jintroduċi ċerti miżuri kummerċjali eċċezzjonali għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fil-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea jew li huma marbutin miegħu ([8]),~~ **[Em. 3]**

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([9]).

(4) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, huwa meħtieġ li l-proċeduri għall-adozzjoni ta' miżuri li nbdew iżda ma tlestewx qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ma jiġux affettwati minn dan ir-Regolament,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolamenti elenkati fl-Anness ma' dan ir-Regolament għandhom b'dan jiġu adattati, skont l-Anness, għall-Artikolu 290 tat-Trattat jew għad-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 2

Ir-referenzi għad-dispożizzjonijiet tal-istrumenti fl-Anness għandhom jinftiehmu li huma magħmula għal dawk id-dispożizzjonijiet kif adattati b'dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 20, 24.1.2008, p. 1.
([2]) ĠU L 169, 30.6.2008, p. 1.
([3]) ĠU L 211, 6.8.2008, p. 1.
([4]) ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93.
([5]) ĠU L 84, 31.3.2009, p. 1.
([6]) ĠU L 185, 17.7.2009, p. 1.
([7]) ĠU L 291, 7.11.2009, p. 1.
~~([8]) ĠU L 328, 15.12.2009, p. 1.~~
([9]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

Ir-referenzi magħmula għall-ismijiet ta’ qabel ta’ kumitati għandhom jinftiehmu li huma referenzi għall-ismijiet ġodda kif previst minn dan ir-Regolament.

***Fir-Regolamenti mniżżla fl-Anness, kull referenza għal 'Komunità Ewropea', 'Komunità', "Komunitajiet Ewropej" jew 'Komunitajiet' għandha tinftiehem bħala referenza għall-Unjoni Ewropea jew l-Unjoni; kull referenza għall-kliem 'suq komuni' għandha tinftiehem bħala referenza għal 'suq intern'; kull referenza għall-kliem 'Kumitat li jipprovdi għalih l-Artikolu 113', 'Kumitat li jipprovdi għalih l-Artikolu 133', 'Kumitat li hemm referenza għalih fl-Artikolu 113' u 'Kumitat li hemm referenza għalih fl-Artikolu 133' għandha tinftiehem bħala referenza għal 'Kumitat li jipprovdi għalih l-Artikolu 207'; kull referenza għall-kliem 'Artikolu 113 tat-Trattat' jew 'Artikolu 133 tat-Trattat' għandha tinftiehem bħala referenza għall-'Artikolu 207 tat-Trattat'.*** **[Em. 4]**

Artikolu 3

Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-proċeduri mibdija għall-adozzjoni ta’ miżuri previsti fir-Regolamenti mniżżla fl-Anness inbdew meta nbdew, mad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament jew qabel:

(a) il-Kummissjoni adottat att; jew

(b) hemm bżonn ta’ konsultazzjoni skont wieħed mir-Regolamenti u dawn il-konsultazzjonijiet inbdew; jew,

(c) hemm bżonn ta’ proposta skont wieħed mir-Regolamenti u l-Kummissjoni adottat proposta ta’ dan it-tip.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-30 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

ANNESS

Lista ta' Regolamenti li jaqaw taħt il-politika kummerċjali komuni u adattati għall-Artikolu 290 tat-Trattat jew għad-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzji tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-poteri ([1]).

**1. IR-REGOLAMENT (KEE) NRU 2841/72 TAL-KUNSILL TAD-19 TA' DIĊEMBRU 1972 FUQ IL-MIŻURI TA' SALVAGWARDJA PREVISTI FIL-FTEHIM BEJN IL-KOMUNITÀ EKONOMIKA EWROPEA U L-KONFEDERAZZJONI SVIZZERA** ([2])

Fir-rigward tar-Regolament (KEE) Nru 2841/72, setgħat ta' implimentazzjoni il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tadotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament b'konfomità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KEE) Nru 2841/72 għandu jiġi emendat kif ġej:

***-1. Tiddaħħal il-Premessa 3a li ġejja:***

***"Billi, sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-adozzjoni ta' miżuri provviżorji u definittivi ta' salvagwardja għall-implimentazzjoni tal -klawsoli ta' salvagwardja tal-Ftehim bilaterali, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (*);***

***(*) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13."***

**[Em. 5]**

***-1a. Tiddaħħal il-Premessa 3b li ġejja:***

***"Billi il-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-adozzjoni ta' miżuri provviżorji minħabba l-effetti ta' dawn il-miżuri u l-loġika sekwenzjali tagħhom fir-rigward tal-adozzjoni tal-miżuri definittivi ta' salvagwardja. Meta dewmien fl-impożizzjoni ta' miżuri jikkawża dannu li jkun diffiċli li jissewwa, jeħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta miżuri provviżorji immedjatament applikabbli."***

**[Em. 6]**

1. L-Artikolu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jirriferi lill-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera aktar 'il quddiem msejjaħ il-'Ftehim għall-iskop li jittieħdu l-miżuri previsti fl-Artikoli 22, 24, 24a u 26 tal-Ftehim. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tadotta dawn il-miżuri skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament."

2. Fl-Artikolu 2(1), it-tieni sentenza għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri ta' salvagwardja skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 7(2)".

([1]) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.
([2]) ĠU L 300, 31.12.1972, p. 284.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

3. L-Artikolu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

1. Meta ċirkostanzi eċċezzjonali jeħtieġu azzjoni immedjata fis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 24, 24a u 26 tal-Ftehim jew fil-każ ta' għajnuniet fl-esportazzjoni li għandhom effett dirett u immedjat fuq il-kummerċ, il-miżuri ta' prekawzjoni previsti fl-Artikolu 27(3)(e) tal-Ftehim jistgħu jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura ***konsultattiva*** msemmija ~~fl-Artikolu 7(2)~~ ***fl-Artikolu 7(1a)*** ta' dan ir-Regolament. F'każijiet ta' urġenza, għandu japplika l-Artikolu 7(3). **[Em. 7]**

2. Meta l-Kummissjoni tkun mitluba tieħu azzjoni minn Stat Membru, hija għandha tieħu deċiżjoni fi żmien massimu ta' ħamest ijiem ta' xogħol wara li tirċievi din it-talba."

***3a. L-Artikolu 5 għandu jitħassar.*** **[Em. 8]**

4. L-Artikolu li ġej għandu jiġi miżjud:

"*Artikolu 7*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar is-Salvagwardji stabbilit mill-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 260/2009 tas- 26 ta' Frar 2009 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (*). Dak il-kumitat għandu jkun Kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

***1a. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** **[Em. 9]**

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu [5] tar-Regolament (UE) Nru 182/2011].

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu [8] tar-Regolament (UE) Nru ~~[xxxx/2011]~~ ***182/2011*** għandu japplika flimkien ~~mal-Artikolu [5]~~ ***mal-Artikolu 4*** tiegħu. **[Em. 10]**

***3a. Meta l-opinjoni tal-kumitat għandha tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha tiġi mitmuma mingħajr riżultat meta, fiż-żmien stipulat għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi dan jew il-maġġoranza tal-membri tal-kumitat jitolbu dan.*** **[Em. 11]**

---

(*) ĠU L 84, 31.3.2009, p. 1."

***4a. Jiżdied l-Artikolu li ġej:***

"***Artikolu 7a***

***1. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport biannwali lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-attivitajiet tad-diversi korpi responsabbli mis-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-Ftehim u mis-sodisfazzjon tal-obbligi li jiġu minnhom, inkluż l-obbligi rigward l-ostakli għall-kummerċ.***

***2. Ir-rapport għandu jippreżenta wkoll ġabra qasira tal-istatistika u tal-evoluzzjoni tal-kummerċ mal-Konfederazzjoni Svizzera.***

***3. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.***

***4. Il-Parlament Ewropew jista', fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tar-rapport mill-Kummissjoni, jistieden lill-Kummissjoni għal laqgħa ad hoc tal-kumitat reponsabbli tagħha biex tippreżenta u tispjega xi kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Ftehim.***

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

***5. Mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-preżentazzjoni tar-rapport lill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapport.***"

**[Em. 12]**

**2. IR-REGOLAMENT (KEE) NRU 2843/72 TAL-KUNSILL TAD-19 TA' DIĊEMBRU 1972 FUQ IL-MIŻURI TA' SALVAGWARDJA PREVISTI FIL-FTEHIM BEJN IL-KOMUNITÀ EKONOMIKA EWROPEA U R-REPUBBLIKA TAL-ISLANDA** ([1])

Fir-rigward tar-Regolament (KEE) Nru 2843/72, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex li tadotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament b'konfomità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KEE) Nru 2843/72 għandu jiġi emendat kif ġej:

***-1. Tiddaħħal il-Premessa 3a li ġejja:***

"***Billi, sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-adozzjoni ta' miżuri provviżorji u definittivi ta' salvagwardja għall-implimentazzjoni tal -klawsoli ta' salvagwardja tal-Ftehim bilaterali, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni*** (*);

***(*) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.***"

**[Em. 13]**

***-1a. Tiddaħħal il-Premessa 3b li ġejja:***

"***Billi l-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-adozzjoni ta' miżuri provviżorji minħabba l-effetti ta' dawn il-miżuri u l-loġika sekwenzjali tagħhom fir-rigward tal-adozzjoni tal-miżuri definittivi ta' salvagwardja. Meta dewmien fl-impożizzjoni ta' miżuri jikkawża dannu li jkun diffiċli li jissewwa, jeħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta miżuri provviżorji immedjatament applikabbli;***"

**[Em. 14]**

1. L-Artikolu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tirriferi lill-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-'Ftehim' għall-iskop li jittieħdu l-miżuri previsti fl-Artikoli 23, 25, 25a u 27 tal-Ftehim. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tadotta dawn il-miżuri skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament."

2. Fl-Artikolu 2(1), it-tieni sentenza għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Fejn meħtieġ, il-Kummissoni għandha tadotta miżuri ta' salvagwardja skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 7(2)."

([1]) ĠU L 301, 31.12.1972, p. 162.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

3. L-Artikolu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

1. Meta ċirkostanzi eċċezzjonali jeħtieġu azzjoni immedjata fis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 25, 25a u 27 tal-Ftehim jew fil-każ ta' għajnuniet fl-esportazzjoni li għandhom effett dirett u immedjat fuq il-kummerċ, il-miżuri ta' prekawzjoni previsti fl-Artikolu 28(3)(e) tal-Ftehim jistgħu jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura ***konsultattiva*** msemmija ~~fl-Artikolu 7(2)~~ ***fl-Artikolu 7(1a)*** ta' dan ir-Regolament. F'każijiet ta' urġenza, għandu japplika l-Artikolu 7(3). **[Em. 15]**

2. Meta l-Kummissjoni tkun mitluba tieħu azzjoni minn Stat Membru, hija għandha tieħu deċiżjoni fi żmien massimu ta' ħamest ijiem ta' xogħol wara li tirċievi din it-talba."

***3a. L-Artikolu 5 għandu jitħassar.*** **[Em. 16]**

4. L-Artikolu 7 li ġej għandu jiġi miżjud:

"*Artikolu 7*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar is-Salvagwardji stabbilit mill-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 260/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (*). Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

***1a. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** **[Em. 17]**

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru ~~[xxxx/2011]~~ ***182/2011*** għandu japplika flimkien mal-~~Artikolu [5]~~ ***mal-Artikolu 4*** tiegħu. **[Em. 18]**

***3a. Meta l-opinjoni tal-kumitat għandha tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha tiġi mitmuma mingħajr riżultat meta, fiż-żmien stipulat għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi dan jew il-maġġoranza tal-membri tal-kumitat jitolbu dan.*** **[Em. 19]**

(*) ĠU L 84, 31.3.2009, p. 1."

***4a) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:***

"***Artikolu 7a***

***1. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport biannwali lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-attivitajiet tad-diversi korpi responsabbli mis-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-Ftehim u mis-sodisfazzjon tal-obbligi li jiġu minnhom, inkluż l-obbligi rigward l-ostakli għall-kummerċ.***

***2. Ir-rapport għandu jippreżenta wkoll ġabra qasira tal-istatistika u tal-evoluzzjoni tal-kummerċ mar-Repubblika tal-Islanda.***

***3. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.***

***4. Il-Parlament Ewropew jista', fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tar-rapport mill-Kummissjoni, jistieden lill-Kummissjoni għal laqgħa ad hoc tal-kumitat reponsabbli tagħha biex tippreżenta u tispjega xi kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Ftehim.***

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

***5. Mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-preżentazzjoni tar-rapport lill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapport.***"

**[Em. 20]**

**3. IR-REGOLAMENT (KEE) TAL-KUNSILL NRU 1692/73 TAL-25 TA' ĠUNJU 1973 DWAR IL-MIŻURI TA' SALVAGWARD PREVISTI FIL-FTEHIM BEJN IL-KOMUNITA EKONOMIKA EWROPEA U R-RENJU TAN-NORVEĠJA** ([1])

Fir-rigward tar-Regolament (KEE) Nru 1692/73, il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tadotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament b'konfomità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KEE) Nru 1692/73 għandu jiġi emendat kif ġej:

***-1. Tiddaħħal il-Premessa 3c li ġejja:***

"***Billi, sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-adozzjoni ta' miżuri provviżorji u definittivi ta' salvagwardja għall-implimentazzjoni tal -klawsoli ta' salvagwardja tal-Ftehim bilaterali, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (*);***

***(*) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.***"

**[Am. 21]**

***-1a. Tiddaħħal il-Premessa 3b li ġejja:***

"***Billi l-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-adozzjoni ta' miżuri provviżorji minħabba l-effetti ta' dawn il-miżuri u l-loġika sekwenzjali tagħhom fir-rigward tal-adozzjoni tal-miżuri definittivi ta' salvagwardja. Meta dewmien fl-impożizzjoni ta' miżuri jikkawża dannu li jkun diffiċli li jissewwa, jeħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta miżuri provviżorji immedjatament applikabbli;***"

**[Em. 22]**

1. L-Artikolu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tirriferi lill-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-'Ftehim' għall-iskop li jittieħdu l-miżuri previsti fl-Artikoli 22, 24, 24a u 26 tal-Ftehim. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tadotta dawn il-miżuri skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament."

2. Fl-Artikolu 2(1), it-tieni sentenza għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Fejn meħtieġ, il-Kummissoni għandha tadotta miżuri ta' salvagwardja skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 7(2)."

([1]) ĠU L 171, 26.6.1973, p. 103.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

3. L-Artikolu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

1. Meta ċirkostanzi eċċezzjonali jeħtieġu azzjoni immedjata fis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 24, 24a u 26 tal-Ftehim jew fil-każ ta' għajnuniet fl-esportazzjoni li għandhom effett dirett u immedjat fuq il-kummerċ, il-miżuri ta' prekawzjoni previsti fl-Artikolu 27(3)(e) tal-Ftehim jistgħu jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura ***konsultattiva*** msemmija ~~fl-Artikolu 7(2)~~***fl-Artikolu 7(1a)*** ta' dan ir-Regolament. F'każijiet ta' urġenza, għandu japplika l-Artikolu 7(3). **[Em. 23]**

2. Meta l-Kummissjoni tkun mitluba tieħu azzjoni minn Stat Membru, hija għandha tieħu deċiżjoni fi żmien massimu ta' ħamest ijiem ta' xogħol wara li tirċievi din it-talba."

***3a. L-Artikolu 5 għandu jitħassar.*** **[Em. 24]**

4. L-Artikolu 7 li ġej għandu jiġi miżjud:

"*Artikolu 7*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar is-Salvagwardji stabbilit mill-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 260/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (*). Dak il-Kumitat għandu jkun Kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

***1a. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** **[Em. 25]**

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru ~~[xxxx/2011]~~ ***182/2011*** għandu japplika flimkien ~~mal-Artikolu [5]~~ ***mal-Artikolu 4*** tiegħu. **[Em. 26]**

***3a. Meta l-opinjoni tal-kumitat għandha tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha tiġi mitmuma mingħajr riżultat meta, fiż-żmien stipulat għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi dan jew il-maġġoranza tal-membri tal-kumitat jitolbu dan.*** [Em. 27]

(*) ĠU L 84, 31.3.2009, p. 1."

***4a. Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:***

"***Artikolu 7a***

***1. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport biannwali lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-attivitajiet tad-diversi korpi responsabbli mis-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-Ftehim u mis-sodisfazzjon tal-obbligi li jiġu minnhom, inkluż l-obbligi rigward l-ostakli għall-kummerċ.***

***2. Ir-rapport għandu jippreżenta wkoll ġabra qasira tal-istatistika u tal-evoluzzjoni tal-kummerċ mar-Renju tan-Norveġja.***

***3. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.***

***4. Il-Parlament Ewropew jista', fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tar-rapport mill-Kummissjoni, jistieden lill-Kummissjoni għal laqgħa ad hoc tal-kumitat reponsabbli tagħha biex tippreżenta u tispjega xi kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Ftehim.***

L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012

*5. Mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-preżentazzjoni tar-rapport lill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapport.*"

[Em. 28]

## 3A. *IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 3448/93 TAS-6 TA' DIĊEMBRU 1993 LI JISTABBILIXXI L-ARRANĠAMENTI KUMMERĊJALI APPLIKABBLI GĦAL ĊERTI OĠĠETTI LI JIRRIŻULTAW MILL-IPPROĊESSAR TAL-PRODOTTI AGRIKOLI* [1] [Em. 29]

*Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 3448/93, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tingħata lill-Kummissjoni bl-għan li tadotta r-regoli dettaljati u temenda l-Anness B ta' dak ir-Regolament. Barra minn hekk, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011.*

*Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 3448/93 jiġi emendat kif ġej:*

[Em. 30]

1. *Tiddaħħal il-premessa 17a li ġejja:*

"*Billi, sabiex jiġu adottati d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-poter li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandu jkun delegat lill-Kummissjoni b'rispett għall-adozzjoni ta' regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 3 tal-Artikolu 6 skont l-Artikolu 6(4), regoli dettaljati għad-determinazzjoni u l-ġestjoni ta' komponenti agrikoli mnaqqsa skont l-Artikolu 7(2) u li jemenda t-Tabella 2 tal-Anness B. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet adegwati waqt ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fuq livell espert. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, inkluż fuq il-livell tal-għarfien espert. Il-Kummissjoni, meta tipprepara u tfassal l-atti delegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, fil-ħin u adegwata tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*"

[Em. 31]

2. *Il-Premessa 18 għandha tinbidel b'dan li ġej:*

"*Billi, sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-adozzjoni ta' miżuri provviżorji u definittivi ta' salvagwardja għall-implimentazzjoni tal -klawsoli ta' salvagwardja tal-Ftehim bilaterali, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (*);*

*(*) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.*"

[Em. 32]

3. *Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:*

"*4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikoli 14a u 14b dwar ir-regoli ddettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*"

[Em. 33]

4. *Fl-Artikolu 6(4), l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:*

"*4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikoli 14a u 14b dwar ir-regolamenti ddettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.*"

[Em. 34]

[1] *ĠU L 318, 20.12.1993, p. 18.*

5. *Fl-Artikolu 7(2),il-parti tal-bidu tinbidel b'dan li ġej:*

"2. *Meta ftehim preferenzjali jipprovdi għal tnaqqis fil-komponent agrikolu, sew jekk hu fi ħdan il-limiti tal-kwota tat-tariffa u sew jekk le, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta l-atti delegati skont l-Artikoli 14a u 14b dwar ir-regoli dettaljati għad-determinazzjoni u l-immaniġġjar ta' dawn il-komponenti agrikoli […], sakemm il-ftehim jispeċifika:*"

[Em. 35]

6. *Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:*

"3. *Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikoli 14a u 14b dwar ir-regoli dettaljati sabiex jingħata bidu u jkun immaniġġjat it-tnaqqis tal-imposti fil-komponenti li ma humiex agrikoli […].*"

[Em. 36]

7. *L-Artikolu 8 għandu jiġi emendat kif ġej:*

*(a) Il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:*

"3. *Ir-regoli komuni tal-implimentazzjoni tal-arranġamenti għar-rifondi li hemm referenza dwarhom f'dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 16(2).*"

*(b) Fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:*

"*Dawn l-ammonti għandhom jiġu stabbiliti bi qbil mal-proċedura ta' eżaminazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 16(2). Ir-regoli tal-implimentazzjoni li jistgħu jkunu meħtieġa permezz ta' dan il-paragrafu, u b'mod partikolari l-miżuri sabiex jassiguraw li l-oġġetti dikjarati għall-esportazzjoni taħt ftehim preferenzjali ma' jiġux fil-fatt esportati taħt ftehim mhux preferenzjali jew viċe versa, għandhom jiġu adottati skont l-istess proċedura.*"

*(c) Il-paragrafu 6 jinbidel b'dan li ġej:*

"6. *L-ammont ta' hawn taħt li minnu l-esportaturi ż-żgħar jistgħu jiġu eżentati mill-preżentazzjoni taċ-ċertifikati skond l-arranġamenti tar-rifondi għall-espportazzjoni għandu jiġi stabbilit għal EUR 50 000 fis-sena. Dan il-limitu jista' jiġi aġġustat skond il-proċedura ta' eżaminazzjoni referita fl-Artikolu 16(2).*"

[Em. 37]

8. *L-Artikolu 9 jinbidel b'dan li ġej:*

"*Artikolu 9*

*Meta, permezz ta' regolament fuq l-organizzazzjoni komuni ta' suq partikolari, taxxi, ħlasijiet jew miżuri oħra jkunu applikati għall-esportazzjonijiet ta' prodott agrikolu elenkat fl-Anness A, miżuri xierqa fir-rigward ta' ċerti oġġetti li l-esportazzjoni tagħhom x'aktarx li tfixkel il-kisba ta' l-għan fis-settur agrikolu in kwistjoni, minħabba l-kontenut għoli tagħhom fil-prodott agrikolu kkonċernat u l-użu li għalihom jistgħu jitpoġġew, jistgħu jiġu deċiżi, bi qbil mal-proċedura ta' eżaminazzjoni li hija msemmija fl-Artikolu 16(2), wara li jittieħed akkont xieraq ta' l-interess speċifiku ta' l-industrija ta' l-ipproċessar. F'każ ta' urġenza, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri provviżorji immedjatament applikabbli f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 16(3).*"

[Em. 38]

9. *Fl-Artikolu 10a(4), l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:*

"*4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati bi qbil mal-Artikoli 14a u 14b dwar ir-regoli implimentattivi dettaljati […].*"

[Em. 39]

10. *Fl-Artikolu 11(1), it-tielet subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:*

"*Ir-regoli ddettaljati sabiex jiġi applikat it-tieni subparagrafu, li jagħmluha possibbli biex jiġu stabbiliti l-prodotti bażiċi li jridu jiddaħħlu skont l-arranġementi tal-ipproċessar lejn l-intern u li jiġu kkontrollati u ppjanati l-kwantitajiet ta' dawn, għandhom jiggarantixxu aktar ċarezza għall-operaturi permezz tal-pubblikazzjoni minn qabel tal-kwantitajiet indikattivi ta' importazzjoni għal kull COM individwali. Dawn għandhom jiġu ppubblikati fuq bażi regolari, skont l-użu ta' dawk il-kwantitajiet. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati bi qbil mal-Artikoli 14a u 14b dwar ir-regoli dettaljati tal-applikazzjoni.*"

[Em. 40]

11. *Fl-Artikolu 12, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:*

"*2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta l-atti delegati skont l-Artikoli 14a u 14b biex temenda t-Tabella 2 tal-Anness B sabiex tkun addattata għall-ftehim konklużi mill-Unjoni.*"

[Em. 41]

12. *Fl-Artikolu 13(2), it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:*

"*Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati bi qbil mal-Artikoli 14a u 14b biex jemendaw dan ir-Regolament […].*"

[Em. 42]

13. *L-Artikolu 14 jinbidel b'dan li ġej:*

"*Artikolu 14*

*1. L-iskala jew l-iskali li anqas minnhom l-ammonti stabbiliti skont l-Artikoli 6 u 7, għandhom ikunu stabbiliti bħala żero, jistgħu ikunu stabbiliti bi qbil mal-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 16(2). F'każ ta' urġenza, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri provviżorji immedjatament applikabbli f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 16(3). In-nuqqas tal-applikazzjoni ta' dawn il-komponenti agrikoli tista' tkun suġġett għal kondizzjonijiet speċjali, bi qbil mal-istess proċedura, sabiex ikun evitat li jinħolqu tnixxijiet ta' kummerċ artifiċjali.*

*2. Livell li taħtu l-Istati Membri jistgħu jastjenu milli japplikaw l-ammonti li għandhom jingħataw jew jiġu ntaxxati bis-saħħa ta' dan ir-Regolament, b'konnessjoni ma' ċerta transazzjoni ekonomika, jista jkun stabbilit bi qbil mal-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 16(2) jekk il-bilanċ ta' dawn l-ammonti jkun aktar baxxa minn dan il-livell. F'każ ta' urġenza, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri provviżorji immedjatament applikabbli f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 16(3).*"

[Em. 43]

14. *Jiddaħħal l-artikolu li ġej:*

"*Artikolu 14a*

*Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 14b dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4(1) u (2), l-adozzjoni tar-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 3 tal-Artikolu 6 skont l-Artikolu 6(4), l-adozzjoni tar-regoli dettaljati għad-determinazzjoni u l-immaniġġjar ta' dawn il-komponenti agrikoli mnaqqsa skont l-Artikolu 7(2) u biex jemendaw it-Tabella 2 tal-Anness B.*"

[Em. 44]

15. *Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*

"*Artikolu 14b*

*1. Is-setgħa biex tadotta atti delegati tingħata lill-Kummissjoni skont il-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.*

*2. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 7 għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn … (*). Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' 5 snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġġedded mingħajr aktar diskussjonijiet għal perijodi ta' żmien identiċi, dment li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponix tali estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.*

*3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 7 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti ddelegati diġà fis-seħħ.*

*4. Hekk kif hija tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess żmien*

*5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 7 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill, jew jekk qabel l-iskadenza ta' dan il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jkun estiż b'erba' xhur b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.*

---

*(*) Data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*"

[Em. 319]

16. *L-Artikolu 16 għandu jinbidel b'dan li ġej:*

"*Artikolu 16*

*1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat dwar il-kwistjonijiet orizzontali li jirrigwardaw il-kummerċ fil-prodotti agrikoli pproċessati mhux elenkati fl-Anness I (minn hawn il quddiem imsejjaħ il-Kumitat').*

*2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*

*3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 għandu japplika flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu.*

*4. Meta l-opinjoni tal-kumitat teħtieġ li tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat f'każijiet fejn, fiż-żmien stipulat għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi dan jew il-maġġoranza tal-membri tal-kumitat jitolbu dan.*"

[Em. 320]

*17. L-Artikolu 17 għandu jitħassar.* [Am. 46]

*18. L-Artikolu 18 għandu jinbidel b'dan li ġej:*

"*Artikolu 18*

*Il-miżuri meħtieġa biex jaddattaw dan ir-Regolament mal-emendi magħmula fir-Regolamenti dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fi prodotti agrikoli sabiex ikunu miżmuma l-ftehim eżistenti għandhom ikunu adottati bi qbil mal-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 16(2).*"

[Em. 47]

*19. L-Artikolu 20 għandu jinbidel b'dan li ġej:*

"*Artikolu 20*

*L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, minn naħa waħda, fuq l-importazzjoni, l-esportazzjoni u, anki meta jkun xieraq, il-produzzjoni tal-oġġetti u, minn naħa l-oħra, fuq il-miżuri amministrattivi ta' l-implimentazzjoni adottati. Ir-regoli dettaljati għall-komunikazzjoni ta' din l-informazzjoni għandhom jiġu stabbiliti bi qbil mal-proċedura ta' eżaminazzjoni riferuta fl-Artikolu 16 (2).*"

[Em. 48]

**4. IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 3286/94 TAT-22 TA' DIĊEMBRU 1994 LI JISTABBILIXXI L-PROĊEDURI TAL-KOMUNITÀ FIL-QASAM TA' POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI SABIEX JIŻGURA L-EŻERĊIZZJU TAD-DRITTIJIET TAL-KOMUNITÀ SKONT IR-REGOLI INTERNAZZJONALI TAL-KUMMERĊ, B'MOD PARTIKOLARI DAWK STABBILITI TAĦT L-AWSPIĊJI TAL-ORGANIZZAZZJONI DINJIJA TAL-KUMMERĊ** [1]

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 3286/94, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament b'konfomità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 3286/94 jiġi emendat b'dan li ġej:

*-1. Tiddaħħal il-Premessa 4a li ġejja:*

"*Billi, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet standard għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (*);*

*(*) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.*"

[Em. 49]

[1] ĠU L 349, 31.12.1994, p. 71.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

***-1a. Tiddaħħal il-Premessa 4b li ġejja:***

"***Billi l-proċedura konsultattiva għandha tintuża għas-sospensjoni ta' eżaminazzjonijiet li għadhom għaddejjin minħabba l-effetti ta' dawn il-miżuri u l-loġika sekwenzjali tagħhom fir-rigward tal-adozzjoni tal-miżuri definittivi. Meta dewmien fl-impożizzjoni ta' miżuri jikkawża dannu li jkun diffiċli li jissewwa, jeħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta miżuri provviżorji immedjatament applikabbli.***"

**[Em. 50]**

***-1b. Il-Premessa 9 għandha tinbidel b'dan li ġej:***

"***Billi għandu jingħata każ tad-dispożizzjonijiet istituzzjonali u proċedurali tal-Artikolu 207 tat-Trattat; billi, għalhekk, il-Parlament Ewropew u l-kumitat stabbiliti skont l-Artikolu 207 għandhom jinżammu infurmati bl-iżviluppi ta' każijiet individwali, sabiex ikunu jistgħu jikkunsidraw l-implikazzjoni wiesgħa tal-politika tagħhom;***"

**[Em. 51]**

***-1c. Il-Premessa 10 għandha tinbidel b'dan li ġej:***

"***Billi, barra minn hekk, sal-punt li ftehim ma pajjiż terz jidher li jista' jkun l-aktar mod xieraq kif tiġi solvuta tilwima li tiġi minn ostakolu għall-kummerċ, negozjati għal dan il-għan għandhom jiġu mmexxija skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 207 tat-Trattat b'mod partikolari f'konsultazzjoni mal-kumitat stabbilit bih u mal-Parlament Ewropew;***"

**[Em. 52]**

1. Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. Fejn jidher li l-ilment ma jipprovdix biżżejjed evidenza li tiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni, il-kwerelant għandu jiġi informat b'dan."

2. Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4. Fejn jidher li t-talba ma tipprovdix biżżejjed evidenza li tiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni, l-Istat Membru għandu jiġi informat b'dan."

3. L-Artikolu 7 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) L-intestatura tal-Artikolu għandha tinbidel bl-intestatura: "Il-Kumitat"

(b) Il-paragrafu 1 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"1. (a) Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar l- Ostakoli għall-Kummerċ, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat". Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

***(aa) Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.* [Em. 53]**

(b) Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu [5] tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*(ba)* ***Meta l-opinjoni tal-kumitat għandha tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha tiġi mitmuma mingħajr riżultat meta, fiż-żmien stipulat għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi dan jew il-maġġoranza tal-membri tal-kumitat jitolbu dan.***"

**[Em. 54]**

(c) Fil-paragrafu 2, għandhom jitħassru l-ewwel żewġ sentenzi:

(d) Il-paragrafi 3 u 4 għandhom jitħassru.

4. Fl-Artikolu 8(1), il-kliem introduttorju għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Fejn il-Kummissjoni jidhrilha li hemm evidenza biżżejjed li tiġġustifika l-bidu ta' proċedura ta' eżaminazzjoni u li tkun meħtieġa fl-interess tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha taġixxi kif ġej:".

5. Fl-Artikolu 9(2), il-punt (a) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(a) La l-Kummissjoni, la l-Istati Membri, lanqas l-uffiċjali ta' kwalunkwe wieħed minn dawn, ma għandhom jiżvelaw kwalunkwe informazzjoni ta' natura kunfidenzjali rċevuta skont dan ir-Regolament, jew kwalunkwe informazzjoni pprovduta fuq bażi kunfidenzjali minn parti għal proċedura ta' eżaminazzjoni, mingħajr il-permess speċifiku mill-parti li tkun qiegħda tressaq din l-informazzjoni."

6. L-Artikolu 11 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Meta jinstab b'konsegwenza tal-proċedura ta' eżaminazzjoni li l-interessi tal-Unjoni ma jeħtiġux li tittieħed xi azzjoni, il-proċedura għandha tiġi mitmuma mill-Kummissjoni li taġixxi skont il-proċedura ***ta' eżami*** msemmija fl-Artikolu 7(1)(b). ***Il-president jista' jikseb l-opinjoni tal-kumitat permezz ta' proċedura bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 7(1)(ba).***"

**[Em. 55]**

(b) Il-paragrafu (2)(a) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(a) Meta, wara proċedura ta' eżaminazzjoni, il-pajjiż jew pajjiżi terzi kkonċernat(i) jieħu jew jieħdu miżuri li huma meqjusa sodisfaċjenti, u għalhekk ma tkunx meħtieġa azzjoni mill-Unjoni, il-proċedura tista' tiġi sospiża mill-Kummissjoni li taġixxi skont il-proċedura ***konsultattiva*** msemmija ~~fl-Artikolu 7(1)(b)~~***fl-Artikolu 7(1)(aa)***."

**[Em. 56]**

(c) Il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. Fejn, wara proċedura ta' eżaminazzjoni, jew f'xi ħin qabel, waqt u wara proċedura għas-soluzzjoni ta' tilwima internazzjonali, ikun jidher li l-aktar mod xieraq sabiex tiġi solvuta tilwima minħabba ostakolu għall-kummerċ ikun il-konklużjoni ta' ftehim mal-pajjiż jew pajjiżi terzi kkonċernati, li jista' jbiddel id-drittijiet sostantivi tal-Unjoni u tal-pajjiż jew pajjiżi terzi kkonċernati, il-proċedura għandha tiġi sospiża mill-Kummissjoni li taġixxi skont il-proċedura ***konsultattiva*** msemmija ~~fl-Artikolu 7(1)(b)~~ ***fl-Artikolu 7(1)(aa)***, u n-negozjati għandhom jitwettqu skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 207 tat-Trattat."

**[Em. 57]**

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

7. L-Artikolu 13 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 13*

Proċeduri għat-teħid tad-deċiżjonijiet

1. Fejn l-Unjoni, bħala riżultat ta' lment b'mod konformi mal-Artikoli 3 jew 4, jew ta' referenza magħmula skont l-Artikolu 6, issegwi proċeduri internazzjonali formali għall-konsultazzjoni jew għas-soluzzjoni ta' tilwim, id-deċiżjonijiet relatati mal-bidu, it-twettiq jew it-tmiem ta' tali proċeduri għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni.

2. Fejn l-Unjoni, wara li tkun aġixxiet skont l-Artiklou 12(2), ikollha tieħu deċiżjoni dwar il-miżuri ta' politika kummerċjali li għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu 11(2)(ċ) jew skont l-Artikolu 12, hija għandha taġixxi, mingħajr dewmien, skont l-Artikolu 207 tat-Trattat u, fejn xieraq, skont kull proċedura applikabbli."

***7a. Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:***

"***Artikolu 13a***

***Rapport***

***Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tar-Regolament. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-Kummissjoni u dwar il-Kumitat dwar l-Ostakoli għall-Kummerċ. Mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-preżentazzjoni tar-rapport lill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapport.***"

**[Em. 58]**

8. L-Artikolu 14 għandu jitħassar.

**5. IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 385/96 TAD-29 TA' JANNAR 1996 DWAR IL-PROTEZZJONI KONTRA PREZZIJIET INĠURJUŻI TA' BASTIMENTI** [1]

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 385/96, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament b'konfomità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 385/96 jiġi emendat b'dan li ġej:

***-1. Il-Premessa 25 tinbidel b'dan li ġej:***

"***(25) Billi, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (*).***

***(*) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.***"

**[Em. 59]**

1. Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 11 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"11. Bla ħsara għall-Artikolu 15(2), meta, jkun jidher li hemm evidenza biżżejjed li tiġġustifika l-bidu ta' proċeduri, il-Kummissjoni għandha tagħmel hekk fi żmien 45 ġurnata minn meta jsir l-ilment, jew, fil-każ ta' bidu skont il-paragrafu 8, mhux aktar tard minn sitt xhur miż-żmien li fih il-bejgħ tal-vapur kien magħruf jew seta' kien magħruf, u għandha tippubblika avviż *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Meta ma tkunx ġiet ippreżentata biżżejjed evidenza, min jagħmel l-ilment għandu jkun infurmat dwar dan fi żmien 45 jum minn dakinhar li jkun tressaq l-ilment lill-Kummissjoni."

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 21.

2. L-Artikolu 7 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 2 għandu jinbidel b’dan li ġej:

"2. Meta l-miżuri protettivi jkunu bla bżonn l-investigazzjoni jew il-proċedimenti għandhom jintemmu. Il-Kummissjoni għandha ttemm l-investigazzjoni skont il-proċedura ***ta’ eżami*** msemmija fl-Artikolu 10(2). ***Il-president jista’ jikseb l-opinjoni tal-kumitat permezz ta’ proċedura bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 10(2a).***"

**[Em. 60]**

(b) Il-paragrafu 4 għandu jinbidel b’dan li ġej:

"4. Fejn il-fatti kif ġew stabbiliti finalment juru li hemm prezzijiet inġurjużi u dannu kkawżat b’dawn, għandu jiġi impost ħlasgħall-prezzijiet inġurjużi fuq il-bennejja tal-bastimenti mill-Kummissjoni, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 10(2). L-ammont tal-ħlas għall-prezzijiet inġurjużi għandu jkun daqs il-marġini tal-prezzijiet inġurjużi stabbilit. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill, b’mod partikolari l-ġbir tal-ħlas għall-prezzijiet inġurjużi."

3. Fl-Artikolu 8, l-ewwel paragrafu għandu jinbidel b’dan li ġej:

"L-investigazzjoni jista’ jintemm mingħajr l-impożizzjoni ta’ ħlas għall-prezzijiet inġurjużi jekk il-bennej tal-vapuri definittivament u bla kundizzjoni jxejjen il-bejgħ tal-vapur ipprezzat b’mod inġurjuż jew jikkonforma ma’ rimedju ekwivalenti alternattiv aċċettat mill-Kummissjoni."

4. Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 1 għandu jinbidel b’dan li ġej:

"1. Jekk il-bennej tal-vapur interessat ma jħallasx il-ħlas għall-prezzijiet inġurjużi impost skont l-Artikolu 7, miżuri kuntrarji f’forma ta’ ċaħda ta’ drittijiet dwar tagħbija u ħatt għandhom jiġu imposti mill-Kummissjoni, fuq il-vapuri mibnija mill-bennej tal-bastimenti inkwistjoni."

5. L-Artikolu 10 għandu jinbidel b’dan li ġej:

"*Artikolu 10*

Proċedura ta’ Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat għall-Prezzijiet Inġurjużi tal-Bastimenti. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

***2a. Meta l-opinjoni tal-kumitat għandha tinkiseb permezz ta’ proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha tiġi mitmuma mingħajr riżultat meta, fiż-żmien stipulat għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi dan jew il-maġġoranza tal-membri tal-kumitat jitolbu dan.***"

**[Em. 61]**

6. Fl-Artikolu 13, il-paragrafu 5 għandu jinbidel b’dan li ġej:

“5. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri, jew l-uffiċjali ta’ kwalunkwe wieħed minn dawn, ma għandhom jiżvelaw l-ebda informazzjoni li tkun waslitilhom skont dan ir-Regolament li għaliha jkun intalab trattament kunfidenzjali mill-fornitur tagħha, mingħajr permess speċifiku mill-fornitur. Skambji ta’ informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, jew ta’ kwalunkwe dokumenti interni preparati mill-awtoritajiet tal-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha, ma għandhomx jiġu żvelati minbarra kif speċifikament stipulat f’dan ir-Regolament.”

7. Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 3 għandu jinbidel b’dan li ġej:

"3. Kxif għandu jsir bil-miktub. Filwaqt li tingħata l-attenzjoni dovuta għall-ħtieġa biex tiġi protetta l-informazzjoni kunfidenzjali, dan se jiġi effettwat, kemm jista’ jkun malajr u normalment, mhux inqas minn xahar qabel deċiżjoni definittiva. Fejn il-Kummissjoni ma tkunx fil-pożizzjoni li tiżvela xi fatti jew kunsiderazzjonijiet f’dak il-ħin, dawn għandhom jiġu żvelati kemm jista’ jkun malajr wara. ”L-iżvelar ma għandu jippreġudika l-ebda deċiżjoni sussegwenti li tista’ tittieħed mill-Kummissjoni, imma meta deċiżjoni bħal din tkun ibbażata fuq kwalunkwe fatti u kunsiderazzjonijiet differenti, dawn għandhom jiġu żvelati kemm jista’ jkun malajr."

***7a. Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:***

"***Artikolu 14a***

***Rapport***

***Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tar-Regolament. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-Kummissjoni u dwar il-Kumitat dwar il-Prezzijiet Inġurjużi ta’ Bastimenti. Mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-preżentazzjoni tar-rapport lill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapport.***"

**[Em. 62]**

**6. IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 2271/96 TAT-22 TA’ NOVEMBRU 1996 LI JIPPROTEĠI KONTRA L-EFFETTI TAL-APPLIKAZZJONI EKSTRATERRITORJALI TAL-LEĠIŻLAZZJONI ADOTTATA MINN PAJJIŻ TERZ, U L-AZZJONIJIET IBBAŻATI FUQHA JEW LI JIRRIŻULTAW MINNHA** [1]

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 2271/96, is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni bl-għan li temenda l-Anness ta’ dak ir-Regolament. Barra minn hekk, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta’ implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta’ dak ir-Regolament skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 2271/96 jiġi emendat b’dan li ġej:

***-1. Il-Premessa 9 tinbidel b’dan li ġej:***

"***(9) Billi, sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-istabbiliment ta’ kriterji għall-awtorizzazzjoni ta’ persuni biex ikunu konformi bis-sħiħ jew parzjalment, tant li n-nuqqas ta’ konformità tista’ tkun ta’ dannu serju għall-interessi tagħhom jew għal dawk tal-Unjoni, ma’ kull rekwiżit jew projbizzjoni, inkluż mat-talbiet tal-qrati barranin għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta’ implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati f’konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta’ kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta’ implimentazzjoni (*);***

***(*) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.***"

**[Em. 63]**

(1) ĠU L 309, 29.11.1996, p. 1.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

***-1a. Tiddaħħal il-Premessa 9a li ġejja:***

"*(9a)* ***Billi, sabiex jiġu adottati d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat għandhom jiġu delegati lill-Kummissjoni għaż-żieda fil-liġijiet jew it-tħassir tal-liġijiet mill-Anness ta' dan ir-Regolament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, inkluż fuq il-livell tal-għarfien espert. Il-Kummissjoni, meta tipprepara u tfassal l-atti delegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, fil-ħin u adegwata tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***"

**[Em. 64]**

1. Fl-Artikolu 1, it-tieni paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Waqt li jaġixxi skont id-dispożizzjonijiet relevanti tat-Trattat u minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(c), il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati skont l-Artikoli 11a, 11b u 11c jew tħassar liġijiet għal jew mill-Anness ta' dan ir-Regolament."

2. L-Artikolu 8 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

1. Għall-għanijiet tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 7(b) u (c), il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat dwar il-Leġiżlazzjoni Extra-territorjali. ~~Dak il-Kumitat~~ ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Il-kumitat*** għandu jkun kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru ~~[xxxx/2011]~~ ***Nru 182/2011***. **[Em. 65]**

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

***2a. Meta l-opinjoni tal-kumitat għandha tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha tiġi mitmuma mingħajr riżultat meta, fiż-żmien stipulat għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi dan jew il-maġġoranza tal-membri tal-kumitat jitolbu dan.***"

**[Em. 66]**

3. Għandhom jiddaħħlu l-artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 11a*

~~1.~~ ~~Is-setgħat~~ ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa*** għall-adozzjoni ta' atti delegati ~~msemmijin fl-Artikolu 1 għandhom jingħataw lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat~~ ***skont l-Artikolu 1 rigward iż-żieda fil-jew it-tħassir tal-liġijiet mill-Anness ta' dan ir-Regolament***.

~~2. Hekk kif hija tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess ħin.~~

~~3. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħat li tadotta l-atti delegati, skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 11b u 11c.~~ **[Em. 67]**

*Artikolu 11b*

1. ~~Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 1 tista' tiġi revokata mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi kwalunkwe ħin.~~***Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.***

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

2. L-istituzzjoni li tibda proċedura interna sabiex jiġi deċiż jekk tiġix irrevokata d-delega ta' setgħa għandha tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni, f'perjodu ta' żmien raġonevoli qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, billi tindika s-setgħat delegati li jistgħu jkunu s-suġġett ta' revoka kif ukoll ir-raġunijiet possibbli għal revoka. ***Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu1 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin minn … (+) Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.*** [Em. 321]

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 1 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delegar tas-setgħat speċifikati ***Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata*** f'dik id-deċiżjoni. ***Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih***. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti ddelegati diġà fis-seħħ. Hija għandha tkun ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

***3a. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** [Em. 68]

***3b. Att delegat adottat skont l-Artikolu 1 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill, jew jekk qabel l-iskadenza ta' dan il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jkun estiż b'erba' xhur fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.***

***(+) Data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***"

**[Em. 322]**

*Artikolu 11c*

1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-att delegat fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika. Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar.

2. Jekk meta jiskadi dak il-perijodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att delegat, huwa għandu jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għandu jidħol fis-seħħ fid-data fih stabbilita.

L-att iddelegat jista' jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jidħol fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn għarrfu lill-Kummissjoni bil-ħsieb tagħhom li ma jqajmux oġġezzjonijiet.

3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal att delegat adottat, dan ma għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet għaliex oġġezzjonat għall-att iddelegat." **[Em. 69]**

## 7. IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 1515/2001 TAT-23 TA' LULJU 2001 FUQ IL-MIŻURI LI JISTGĦU JITTIEĦDU MILL-KOMUNITÀ WARA RAPPORT ADOTTAT MILL-KORP GĦALL-FTEHIM FUQ TILWIM TAL-WTO DWAR KWISTJONIJIET FUQ ANTI-DUMPING U ANTI-SUSSIDJI (1)

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1515/2001, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament b'konfomità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(1) ĠU L 201, 26.7.2001, p. 10.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1515/2001 jiġi emendat b'dan li ġej:

***-1. Tiddaħħal il-premessa li ġejja:***

"***(6a) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall–adozzjoni jew is-sospensjoni ta' miżuri li huma konformi mar-rakkomandazzjonijiet u mad-deċiżjonijiet tal-regoli tal-Korp għar-Riżoluzzjoni ta' Tilwim fid-WTO, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (*).***

***(*) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.***"

**[Em. 70]**

***-1a. Tiddaħħal il-premessa li ġejja:***

"***(6b) Il-proċedura konsultattiva għandha tintuża għas-sospensjoni ta' miżuri għal perjodu ta' żmien limitat minħabba l-effetti ta' dawn il-miżuri u l-loġika sekwenzjali tagħhom fir-rigward tal-adozzjoni tal-miżuri definittivi ta' salvagwardja. Meta dewmien fl-impożizzjoni ta' miżuri jikkawża dannu li jkun diffiċli li jissewwa, jeħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta miżuri provviżorji immedjatament applikabbli.***"

**[Em. 71]**

1. L-Artikolu 1 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, il-kliem introduttorju jinbidel b'dan li ġej:

"1. Kull meta d-DSB jadotta Rapport dwar miżura mill-Unjoni meħuda skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (*), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea (**) jew għal dan ir-Regolament ("miżura kkontestata"), il-Kummissjoni tista' tieħu waħda jew iktar mill-miżuri li ġejjin, kwalunkwe waħda li tqis xierqa skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 3a(2).

(*) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
(**) ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93."

***(aa) Fil-paragrafu 1, il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:***

"***(b) tadotta kwalunkwe miżura speċjali oħra għall-implimentazzjoni ta' att leġiżlattiv meqjusa xierqa fiċ-ċirkostanzi.***"

**[Em. 72]**

(b) Il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. Sakemm ikun xieraq li ssir reviżjoni qabel jew fl-istess żmien li jittieħdu kwalunkwe miżuri skont il-paragrafu 1, din ir-reviżjoni għandha tinbeda mill-Kummissjoni."

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

(c) Il-paragrafu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4. Sakemm ikun xieraq li tiġi sospiża l-miżura kontestata jew emendata, tali sospensjoni għandha tingħata mill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien limitat, billi taġixxi skont il-proċedura ***konsultattiva*** msemmija fl-~~Artikolu 3a(2)~~ ***fl-Artikolu 3a(1a)***."

**[Em. 73]**

2. L-Artikolu 2 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni tista' tieħu kwalunkwe waħda minn dawn il-miżuri msemmija fl-Artikolu 1(1) sabiex jitqiesu l-interpretazzjonjiet legali li saru f'rapport adottat mid-DSB fir-rigward ta' miżura mhux kontestata, jekk tqis dan bħala xieraq."

(b) Il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. Sakemm ikun xieraq li ssir reviżjoni qabel jew fl-istess żmien li jittieħdu kwalunkwe miżuri skont il-paragrafu 1, din ir-reviżjoni għandha tinbeda mill-Kummissjoni."

(c) Il-paragrafu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4. Sakemm ikun xieraq li tiġi sospiża l-miżura kontestata jew emendata, tali sospensjoni għandha tingħata mill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien limitat, billi taġixxi skont il-proċedura ***konsultattiva*** msemmija ~~fl-Artikolu 3a(2)~~ ***fl-Artikolu 3a(1a)***."

**[Em. 74]**

3. Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 3a*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Anti-Dumping stabbilit mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 jew mill-Kumitat kontra s-sussidju stabbilit bl-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) Nru 597/2009 skont il-każ. Dawn il-kumitati għandhom ikunu kumitati fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

***1a. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** **[Em. 75]**

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

***2a. Meta l-opinjoni tal-kumitat għandha tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha tiġi mitmuma mingħajr riżultat meta, fiż-żmien stipulat għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi dan jew il-maġġoranza tal-membri tal-kumitat jitolbu dan.***"

**[Em. 76]**

***3a. Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:***

"***Artikolu 3b***

***Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tar-Regolament. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-attivitajiet, il-proċeduri u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, tal-Kumitat tal-Antidumping u tal-Kumitat kontra s-Sussidju. Mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-preżentazzjoni tar-rapport lill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapport.***"

**[Em. 77]**

**8. IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 2248/2001 TAD-19 TA' NOVEMBRU 2001 DWAR ĊERTI PROĊEDURI GĦALL-APPLIKAZZJONI TAL-FTEHIM TA' STABBILIZZAZZJONI U ASSOĊJAZZJONI BEJN IL-KOMUNITAJIET EWROPEJ U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHOM, GĦALL-PARTI WAĦDA, U R-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA, GĦALL-PARTI L-OĦRA U GĦALL-APPLIKAZZJONI TAL-FTEHIM TEMPORANJU BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U R-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA** [1]

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 2248/2001, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament b'konfomità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 2248/2001 jiġi emendat b'dan li ġej:

*-1. Il-Premessa 6 għandha tinbidel b'dan li ġej:*

"*(6)* ***L-Atti Implimentattivi tal-Kummissjoni*** **li jemendaw in-Nomenklatura** ***Magħquda u l-kodiċi ta' Taric ma jesiġux tibdiliet sostantivi.***"

**[Em. 78]**

*-1a. Il-Premessa 10 għandha tinbidel b'dan li ġej:*

"***(10)*** ***Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni għall-adozzjoni ta' regoli fid-dettall għall-implimentazzjoni ta' diversi dispożizzjonijiet għall-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (*).***

***(*) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.***"

**[Em. 79]**

*-1b. Tiżdied il-premessa li ġejja:*

"***(10a)*** ***Il-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-adozzjoni ta' miżuri immedjati f'każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali u kritiċi minħabba l-effetti ta' dawn il-miżuri u l-loġika sekwenzjali tagħhom fir-rigward tal-adozzjoni tal-miżuri definittivi ta' salvagwardja. Meta dewmien fl-impożizzjoni ta' miżuri jikkawża dannu li jkun diffiċli li jissewwa, jeħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta miżuri provviżorji immedjatament applikabbli.***"

**[Em. 80]**

*-1c. Tiżdied il-premessa li ġejja:*

"***(10b)*** ***Il-Kummissjoni għandha tadotta atti implimentattivi li japplikaw immedjatament meta, f'każijiet verament ġustifikati relatati ma' ċirkostanzi eċċezzjonali u kritiċi li joriġinaw fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 25(4)(b) u l-Artikolu 26(4) tal-Ftehim Temporanju, u wara dan, l-Artikolu 38(4)(b) u l-Artikolu 39(4) tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, jekk raġunijiet imperattivi urġenti jeħtieġu dan.***"

**[Em. 81]**

[1] ĠU L 304, 21.11.2001, p. 1.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

*-1d. L-Artikolu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:*

"*Artikolu 2*

*Konċessjonijiet fuq il-vitella*

*Regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Ftehim Proviżorju, u wara l-Artikolu 27(2) tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, dwar il-kwota tat-tariffi għall-prodotti tal-"vitella" għandhom ikunu adottatti mill-Kummissjoni skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 7fa(5).*"

[Em. 82]

*-1e. Jitħassar l-Artikolu 3.* [Em. 83]

*-1f. L-Artikolu 4 jinbidel b'dan li ġej:*

"*Artikolu 4*

*Konċessjonijiet fuq prodotti tas-sajd*

*Regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 15(1) tal-Ftehim Temporanju, u wara dan l-Artikolu 28(1) tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, dwar il-kwoti ta' tariffi għall-ħut u prodotti tas-sajd imniżżla fl-Anness Va taż-żewġ ftehim, għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni mniżżla fl-Artikolu 7fa(5).*"

[Em. 84]

*-1g. Jitħassar l-Artikolu 5.* [Em. 85]

*-1h. L-Artikolu 7 jinbidel b'dan li ġej:*

"*Artikolu 7*

*Adattamenti tekniċi*

*Emendi u adattamenti tekniċi tar-regoli dettaljati dwar implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament, li huma neċessarji wara l-bidliet fil-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda u fis-sottodiviżjonijiet ta' Taric jew dawk li jiġu mill-konklużjoni ta' ftehim ġodda, protokolli, skambji ta' ittri jew atti oħra bejn l-Unjoni u l-Kroazja, u li m'għandhomx jinvolvu xi emendi sostanzjali għandhom jiġu adattati skond il-proċedura ta' eżami mniżżla fl-Artikolu 7fa(5).*"

[Em. 86]

1. L-Artikolu 7a għandu jiġi emendat kif ġej:

~~(a) Għandhom jiddaħħlu l-paragrafi 3a u 3b li ġejjin:~~

"~~3a. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu [5] tar-Regolament (UE) Nru [xxxx/2011].~~"

~~3b. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu [8] tar-Regolament (UE) Nru [xxxx/2011] għandu japplika flimkien mal-Artikolu [5] tiegħu.~~"

*(a) Jitħassru l-paragrafi 2, 3 u 4.* [Em. 87]

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

(b) Fil-paragrafu 6, l-ewwel subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Malli jitlestew il-konsultazzjonijiet, u jekk ebda arranġament ieħor ma jkun possibbli, il-Kummissjoni, tista' tiddeċiedi skont il-proċedura ***ta' eżami*** msemmija ~~fl-Artikolu 7a(3a)~~ ***fl-Artikolu 7fa(5) ta' dan ir-Regolament*** jew li ma taġixxix jew li tadotta l-miżuri msemmija fl-Artikoli 25 u 26 tal-Ftehim Interim, u minn hemm 'il quddiem fl-Artikoli 38 u 39 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. F'każijiet ta' urġenza, għandu japplika l-Artikolu 7fa(7) ta' dan ir-Regolament."

**[Em. 88]**

(c) Il-paragrafi 7, 8 u 9 għandhom jitħassru.

2. L-Artikolu 7b għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 7b*

Ċirkostanzi eċċezzjonali u kritiċi

Fejn iseħħu ċirkostanzi eċċezzjonali u kritiċi fit-tifsira tal-Artikolu 25(4)(b) u l-Artikolu 26(4) tal-Ftehim Interim, u minn hemm 'il quddiem l-Artikolu 38(4)(b) u l-Artikolu 39(4) tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, il-Kummissjoni tista' tieħu miżuri immedjati kif stipulat fl-Artikoli 25 u 26 tal-Ftehim Interim, u minn hemm 'il quddiem l-Artikoli 38 u 39 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, skont il-proċedura ***konsultattiva*** msemmija ~~fl-Artikolu 7a(3a)~~ ***fl-Artikolu 7fa(4)***. F'każijiet ta' urġenza, għandu japplika ~~l-Artikolu 7a(3b)~~ ***l-Artikolu 7fa(6)***. **[Em. 89]**

Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minn Stat Membru, hija għandha tieħu deċiżjoni dwarha fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol minn meta tasal it-talba."

3. Fl-Artikolu 7e, it-tieni sentenza tal-paragrafu 1 tinbidel b'dan li ġej:

"Fejn meħtieġ għandha tipproponi l-adozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja skont il-proċeduri ***ta' eżaminazzjoni*** mniżżla ~~fl-Artikolu 7a(3a)~~ ***fl-Artikolu 7a(5)*** minbarra fil-każi ta' għajnuna li għalihom japplika r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea (*), meta għandhom jittieħdu miżuri skont il-proċeduri mniżżla f'dak ir-Regolament.**[Em. 90]**

(*) ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93."

***3a. L-Artikolu 7f jiġi emendat kif ġej:***

***(a) Il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:***

"***3. Sa ma tintlaħaq soluzzjoni sodisfaċenti għaż-żewġ naħat fil-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista' tieħu deċiżjoni dwar miżuri oħra xierqa li hi tqis neċessarji skont l-Artikolu 30 tal-Ftehim Temporanju, u wara l-Artikolu 43 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoniji, kif ukoll skond il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 7fa(5).***"

***(b) Il-paragrafi 4, 5 u 6 għandhom jitħassru.*** **[Em. 91]**

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

*3b. Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*

"*Artikolu 7fa*

***Proċedura ta' kumitat***

*1. Għall-fini tal-Artikolu 2, il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 42 tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999. Dan il-Kumitat għandu jkun Kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*

*2. Għall-fini tal-Artikolu 4, il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat ta' Kodiċi Doganali stabbilit permezz tal-Artikolu 248a tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*

*3. Għall-fini tal-Artikoli 7a, 7b, 7e u 7f, il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat Konsultattiv stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3285/94 tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (*). Dan il-kumitat għandu jkun kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*

*4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*

*5. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*

*6. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 għandu japplika flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu.*

*7. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 għandu japplika flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.*

*8. Meta l-opinjoni tal-kumitat tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat f'każijiet fejn, fiż-żmien stipulat għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi dan jew il-maġġoranza tal-membri tal-kumitat jitolbu dan.* [Em. 92]

*(*) ĠU L 349, 31.12.1994, p. 53.*"

**9. IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 153/2002 TAL-21 TA' JANNAR 2002 FUQ ĊERTI PROĊEDURI GĦALL-APPLIKAZZJONI TAL-FTEHIM TA' STABILIZZAZZJONI U ASSOĊJAZZJONI BEJN IL-KOMUNITAJIET EWROPEJ U L-ISTATI MEMBRI, FUQ NAĦA, U L-EKS REPUBBLIKA JUGOSLAVA TAL-MAĊEDONJA, FUQ L-OĦRA, U GĦALL-APPLIKAZZJONI TAL-FTEHIM PROVVIŻORJU BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-EKS REPUBBLIKA JUGOSLAVA TAL-MAĊEDONJA** [1],

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 153/2002, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament b'konfomità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

[1] ĠU L 25, 29.01.2002, p. 16.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 153/2002 jiġi emendat b'dan li ġej:

*-1. Il-Premessa 6 għandha tinbidel b'dan li ġej:*

"*(6) L-Atti Implimentattivi tal-Kummissjoni li jemendaw in-Nomenklatura Magħquda u l-kodiċijiet TARIC ma jġibux magħhom tibdiliet sostantivi.*"

**[Em. 93]**

*-1a. Il-Premessa 11 għandha tinbidel b'dan li ġej:*

"*(11) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-adozzjoni ta' regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' diversi dispożizzjonijiet għall-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (*).*

*(*) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.*"

**[Em. 94]**

*-1b. Tiżdied il-premessa li ġejja:*

"*(11a) Il-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-adozzjoni ta' miżuri immedjati f'każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali u kritiċi minħabba l-effetti ta' dawn il-miżuri u l-loġika sekwenzjali tagħhom fir-rigward tal-adozzjoni tal-miżuri definittivi ta' salvagwardja. Meta dewmien fl-impożizzjoni ta' miżuri jikkawża dannu li jkun diffiċli li jissewwa, jeħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta miżuri provviżorji immedjatament applikabbli.*"

**[Em. 95]**

*-1c. Tiżdied il-premessa li ġejja:*

"*(11b) Il-Kummissjoni għandha tadotta atti implimentattivi li japplikaw immedjatament meta, f'każijiet verament ġustifikati relatati ma' ċirkostanzi eċċezzjonali u kritiċi li joriġinaw fit-tifsira tal-Artikolu 24(4)(b) u l-Artikolu 25(4) tal-Ftehim Temporarju, u wara dan, l-Artikolu 37(4)(b) u l-Artikolu 38(4) tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, jekk raġunijiet imperattivi urġenti jeħtieġu dan.*"

**[Em. 96]**

*-1d. L-Artikolu 2 jinbidel b'dan li ġej:*

"*Artikolu 2*

*Konċessjonijiet fuq il-vitella*

*Regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Ftehim Proviżorju, u wara l-Artikolu 27(2) tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, dwar il-kwota tat-tariffi għall-prodotti tal-"vitella" għandhom ikunu adottatti mill-Kummissjoni skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 7fa(5) ta' dan ir-Regolament.*"

**[Em. 97]**

*-1e. L-Artikolu 3 għandu jitħassar.* **[Em. 98]**

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

***-1f. L-Artikolu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:***

"***Artikolu 4***

***Konċessjonijiet oħra***

***Jekk jingħataw konċessjonijiet oħra għall-prodotti tas-sajd fil-kwoti tat-tariffa, bis-saħħa tal-Artikolu 29 tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u ta' l-Artikolu 16 tal-Ftehim Proviżorju, regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dawn il-kwoti tat-tariffa għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 7fa(5) ta' dan ir-Regolament.***"

**[Em. 99]**

***-1g. L-Artikolu 5 għandu jitħassar.*** **[Em. 100]**

***-1h. L-Artikolu 7 għandu jinbidel b'dan li ġej:***

"***Artikolu 7***

***Adattamenti tekniċi***

***L-emendi u l-adattamenti tekniċi għar-regoli dettaljati fuq l-implimentazzjoni adottati bis-saħħa ta' dan ir-Regolament, li huma meħtieġa wara t-tibdiliet fil-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda u s-sottodiviżjonijiet TARIC jew li joħorġu mill-konklużjoni ta' ftehim ġdid, protokolli, skambji ta' ittri jew atti oħra bejn l-Unjoni u l-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonaja, u li m'għandhomx jinvolvu xi tibdiliet sostanzjali għandhom jiġu adattati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 7fa(5) ta' dan ir-Regolament.***"

**[Em. 101]**

1. L-Artikolu 7a għandu jiġi emendat kif ġej:

~~(a) Għandhom jiddaħħlu l-paragrafi 3a u 3b li ġejjin:~~

"~~3a. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu [5] tar-Regolament (UE) Nru [xxxx/2011].~~"

~~3b. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu [8] tar-Regolament (UE) Nru [xxxx/2011] għandu japplika flimkien mal-Artikolu [5] tiegħu.~~"

(a) ***Il-paragrafi 2, 3 u 4 għandhom jitħassru.*** **[Em. 102]**

(b) Fil-paragrafu 6, l-ewwel subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Malli jitlestew il-konsultazzjonijiet, u jekk ebda arranġament ieħor ma jkun possibbli, il-Kummissjoni, tista' tiddeċiedi skont il-proċedura ***ta' eżami*** msemmija ~~fl-Artikolu 7a(3a)~~ ***fl-Artikolu 7fa(5) ta' dan ir-Regolament*** jew li ma taġixxix jew li tadotta l-miżuri msemmija fl-Artikoli 24 u 25 tal-Ftehim Interim, u minn hemm 'il quddiem fl-Artikoli 37 u 38 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. F'każijiet ta' urġenza, għandu japplika ~~l-Artikolu 7a(3b)~~ ***l-Artikolu 7fa(7)*** ta' dan ir-Regolament."

**[Em. 103]**

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

(c) Il-paragrafi 7, 8 u 9 għandhom jitħassru.

2. L-Artikolu 7b għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 7b*

Ċirkostanzi eċċezzjonali u kritiċi

Fejn iseħħu ċirkostanzi eċċezzjonali u kritiċi fit-tifsira tal-Artikolu 24(4)(b) u l-Artikolu 25(4) tal-Ftehim Interim, u minn hemm 'il quddiem l-Artikolu 37(4)(b) u l-Artikolu 38(4) tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, il-Kummissjoni tista' tieħu miżuri immedjati kif stipulat fl-Artikoli 24 u 25 tal-Ftehim Interim, u minn hemm 'il quddiem l-Artikoli 37 u 38 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, skont il-proċedura ***konsultattiva*** msemmija ~~fl-Artikolu 7a(3a)~~ ***fl-Artikolu 7fa(4)*** ta' dan ir-Regolament. F'każijiet ta' urġenza, għandu japplika ~~l-Artikolu 7a(3b)~~ ***l-Artikolu 7fa(6)***. **[Em. 104]**

Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minn Stat Membru, hija għandha tieħu deċiżjoni dwarha fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol minn meta tasal it-talba."

3. Fl-Artikolu 7e, it-tieni sentenza tal-paragrafu 1 tinbidel b'dan li ġej:

"Fejn meħtieġ għandha tipproponi l-adozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja skont il-proċeduri ***ta' eżami*** mniżżla ~~fl-Artikolu 7a(3a)~~ ***fl-Artikolu 7fa(5)*** minbarra fil-każi ta' għajnuna li għalihom japplika r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea (*), meta għandhom jittieħdu miżuri skont il-proċeduri mniżżla f'dak ir-Regolament. **[Em. 105]**

(*) ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93."

***3a. L-Artikolu 7f għandu jiġi emendat kif ġej:***

***(a) Il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:***

"***3. Sa ma tintlaħaq soluzzjoni sodisfaċenti għaż-żewġ naħat fil-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista' tieħu deċiżjoni dwar miżuri oħra xierqa li hi tqis neċessarji skont l-Artikolu 30 tal-Ftehim Temporanju, u wara l-Artikolu 43 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoniji, kif ukoll skond il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 7fa(5) ta' dan ir-Regolament.***"

***(b) Il-paragrafi 4, 5 u 6 għandhom jitħassru.*** **[Em. 106]**

***3b. Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:***

"***Artikolu 7fa***

***Proċedura ta' kumitat***

***1. Għall-fini tal-Artikolu 2, il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 42 tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.***

***2. Għall-fini tal-Artikolu 4, il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat ta' Kodiċi Doganali stabbilit permezz tal-Artikolu 248a tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.***

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

***3. Għall-fini tal-Artikoli 7a, 7b, 7e u 7f, il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat Konsultattiv stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3285/94 tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet*** (*). ***Dak il-kumitat għandu jkun Kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.***

***4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.***

***5. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.***

***6. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 għandu japplika flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu.***

***7. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 għandu japplika flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.***

***8. Meta l-opinjoni tal-kumitat tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat f'każijiet fejn, fiż-żmien stipulat għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi dan jew il-maġġoranza tal-membri tal-kumitat jitolbu dan.*** **[Em. 107]**

***(*) ĠU L 349, 31.12.1994, p. 53.***"

**10. IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 427/2003 TAT-3 TA' MARZU 2003 DWAR MEKKANIŻMU TRANSITORJU TA' SALVAGWARDJA GĦAL PRODOTTI PARTIKOLARI GĦALL-IMPORTAZZJONIJIET LI JORIĠINAW MIR-REPUBBLIKA POPOLARI TAĊ-ĊINA U LI JEMENDA R-REGOLAMENT (KE) NRU 519/94 DWAR REGOLI KOMUNI GĦALL-IMPORTAZZJONIJIET MINN ĊERTI PAJJIŻI TERZI** [1]

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 427/2003, ***is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti taħt l-Artikolu 290 tat-għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni bl-għan li temenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 625/2009***. ***Minbarra dan***, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament b'konfomità mar-Regolament (UE) ~~Nru [xxxx/2011] ta' [xx/yy/2011]~~ ***Nru 182/2011***. **[Em. 108]**

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 427/2003 jiġi emendat b'dan li ġej:

***-1. Tiddaħħal il-premessa li ġejja:***

"***(21a) Sabiex jiġu adottati d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-poter li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandu jiġi delegat lill-Kummissjoni fir-rigward ta' emendi tal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 625/2009 tas-7 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti terzi pajjiżi (*), sabiex ineħħu pajjiżi mil-lista tat-terzi pajjiżi li tinsab f'dak l-Anness meta jsiru membri tad-WTO. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' thejjija tagħha, inkluż fuq il-livell tal-għarfien espert. Il-Kummissjoni, meta tipprepara u tfassal l-atti delegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, fil-ħin u adegwata tad-dokumenti relevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

***(*) ĠU L 185, 17.7.2009, p. 1."***

**[Em. 109]**

[1] ĠU L 65, 8.3.2003, p. 1.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

***-1a. Il-Premessa 22 tinbidel b'dan li ġej:***

*"(22) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi ta' implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, huwa xieraq li l-Kummissjoni jingħatawlha setgħat ta' implimentazzjoni. Dawn il-poteri għandhom jiġu eżerċitati bi qbil mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri dwar l-eżerċizzju tal-Kummissjoni tal-implimentazzjoni tal-poteri (*).*

*(*) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13."*

**[Em. 110]**

***-1b. Tiddaħħal il-premessa li ġejja:***

*"(22a) Il-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-adozzjoni tal-miżuri ta' sorveljanza u dawk provviżorji minħabba l-effetti ta' dawn il-miżuri u l-loġika sekwenzjali tagħhom f'rabta mal-adozzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja definittivi. Meta dewmien fl-impożizzjoni ta' miżuri jikkawża dannu li jkun diffiċli li jissewwa, jeħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta miżuri provviżorji immedjatament applikabbli."*

**[Em. 111]**

***-1c. Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:***

***"1. Investigazzjoni tinbeda fuq talba ta' Stat Membru, minn kull persuna legali jew kull assoċjazzjoni li m'għandhiex personalità legali, li taġixxi f'isem l-industrija tal-Unjoni, jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni stess jekk il-Kummissjoni jidhrilha li hemm xiedha biżżejjed li tiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni."***

**[Em. 112]**

***-1d. Fl-Artikolu 5, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:***

***"2a. It-talba għall-inizjazzjoni ta' investigazzjoni għandha tinkludi evidenza li l-kundizzjonijiet biex tiġi imposta l-miżura ta' salvagwardja stipulati fl-Artikolu 1(1) ikunu ġew sodisfatti. It-talba għandha ġeneralment tinkludi l-informazzjoni li ġejja: ir-rata u l-ammont ta' żieda fl-importazzjonijiet tal-prodott konċernat f'termini assoluti u relattivi, is-sehem tas-suq domestiku meħud minn importazzjoni miżjuda, bidliet fil-livell ta' bejgħ, produzzjoni, produttivita, kapaċità ta' użu, qligħ u telf, u impjiegi.***

***Tista' tinbeda ukoll investigazzjoni fil-każ li jkun hemm żieda fl-importazzjonijiet konċentrati fi Stati Membru wieħed jew f'bosta Stati Membri, ladarba jkun hemm evidenza biżżejjed li jkunu ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet għall-bidu tal-investigazzjoni, kif determinat fuq il-bażi ta' fatturi li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 2(2) u 3."***

**[Em. 113]**

1. Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4. "Meta jidher li hemm evidenza biżżejjed biex tiġġustifika proċediment u kwalunkwe konsultazzjoni taħt il-paragrafu 3 ma wasslux għal soluzzjoni sodisfaċenti għat-tnejn, il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*"

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

*1a. Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*

"*Artikolu 6a*

***Miżuri ta' sorveljanza minn qabel***

***1. Meta t-tendenza fl-importazzjonijiet ta' prodott li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina hija tali li din tista' twassal waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 2 u 3, l-importazzjonijiet ta' dan il-prodott jistgħu jkunu soġġetti għas-sorveljanza minn qabel tal-Komunità.***

***2. Fil-każ li jkun hemm żieda qawwija fl-importazzjonijiet tal-prodotti li jaqgħu taħt is-setturi sensittivi konċentrati fi Stat Membru wieħed jew f'bosta Stati Membri, il-Kummissjoni tista' tintroduċi miżuri ta' sorveljanza minn qabel.***

***3. Il-miżuri ta' sorveljanza minn qabel għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 15(1a).***

***4. Il-miżuri tas-sorveljanza minn qabel għandhom ikunu validi għal perjodu limitat taż-żmien. Sakemm ma jiġix stipulat mod ieħor, dawn ma jibqgħux validi fi tmiem it-tieni perjodu ta' sitt xhur wara l-ewwel sitt xhur wara l-introduzzjoni tal-miżuri."***

**[Em. 114]**

2. L-Artikolu 7 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, it-tieni u t-tielet sentenzi jiġu sostitwiti bis-segwenti:

"Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri provviżorji f'konformità mal-proċedura ***konsultattiva*** msemmija ~~fl-Artikolu 15(2)~~ ***fl-Artikolu 15(1a)***. F'każijiet ta' urġenza, għandu japplika l-Artikolu 15(3)."

**[Em. 115]**

(b) Il-paragrafu 3 għandu jitħassar.

3. L-Artikolu 8 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

Terminazzjoni mingħajr miżuri

Meta miżuri bilaterali ta' salvagwardja mhumiex meħtieġa, l-investigazzjoni jew proċedura għandhom jitwaqqfu skont il-proċedura ta' eżami mniżżla fl-Artikolu 15(2)."

4. L-Artikolu 9 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Jekk il-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma jwasslux għal soluzzjoni sodisfaċenti għat-tnejn fi żmien 60 jum minn meta tkun waslet it-talba għall-konsultazzjonijiet, għandha tiġi imposta miżura definittiva ta' salvagwardja jew ta' devjazzjoni ta' kummerċ skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2)."

(b) Il-paragrafi 3 u 6 għandhom jitħassru.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

***4a. Fl-Artikolu 12, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:***

"***3. Sakemm tkun isseħħ miżura ta' salvagwardja, għandhom jinżammu konsultazzjonijiet fi ħdan il-Kumitat […], jew fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, biex jiġu eżaminati l-effetti tal-miżura u biex jiġi stabbilit jekk l-applikazzjoni tagħha għadhiex meħtieġa.***"

**[Em. 117]**

5. Fl-Artikolu 12, il-paragrafu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4. Fejn il-Kummissjoni tikkunsidra li kwalunkwe miżura ta' salvagwardja għandha tiġi revokata jew emendata, għandha tirrevoka jew temenda l-miżuri ta' salvagwardja~~."~~ ***skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 15(2)***."

**[Em. 118]**

6. Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4. Fl-interess tal-Unjoni, il-miżuri imposti bis-saħħa ta' dan ir-Regolament jistgħu jiġu sospiżi b'deċiżjoni tal-Kummissjoni għal perjodu ta' disa' xhur. Is-sospensjoni tista' tiġi estiża għal perjodu ieħor, li ma jkunx iżjed minn sena skont il-proċedura ***konsultattiva*** msemmija ~~fl-Artikolu 15(2)~~ ***fl-Artikolu 15(1a)***. Il-miżuri jistgħu jiġu sospiżi biss meta l-kundizzjonijiet tas-suq ikunu nbidlu temporanjament sal-punt fejn ma jkunx probabbli li jerġa' jkun hemm distorsjoni fis-suq b'riżultat tas-sospensjoni. Il-miżuri jistgħu, f'kull ħin u wara konsultazzjoni, jerġgħu jiġu imposti mill-ġdid jekk ma tibqax applikabbli r-raġuni għas-sospensjoni."

**[Em. 119]**

***6a. Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:***

"***Artikolu 14a***

***Għoti tal-kompetenzi***

***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 14b dwar l-emendi tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 625/2009, sabiex ineħħu l-pajjiżi mil-lista tat-terzi pajjiżi li jinsabu f'dan l-Anness meta dawn isiru membri tad-WTO.***"

**[Em. 120]**

***6b. Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:***

"***Artikolu 14b***

***Eżerċizzju tad-delega***

***1. Is-setgħa biex tadotta atti delegati tingħata lill-Kummissjoni skont il-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.***

***2. Is-setgħa li tadotta l-atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 22(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn … (+). Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża mingħajr aktar diskussjonijiet għal perjodi ta' tul ta' żmien identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux din l-estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.***

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

***3. Id-delega ta' setgħa li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 22(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe żmien mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti ddelegati diġà fis-seħħ.***

***4. Hekk kif hija tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess żmien***

***5. L-att delegat adottat skont l-Artikolu 22(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill, jew jekk qabel l-iskadenza ta' dan il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jkun estiż b'erba' xhur b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill***

***(+) Data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***"

**[Em. 323]**

7. L-Artikolu 15 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 15*

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar is-Salvagwardji stabbilit mill-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 260/2009 tas- 26 ta' Frar 2009 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (*). Dak il-Kumitat għandu jkun Kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011].

***1a. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** **[Em. 122]**

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) ~~Nru [xxxx/2011]~~ ***Nru 182/2011*** għandu japplika flimkien ~~mal-Artikolu [5]~~ ***mal-Artikolu 4*** tiegħu. **[Em. 123]**

4. B'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 meta jsir rikors għall-proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha tintemm bla riżultat meta, fiż-żmien stipulat mill-presidenza, il-presidenza tiddeċiedi hekk jew maġġoranza tal-membri tal-kumitat kif definita fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 titlob hekk.

(*) ĠU L 84, 31.3.2009, p. 1."

8. Fl-Artikolu 17, il-paragrafu 5 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"5. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri, jew l-uffiċjali ta' kwalunkwe wieħed minn dawn, ma għandhom jiżvelaw l-ebda informazzjoni li tkun waslitilhom skont dan ir-Regolament li għaliha jkun intalab trattament kunfidenzjali mill-fornitur tagħha, mingħajr permess speċifiku mill-fornitur. L-iskambji ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni, u l-Istati Membri, jew kull informazzjoni li għandha x'taqsam ma' konsultazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 12, jew konsultazzjonijiet imfissra fl-Artikolu 5(3) u l-Artikolu 9(1), jew xi dokument intern imħejji mill-awtoritajiet tal-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha, ma għandhomx jixxandru lill-pubbliku jew lil xi parti fil-proċedimenti ħlief kif previst speċifikament f'dan ir-Regolament."

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

9. Fl-Artikolu 18(4), ir-raba' sentenza għandha tinbidel b'dan li ġej:

"L-iżvelar ma għandu jippreġudika l-ebda deċiżjoni sussegwenti li tista' tittieħed mill-Kummissjoni, imma meta deċiżjoni bħal din tkun ibbażata fuq kwalunkwe fatti u kunsiderazzjonijiet differenti, dawn għandhom jiġu żvelati kemm jista' jkun malajr."

10. Fl-Artikolu 19, il-paragrafi 5 u 6 għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-informazzjoni li tiġi ppreżentata kif suppost u kemm din tkun rappreżentattiva, u r-riżultati ta' din l-analiżi, flimkien ma' opinjoni fuq il-merti tagħha, għandhom jintbagħtu lill-Kumitat.

6. Il-partijiet li jkunu osservaw il-paragrafu 2 jistgħu jitolbu li l-fatti u l-konsiderazzjonijiet li fuqhom x'aktarx ikunu ttieħdu d-deċiżjonijiet finali jkunu għad-dispożizzjoni tagħhom. Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli sakemm ikun possibbli u bla ħsara għal kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti meħuda mill-Kummissjoni."

***10a. Jiddaħħal l-artikolu li ġej:***

"***Artikolu 19a***

***Rapport***

***1. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tar-Regolament. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-Kummissjoni, il-Kumitat, u l-korpi l-oħra kollha responsabbli mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u mill-konformità mal-obbligi li jiġu minnhom, inkluż l-obbligi li jirrigwardaw l-ostakli għall-kummerċ.***

***2. Ir-rapport għandu jippreżenta wkoll ġabra qasira tal-istatistika u tal-evoluzzjoni tal-kummerċ maċ-Ċina.***

***3. Il-Parlament Ewropew jista', fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tar-rapport mill-Kummissjoni, jistieden lill-Kummissjoni għal laqgħa ad hoc tal-kumitat reponsabbli tagħha biex tippreżenta u tispjega xi kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.***

***4. Mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-preżentazzjoni tar-rapport lill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapport.***"

**[Em. 124]**

***10b. Fl-Artikolu 22, il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej: imħassar [Em. 125]***

**11. IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 452/2003 TAS-6 TA' MARZU 2003 DWAR IL-MIŻURI LI L-KOMUNITÀ TISTA' TADOTTA RELATATI MAL-EFFETT IKKOMBINAT TA' MIŻURI KONTRA R-RIMI U KONTRA S-SUSSIDJU B'MIŻURI TA' SALVAGWARDJAR** ([1])

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 452/2003, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament b'konfomità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

([1]) ĠU L 69, 13.3.2003, p. 8.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 452/2003 jiġi emendat b'dan li ġej:

***-1. Tiddaħħal il-premessa li ġejja:***

"***(10a) Sabiex ikunu żgurati l-istess kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom ikunu kkonferiti fuq il-Kummissjoni setgħat tal-implimentazzjoni. Dawn il-poteri għandhom jiġu eżerċizzati bi qbil mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri dwar l-eżerċizzju tal-Kummissjoni tal-implimentazzjoni tal-poteri (*).***

***(*) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13."***

**[Em. 126]**

1. Fl-Artikolu 1(1), il-frażi introduttorja għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Fejn il-Kummissjoni tikkunsidra li kombinazzjoni ta' anti-dumping jew miżuri kontra s-sussidju b'miżuri ta' tariffi ta' salvagwardja fuq l-istess importazzjonijiet tista' twassal għall-effetti akbar milli mixtieq f'termini tal-politika ta' difiża tal-kummerċ tal-Unjoni, din tista' tadotta xi miżuri minn dawn li ġejjin ***li jimplimentaw att leġiżlattiv*** kif jidhrilha xieraq skont il-proċedura ***ta' eżami*** msemmija fl-Artikolu 2a(2):"

**[Em. 127]**

2. Għandu jiddaħħal l-Artikolu 2a li ġej:

"*Artikolu 2a*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Anti-Dumping stabbilit mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat- 30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (*). Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

***2a. Meta l-opinjoni tal-kumitat għandha tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha tiġi mitmuma mingħajr riżultat meta, fiż-żmien stipulat għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi dan jew il-maġġoranza tal-membri tal-kumitat jitolbu dan.*** **[Em. 128]**

(*) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51."

## 12. IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 673/2005 TAL-25 TA' APRIL 2005 LI JISTABBILIXXI D-DAZJI DOGANALI TA' IMPORTAZZJONI ADDIZZJONALI TA' ĊERTI PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ISTATI UNITI TAL-AMERIKA [1]

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 673/2005, il-poter li tirrevoka r-regolament huwa mogħti lill-Kunsill. Din is-setgħa għandha tiġi mħassra, u l-Artikolu 207 tat-Trattat għandu japplika għar-revoka ta' dan ir-Regolament

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 673/2005 huwa emendat kif ġej:

L-Artikolu 7 jitħassar.

[1] ĠU L 110, 30.4.2005, p. 1.

L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012

12A. *REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 1236/2005 TAS-27 TA' ĠUNJU 2005 DWAR IL-KUMMERĊ TA' ĊERTI OĠĠETTI LI JISTGĦU JINTUŻAW GĦALL-PIENA KAPITALI, TORTURA JEW TRATTAMENTI JEW KASTIGI OĦRAJN KRUDILI, DIŻUMANI JEW DEGRADANTI* (1) [Em. 129]

*Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1236/2005, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni bl-għan li temenda l-Annessi ta' dak ir-Regolament.*

*Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1236/2005 jiġi emendat b'dan li ġej:*

[Em. 130]

1. *Il-Premessa 25 tinbidel b'dan li ġej:*

"25. *Sabiex jiġu adottati d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandhom jiġu delegati lill-Kummissjoni għall-emendar tal-Annessi II, III, IV u V ta' dan ir-Regolament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, inkluż fuq il-livell tal-għarfien espert. Il-Kummissjoni, meta tipprepara u tfassal l-atti delegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, fil-ħin u adegwata tad-dokumenti relevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*"

[Em. 131]

2. *L-Artikolu 12(2) jinbidel b'dan li ġej:*

"2. *Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati bi qbil* mal-*Artikolu 15a biex temenda l-Annessi II, III, IV u V.*"

[Em. 132]

3. *L-Artikolu 15 jitħassar. [Em. 133]*

4. *Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*

"*Artikolu 15a*

*Eżerċizzju tad-delega*

1. *Is-setgħa biex tadotta atti delegati tingħata lill-Kummissjoni skont il-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.*

2. *Is-setgħa li tadotta l-atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 15 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn … (+). Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġġedded mingħajr aktar diskussjonijiet għal perjodi ta' żmien identiċi, dment li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponix tali estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.*

3. *Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 15 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti ddelegati diġà fis-seħħ.*

(1) *ĠU L 200, 30.7.2005, p. 1.*

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

*4. Hekk kif hija tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess żmien.*

*5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 15 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill, jew jekk qabel l-iskadenza ta' dan il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jkun estiż b'erba' xhur b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.*

---

*(+) Data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*"

[Em. 324]

*5. Jitħassar l-Artikolu 16.* [Em. 135]

**13. IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 1616/2006 TAT-23 TA' OTTUBRU 2006 DWAR ĊERTI PROĊEDURI SABIEX JIĠI APPLIKAT IL-FTEHIM TA' STABBILIZZAZZJONI U ASSOĊJAZZJONI BEJN IL-KOMUNITAJIET EWROPEJ U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHOM, FUQ IN-NAĦA L-WAĦDA, U R-REPUBB-LIKA TAL-ALBANIJA, FUQ IN-NAĦA L-OĦRA, U SABIEX JIĠI APPLIKAT IL-FTEHIM INTERIM BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U R-REPUBBLIKA TAL-ALBANIJA** (1)

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1616/2006, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament b'konfomità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1616/2006 jiġi emendat b'dan li ġej:

*-1. Il-Premessa 7 għandha titħassar.* [Em. 136]

*-1a. Il-Premessa 8 tinbidel b'dan li ġej:*

"*(8) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni għall-adozzjoni ta' regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' diversi dispożizzjonijie tal-SAA, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni* (*).

---

*(*) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.*"

[Em. 137]

*-1b. Tiżdied il-premessa li ġejja:*

"*(8a) Il-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-adozzjoni ta' miżuri immedjati f'każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali u kritiċi u għas-sospensjoni temporanja ta' ċertu trattament preferenzjali, minħabba l-effetti ta' dawn il-miżuri u l-loġika sekwenzjali tagħhom fir-rigward tal-adozzjoni tal-miżuri definittivi ta' salvagwardja. Meta dewmien fl-impożizzjoni ta' miżuri jikkawża dannu li jkun diffiċli li jissewwa, jeħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta miżuri provviżorji immedjatament applikabbli.*"

[Em. 138]

---

(1) ĠU L 300, 31.10.2006, p. 1.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

*-1c. Tiżdied il-premessa li ġejja:*

"*(8b) Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li japplikaw immedjatament meta, f'każijiet verament ġustifikati relatati ma' ċirkostanzi eċċezzjonali u kritiċi li joriġinaw fi ħdan l-Artikolu 26(4) tal-Ftehim Temporanju, u wara dan, l-Artikolu 39(4) tal-SAA, jekk raġunijiet imperattivi urġenti jeħtieġu dan.*"

**[Em. 139]**

*-1d. L-Artikolu 2 jinbidel b'dan li ġej:*

"*Artikolu 2*

*Konċessjonijiet għall-ħut u l-prodotti tas-sajd*

***Għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 15(1) tal-Ftehim Temporanju, u konsegwentement l-Artikolu 28(1) tal-SAA, fir-rigward ta' kwoti tariffarji fuq ħut u prodotti tas-sajd, skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 8a(2).***"

**[Em. 140]**

*-1e. L-Artikolu 4 jinbidel b'dan li ġej:*

"*Artikolu 4*

*Adattamenti tekniċi*

***Emendi u adattamenti tekniċi tar-regoli dettaljati dwar implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament, li huma neċessarji wara l-bidliet fil-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda u fis-sottodiviżjonijiet ta' Taric jew dawk li jiġu mill-konklużjoni ta' ftehim ġodda, protokolli, skambji ta' ittri jew atti oħra bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Albanija, u li ma jinvolvux xi emendi sostanzjali, għandhom jiġu adattati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni mniżżla fl-Artikolu 8a(2) ta' dan ir-Regolament.***"

**[Em. 141]**

*-1f. L-Artikolu 5 jinbidel b'dan li ġej:*

"*Artikolu 5*

*Klawsola ta' salvagwardja ġenerali*

***Fejn l-Unjoni teħtieġ li tieħu miżura kif previst fl-Artikolu 25 tal-Ftehim Temporanju, u suċċessivament fl-Artikolu 38 tal-SAA, għandha tiġi adottata skond il-proċedura ta' eżaminazzjoni stipulata fl-Artikolu 8a(2), sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Artikolu 25 tal-Ftehim Temporanju, u fl-Artikolu 38 tal-SAA.***"

**[Em. 142]**

*-1g. L-Artikolu 6 jinbidel b'dan li ġej:*

"*Artikolu 6*

*Klawsola ta' nuqqas*

***Fejn l-Unjoni teħtieġ tieħu miżura kif previst fl-Artikolu 26 tal-Ftehim Temporanju, u konsegwentement fl-Artikolu 39 ta' l-SAA, il-miżura għandha tiġi adottata skond il-proċedura ta' eżaminazzjoni stipulata fl-Artikolu 8a(2).***"

**[Em. 143]**

1. Fl-Artikolu 7, it-tielet, ir-raba' u l-ħames inċiżi jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri provviżorji f'konformità mal-proċedura ***konsultattiva*** msemmija ~~fl-Artikolu 8a(2)~~ ***fl-Artikolu 8a(1b)***. F'każijiet ta' urġenza, għandu japplika ~~l-Artikolu 8a(3)~~ ***l-Artikolu 8a(2a)***."

**[Em. 144]**

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

2. Fl-Artikolu 8, paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri provviżorji f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 8a(2). F'każijiet ta' urġenza, għandu japplika l-Artikolu 8a(3)."

3. Għandu jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 8a*

Proċedura ta' kumitat

***-1. Għall-għanijiet tal-Artikoli 2, 4, u 11, il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat ta' Kodiċi Doganali stabbilit permezz tal-Artikolu 248a tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (*). Dan il-kumitat għandu jkun kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** **[Em. 145]**

1. Għall-finijiet ~~tal-Artikoli 7 u 8~~ ***tal-Artikoli 5, 7 u 8*** ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat ~~dwar is-Salvagwardji stabbilit mill-Artikolu 4(1)~~ ***li twaqqaf permezz*** tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 260/2009 tas- 26 ta' Frar 2009 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (**). Dak il-Kumitat għandu jkun Kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) ~~Nru […./2011]~~ ***Nru 182/2011***. **[Em. 146]**

***1a. Għall-finijiet tal-Artikolu 6, il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat li twaqqaf permezz tar-Regolament (KE) Nru 1061/2009 tad-19 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għall-esportazzjoni*** (***)***. Dan il-Kumitat għandu jkun Kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** **[Em. 147]**

***1b. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** **[Em. 148]**

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

***2a. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 għandu japplika flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu.*** **[Em. 149]**

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 għandu japplika flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

***3a. Meta l-opinjoni tal-kumitat għandha tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha tiġi mitmuma mingħajr riżultat meta, fiż-żmien stipulat għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi dan jew il-maġġoranza tal-membri tal-kumitat jitolbu dan.*** [Em. 150]

***(*) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.***
(**) ĠU L 84, 31.3.2009, p. 1."
***(***) ĠU L 291, 7.11.2009, p. 1.***

*3a. Fl-Artikolu 11, it-tielet paragrafu jinbidel b'dan li ġej:*

*"Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, skond il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 8a(1b) ta' dan ir-Regolament, li tissosspendi temporarjament it-trattament preferenzjali rilevanti tal-prodotti kif previst fl-Artikolu 30(4) tal-Ftehim Temporanju, u successivament fl-Artikolu 43(4) ta' l-SAA."*

**[Em. 151]**

*3b. Jitħassar l-Artikolu 12.* **[Em. 152]**

**14. REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 1528/2007 TAL-20 TA' DIĊEMBRU 2007 LI JAPPLIKA L-ARRANĠAMENTI GĦALL-PRODOTTI LI JORIĠINAW F'ĊERTI STATI LI HUMA PARTI MILL-GRUPP TA' STATI AFRIKANI, KARIBEJ U PAĊIFIĊI (AKP) PREVISTI FI FTEHIM LI JISTABBILIXXU, JEW LI JWASSLU BIEX JIĠU STABBILITI, FTEHIM TA' SĦUBIJA EKONOMIKA** [1]

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1528/2007, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. biex tadotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1528/2007 jiġi emendat b'dan li ġej:

*-1. Il-Premessa 17 tinbidel b'dan li ġej:*

"*(17) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi ta' implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, huwa xieraq li l-Kummissjoni jingħatawlha setgħat ta' implimentazzjoni. Dawn il-poteri għandhom jiġu eżerċizzati bi qbil mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri dwar l-eżerċizzju tal-Kummissjoni tal-implimentazzjoni tal-poteri (*).*

*(*) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.*"

**[Em. 153]**

~~1. L-Artikolu 2 għandu jiġi emendat kif ġej:~~

~~(a) Il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:~~

"~~2. Il-Kummissjoni, għandha temenda l-Anness I permezz ta' atti delegati skont l-Artikoli 24a, 24b u 24c biex iżżid reġjuni jew stati mill-Grupp ta' Stati AKP li kkonkludew negozjati dwar ftehim bejn l-Unjoni u dak ir-reġjun jew stat li tal-anqas jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu XXIV GATT 1994.~~"

~~(b) Fil-paragrafu 3, il-frażi introduttorja qiegħda tinbidel b'dan li ġej:~~

"~~3. Tali stat jew reġjun se jibqa' fl-Anness I sakemm il-Kummissjoni tadotta att delegat skont l-Artikoli 24a, 24b u 24c li jemendaw l-Anness I biex jitneħħa reġjun jew stat minn dak l-Anness, b'mod partikolari, meta~~"

**[Em. 155]**

[1] ĠU L 348, 31.12.2007, p. 1.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

*1a. Fl-Artikolu 5(3), il-kliem introduttorju jinbidel b'dan li ġej:*

"*3. Fejn il-Kummissjoni, fuq il-bażi ta' tagħrif ipprovdut minn Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, issib li l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 hawn fuq, huma sodisfatti, il-Kummissjoni tista', hi u taġixxi skont il-proċedura konsultattiva stabbilita fl-Artikolu 21(1d), tissospendi t-trattament rilevanti sakemm l-ewwel tkun:*"

[Em. 156]

*1b. Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:*

"*4. Il-perjodu ta' sospensjoni skont dan l-Artikolu għandu jkun limitat għal dak li jkun meħtieġ biex jiġu mħarsa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. M'għandux jaqbeż is-sitt xhur, u jista' jiġġedded. Ma tmiem il-perjodu, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jew li ttemm is-sospensjoni […] jew li testendi l-perjodu ta' sospensjoni skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21(1d).*"

[Em. 325]

*1c. Fl-Artikolu 5(6), it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:*

"*Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni li tissospendi t-trattament rilevanti skont il-proċedura konsultattiva stabbilita fl-Artikolu 21(1d).*"

[Em. 158]

*1d. Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:*

"*3. Ir-regoli komuni tal-implimentazzjoni tal-arranġamenti għar-rifondi li hemm referenza dwarhom f'dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 21(2).*"

[Em. 159]

*1e. Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:*

"*4. Ir-regoli fid-dettall għall-qsim skond ir-reġjun u għall-implimentazzjoni tal-kwoti tarrifarji msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jiġu ddeterminati mill-Kummissjoni skond il-proċeduri ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 21(2).*"

[Em. 160]

*1f. Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 5 jinbidel b'dan li ġej:*

"*5. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli fid-dettall dwar is-suddiviżjoni tal-kwantitajiet previsti fil-paragrafi 1 għat-treġija tas-sistema msemmija fil-paragrafi 1, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 21(2).*"

[Em. 161]

*1g. Fl-Artikolu 10, il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:*

"*4. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli fid-dettall għat-treġija ta' din is-sistema u d-deċiżjonijiet ta' sospensjoni għandhom jiġu adottati skond il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 21(2).*"

[Em. 162]

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

2. L-Artikolu 14 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. Fejn, jidher li hemm biżżejjed xhieda li tiġġustifika bidu ta' proċediment, il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-bidu ta' proċediment għandu jseħħ fi żmien xahar mill-wasla tat-tagħrif għand Stat Membru."

(b) Fil-paragrafu 4, l-ewwel sentenza għandha tinbidel b'dan li ġej:

"4. Jekk il-Kummissjoni tkun tal-fehma li jeżistu ċ-ċirkustanzi stabbiliti fl-Artikolu 12, għandha minnufih tinnotifika r-reġjun jew l-istati fl-Anness I milquta mill-intenzjoni tagħha li jingħata bidu għal investigazzjoni."

3. L-Artikolu 16 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, it-tieni u t-tielet sentenzi jiġu sostitwiti bis-segwenti:

"Il-miżuri tranżitorji għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ***konsultattiva*** msemmija ~~fl-Artikolu 21(2)~~ ***fl-Artikolu 21(1d)***. F'każijiet ta' urġenza, għandu japplika l-Artikolu 21(3)."

**[Em. 163]**

(b) Fil-paragrafu 2, it-tieni sentenza għandha titħassar.

(c) Il-paragrafu 4 għandu jitħassar.

4. L-Artikolu 17 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 17*

Terminazzjoni tal-investigazzjoni u proċedura mingħajr miżuri

Fejn miżuri ta' salvagwardja bilaterali jitqiesu mhux meħtieġa l-investigazzjoni u l-proċedura għandhom jiġu terminati abbażi tal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21(2)."

5. L-Artikolu 18 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Jekk il-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma jwasslux għal soluzzjoni sodisfaċenti għaż-żewġ naħat fi żmien 30 jum minn meta l-kwistjoni tkun ġiet mgħarrfa lir-reġjun jew stat ikkonċernat, għandha tittieħed deċiżjoni li jiġu imposti miżuri definittivi bilaterali ta' salvagwardja mill-Kummissjoni, skont il-proċedura ta; eżami msemmija fl-Artikolu 21(2) fi żmien 20 jum tax-xogħol wara t-tmiem tal-perjodu ta' konsultazzjoni."

(b) Il-paragrafi 3 u 4 għandhom jitħassru.

6. L-Artikolu 20(2) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Id-deċiżjoni li tiġi imposta sorveljanza għandha tittieħed mill-Kummissjoni skont il-proċedura ***konsultattiva*** stabbilita ~~fl-Artikolu 21(2).~~ ***fl-Artikolu 21(1d)***."

**[Em. 164]**

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

7. L-Artikolu 21 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 21*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Għall-għanijiet ~~ta' dan il-Kapitolu~~ ***tal-Artikoli 5, 16, 17, 18, u 20*** ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar is-Salvagwardji stabbilit mill-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 260/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (*). Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) ~~Nru […/2011]~~ ***Nru 182/2011***. **[Em. 165]**

***1a. Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 4, il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali stabbilit bir-Regolament (KEE) Nru 2913/92. Dan il-Kumitat għandu jkun Kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** **[Em. 166]**

***1b. Għall-għanijiet tal-Artikolu 6, il-Kummissjoni għandu jkollha l-appoġġ tal-Kumitat stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1785/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross (**). Dan il-Kumitat għandu jkun Kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** **[Em. 167]**

***1c. Għall-għanijiet tal-Artikoli 7 u 9, il-Kummissjoni għandu jkollha l-appoġġ tal-Kumitat li twaqqaf permezz tar-Regolament (KE) Nru 318/2006. Dan il-Kumitat għandu jkun Kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** **[Em. 168]**

***1d. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** **[Em. 169]**

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) ~~Nru [xxxx/2011]~~ ***Nru 182/2011*** għandu japplika flimkien ~~mal-Artikolu [5]~~ ***mal-Artikolu 4*** tiegħu. **[Em. 170]**

4. Fil-każ ta' prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1701, il-Kumitat imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jkun megħjun mill-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 195 tar-Regolament tall-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (***)

***4a. Meta l-opinjoni tal-kumitat għandha tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha tiġi mitmuma mingħajr riżultat meta, fiż-żmien stipulat għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi dan jew il-maġġoranza tal-membri tal-kumitat jitolbu dan.*** **[Em. 171]**

---

(*) ĠU L 84, 31.3.2009, p. 1.
***(**) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 96.***
(***) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.".

***7a. L-Artikolu 24 għandu jitħassar.*** **[Em. 172]**

~~8. Għandhom jiddaħħlu l-Artikoli 24a, 24b u 24c li ġejjin:~~

"~~*Artikolu 24a*~~

~~**Eżerċizzju tad-delega**~~

~~1. Il-Kummissjoni se tingħata s-setgħat, għal perjodu ta' żmien mhux determinat, li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikoli 2(2) u (3).~~

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

~~2. Hekk kif hija tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess ħin.~~

~~3. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħat li tadotta l-atti delegati, skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 24b u 24c.~~

~~*Artikolu 24b*~~

~~**Revoka tad-delega**~~

~~1. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 2(2) u (3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe żmien mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.~~

~~2. L-istituzzjoni li tibda proċedura interna sabiex jiġi deċiż jekk tiġix irrevokata d-delega ta' setgħa għandha tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni, f'perjodu ta' żmien raġonevoli qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, billi tindika s-setgħat delegati li jistgħu jkunu s-suġġett ta' revoka kif ukoll ir-raġunijiet possibbli għal revoka.~~

~~3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delegar tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Għandu jkollha effett minnufih jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti ddelegati diġà fis-seħħ. Id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.~~

~~*Artikolu 24c*~~

~~**Oġġezzjonijiet għall-atti delegati**~~

~~1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-att delegat fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika. Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar.~~

~~2. Jekk meta jiskadi dak il-perijodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att delegat, huwa għandu jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għandu jidħol fis-seħħ fid-data fih stabbilita.~~

~~L-att iddelegat jista' jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jidħol fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn għarrfu lill-Kummissjoni bil-ħsieb tagħhom li ma jqajmux oġġezzjonijiet.~~

~~3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għall-att iddelegat adottat, dan ma għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet għaliex oġġezzjonat għall-att iddelegat.~~"

**[Em. 173]**

*8a. Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*

"*Artikolu 24d*

*Kunfidenzjalità*

***1. L-informazzjoni rċevuta skont dan ir-Regolament għandha tintuża biss għall-għan li għalih tkun ġiet mitluba.***

***2. L-ebda informazzjoni ta' natura kunfidenzjali u l-ebda informazzjoni provvduta fuq bażi konfidenzjali rċevuta skont dan ir-Regolament ma għandhom jiġu żvelati mingħajr permess speċifiku tal-fornitur ta' din l-informazzjoni.***

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

*3. Kull talba għall-kunfidenzjalità għandha tiddikjara r-raġunijiet li għalihom l-informazzjoni hi kunfidenzjali. Madankollu, jekk min iforni t-tagħrif jixtieq li la jagħmlu pubbliku u lanqas li jawtorizza l-iżvelar tiegħu f'termini ġenerali jew fil-għamla ta' sommarju u jekk ikun jidher li t-talba għall-kunfidenzjalità ma tkunx ġustifikata, it-tagħrif ikkonċernat jista' ma jitqiesx.*

*4. L-informazzjoni għandha fi kwalunkwe każ tkun ikkunsidrata bħala kunfidenzjali jekk l-iżvelar tagħha x'aktarx ikollu effett ħażin sinifikanti fuq il-fornitur jew fuq is-sors ta' din l-informazzjoni.*

*5. Il-paragrafi 1 sa 4 ma għandhomx jipprekludu r-referenza mill-awtoritajiet tal-Unjoni għal tagħrif ġenerali u b'mod partikolari għar-raġunijiet li fuqhom ikunu msejsa d-deċiżjonijiet meħuda skont dan ir-Regolament. Dawn l-awtoritajiet għandhom, madankollu, iqisu l-interess leġittimu tal-persuni naturali u legali kkonċernati li ma jiġux żvelati s-sigrieti kummerċjali tagħhom."*

**[Em. 174]**

*8b. Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*

"*Artikolu 24e*

*Rapport*

*1. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tar-Regolament. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-Kummissjoni, il-Kumitati, u l-korpi l-oħra kollha responsabbli mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u mis-sodisfazzjon tal-obbligi li jiġu minnhom, inkluż l-obbligi li jirrigwardaw l-ostakli għall-kummerċ.*

*2. Ir-rapport għandu jippreżenta wkoll ġabra qasira tal-istatistika u tal-evoluzzjoni tal-kummerċ mal-pajjiżi tal-ACP.*

*3. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.*

*4. Il-Parlament Ewropew jista', fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tar-rapport mill-Kummissjoni, jistieden lill-Kummissjoni għal laqgħa ad hoc tal-kumitat reponsabbli tagħha biex tippreżenta u tispjega xi kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*

*5. Mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-preżentazzjoni tar-rapport lill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapport."*

**[Em. 175]**

**15. IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 140/2008 TAD-19 TA' NOVEMBRU 2007 DWAR ĊERTI PROĊEDURI GĦALL-APPLIKAZZJONI TAL-FTEHIM TA' STABBILIZZAZZJONI U ASSOĊJAZZJONI BEJN IL-KOMUNITAJIET EWROPEJ U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHOM, MINN NAĦA WAĦDA, U R-REPUBBLIKA TAL-MONTENEGRO, MIN-NAĦA L-OĦRA, U GĦALL-APPLIKAZZJONI TAL-FTEHIM TEMPORANJU BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA, MINN NAĦA WAĦDA, U R-REPUBBLIKA TAL-MONTENEGRO, MIN-NAĦA L-OĦRA** (1)

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 140/2008, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. biex tadotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament b'konfomità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(1) ĠU L 43, 19.2.2008, p. 1.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 140/2008 jiġi emendat b'dan li ġej:

***-1. Il-Premessa 7 għandha titħassar.*** *[Em. 176]*

***-1a. Il-Premessa 8 għandha tinbidel b'dan li ġej:***

"*(8)* ***Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni għall-adozzjoni ta' regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' diversi dispożizzjonijiet tal-SAA, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (*).***

***(*) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.***"

**[Em. 177]**

***-1b. Tiżdied il-premessa li ġejja:***

"*(8a)* ***Il-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-adozzjoni ta' miżuri ta' sorveljanza u provviżorji u għas-sospensjoni temporanja tat-trattament preferenzjali minħabba l-effetti ta' dawn il-miżuri u l-loġika sekwenzjali tagħhom fir-rigward tal-adozzjoni tal-miżuri definittivi ta' salvagwardja. Meta dewmien fl-impożizzjoni ta' miżuri jikkawża dannu li jkun diffiċli li jissewwa, jeħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta miżuri provviżorji immedjatament applikabbli.***"

**[Em. 178]**

***-1c. Tiżdied il-premessa li ġejja:***

"*(8b)* ***Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li japplikaw immedjatament fejn, f'każijiet verament ġustifikati relatati ma' ċirkostanzi eċċezzjonali u kritiċi li joriġinaw fi ħdan l-Artikoli 26(5)(b) u 27(4) tal-Ftehim Temporanju, u wara dan, l-Artikolu 41(5)(b) u 42(4) tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, jekk raġunijiet imperattivi urġenti jesiġu dan.***"

**[Em. 179]**

***-1d. L-Artikolu 2 jinbidel b'dan li ġej:***

"***Artikolu 2***

***Konċessjonijiet għall-ħut u l-prodotti tas-sajd***

***Għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 14(1) tal-Ftehim Temporanju, u konsegwentement l-Artikolu 29 ta' l-SAA, fir-rigward ta' kwoti tariffarji fuq ħut u prodotti tas-sajd, skond il-proċedura ta' eżaminazzjoni stabbilita fl-Artikolu 8a(2) ta' dan ir-Regolament.***"

**[Em. 180]**

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

*-1e. L-Artikolu 4 jinbidel b'dan li ġej:*

"*Artikolu 4*

*Adattamenti tekniċi*

***Kull emenda u adattament tekniku fuq id-dispożizzjonijiet adottati skond dan ir-Regolament li jsiru meħtieġa minħabba tibdil fil-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda u fis-suddifviżjonijiet TARIC jew li joħorġu mill-konklużjoni ta' Ftehimiet, Protokolli, Skambji ta' Ittri jew atti oħra ġodda jew modifikati bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Montenegro, u li ma jinvolvux xi emendi sostanzjali, jiġu adattati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni stabbilita fl-Artikolu 8a(2).***"

**[Em. 181]**

*-1f. L-Artikolu 5 jinbidel b'dan li ġej:*

"*Artikolu 5*

*Klawsola ta' salvagwardja ġenerali*

***Fejn l-Unjoni teħtieġ li tieħu miżura kif previst fl-Artikolu 26 tal-Ftehim Temporanju, u konsegwentement fl-Artikolu 41 tal-SAA, għandha tiġi adottata skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni stipulata fl-Artikolu 8a(2) ta' dan ir-Regolament, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Artikolu 26 tal-Ftehim Temporanju, u fl-Artikolu 41 ta l-SAA.***"

**[Em. 182]**

*-1g. L-Artikolu 6 jinbidel b'dan li ġej:*

"*Artikolu 6*

*Klawsola ta' nuqqas*

***Fejn l-Unjoni teħtieġ tieħu miżura kif previst fl-Artikolu 27 tal-Ftehim Temporanju, u konsegwentement fl-Artikolu 42 ta' l-SAA, hija għandha tiġi adottata skond il-proċedura ta' eżaminazzjoni stipulata fl-Artikolu 8a(2) ta' dan ir-Regolament.***"

**[Em. 183]**

1. Fl-Artikolu 7, it-tielet, ir-raba' u l-ħames inċiżi jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri provviżorji f'konformità mal-proċedura ***konsultattiva*** msemmija ~~fl-Artikolu 8a(2)~~ ***fl-Artikolu 8a(1a)***. F'każijiet ta' urġenza, għandu japplika ~~l-Artikolu 8a(3)~~ ***l-Artikolu 8a(2a)***."

**[Em. 184]**.

2. Fl-Artikolu 8, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri provviżorji f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 8a(2). F'każijiet ta' urġenza, għandu japplika l-Artikolu 8a(3)."

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

3. Għandu jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 8a*

**Proċedura ta' kumitat**

***-1. Għall-għanijiet tal-Artikoli 2, 4, u 11, il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat ta' Kodiċi Doganali stabbilit permezz tal-Artikolu 248a tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità*** (*). ***Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** **[Em. 185]**

***-1a. Għall-finijiet tal-Artikolu 6, il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat li twaqqaf permezz tar-Regolament (KE) Nru 1061/2009 tad- 19 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għall-esportazzjoni*** (**). ***Dan il-Kumitat għandu jkun Kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** **[Em. 186]**

1. Għall-finijiet ~~tal-Artikoli 7 u 8~~ ***tal-Artikoli 5, 7 u 8***, il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar is-Salvagwardji stabbilit mill-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 260/2009 tas- 26 ta' Frar 2009 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (***). Dak il-Kumitat għandu jkun Kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) ~~Nru [..../2011]~~ ***Nru 182/2011***. **[Em. 187]**

***1a. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** **[Em. 188]**

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

***2a. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 għandu japplika flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu.*** **[Em. 189]**

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 għandu japplika flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

***3a. Meta l-opinjoni tal-kumitat għandha tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha tiġi mitmuma mingħajr riżultat meta, fiż-żmien stipulat għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi dan jew il-maġġoranza tal-membri tal-kumitat jitolbu dan.***

***(*) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.***
***(**) ĠU L 291, 7.11.2009, p. 1***
(***) ĠU L 84, 31.3.2009, p. 1."

**[Em. 190]**

***3a. Fl-Artikolu 11, it-tielet paragrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:***

"***Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 8a(1a) ta' dan ir-Regolament, li tissosspendi temporarjament it-trattament preferenzjali rilevanti tal-prodotti kif previst fl-Artikolu 31(4) tal-Ftehim Temporanju, u suċċessivament fl-Artikolu 46(4) tal-SAA.***"

**[Em. 191]**

*3b. L-Artikolu 12 għandu jitħassar.* [Em. 192]

**16. IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 55/2008 TAL-21 TA' JANNAR 2008 LI JINTRODUĊI L-PREFERENZI AWTONOMI GĦALL-KUMMERĊ GĦAR-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA U LI JEMENDA R-REGOLAMENT (KE) NRU 980/2005 U D-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI 2005/924/KE** ([1])

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 55/2008, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament b'konfomità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 55/2008 jiġi emendat b'dan li ġej:

*-1. Il-Premessa 11 għandha titħassar.* [Em. 193]

*-1a. Il-Premessa 12 għandha titħassar.* [Em. 194]

*-1b. Il-Premessa 13 għandha tinbidel b'dan li ġej:*

"*(13) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni fuq il-Kummissjoni. Dawn il-poteri ta' implimentazzjoni għandhom ikunu mwettqa b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni (*).*

*(*) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.*"

[Em. 195]

*-1c. Tiddaħħal il-premessa li ġejja:*

"*(13a) Il-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-adozzjoni ta' miżuri ta' sorveljanza u provviżorji u għas-sospensjoni temporanja tat-trattament preferenzjali minħabba l-effetti ta' dawn il-miżuri u l-loġika sekwenzjali tagħhom fir-rigward tal-adozzjoni tal-miżuri definittivi ta' salvagwardja. Meta dewmien fl-impożizzjoni ta' miżuri jikkawża dannu li jkun diffiċli li jissewwa, jeħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta miżuri provviżorji immedjatament applikabbli.*"

[Em. 196]

*-1d. Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:*

"*3. Minkejja dispożizzjonijiet oħra ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-Artikolu 10, jekk l-importazzjonijiet ta' prodotti agrikoli jikkawżaw tfixkil serju għas-swieq tal-Unjoni u l-mekkaniżmi regolatorji tagħha, il-Kummissjoni tista' tieħu l-miżuri adatti permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati bil-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 11a(2).*"

[Em. 197]

([1]) ĠU L 20, 24.1.2008, p. 1.

L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012

***-1e. L-Artikolu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:***

"***Artikolu 4***

***Implimentazzjoni tal-kwoti tat-tariffi għall-prodotti tal-ħalib***

***Ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-kwota tarrifarja għall-prodotti ta' "laħam taċ-ċanga għat-trabi", għandhom jiġu ddeterminati mill-Kummissjoni permezz tal-atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati bil-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 11a(2).***"

**[Em. 198]**

***-1f. Fl-Artikolu 7, il-kliem introduttorju jinbidel b'dan li ġej:***

"***Il-Kummissjoni għandha, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11a(2), tadotta d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 4, notevolment:***"

**[Em. 199]**

***-1g. L-Artikolu 8 għandu jitħassar.*** **[Em. 200]**

1. L-Artikolu 10 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-kliem introduttorju tal-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Fejn il-Kummissjoni ssib li hemm biżżejjed evidenza ta' frodi, irregolaritajiet jew nuqqas sistematiku mill-Moldova ta' konformità jew ta' żgurar ta' konformità mar-regoli tal-oriġini tal-prodotti u l-proċeduri relatati magħhom u biex tipprovdi kooperazzjoni amministrattiva kif imsemmi fl-Artikolu 2(1), jew nuqqas ta' konformità ma' xi waħda mill-kundizzjonijiet l-oħra definiti fl-Artikolu 2(1), tista' tieħu l-miżuri skont il-proċedura ***konsultattiva*** msemmija ~~fl-Artikolu 11a(2)~~ ***fl-Artikolu 11a(1b)*** biex tissospendi kompletament jew parti mill-arranġamenti preferenzjali previsti f'dan ir-Regolament għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur, sakemm l-ewwel tkun:"

**[Em. 201]**

(b) Il-paragrafu 2 għandu jitħassar.

***(ba) Il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:***

"***3. Mal-għeluq tal-perjodu ta' sospensjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jew li ttemm il-miżura ta' sospensjoni proviżorja […] jew li testendi l-miżura ta' sospensjoni skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11a(1b).***"

**[Em. 326]**

2. Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Meta prodott li joriġina fil-Moldova jkun importat fuq termini li jikkawżaw, jew jheddu li jikkawżaw, diffikultajiet serji għal produttur tal-Unjoni għal prodotti simili jew li jikkompetu direttament, id-dazji tat-Tariffi Doganali Komuni fuq dak il-prodott jistgħu jerġgħu jiġu introdotti f'kull ħin mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11a(2)."

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

***2a. Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 5 jinbidel b'dan li ġej:***

"***5. L-investigazzjoni għandha titlesta fi żmien 6 xhur wara l-pubblikazzjoni tan-notifika msemmija fil-paragrafu 2. Il-Kummissjoni tista', f'każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali u wara li tikkonsulta l-Kumitat, testendi dan il-perjodu skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11a(1b).***"

**[Em. 327]**

***2b. Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 6 jinbidel b'dan li ġej:***

"***6. Il-Kummissjoni għandha tieħu d-deċiżjoni fi żmien 3 xhur, skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 11a(2). Deċiżjoni simili għandha tidħol fis-seħħ fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni tagħha.***"

**[Em. 204]**

***2c. Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 7 jinbidel b'dan li ġej:***

"***7. Fejn investigazzjoni ma tkunx possibbli minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali li jeħtieġu azzjoni immedjata għal investigazzjoni, il-Kummissjoni tista' tieħu miżuri preventivi li huma strettament meħtieġa, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11a(2a).***"

**[Em. 205]**

3. Għandu jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 11a*

**Il-Kumitat**

1. Għall-finijiet ~~tal-Artikolu 11~~ ***tal-Artikolu 3(3), 11 u 12*** ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar is-Salvagwardji stabbilit mill-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 260/2009 tas- 26 ta' Frar 2009 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (*). Dak il-Kumitat għandu jkun Kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) ~~Nru [.…/2011]~~ ***Nru 182/2011***. **[Em. 206]**

***1a. Għall-iskop tal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 195 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (**). Dan il-Kumitat għandu jkun Kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** **[Em. 207]**

***1b. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** **[Em. 208]**

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

***2a. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 għandu japplika flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu.*** **[Em. 209]**

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

***2b. Meta l-opinjoni tal-kumitat għandha tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha tiġi mitmuma mingħajr riżultat meta, fiż-żmien stipulat għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi dan jew il-maġġoranza tal-membri tal-kumitat jitolbu dan.*** *[Em. 210]*

(*) ĠU L 84, 31.3.2009, p. 1.
***(**) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.***"

***3a. Fl-Artikolu 12, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:***

"**2.** ***Jekk il-Moldova ma tikkonformax mar-regoli tal-oriġini jew ma tipprovdix il-kooperazzjoni amministrattiva meħtieġa fl-Artikolu 2 għall-Kapitoli 17, 18, 19 u 21 imsemmija qabel, jew ta' importazzjoni ta' prodotti taħt dawk il-Kapitoli soġġetti għal arranġamenti preferenzjali mogħtija taħt dan ir-Regolament jeċċedu sewwa l-livelli tas-soltu ta' esportazzjoni tal-Moldova, għandhom jittieħdu miżuri xierqa skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 11a(2).***"

**[Em. 211]**

**17. IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 594/2008 TAS-16 TA' ĠUNJU 2008 DWAR ĊERTI PROĊEDURI SABIEX JIĠI APPLIKAT IL-FTEHIM TA' STABBILIZZAZZJONI U ASSOĊJAZZJONI BEJN IL-KOMUNITAJIET EWROPEJ U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHOM, MINN NAĦA WAĦDA, U R-REPUBBLIKA TAL-BOSNJA-ĦERZEGOVINA, MIN-NAĦA L-OĦRA, U SABIEX JIĠI APPLIKAT IL-FTEHIM TEMPORANJU DWAR IL-KUMMERĊ U MATERJI RELATATI MAL-KUMMERĊ BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA, MINN NAĦA WAĦDA, U L-BOSNJA-ĦERZEGOVINA, MIN-NAĦA L-OĦRA** [1],

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 594/2008, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament b'konfomità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 594/2008 jiġi emendat b'dan li ġej:

***-1. Titħassar il-Premessa 7.*** **[Em. 212]**

***-1a. Il-Premessa 8 tinbidel b'dan li ġej:***

"***(8) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-adozzjoni ta' regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' diversi dispożizzjonijiet tal-SAA, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (*).***

***(*) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.***"

**[Em. 213]**

***-1b. Tiddaħħal il-premessa li ġejja:***

"***(8a) Il-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-adozzjoni ta' miżuri ta' sorveljanza u provviżorji u għas-sospensjoni temporanja tat-trattament preferenzjali minħabba l-effetti ta' dawn il-miżuri u l-loġika sekwenzjali tagħhom fir-rigward tal-adozzjoni tal-miżuri definittivi ta' salvagwardja. Meta dewmien fl-impożizzjoni ta' miżuri jikkawża dannu li jkun diffiċli li jissewwa, jeħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta miżuri provviżorji immedjatament applikabbli.***"

**[Em. 214]**

[1] ĠU L 169, 30.6.2008, p. 1.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

*-1c. Tiddaħħal il-premessa li ġejja:*

"*(8b) Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li japplikaw immedjatament meta, f'każijiet debitament ġustifikati relatati ma' ċirkostanzi eċċezzjonali u kritiċi li joriġinaw fi ħdan is-sens l-Artikoli 24(5)(b) u 25(4) tal-Ftehim Intermedjarju, u wara dan, l-Artikolu 39(5)(b) u 40(4) tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, ikun hemm raġunijiet imperattivi urġenti jesiġu dan.*"

[Em. 215]

*-1d. L-Artikolu 2 jinbidel b'dan li ġej:*

"*Artikolu 2*

*Konċessjonijiet għall-ħut u l-prodotti tas-sajd*

*Konformement mal-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 8a(2) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha taddotta regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 13(1) tal-Ftehim Temporanju, u suċċessivament tal-Artikolu 28(1) tal-SAA, dwar kwoti tariffarji għall-ħut u l-prodotti tas-sajd.*"

[Em. 216]

*-1e. L-Artikolu 4 jinbidel b'dan li ġej:*

"*Artikolu 4*

*Adattamenti tekniċi*

*L-emendi u l-addattazzjonijiet tekniċi fid-dispożizzjonijiet adottati skond dan ir-Regolament li jsiru neċessarji minħabba tibdil fil-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda u fid-subdiviżjonijiet TARIC jew li joħorġu mill-konklużjoni ta' Ftehim, Protokolli, Skambji ta' Ittri jew atti oħrajn ġodda jew modifikati bejn l-Unjoni u l-Bosnija-Herzegovina, u li ma għandhomx jinkludu tibdil sostantiv, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura ta' eżaminazzjoni stabbilita fl-Artikolu 8a(2).*"

[Em. 217]

*-1f. L-Artikolu 5 jinbidel b'dan li ġej:*

"*Artikolu 5*

*Klawsola ta' salvagwardja ġenerali*

*Fejn l-Unjoni teħtieġ li tieħu miżura kif previst fl-Artikolu 24 tal-Ftehim Temporanju, u suċċessivament fl-Artikolu 39 tal-SAA, għandha tiġi adottata skond il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 8a(2) ta' dan ir-Regolament, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Artikolu 24 tal-Ftehim Temporanju, u fl-Artikolu 39 tal-SAA.*"

[Em. 218]

*-1g. L-Artikolu 6 jinbidel b'dan li ġej:*

"*Artikolu 6*

*Klawsola ta' nuqqas*

*Fejn l-Unjoni teħtieġ li tieħu miżura kif previst fl-Artikolu 25 tal-Ftehim Temporanju, u suċessivament fl-Artikolu 40 tal-SAA, għandha tiġi adottata skond il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 8a(2) ta' dan ir-Regolament.*"

[Em. 219]

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

1. Fl-Artikolu 7, it-tielet, ir-raba' u l-ħames inċiżi jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri provviżorji f'konformità mal-proċedura ***konsultattiva*** msemmija ~~fl-Artikolu 8a(2)~~ ***fl-Artikolu 8a(1a)***. F'każijiet ta' urġenza, għandu japplika ~~l-Artikolu 8a(3)~~ ***l-Artikolu 8a(2a)***."

**[Em. 220]**

2. Fl-Artikolu 8, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri provviżorji f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 8a(2). F'każijiet ta' urġenza, għandu japplika l-Artikolu 8a(3)."

3. Għandu jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 8a*

**Proċedura ta' kumitat**

***-1. Għall-finijiet tal-Artikoli 2, 4, u 11 ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat ta' Kodiċi Doganali stabbilit permezz tal-Artikolu 248a tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (*) li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunita'. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** **[Em. 221]**

***-1a. Għall-finijiet tal-Artikolu 6, il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat li twaqqaf permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1061/2009 tad-19 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għall-esportazzjoni (**). Dan il-Kumitat għandu jkun Kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** **[Em. 222]**

1. Għall-finijiet ~~tal-Artikoli 7 u 8~~ ***tal-Artikoli 5, 7 u 8***, il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar is-Salvagwardji stabbilit mill-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 260/2009 tas- 26 ta' Frar 2009 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (***). Dak il-Kumitat għandu jkun Kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) ~~Nru […/2011]~~ ***Nru 182/2011***. **[Em. 223]**

***1a. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** **[Em. 224]**

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

***2a. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 għandu japplika flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu.*** **[Em. 225]**

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 għandu japplika flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

***3a. Meta l-opinjoni tal-kumitat għandha tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha tiġi mitmuma mingħajr riżultat meta, fiż-żmien stipulat għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi dan jew il-maġġoranza tal-membri tal-kumitat jitolbu dan.*** **[Em. 226]**

***(*) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.***
***(**) ĠU L 291, 7.11.2009, p. 1.***
(***) ĠU L 84, 31.3.2009, p. 1."

***3a. Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:***

"***Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 8a(1a) ta' dan ir-Regolament, li tissospendi temporarjament it-trattament preferenzjali rilevanti tal-prodotti kif previst fl-Artikolu 29(4) tal-Ftehim Temporanju, u suċċessivament fl-Artikolu 44(4) tal-SAA.***"

**[Em. 227]**

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

*3b. Jitħassar l-Artikolu 12.* **[Em. 228]**

**18. IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 732/2008 TAT-22 TA' LULJU 2008 LI JAPPLIKA SKEMA TA' PREFERENZI TARIFFARJI ĠENERALIZZATI GĦALL-PERJODU MILL-1 TA' JANNAR 2009 SAL-31 TA' DIĊEMBRU 2011 U LI JEMENDA R-REGOLAMENTI (KE) NRU 552/97, NRU 1933/2006 U R-REGOLAMENTI TAL-KUMMISSJONI (KE) NRU 1100/2006 U (KE) NRU 964/2007** [1]

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 732/2008, ***is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni għall-iskop tal-emendar tal-Anness I ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk,*** għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament b'konformità mar-Regolament ~~(UE) Nru [xxxx/2011] ta' [xx/yy/2011]~~ ***Nru 182/2011.*** **[Em. 229]**

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 732/2008 jiġi emendat b'dan li ġej:

***-1. Tiddaħħal il-premessa li ġejja:***

*"(24a) Sabiex jiġu adottati d-dispożizzjonijiet neċessarji għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-għoti lill-pajjiż li jagħmel it-talba tal-arranġament ta' inċentiv speċjali għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba u biex jiġi emendat l-Anness I b'mod korrispondenti, bl-adozzjoni ta' regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rigward it-tnaqqis tad-dazji tat-Tariffi Doganali Komuni fuq il-prodotti taħt l-intestatura 1701, is-sopensjoni tad-dazji tat-Tariffi Doganali Komuni fuq il-prodotti taħt l-intestaturi tariffarji 1006 u 1701, il-ħtieġa ta' liċenzji ta' importazzjoni għal importazzjonijiet ta' prodotti taħt l-intestatura tariffarja 1701, it-tneħħija ta' pajjiż mill-arranġament bl-emenda tal-Anness I u l-istabbiliment ta' perjodu ta' tranżizzjoni, is-sospensjoni tal-arranġamenti preferenzjali previsti minn dan ir-Regolament, l-irtirar temporanju tal-arranġamenti preferenzjali fir-rigward tal-prodotti kollha jew ta' ċerti prodotti li joriġinaw minn pajjiż benefiċjarju, u l- emendar tal-Anness I għal dan ir-Regolamenti. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tipprepara u tfassal l-atti delegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, fil-ħin u adegwata tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill."*

**[Em. 230]**

***-1a. Il-Premessa 25 tinbidel b'dan li ġej:***

*"(25) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-adozzjoni tal-miżuri provviżorji u definittivi, għall-impożizzjoni ta' miżuri ta' sorveljanza ta' qabel, u għat-tmiem ta' investigazzjoni mingħajr miżuri, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati f'konformità f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (*).*

*(*) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13."*

**[Em. 231]**

***-1b. Tiddaħħal il-premessa li ġejja:***

*"(25a) Il-proċedura konsultattiva flimkien ma' atti ta' implimentazzjoni immedjatament applikabbli għandha tintuża għall-bidu u l-estensjoni ta' investigazzjoni, għall-adozzjoni ta' deċiżjoni biex tiġi mmonitorjata u vvalutata s-sitwazzjoni fil-pajjiż benefiċjarju għal perjodu ta' sitt xhur jekk jitqies li l-irtirar temporanju tal-preferenzi jkun ġustifikat, u għall-adozzjoni ta' miżuri provviżorji minħabba l-effetti ta' dawn il-miżuri u l-loġika sekwenzjali tagħhom fir-rigward tal-adozzjoni ta' miżuri definittivi ta' salvagwardja. Meta dewmien fl-impożizzjoni ta' miżuri jikkawża dannu li jkun diffiċli li jissewwa, jeħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta miżuri provviżorji immedjatament applikabbli."*

**[Em. 232]**

[1] ĠU L 211, 6.8.2008, p. 1.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

***-1c. L-Artikolu 10 jiġi emendat kif ġej:***

***(a) Il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:***

"***2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati bi qbil mal-Artikolu 27a sabiex tiddeċiedi, wara li tkun eżaminat it-talba, jekk għandhiex tagħti lill-pajjiż li jagħmel it-talba, l-arranġament ta' inċentiv speċjali għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba u biex temenda l-Anness I b'mod korrispondenti.***

***Fejn dewmien fl-azzjoni jikkawża dannu li jkun diffiċli jissewwa u għalhekk raġunijiet imperattivi urġenti jesiġu dan, il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 27b għandha tapplika għal atti ddelegati adottati skont dan il-paragrafu.***"

***(b) Il-paragrafu 5 għandu jinbidel b'dan li ġej:***

"***5. Il-Kummissjoni għandha tmexxi r-relazzjonijiet kollha dwar it-talba ma' pajjiż li qed jagħmel it-talba waqt li taġixxi skond il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 27(5).***"

**[Em. 233]**

***-1d. L-Artikolu 11 jiġi emendat kif ġej:***

***(a) Il-paragrafu 7 jinbidel b'dan li ġej:***

"***7. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 27a sabiex tadotta regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 4, 5 u 6 ta' dan l-Artikolu.***

***Fejn dewmien fl-azzjoni jikkawża dannu li jkun diffiċli jissewwa u għalhekk raġunijiet imperattivi urġenti jesiġu dan, il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 27b għandha tapplika għal atti ddelegati adottati skont dan il-paragrafu.***"

***(b) Il-paragrafu 8 għandu jinbidel b'dan li ġej:***

"***8. Meta pajjiż jiġi eskluż min-NU mil-lista tal-pajjiżi l-anqas żviluppati, dan għandu jitneħħa mil-lista ta' benefiċjarji ta' dan l-arranġament. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 27a sabiex tneħħi pajjiż mill-arranġament billi temenda l-Anness I u tistabbilixxi perjodu ta' tranżizzjoni ta' mill-inqas tliet snin.***"

**[Em. 234]**

1. L-Artikolu 16 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 3, il-frażi introduttorja qiegħda tinbidel b'dan li ġej:

"3. Il-Kummissjoni ~~tista'~~ ***għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 27a sabiex*** tissospendi l-arranġamenti preferenzjali previsti f'dan ir-Regolament, fir-rigward tal-prodotti kollha jew ta' ċerti prodotti li joriġinaw f'pajjiż benefiċjarju, ~~b'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(6),~~ meta tqis li hemm biżżejjed evidenza biex ikun iġġustifikat irtirar temporanju għar-raġunijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, sakemm l-ewwel tkun:"

**[Em. 235]**

(b) Il-paragrafu 4 għandu jitħassar.

2. L-Artikolu 17 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 17*

1. Fejn il-Kummissjoni jew Stat Membru jirċievi informazzjoni li tista' tiġġustifika l-irtirar temporanju u fejn il-Kummissjoni jew Stat Membru jikkunsidraw li hemm biżżejjed raġunijiet għal investigazzjoni, huwa għandu jinforma lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 27.

**L-Erbgħa 14 ta’ Marzu 2012**

2. Il-Kummissjoni tista’ tiddeċiedi, fi żmien xahar u skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(5), li tagħti bidu għal investigazzjoni."

***(2a) Fl-Artikolu 18, il-paragrafu 6 jinbidel b’dan li ġej:***

"***6. L-investigazzjoni għandha titlesta fi żmien sena. Il-Kummissjoni tista’ testendi dan il-perjodu, skond il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 27(5).***"

**[Em. 236]**

3. L-Artikolu 19 għandu jiġi emendat kif ġej:

***(-a) Il-paragrafu 1 jinbidel b’dan li ġej:***

"***1. Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport dwar is-sejbiet tagħha lill-Kumitat li hemm referenza għalih fl-Artikolu 27(1) kif ukoll lill-Parlament Ewropew.***"

**[Em. 237]**

***(-aa) Il-paragrafu 2 jinbidel b’dan li ġej:***

"***2. Fejn il-Kummissjoni tikkunsidra li s-sejbiet ma jiġġustifikawx irtirar temporanju, hija għandha tiddeċiedi, skond il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 27(5), li ttemm l-investigazzjoni. F’dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż fil-Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea, li jħabbar it-tmiem tal-investigazzjoni u jistipula l-konklużjonijiet prinċipali tagħha.***"

**[Em. 238]**

(a) ~~Fil-paragrafu 3, it-tieni sentenza għandha tiġi sostitwita~~ ***Il-paragrafu 3 jinbidel*** b’dan li ġej:

"***3. Fejn il-Kummissjoni tikkunsidra li s-sejbiet jiġġustifikaw l-irtirar temporanju għar-raġuni msemmija fl-Artikolu 15(1)(a), hija għandha tiddeċiedi, skond il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 27(5), li tissorvelja u tivvaluta l-qagħda fil-pajjiż benefiċjarju kkonċernat għal perjodu ta’ sitt xhur.*** “Il-Kummissjoni għandha tinnotifika din id-deċiżjoni lill-pajjiż benefiċjarju kkonċernat u għandha tippubblika avviż *f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li jħabbar li biħsiebha tirtira temporanjament l-arranġamenti preferenzjali fir-rigward tal-prodotti kollha jew xi wħud minnhom li joriġinaw minn pajjiż benefiċjarju, ħlief jekk, qabel tmiem il-perjodu, il-pajjiż benefiċjarju kkonċernat ikun intrabat li jieħu l-miżuri neċessarji biex ikun konformi, f’perjodu ta’ żmien raġjonevoli, mal-konvenzjonijiet imsemmija fil-Parti A tal-Anness III."

**[Em. 239]**

(b) Il-paragrafu 4 għandu jinbidel b’dan li ġej:

"4. ~~Meta~~ Il-Kummissoni ~~tqis li jkun hemm bżonn ta’ rtirar~~ ***għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 27a sabiex tiddeċiedi dwar*** l-irtirar temporanju~~, hija għandha tiddeċiedi skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(6)~~. Fil-każ imsemmi fil-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha taġixxi fi tmiem il-perjodu msemmi f’dak il-paragrafu."

**[Em. 240]**

(c) Il-paragrafu 5 għandu jinbidel b’dan li ġej:

"5. Meta l-Kummissjoni ~~tiddeċiedi~~ ***tadotta att delegat*** dwar l-irtirar temporanju, din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ sitt xhur wara li tittieħed, sakemm ***l-atti delegati ma jkunux ġew revokati, jew*** il-Kummissjoni ma tiddeċidix ***li tirtira l-att delegat*** minn qabel ***minħabba l-fatt*** li r-raġunijiet li jiġġustifikawh ma ~~għadhomx~~ ***jkunux għadhom*** jeżistu."

**[Em. 241]**

4. L-Artikolu 20 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 5 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"5. L-investigazzjoni għandha titlesta fi żmien sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż imsemmi fil-paragrafu 2. Il-Kummissjoni tista', f'każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali u wara li tikkonsulta l-Kumitat, testendi dan il-perjodu skont il-proċedura ***konsultattiva*** msemmija fl-Artikolu 27(5)."

**[Em. 328]**

(b) Il-paragrafu 6 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"6. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni fi żmien xahar, skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 27(6). Deċiżjoni bħal din għandha tidħol fis-seħħ fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*."

(c) Il-paragrafu 7 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"7. Fejn ċirkostanzi eċċezzjonali li jirrikjedu azzjoni immedjata jagħmlu investigazzjoni impossibbli, il-Kummissjoni tista', b'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(7), tieħu kwalunkwe miżura ~~preventiva~~ ***provviżorja*** li tkun strettament meħtieġa.

***Fejn Stat Membru jitlob intervent immedjat mill-Kummissjoni u fejn jiġu soddisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol wara li tkun waslet it-talba.***

***Il-miżuri provviżorji m'għandhomx japplikaw għal aktar minn 200 jum.***

***Jekk il-miżuri provviżorji ta' salvagwardja jiġu revokati minħabba li l-investigazzjoni turi li ma ġewx soddisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu, kull dazju miġbur bħala riżultat ta' dawk l-miżuri provviżorji għandu jintradd lura awtomatikament.***"

**[Em. 243]**

5. L-Artikolu 21 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 21*

Meta l-importazzjonijiet ta' prodotti inklużi fl-Anness I tat-Trattat jikkawżaw, jew jheddu li jikkawżaw, tfixkil serju għas-swieq tal-Unjoni, b'mod partikolari lil wieħed jew iżjed mir-reġjuni l-iktar imbiegħda, jew lill-mekkaniżmi regolatorji ta' dawn is-swieq, il-Kummissjoni, fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba ta' Stat Membru, tista' tissospendi l-arranġamenti preferenzjali fir-rigward tal-prodotti kkonċernati b'konformità mal-proċedura ***konsultattiva*** msemmija ~~fl-Artikolu 27(6) wara li tikkonsulta lill-kumitat ta' ġestjoni għall-organizzazzjoni rilevanti tas-suq komuni.~~***fl-Artikolu 27(5).***"

**[Em. 329]**

6. L-Artikolu 22(2) għandu ~~jitħassar~~ ***b'dan li ġej:***

"***2. Il-miżuri ta' sorveljanza minn qabel għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 27(5).***"

**[Em. 244]**

***6a. Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:***

"***Artikolu 22a***

***1. Meta l-fatti kif finalment stabbiliti juru li kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 20 ġew soddisfatti, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li ttemm l-investigazzjoni u l-proċediment skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 27(6).***

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

***2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta, bir-rispett xieraq tal-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali, fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 27c, rapport li jiddikjara s-sejbiet u l-konklużjonijiet motivati tagħha dwar il-kwistjonijiet kollha pertinenti tal-fatti u tad-dritt lill-Parlament Ewropew. Mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-preżentazzjoni tar-rapport lill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapport.***"

[Em. 245]

***6b. Fl-Artikolu 25 il-kliem introduttorju jinbidel b'dan li ġej:***

"***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 27a sabiex tadotta emendi għall-Annessi li jsiru meħtieġa:***"

[Em. 246]

7. ~~Fl-Artikolu 27, għandhom jiżdiedu l-paragrafi 6 u 7 li ġejjin:~~ ***L-Artikolu 27 jinbidel b'dan li ġej:***

"*Artikolu 27*

***1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat tal-Preferenzi Ġeneralizzati. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.***

***5. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.***

6. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu [5] tar-Regolament (UE) ~~Nru [xxxx/2011]~~ ***Nru 182/2011***.

7. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu [8] tar-Regolament (UE) ~~Nru [xxxx/2011]~~ ***Nru 182/2011*** għandu japplika flimkien ~~mal-Artikolu [5]~~ ***mal-Artikolu 4*** tiegħu.

***7a. Meta l-opinjoni tal-kumitat tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat f'każijiet fejn, fiż-żmien stipulat għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi dan jew il-maġġoranza tal-membri tal-kumitat jitolbu dan.***"

[Em. 247]

***7a. Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:***

"*Artikolu 27a*

***1. Is-setgħa li tadotta atti delegati tingħata lill-Kummissjoni skont il-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.***

***2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 10(2), l-Artikolu 11(7) u (8), l-Artikolu 16(3), l-Artikolu 19(4) u (5) u l-Artikolu 25 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn … (+). Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi prorogata b'mod taċitu għal perjodi ta' tul ta' żmien identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux din il-proroga sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.***

***3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 10(2), fl-Artikolu 11(7) u (8), fl-Artikolu 16(3), fl-Artikolu 19(4) u (5) kif ukoll fl-Artikolu 25 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti ddelegati diġà fis-seħħ.***

***4. Hekk kif hija tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess żmien.***

*5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 10(2), l-Artikolu 11(7) u (8), l-Artikolu 16(3), l-Artikolu 19(4) u (5) kif ukoll fl-Artikolu 25 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill t-tnejn ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li ma jkunux sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jkun estiż b'erba' xhur b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."*

---

*(+) Data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*

[Em. 330]

7b. *Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*

*"Artikolu 27b*

*1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni skont il-paragrafu. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet li għalihom tkun intużat il-proċedura ta' urġenza.*

*2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat f'konformità mal-proċedura li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 27a(5). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tirrevoka l-att mingħajr dewmien wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill."*

[Em. 249]

7c. *Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*

*"Artikolu 27c*

*1. L-informazzjoni rċevuta skont dan ir-Regolament għandha tintuża biss għall-għan li għalih tkun ġiet mitluba.*

*2. L-ebda informazzjoni ta' natura kunfidenzjali u l-ebda informazzjoni provvduta fuq bażi konfidenzjali rċevuta skont dan ir-Regolament ma għandhom jiġu żvelati mingħajr permess speċifiku tal-fornitur ta' din l-informazzjoni.*

*3. Kull talba għall-kunfidenzjalità għandha tiddikjara r-raġunijiet li għalihom l-informazzjoni hi kunfidenzjali. Madankollu, jekk min iforni t-tagħrif jixtieq li la jagħmlu pubbliku u lanqas li jawtorizza l-iżvelar tiegħu f'termini ġenerali jew fil-għamla ta' sommarju u jekk ikun jidher li t-talba għall-kunfidenzjalità ma tkunx ġustifikata, it-tagħrif ikkonċernat jista' ma jitqiesx.*

*4. L-informazzjoni għandha fi kwalunkwe każ tkun ikkunsidrata bħala kunfidenzjali jekk l-iżvelar tagħha x'aktarx ikollu effett ħażin sinifikanti fuq il-fornitur jew fuq is-sors ta' din l-informazzjoni.*

*5. Il-paragrafi 1 sa 4 ma għandhomx jipprekludu r-referenza mill-awtoritajiet tal-Unjoni għal tagħrif ġenerali u b'mod partikolari għar-raġunijiet li fuqhom ikunu msejsa d-deċiżjonijiet meħuda skont dan ir-Regolament. Dawn l-awtoritajiet għandhom, madankollu, iqisu l-interess leġittimu tal-persuni naturali u legali kkonċernati li ma jiġux żvelati s-sigrieti kummerċjali tagħhom."*

[Em. 250]

7d. *Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*

*"Artikolu 27d*

*1. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tar-Regolament. Ir-rapport għandu jkopri l-arranġamenti preferenzjali kollha msemmija fl-Artikolu 1(2), jinkludi informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-korpi varji responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-issodisfar tal-obbligi li jiġu minnhom, inkluż l-obbligi rigward l-ostakoli għall-kummerċ, u jippreżenta sommarju tal-istatistiċi u l-evoluzzjoni tal-kummerċ mal-pajjiżi u t-territorji benefiċjarji.*

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

*2. Il-Kumitat tal-Preferenzi Ġeneralizzati u l-Parlament Ewropew għandhom jeżaminaw l-effetti tal-iskema, fuq il-bażi tar-rapport. Il-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-Kummissjoni għal laqgħa ad hoc tal-kumitat reponsabbli tiegħu u jispjega kwalunkwe kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni tal-Ftehim.*

*3. Mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-preżentazzjoni tar-rapport lill-Kumitat tal-Preferenzi Ġeneralizzati u lill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapport.*"

[Em. 251]

**19. IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 597/2009 TAL-11 TA' ĠUNJU 2009 DWAR IL-PROTEZZJONI KONTRA IMPORTAZZJONIJIET SUSSIDJATI MINN PAJJIŻI LI MHUMIEX MEMBRI TAL-KOMUNITÀ EWROPEA** ([1])

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 597/2009, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament b'konfomità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 597/2009 jiġi emendat b'dan li ġej:

*-1. Il-premessa 16 tiġi sostitwita b'dan li ġej:*

"*(16) Huwa meħtieġ li jiġi stabbilit illi l-għeluq tal-każijiet għandu, irrispettivament minn jekk il-miżuri definittivi jiġux adottati jew le, normalment iseħħ fi żmien 11-il xahar, u f'kull każ mhux aktar tard minn 12-il xahar, mill-bidu tal-investigazzjoni. Jekk l-Istati Membri jindikaw biss lill-Kummissjoni li jkunu qed jistennew kontroversja qawwija fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni bil-bżonn li jitressaq abbozz ta' att ta' implimentazzjoni lill-kumitat ta' appell skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni* (*), *il-Kummissjoni tkun għandha tkun tista' tiddeċiedi li tipproroga l-limitu ta' żmien għal perjodu ta', iżda fl-ebda każ, sa mhux itwal minn 13-il xahar.* [Em. 252]

---

*(*) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.*"

*-1a. Titħassar il-Premessa 26.* [Em. 253]

*-1b. Tiddaħħal il-premessa li ġejja:*

"*(26a) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall–adozzjoni tal-miżuri provviżorji u definittivi, u għat-tmiem ta' investigazzjoni mingħajr miżuri, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*"

[Em. 254]

*-1c. Tiddaħħal il-premessa li ġejja:*

"*(26b) Il-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-adozzjoni ta' miżuri provviżorji u għat-tmiem ta' investigazzjoni minħabba l-effetti ta' dawn il-miżuri u l-loġika sekwenzjali tagħhom fir-rigward tal-adozzjoni ta' miżuri definittivi. Meta dewmien fl-impożizzjoni ta' miżuri jikkawża dannu li jkun diffiċli li jissewwa, jeħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta miżuri provviżorji immedjatament applikabbli.*"

[Em. 255]

---

([1]) ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

***-1d. Fl-Artikolu 10(1), it-tieni subġaragrafu jinbidel b'dan li ġej:***

"***L-ilment jista' jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni, jew lil Stat Membru, li għandu jgħaddih lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat kopja lill-Istati Membri ta' kwalunkwe ilment li tirċievi. L-ilment għandu jkun meqjus bħala li sar fl-ewwel jum tax-xogħol wara li jkun twassal lill-Kummissjoni b'posta rreġistrata jew bil-ħruġ ta' nota tal-wasla tiegħu mill-Kummissjoni. Qabel jingħata bidu għall-proċedimenti, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri u tagħtihom l-opportunità li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom.***"

**[Em. 256]**

1. Fl-Artikolu 10, il-paragrafu 11 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"11. Meta jkun jidher li hemm biżżejjed evidenza li tiġġustifika l-bidu ta' proċedimenti, il-Kummissjoni għandha tagħmel dan fi żmien 45 jum mit-tressiq tal-ilment u għandha tippubblika avviż *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Meta ma tkunx ġiet ippreżentata biżżejjed evidenza, min jagħmel l-ilment għandu jkun infurmat dwar dan fi żmien 45 jum minn dakinhar li jkun tressaq l-ilment lill-Kummissjoni."

2. L-Artikolu 11(9) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"9. Għal proċedmenti skont l-Artikolu 10(11), investigazzjoni għandha tiġi konkluża fi żmien ~~sena~~ ***11-il xahar***, kull meta dan ikun possibbli. Fi kwalunkwe każ, investigazzjonijiet bħal dawn għandhom jiġu konklużi fi żmien ~~13-il xahar~~ ***12-il xahar*** mill-bidu, b'konformità mas-sejbiet li saru skont l-Artikolu 13 għall-impenji jew is-sejbiet li saru skont l-Artikolu 15 għal azzjoni definittiva. ~~F'każijiet eċċezzjonali, wara li titqies il-kumplessità tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, sa mhux aktar tard minn tmien xhur wara l-bidu tal-investigazzjoni, biex dan il-limitu taż-żmien jiġi estiż, għal perjodu ta' sa mhux iktar minn 18-il xahar.~~"

**[Em. 257]**

***2a. Fl-Artikolu 11, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:***

"***9a. Mhux aktar tard minn 32 ġimgħa wara l-bidu tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-Istati Membri fuq il-bażi tas-sejbiet tal-investigazzjoni. L-Istati Membri, f'din il-konsultazzjoni, għandhom jindikaw lill-Kummissjoni jekk ikunux qed jistennew kontroversja qawwija fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni skont l-Artikoli 14 u 15 għal azzjoni definittiva li aktarx tikkawża l-proċedura ta' appell imsemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Jekk dan ikun il-każ, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, sa mhux aktar tard minn tmien xhur wara l-bidu tal-investigazzjoni, li tipproroga l-limitu taż-żmien tal-paragrafu 9, għal perjodu ta', iżda fi kwalunkwe każ sa mhux iktar minn, 13-il xahar. Il-Kummissjoni għandha tagħmel din id-deċiżjoni pubblika.***"

**[Em. 258]**

3. L-Artikolu 12 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Id-dazji provviżorji għandhom jiġu imposti mhux qabel 60 jum, u mhux iktar tard minn ~~disa' xhur~~ ***8 xhur***, mill-bidu tal-proċedimenti. ~~F'każijiet eċċezzjonali, minħabba l-kumplessità tal-investigazzjoni,~~ ***F'każ li l-Istati Membri jindikaw lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 11(9a) li qed jistennew kontroversja qawwija fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni skont l-Artikoli 14 u 15 għal azzjoni definittiva li aktarx tikkawża l-proċedura ta' appell imsemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011***, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, mhux iktar minn tmien xhur wara l-bidu tal-investigazzjoni, li dan il-limitu taż-żmien jiġi estiż għal perjodu ta' sa ~~12-il xahar~~ ***9 xhur*** li madankollu ma jista' qatt ikun itwal minn hekk"

**[Em. 259]**

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

(b) Il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri provviżorji f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(3)."

(c) Il-paragrafu 5 għandu jitħassar.

4. L-Artikolu 13 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Sakemm tkun saret determinazzjoni affermattiva provviżorja dwar l-għoti ta' sussidju u l-ħsara, il-Kummissjoni tista' taċċetta offerti ta' impenji volontarji sodisfaċenti li bihom:

(a) il-pajjiż tal-oriġini u/jew tal-esportazzjoni jaqbel li jelimina jew jillimita s-sussidju jew jieħu miżuri oħra dwar l-effetti tiegħu; jew

(b) kwalunkwe esportatur jimpenja ruħu li jirrevedi l-prezzijiet tiegħu jew li jwaqqaf l-esportazzjonijiet lejn iż-żona kkonċernata sakemm esportazzjonijiet bħal dawn ikunu jgawdu minn sussidji, ħalli l-Kummissjoni tkun sodisfatta li l-effett ta' ħsara tas-sussidji jkun ġie eliminat.

F'każ bħal dan u sakemm dawk l-impenji jkunu fis-seħħ, id-dazji provviżorji imposti mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 12(3) u d-dazji definittivi imposti skont l-Artikolu 15(1) ma għandhomx japplikaw għall-importazzjonijiet rilevanti tal-prodott ikkonċernat manifatturat mill-kumpanniji msemmija fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li taċċetta l-impenji u fi kwalunkwe emenda sussegwenti ta' deċiżjoni ta' dan it-tip.

Iż-żidiet fil-prezzijiet skont impenji ta' dan it-tip ma għandhomx ikunu ogħla milli hu neċessarju biex ipaċu l-ammont ta' sussidji ta' kontrobilanċ, u għandhom ikunu inqas mill-ammont ta' sussidji ta' kontrobilanċ jekk dawn iż-żidiet ikunu adegwati biex ineħħu l-ħsara lill-industrija tal-Unjoni."

(b) Il-paragrafu 5 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"5. Meta l-impenji jkunu aċċettati l-investigazzjoni għandha tintemm. Il-Kummissjoni għandha ttemm l-investigazzjoni skont il-proċedura ta' ***eżami*** msemmija fl-Artikolu 25(2). ***Il-president jista' jikseb l-opinjoni tal-kumitat permezz ta' proċedura bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 15(5).***"

**[Em. 260]**

(c) Fil-paragrafu 9, l-ewwel subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"9. Fil-każ ta' ksur jew irtirar ta' impenji minn kwalunkwe parti f'dak l-impenn, jew fil-każ ta' rtirar tal-aċċettazzjoni tal-impenn mill-Kummissjoni, l-aċċettazzjoni tal-impenn għandha tiġi rtirata permezz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni jew Regolament tal-Kummissjoni, kif ikun xieraq, u d-dazju provviżorju li jkun ġie impost mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 12 jew id-dazju definittiv li jkun ġie impost skont l-Artikolu 15(1), għandhom japplikaw, kemm-il darba l-esportatur ikkonċernat, jew il-pajjiż tal-oriġini u/jew tal-esportazzjoni jkun ingħata, ħlief fil-każ tal-irtirar ta' impenn mill-esportatur jew minn dak il-pajjiż, opportunità biex jikkumenta."

(d) Il-paragrafu 10 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"10. Jista' jiġi impost dazju skont l-Artikolu 12 fuq il-bażi tal-aħjar informazzjoni disponibbli, meta jkun hemm raġuni biex wieħed jaħseb illi qiegħed jinkiser xi impenn, jew fil-każ ta' ksur jew irtirar ta' impenn, meta l-investigazzjoni li tkun wasslet għal dak l-impenn ma tkunx ġiet konkluża."

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

5. Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Meta l-miżuri protettivi jkunu bla bżonn l-investigazzjoni jew il-proċedimenti għandhom jintemmu. Il-Kummissjoni għandha ttemm l-investigazzjoni skont il-proċedura ***konsultattiva*** msemmija ~~fl-Artikolu 25(2)~~ ***fl-Artikolu 25(1a)***. ***Il-president jista' jikseb l-opinjoni tal-kumitat permezz ta' proċedura bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 25(4b).***"

**[Em. 261]**

6. Fl-Artikolu 15, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) L-ewwel subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Meta l-fatti finalment stabbiliti juru l-eżistenza ta' sussidji kontrobilanċjabbli u ħsara kkawżata minnhom, u l-interess tal-Unjoni jsejjaħ għal intervent skont l-Artikolu 31, għandu jiġi impost dazju defenittiv ta' kontrobilanċ mill-Kummissjoni li taġixxi skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artiklu 25(2). Meta jkunu fis-seħħ dazji provviżorji, il-Kummissjoni għandha tibda din il-proċedura sa mhux iktar tard minn xahar qabel ma dawn id-dazji jiskadu.";

(b) It-tieni u t-tielet subparagrafi qed jitħassru.

7. Fl-Artikolu 16(2), l-ewwel subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Meta jkun applikat dazju provviżorju u l-fatti kif finalment stabbiliti juru l-eżistenza ta' sussidji ta' kontrobilanċ u ħsara, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, irrispettivament minn jekk id-dazju definittiv ta' kontrobilanċ għandux ikun impost, liema proporzjon tad-dazju provviżorju għandu jinġabar definittivament."

8. Fl-Artikolu 20, it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Reviżjoni bħal din għandha tinbeda wara li l-produtturi fl-Unjoni jkunu ngħataw l-opportunità li jagħtu l-kummenti tagħhom."

9. Fl-Artikolu 21(4), l-ewwel subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk għandhiex tingħata l-applikazzjoni u sa liema punt, jew tista' tiddeċiedi fi kwalunkwe ħin li tibda reviżjoni interim, fejn l-informazzjoni u s-sejbiet minn din ir-reviżjoni, imwettqa skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal reviżjonijiet bħal dawn, għandhom jintużaw biex jiġi stabbilit jekk tkunx iġġustifikata rifużjoni u sa liema punt."

10. L-Artikolu 22 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Ir-reviżjonijiet imwettqa skont l-Artikoli 18 u 19 għandhom jitwettqu b'mod mgħaġġel u normalment jintemmu fi żmien ~~12-il xahar~~ ***11-il xahar*** mid-data tal-bidu tar-reviżjoni. Fi kwalunkwe każ, reviżjonijiet skont l-Artikoli 18 u 19 għandhom jintemmu fi żmien ~~15-il xahar~~ ***14-il xahar*** minn meta jinbdew. ~~F'każijiet eċċezzjonali, wara li titqies il-kumplessità tal-investigazzjoni~~, ***Mhux aktar tard minn 32 gimgħa wara l-bidu tal-investigazzjoni skont l-Artikolu 11, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-Istati Membri fuq il-bażi tas-sejbiet tal-investigazzjoni. F'din il-konsultazzjoni l-Istati Membri għandhom jindikaw lill-Kummissjoni jekk qed jistennew kontroversja qawwija fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni skont l-Artikoli 14 u 15 għal azzjoni definittiva li aktarx tikkawża l-proċedura ta' appell imsemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Jekk hu l-każ***, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, sa mhux aktar tard minn ~~disa' xhur~~ ***tmien xhur*** wara l-bidu tal-investigazzjoni, biex dan il-limitu taż-żmien jiġi estiż, għal perjodu ta' sa mhux iktar minn ~~18-il xahar~~ ***15-il xahar***. ***Il-Kummissjoni għandha tagħmel din id-deċiżjoni pubblika***."

**[Em. 262]**

**L-Erbgħa 14 ta’ Marzu 2012**

(b) Fil-paragrafu 1, jitħassar il-ħames subparagrafu;

(c) Il-paragrafu 2 għandu jinbidel b’dan li ġej:

"2. Reviżjonijiet skont l-Artikoli 18, 19 u 20 għandhom jinbdew mill-Kummissjoni. ***Qabel jingħata bidu għall-proċedimenti, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri u tagħtihom l-opportunità li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom.***"

**[Em. 263]**

11. L-Artikolu 23 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu għandu jinbidel b’dan li ġej:

"L-investigazzjonijiet għandhom jinbdew skont dan l-Artikolu fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jew fuq talba ta’ Stat Membru jew ta’ kwalunkwe parti interessata fuq il-bażi ta’ evidenza suffiċjenti rigward il-fatturi stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3. Il-bidu tal-investigazzjonijiet għandhom isiru permezz ta’ Regolament tal-Kummissjoni li jista’ wkoll jagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet doganali biex jagħmlu l-importazzjonijiet suġġetti għal reġistrazzjoni skont l-Artikolu 24(5) jew jitolbu garanziji."

(b) Fil-paragrafu 4, it-tielet subparagrafu għandu jinbidel b’dan li ġej:

"Jekk il-fatti kif finalment aċċertati jiġġustifikaw l-estensjoni tal-miżuri, dan għandu jsir mill-Kummissjoni li taġixxi skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2)."

(c) Fil-paragrafu 6, ir-raba’ subparagrafu jinbidel b’dan li ġej:

"Dawn l-eżenzjonijiet jingħataw b’deċiżjoni tal-Kummissjoni u għandhom jibqgħu validi għall-perjodu u skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fiha."

12. L-Artikolu 24 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 4 għandu jinbidel b’dan li ġej:

"4. Fl-interess tal-Unjoni, il-miżuri imposti bis-saħħa ta’ dan ir-Regolament jistgħu jiġu sospiżi b’deċiżjoni tal-Kummissjoni għal perjodu ta’ disa’ xhur. Is-sospensjoni tista’ tiġi estiża għal perjodu ieħor, li ma jkunx iżjed minn sena, mill-Kummissjoni li taġixxi skont il-proċedura ***konsultattiva*** msemmija ~~fl-Artikolu 25(2)~~ fl-***Artikolu 25(1a)***. **[Em. 264]**

Il-miżuri jistgħu jiġu sospiżi biss meta l-kundizzjonijiet tas-suq jkunu nbidlu temporanjament sakemm ikun probabbli li l-ħsara ma terġax issir bħala riżultat tas-sospensjoni, u sakemm l-industrija tal-Unjoni tkun ingħatat l-opportunità li tikkummenta u dawn il-kummenti jkunu ġew ikkunsidrati. Il-miżuri jistgħu, fi kwalunkwe mument, jerġgħu jiddaħħlu jekk ir-raġuni għas-sospensjoni ma tkunx għadha applikabbli."

(b) Fil-paragrafu 5, l-ewwel subparagrafu għandu jinbidel b’dan li ġej:

"Il-Kummissjoni tista’ tagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet doganali biex jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet, sabiex il-miżuri jkunu jistgħu sussegwentement jiġu applikati kontra dik l-importazzjoni mid-data ta’ dik ir-reġistrazzjoni."

13. L-Artikolu 25 għandu jinbidel b’dan li ġej:

"*Artikolu 25*

Proċedura ta’ kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat ta’ Kontra s-Sussidji. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

***1a. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Il-kumitat konsultattiv għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fi żmien xahar wara d-data ta' riferiment. Emendi għandhom jiġu suġġeriti mill-inqas tlett ijiem qabel il-laqgħa tal-kumitat.*** **[Em. 265]**

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu [5] tar-Regolament (UE) ~~Nru [xxxx/2011]~~ ***Nru 182/2011. Il-kumitat ta' eżaminazzjoni għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fi żmien xahar wara d-data ta' riferiment. Emendi għandhom jiġu suġġeriti mill-inqas tlett ijiem qabel il-laqgħa tal-kumitat.*****[Em. 266]**

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu [8] tar-Regolament (UE) ~~Nru [xxxx/2011]~~ ***Nru 182/2011*** għandu japplika flimkien mal~~-Artikolu [5]~~ ***mal-Artikolu 4*** tiegħu. **[Em. 267]**

4. B'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 meta jsir rikors għall-proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha tintemm bla riżultat meta, fiż-żmien stipulat mill-presidenza, il-presidenza tiddeċiedi hekk jew maġġoranza tal-membri tal-kumitat kif definita fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 titlob hekk.

***4a. Fil-każ li abbozz ta' att implimentattiv jiġi ppreżentat lill-kumitat ta' appell skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, huwa għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fi żmien xahar mid-data ta' riferiment. Emendi għandhom jiġu suġġeriti mill-inqas tlett ijiem qabel il-laqgħa tal-kumitat.*** **[Em. 268]**

***4b. Meta l-opinjoni tal-kumitat għandha tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha tiġi mitmuma mingħajr riżultat meta, fiż-żmien stipulat għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi dan jew il-maġġoranza tal-membri tal-kumitat jitolbu dan.***"

**[Em. 269]**

14. Fl-Artikolu 29, il-paragrafu 5 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"5. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri, jew l-uffiċjali ta' kwalunkwe wieħed minn dawn, ma għandhom jiżvelaw l-ebda informazzjoni li tkun waslitilhom skont dan ir-Regolament li għaliha jkun intalab trattament kunfidenzjali mill-fornitur tagħha, mingħajr permess speċifiku mill-fornitur. Skambji ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, jew ta' kwalunkwe dokumenti interni preparati mill-awtoritajiet tal-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha, ma għandhomx jiġu żvelati minbarra kif speċifikament stipulat f'dan ir-Regolament."

15. L-Artikolu 30 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4. Żvelar finali għandu jiġi mogħti bil-miktub. Dan għandu jsir, filwaqt li tingħata l-attenzjoni dovuta għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali, kemm jista' jkun malajr u, normalment, mhux iktar tard minn xahar qabel il-bidu tal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 14 jew 15. Fejn il-Kummissjoni ma tkunx fil-pożizzjoni li tiżvela xi fatti jew kunsiderazzjonijiet f'dak il-ħin, dawn għandhom jiġu żvelati kemm jista' jkun malajr wara.

L-iżvelar ma għandu jippreġudika l-ebda deċiżjoni sussegwenti li tista' tittieħed mill-Kummissjoni, imma meta deċiżjoni bħal din tkun ibbażata fuq kwalunkwe fatti u kunsiderazzjonijiet differenti, dawn għandhom jiġu żvelati kemm jista' jkun malajr."

(b) Il-paragrafu 5 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"5. Rappreżentazzjonijiet li jsiru wara li jingħata t-tagħrif finali għandhom jiġu kkunsidrati biss jekk jaslu fi żmien perjodu li għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni f'kull każ, li għandu jkun mill-inqas 10 ijiem, filwaqt li tingħata l-attenzjoni dovuta lill-urġenza tal-kwistjoni. Jista' jiġi stabbilit perjodu iqsar kull darba li żvelar finali jkun diġà sar."

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

16. L-Artikolu 31 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4. Il-partijiet li aġġixxew f'konformità mal-paragrafu 2 jistgħu jipprovdu kummenti fuq l-applikazzjoni ta' kwalunkwe dazji provviżorji. Kummenti bħal dawn għandhom jaslu fi żmien 15-il jum mill-applikazzjoni ta' miżuri bħal dawn jekk għandu jingħata kas tagħhom u dawn, jew taqsiriet xierqa tagħhom, għandhom jiġu magħmula disponibbli għal partijiet oħra li għandhom ikunu intitolati li jirrispondu għal kummenti bħal dawn."

(b) Il-paragrafu 5 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-informazzjoni li tiġi ppreżentata kif suppost u kemm din tkun rappreżentattiva, u r-riżultati ta' din l-analiżi, flimkien ma' opinjoni fuq il-merti tagħha, għandhom jintbagħtu lill-Kumitat."

(c) Fil-paragrafu 6, it-tieni sentenza għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli sakemm ikun possibbli u bla ħsara għal kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti meħuda mill-Kummissjoni."

***16a. Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:***

"*Artikolu 33a*

*Rapport*

***1. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tar-Regolament. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' miżuri provviżorji u definittivi, l-impożizzjoni ta' miżuri ta' sorveljanza minn qabel, it-tmiem ta' investigazzjonijiet mingħajr miżuri, reviżjonijiet u żjarat ta' verifika, u l-attivitajiet tad-diversi korpi responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-issodisfar tal-obbligi li jiġu minnhom.***

***2. Il-Parlament Ewropew jista', fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tar-rapport mill-Kummissjoni, jistieden lill-Kummissjoni għal laqgħa ad hoc tal-kumitat reponsabbli tiegħu biex jippreżenta u jispjega kwalunkwe kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.***

***3. Mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-preżentazzjoni tar-rapport lill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapport.***"

**[Em. 270]**

**20. IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 260/2009 TAS-26 TA' FRAR 2009 DWAR IR-REGOLI KOMUNI GĦALL-IMPORTAZZJONIJIET** ([1])

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 260/2009, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament b'konfomità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 260/2009 jiġi emendat b'dan li ġej:

***-1. Il-Premessa 11 tinbidel b'dan li ġej:***

"***(11) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall–adozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja provviżorji u definittivi, u għall-impożizzjoni miżuri ta' solveljanza minn qabel, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (*).***

***(*) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.***"

**[Em. 271]**

([1]) ĠU L 84, 31.3.2009, p. 1.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

***-1a. Tiddaħħal il-premessa li ġejja:***

"***(11a) Il-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-adozzjoni tal-miżuri ta' sorveljanza u dawk provviżorji minħabba l-effetti ta' dawn il-miżuri u l-loġika sekwenzjali tagħhom f'rabta mal-adozzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja definittivi. Meta dewmien fl-impożizzjoni ta' miżuri jikkawża dannu li jkun diffiċli li jissewwa, jeħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta miżuri provviżorji immedjatament applikabbli.***"

**[Em. 272]**

1. L-Artikolu 3 għandu jitħassar.

2. L-Artikolu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat dwar is-Salvagwardji, imsejjaħ il-Kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

***1a. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** **[Em. 273]**

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu [8] tar-Regolament (UE) ~~Nru [xxxx/2011]~~ ***Nru 182/2011*** għandu japplika flimkien ~~mal-Artikolu [5]~~ ***mal-Artikolu 4*** tiegħu. **[Em. 274]**

***3a. Meta l-opinjoni tal-kumitat għandha tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha tiġi mitmuma mingħajr riżultat meta, fiż-żmien stipulat għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi dan jew il-maġġoranza tal-membri tal-kumitat jitolbu dan.*** **[Em. 275]**

4. B'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (UE) Nru […./2011] meta jsir rikors għall-proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha tintemm bla riżultat meta, fiż-żmien stipulat mill-presidenza, il-presidenza tiddeċiedi hekk jew maġġoranza tal-membri tal-kumitat kif definita fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 titlob hekk."

3. L-Artikolu 6 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, l-ewwel sentenza għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Meta jkun jidher lill-Kummissjoni li hemm evidenza suffiċjenti li tiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni għandha tibda investigazzjoni fi żmien xahar minn meta tirċievi l-informazzjoni mingħand Stat Membru u tippubblika avviż *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*."

(b) Fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tfittex kull tagħrif li jidhrilha li jkun meħtieġ u, meta tħoss li jkun xieraq għandha tagħmel ħilitha sabiex teżamina dan it-tagħrif mal-importaturi, il-kummerċjanti, l-aġenti, il-produtturi, l-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet kummerċjali."

(c) Il-paragrafu 7 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"7. Meta jidher lill-Kummissjoni li ma hemmx biżżejjed evidenza biex tiġġustifika l-investigazzjoni, hija għandha tinforma lill-Istati Membri bid-deċiżjoni tagħha fi żmien xahar mill-wasla tal-informazzjoni mill-Istati Membri."

4. Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Meta l-Kummissjoni tqis, fi żmien disa' xhur mill-bidu tal-investigazzjoni, li ma hemm bżonn tal-ebda miżuri ta' sorveljanza jew ta' salvagwardja tal-Unjoni, l-investigazzjoni għandha tintemm fi żmien xahar."

5. Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. La l-Kummissjoni, la l-Istati Membri u lanqas l-uffiċjali ta' kwalunkwe wieħed minnhom ma għandhom jiżvelaw l-ebda tagħrif ta' natura kunfidenzjali li jkunu rċevew skont dan ir-Regolament, u l-ebda tagħrif li jkun ingħata fuq bażi kunfidenzjali mingħajr il-permess speċifiku ta' min ikun forna dan it-tagħrif."

6. Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Id-deċiżjoni li tiġi imposta sorveljanza għandha tittieħed mill-Kummissjoni ***permezz ta' atti ta' implimentazzjoni*** skont il-proċedura ~~stabbilita f'Artikolu 16(6)~~ ***konsultattiva msemmija fl-Artikolu 4(1a)***."

**[Em. 276]**

7. L-Artikolu 13 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 13*

Meta l-importazzjoni ta' prodott ma tkunx saret bil-kundizzjoni ta'sorveljanza minn qabel tal-Unjoni mill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 18, tista' tintroduċi sorveljanza ristretta għall-importazzjonijiet f'reġjun tal-Unjoni jew iktar."

8. Fl-Artikolu 16, il-paragrafi 6 u 7 għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"6. Meta l-intervent mill-Kummissjoni jkun mitlub minn xi Stat Membru, il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi skont il-proċedura msemmija ~~fl-Artikolu 4(2)~~ ***fl-Artikolu 4(3)*** għandha tieħu deċiżjoni f'massimu ta' ħamest ijiem tax-xogħol mill-wasla ta' din it-talba. ~~F'każijiet ta' urġenza, għandu japplika l-Artikolu 4(3)."~~

**[Em. 277]**

9. L-Artikolu 17 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 17*

Meta l-interessi tal-Unjoni jkunu jeħtieġu, il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 4(2) u t-termini tal-Kapitolu III, tista tadotta l-miżuri xierqa sabiex prodott ma jitħalliex jiġi importat ġewwa l-Unjoni fi kwantitajiet miżjuda tant bil-qawwi u/jew skont dawk it-termini jew kundizzjonijiet li jikkawżaw, jew jheddu li jikkawżaw, dannu serju lill-produtturi tal-Unjoni tal-istess prodotti jew ta' prodotti f'kompetizzjoni diretta magħhom.

Għandu japplika l-Artikolu16(2) sa (5)."

10. Fl-Artikolu 21, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Meta l-Kummissjoni tqis li kwalunkwe miżura ta' sorveljanza jew ta' salvagwardja msemmija fl-Artikoli 11, 13, 16, 17 u 18 għandha tiġu revokata jew emendata, hija għandha, filwaqt li taġixxi skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 4(2), tirrevoka jew temenda l-miżura."

11. L-Artikolu 23 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 23*

Meta jkun hemm bżonn għall-interessi tal-Unjoni, il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi skont il-proċedura ***ta' eżami*** msemmija fl-Artikolu 4(2), jista' jadotta l-miżuri xierqa ***li jinplimentaw atti leġiżlattivi, li ma għandhomx jimplikaw bidliet sostantivi***, sabiex id-drittijiet u d-dmirijiet tal-Unjoni jew tal-Istati Membri kollha tagħha, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw il-kummerċ f'merkanzija, ikunu jistgħu jiġu eżerċitati u mwettqa fil-livell internazzjonali."

**[Em. 278]**

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

*11a. Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*

"*Artikolu 23a*

*1. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tar-Regolament. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' miżuri provviżorji u definittivi, miżuri ta' sorveljanza minn qabel, miżuri ta' sorveljanza reġjonali u ta' salvagwardja, it-tmiem ta' investigazzjonijiet mingħajr miżuri, u l-attivitajiet tad-diversi korpi responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-issodisfar tal-obbligi li jiġu minnhom.*

*2. Il-Parlament Ewropew jista', fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tar-rapport mill-Kummissjoni, jistieden lill-Kummissjoni għal laqgħa ad hoc tal-kumitat reponsabbli tiegħu biex jippreżenta u jispjega kwalunkwe kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni ta'dan ir-Regolament.*

*3. Mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-preżentazzjoni tar-rapport lill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapport.*"

**[Em. 279]**

**21. IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 625/2009 TAS-7 TA' LULJU 2009 DWAR REGOLI KOMUNI GĦALL-IMPORTAZZJONIJIET MINN ĊERTI PAJJIŻI TERZI** [1]

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 625/2009, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament b'konfomità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 625/2009 jiġi emendat b'dan li ġej:

***-1. Il-Premessa 10 tinbidel b'dan li ġej:***

"*(10) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-adozzjoni ta' miżuri* ta' salvagwardja *provviżorji u definittivi, u għall-impożizzjoni miżuri ta' solveljanza minn qabel, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (*).*

*(*) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.*"

**[Em. 280]**

***-1a. Tiddaħħal il-premessa li ġejja:***

"*(10a) Il-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-adozzjoni tal-miżuri ta' sorveljanza u dawk provviżorji minħabba l-effetti ta' dawn il-miżuri u l-loġika sekwenzjali tagħhom f'rabta mal-adozzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja definittivi. Meta dewmien fl-impożizzjoni ta' miżuri jikkawża dannu li jkun diffiċli li jissewwa, jeħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta miżuri provviżorji immedjatament applikabbli.*"

**[Em. 281]**

1. L-Artikolu 3 għandu jitħassar.

2. L-Artikolu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat għas-Salvagwardji stabbilit bis-saħħa tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 260/2009 tas- 26 ta' Frar 2009 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (*). Dak il-Kumitat għandu jkun Kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

[1] ĠU L 185, 17.7.2009, p. 1.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

***1a. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** **[Em. 282]**

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) ~~Nru [xxxx/2011]~~ ***Nru 182/2011*** għandu japplika flimkien ~~mal-Artikolu [5]~~ ***mal-Artikolu 4*** tiegħu. **[Em. 283]**

***3a. Meta l-opinjoni tal-kumitat għandha tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha tiġi mitmuma mingħajr riżultat meta, fiż-żmien stipulat għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi dan jew il-maġġoranza tal-membri tal-kumitat jitolbu dan.*** **[Em. 284]**

4. B'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 meta jsir rikors għall-proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha tintemm bla riżultat meta, fiż-żmien stipulat mill-presidenza, il-presidenza tiddeċiedi hekk jew maġġoranza tal-membri tal-kumitat kif definita fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 titlob hekk.

---

(*) ĠU L 84, 31.3.2009, p. 1."

3. L-Artikolu 5 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, l-ewwel sentenza għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Meta jkun jidher lill-Kummissjoni li hemm evidenza suffiċjenti li tiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni għandha tibda investigazzjoni fi żmien xahar minn meta tirċievi l-informazzjoni mingħand Stat Membru u tippubblika avviż *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*."

(b) Fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tfittex kull tagħrif li jidhrilha li jkun meħtieġ u, meta tħoss li jkun xieraq għandha tagħmel ħilitha sabiex teżamina dan it-tagħrif mal-importaturi, il-kummerċjanti, l-aġenti, il-produtturi, l-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet kummerċjali."

(c) Il-paragrafu 6 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"6. Meta jidher lill-Kummissjoni li ma hemmx biżżejjed evidenza biex tiġġustifika l-investigazzjoni, hija għandha tinforma lill-Istati Membri bid-deċiżjoni tagħha fi żmien xahar mill-wasla tal-informazzjoni mill-Istati Membri."

4. Fl-Artikolu 6(2) l-ewwel sentenza għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Meta fi żmien disa' xhur mill-bidu tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni tqis li ma hemm bżonn tal-ebda miżuri ta' sorveljanza jew ta' salvagwardja tal-Unjoni, l-investigazzjoni għandha tintemm."

5. Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-uffiċjali minn kull wieħed minn dawn, ma għandhom jiżvelaw l-ebda informazzjoni ta' natura kunfidenzjali li tkun waslitilhom b'konformità ma' dan ir-Regolament, u l-ebda informazzjoni pprovduta fuq bażi kunfidenzjali, mingħajr permess speċifiku mill-fornitur ta' informazzjoni bħal din."

***5a. Fl-Artikolu 9, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:***

"***1a. Id-deċiżjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 4(1a).***"

**[Em. 285]**

***5b. Fl-Artikolu 11, it-tieni inċiż jinbidel b'dan li ġej:***

"— ***toħroġ dak id-dokument soġġett għal ċerti kondizzjonijiet u, bħala miżura eċċezzjonali, soġġett għall-inseriment ta' klawsola ta' revoka***"

**[Em. 286]**

6. L-Artikolu 12 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 12*

Meta l-importazzjoni ta' prodott ma tkunx saret bil-kundizzjoni ta' sorveljanza minn qabel tal-Unjoni, il-Kummissjoni tista' tintroduċi, ***permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 4(1a) u*** b'konformità mal-Artikolu 17, sorveljanza ristretta għall-importazzjonijiet f'reġjun tal-Unjoni jew iktar."

**[Em. 287]**

7. L-Artikolu 15 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-miżuri adottati għandhom ikunu kkomunikati minnufih lill-Istati Membri, u għandhom jidħlu fis-seħħ immedjatament.";

(b) Il-paragrafi 4, 5 u 6 għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"4. Meta l-intervent mill-Kummissjoni jkun mitlub minn xi Stat Membru, il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi skont il-proċedura msemmija ~~fl-Artikolu 4(2)~~ ***fl-Artikolu 4(3)*** għandha tieħu deċiżjoni f'massimu ta' ħamest ijiem tax-xogħol mill-wasla ta' din it-talba. ~~F'każijiet ta' urġenza, għandu japplika l-Artikolu 4(3)~~."

**[Em. 288]**

8. Fl-Artikolu 16, il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni tista', b'mod partikolari fis-sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 15(1) tadotta l-miżuri ***ta' salvagwardja*** xierqa filwaqt li taġixxi skont il-proċedura ***ta' eżami*** msemmija fl-Artikolu 4(2)."

**[Em. 289]**

***8a. Fl-Artikolu 18(1),il-parti tal-bidu, tinbidel b'dan li ġej:***

"***1. Waqt li kwalunkwe miżura ta' sorveljanza jew ta' salvagwardja applikata skont il-Kapitoli IV u V tkun qed tiġi mħaddma, għandhom isiru konsultazzjonijiet fil-Kumitat kif ipprovdut fl-Artikolu 4(1), jew fuq talba ta' xi Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni. L-għan ta' dawn il-konsultazzjonijiet għandu jkun:***"

**[Em. 290]**

9. Fl-Artikolu 18, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Meta l-Kummissjoni tikkonsidra li kwalunkwe miżura ta' sorveljanza jew salvagwardja msemmija fil-Kapitoli IV u V għandhom jitħassru jew jiġu emendati, hi għandha tħassar jew temenda l-miżuri."

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

9a. *Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*

"*Artikolu 19a*

***1. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tar-Regolament. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' miżuri provviżorji u definittivi, miżuri ta' sorveljanza minn qabel, miżuri ta' sorveljanza reġjonali u ta' salvagwardja, u l-attivitajiet tad-diversi korpi responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-Regolament u l-issodisfar tal-obbligi li jiġu minnhom.***

***2. Il-Parlament Ewropew jista', fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tar-rapport mill-Kummissjoni, jistieden lill-Kummissjoni għal laqgħa ad hoc tal-kumitat reponsabbli tiegħu biex jippreżenta u jispjega kwalunkwe kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni tar-Regolament.***

***3. Mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-preżentazzjoni tar-rapport lill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapport.***"

**[Em. 291]**

**22. IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 1061/2009 TAD-19 TA' OTTUBRU 2009 LI JISTABBILIXXI REGOLI KOMUNI GĦALL-ESPORTAZZJONI** ([1])

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1061/2009, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament b'konfomità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1061/2009 jiġi emendat b'dan li ġej:

***-1. Tiddaħħal il-premessa li ġejja:***

"***(11a) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-adozzjoni ta' miżuri protettivi għall-prevenzjoni ta' sitwazzjoni kritika li tirriżulta minħabba nuqqas ta' prodotti essenzjali, jew biex tiġi rimedjata tali sitwazzjoni, u biex l-esportazzjoni ta' prodott issir soġġetta għall-produzzjoni ta' awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (*).***

***(*) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.***"

**[Em. 292]**

1. L-Artikolu 3 għandu jitħassar.

2. L-Artikolu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat dwar ir-regoli komuni għall-esportazzjonijiet. Dak il-Kumitat għandu jkun Kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011].

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 għandu japplika flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

***3a. Meta l-opinjoni tal-kumitat għandha tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha tiġi mitmuma mingħajr riżultat meta, fiż-żmien stipulat għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi dan jew il-maġġoranza tal-membri tal-kumitat jitolbu dan.***"

**[Em. 293]**

([1]) ĠU L 291, 7.11.2009, p. 1.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

3. L-Artikolu 6 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Sabiex tkun evitata sitwazzjoni kritika li toriġina minħabba nuqqas ta' prodotti essenzjali, jew sabiex tkun rimedjata sitwazzjoni ta' dan it-tip, u meta l-interessi tal-Unjoni jitolbu intervent immedjat, il-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, u filwaqt li tqis in-natura tal-prodotti u l-karatteristiċi partikolari l-oħra tat-tranżazzjonijiet ikkonċernati, tista' tissoġġetta l-esportazzjoni ta' prodott għall-produzzjoni ta' awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni, li l-għoti tagħha għandu jkun regolat minn dispożizzjonijiet ta' dan it-tip u fil-limiti li l-Kummissjoni tfassal skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 4(2). F'każijiet ta' urġenza, għandu japplika l-Artikolu 4(3).";

***(aa) Il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:***

**"2. *Il-Parlament Ewropew*, il-Kunsill u l-Istati Membri għandhom ikunu notifikati bil-miżuri meħuda; tali miżuri għandhom jidħlu fis-seħħ immedjatament."**

**[Em. 294]**

(b) Fil-paragrafu 4, it-tieni sentenza għandha titħassar;

(c) Il-paragrafi 5 u 6 għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"5. Meta l-Kummissjoni tkun aġixxiet skont il-paragrafu 1, hija għandha, sa mhux aktar tard minn 12-il jum tax-xogħol wara d-dħul fis-seħħ tal-miżuri li tkun ħadet, tiddeċiedi tadottax il-miżuri xierqa kif stipulat fl-Artikolu 7. Jekk, wara 6 ġimgħat mid-dħul fis-seħħ tal-miżura, ma jkunu ġew adottati l-ebda miżuri, il-miżura kkonċernata għandha titqies li tkun tħassret."

4. Fl-Artikolu 7(1), il-kliem introduttorju għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Meta l-interessi tal-Unjoni jkunu jitolbu dan, il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 4(2), tista' tadotta l-miżuri xierqa:"

5. Fl-Artikolu 8, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Meta l-Kummissjoni tqis li kwalunkwe miżura msemmija fl-Artikolu 6 jew 7 għandha tiġi revokata jew emendata, hija għandha taġixxi skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 4(2)."

***5a. Fl-Artikolu 9, l-ewwel paragrafu jinbidel b'dan li ġej:***

***"Fir-rigward tal-prodotti elenkati fl-Anness I, saż-żmien meta l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw miżuri xierqa skont l-impenji internazzjonali li jidħlu fihom l-Unjoni jew l-Istati Membri kollha tagħha, l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati li jimplimentaw, mingħajr preġudizzju għar-regoli adottati mill-Unjoni f'dan is-settur, is-sistema ta' tqassim ta' emerġenza li tintroduċi obbligazzjoni ta' allokazzjoni lejn il-pajjiżi terzi previsti fl-impenji internazzjonali li jidħlu fihom qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament."***

**[Em. 295]**

***5b. Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:***

***"Artikolu 9a***

***1. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tar-Regolament. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' miżuri provviżorji u definittivi, u l-attivitajiet tad-diversi korpi responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-Regolament u l-issodisfar tal-obbligi li jiġu minnhom.***

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

*2. Il-Parlament Ewropew jista', fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tar-rapport mill-Kummissjoni, jistieden lill-Kummissjoni għal laqgħa ad hoc tal-kumitat reponsabbli tiegħu biex jippreżenta u jispjega kwalunkwe kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.*

*3. Mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-preżentazzjoni tar-rapport lill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapport."*

**[Em. 296]**

~~**23. IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 1215/2009 TAT-30 TA' NOVEMBRU 2009 LI JINTRODUĊI ĊERTI MIŻURI KUMMERĊJALI EĊĊEZZJONALI GĦAL PAJJIŻI U TERRITORJI LI JIPPARTEĊIPAW FIL-PROĊESS TA' STABBILIZZAZZJONI U ASSOĊJAZZJONI TAL-UNJONI EWROPEA JEW LI HUMA MARBUTIN MIEGĦU** [1]~~

~~Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1215/2009, il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tadotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament b'konfomità mar-Regolament (UE) Nru [xxxx/2011] ta' [xx/yy/2011] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzji tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-poteri [2].~~

~~Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1215/2009 jiġi emendat b'dan li ġej:~~

~~1. L-Artikolu 2 għandu jiġi emendat kif ġej:~~

~~(a) Fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu għandu jitħassar;~~

~~(b) Għandu jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:~~

~~"3. F'każ ta' nonkonformità fir-rigward tal-paragrafi 1 jew 2, il-benefiċċji ta' dan ir-Regolament għall-pajjiż jista' jiġi sospiż kollu kemm hu jew parti minnu, b'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 8a(2)."~~

~~2. Għandu jiddaħħal l-Artikolu 8a li ġej:~~

~~"*Artikolu 8a*~~

~~**Il-Kumitat**~~

~~1. Għall-finijiet tal-Artikoli 2 u 10, il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat ta' Implimentazzjoni tal-Balkani tal-Punent. Dak il-Kumitat għandu jkun Kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru […./2011].~~

~~2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu [5] tar-Regolament (UE) Nru [xxxx/2011]."~~

~~3. L-Artikolu 10 għandu jiġi emendat kif ġej:~~

~~(a) Il-paragrafu 1 għandu jiġi emendat kif ġej:~~

~~(1) Il-punt (a) għandu jinbidel b'dan li ġej:~~

~~"(a) informat lill-Kumitat ta' Implimentazzjoni tal-Balkani tal-Punent;"~~

~~(2) It-tieni subparagrafu li ġej għandu jiżdied:~~

~~"Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 8a(2).";~~

~~[1] ĠU L 328, 15.12.2009, p. 1.~~
~~[2] ĠU L …~~

~~(b) Il-paragrafu 2 għandu jitħassar;~~

~~(c) Il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:~~

~~"Mal-għeluq tal-perjodu ta' sospensjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jew li ttemm il-miżura ta' sospensjoni provviżorja jew li testendi l-miżura ta' sospensjoni skont il-paragrafu 1."~~

**[Em. 297]**

**24. IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 1225/2009 TAT-30 TA' NOVEMBRU 2009 DWAR IL-PROTEZZJONI KONTRA L-IMPORTAZZJONIJIET LI HUMA L-OĠĠETT TA' DUMPING MINN PAJJIŻI MHUX MEMBRI TAL-KOMUNITÀ EWROPEA** ([1])

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament b'konfomità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1225/2009 jiġi emendat b'dan li ġej:

*-1. Il-Premessa 15 tinbidel b'dan li ġej:*

"*(15) Huwa meħtieġ li jiġi previst li t-tmiem tal-każijiet għandu, irrispettivament minn jekk il-miżuri definittivi jiġux adottati jew le, normalment iseħħ fi żmien 12-il xahar, u f'ebda każ iktar tard minn 14-il xahar, mill-bidu tal-investigazzjoni. Jekk l-Istati Membri jindikaw biss lill-Kummissjoni li jkunu qed jistennew kontroversja qawwija fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni bil-bżonn li jitressaq abbozz ta' att ta' implimentazzjoni lill-kumitat ta' appell skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (*), il-Kummissjoni tkun għandha tkun tista' tiddeċiedi li tipproroga l-limitu ta' żmien għal perjodu sa, iżda fl-ebda każ, mhux itwal minn 15-il xahar. L-investigazzjonijiet jew il-proċedimenti għandhom jiġu mitmuma fejn dumping ikun de minimis jew il-ħsara tkun negliġibbli, u huwa xieraq li dawk it-termini jiġu ddefiniti. Meta l-miżuri għandhom jiġu imposti, huwa meħtieġ li jiġi previst it-tmiem tal-investigazzjonijiet u li jiġi stabbilit li l-miżuri għandhom ikunu inqas mill-marġini ta' dumping jekk ammont inqas bħal dan ineħħi l-ħsara, kif ukoll biex jiġi speċifikat il-metodu ta' kalkolu tal-livelli tal-miżuri fil-każ ta' teħid ta' kampjuni.*

---

*(*) ĠU L 55, 28.2.2011,p. 13.*"

**[Em. 298]**

*-1a. Titħassar il-Premessa 27.* **[Em. 299]**

*-1b. Il-Premessa 28 tinbidel b'dan li ġej:*

"*(28) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-adozzjoni tal-miżuri provviżorji u l-obbligi definittivi, u għat-tmiem ta' investigazzjoni mingħajr miżuri, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*"

**[Em. 300]**

*-1c. Tiddaħħal il-premessa li ġejja:*

"*(28a) I l-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-estensjoni tas-sospensjoni ta' miżuri, it-tmiem ta' investigazzjonijiet, u għall-adozzjoni ta' miżuri provviżorji minħabba l-effetti ta' dawn il-miżuri u l-loġika sekwenzjali tagħhom fir-rigward tal-adozzjoni tal-miżuri definittivi ta' salvagwardja. Meta dewmien fl-impożizzjoni ta' miżuri jikkawża dannu li jkun diffiċli li jissewwa, jeħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta miżuri provviżorji immedjatament applikabbli.*"

**[Em. 301]**

---

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

1. Fl-Artikolu 2(7), l-aħħar subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tiddetermina jekk il-produttur jissodisfax il-kriterji msemmija hawn fuq fi żmien ~~sitt xhur~~ ***perjodu standard ta' tliet xhur*** mill-bidu tal-investigazzjoni wara li l-industrija tal-Unjoni tkun ingħatat l-opportunità li tikkommenta. ~~Din id-deċiżjoni għandha tibqa' fis-seħħ tul l-investigazzjoni kollha.~~ ***għal tal-anqas xahar***."

**[Em. 302]**

***1a. Fl-Artikolu 5(1), it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:***

"***L-ilment jista' jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni, jew lil Stat Membru, li għandu jgħaddih lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat kopja lill-Istati Membri ta' kwalunkwe ilment li tirċievi. L-ilment għandu jkun meqjus bħala li sar fl-ewwel jum tax-xogħol wara li jkun twassal lill-Kummissjoni b'posta rreġistrata jew bil-ħruġ ta' nota tal-wasla tiegħu mill-Kummissjoni. Qabel jingħata bidu għall-proċedimenti, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri u tagħtihom l-opportunità li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom.***"

**[Em. 303]**

2. Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 9 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"9. Meta jkun jidher li hemm biżżejjed evidenza li tiġġustifika l-bidu ta' proċediment, il-Kummissjoni għandha tagħmel dan fi żmien 45 jum mit-tressiq tal-ilment u għandha tippubblika avviż *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Meta ma tkunx ġiet ippreżentata biżżejjed evidenza, min jagħmel l-ilment għandu jkun infurmat dwar dan fi żmien 45 jum minn dakinhar li jkun tressaq l-ilment lill-Kummissjoni."

3. Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 9 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"9. Għall-proċedimenti mibdija skont l-Artikolu 5(9), investigazzjoni għandha, kull fejn possibbli, tiġi konkluża fi żmien sena. Fi kwalunkwe każ, investigazzjonijiet bħal dawn għandhom jiġu konklużi fi żmien ~~15-il xahar~~ ***14-il xahar*** mill-bidu, b'konformità mas-sejbiet li saru skont l-Artikolu 8 għall-impenji jew is-sejbiet li saru skont l-Artikolu 9 għal azzjoni definittiva. ~~F'każijiet eċċezzjonali, wara li titqies il-kumplessità tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, sa mhux aktar tard minn disa' xhur wara l-bidu tal-investigazzjoni, biex dan il-limitu taż-żmien jiġi estiż, għal perjodu ta' sa mhux iktar minn 18-il xahar.~~"

**[Em. 304]**

***3a. Fl-Artikolu 6, jiżdied il-paragrafu li ġej:***

"***9a. Mhux aktar tard minn 32 ġimgħa wara l-bidu tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-Istati Membri fuq il-bażi tas-sejbiet tal-investigazzjoni. L-Istati Membri, f'din il-konsultazzjoni, għandhom jindikaw lill-Kummissjoni jekk ikunux qed jistennew kontroversja qawwija fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni skont l-Artikoli 9 għal azzjoni definittiva li aktarx tikkawża l-proċedura ta' appell imsemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Jekk dan ikun il-każ, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, sa mhux aktar tard minn tmien xhur wara l-bidu tal-investigazzjoni, li tipproroga l-limitu taż-żmien tal-Artikolu 6(9), għal perjodu ta', iżda fi kwalunkwe każ sa mhux iktar minn, 15-il xahar. Il-Kummissjoni għandha tagħmel din id-deċiżjoni pubblika.***"

**[Em. 305]**

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

4. L-Artikolu 7 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Dazji provviżorji jistgħu jiġu imposti jekk ikunu nbdew proċedimenti skont l-Artikolu 5, jekk tkun ingħatat notifika b'dak l-effett u l-partijiet interessati jkunu ngħataw opportunità adegwata biex jissottomettu informazzjoni u jagħmlu kummenti skont l-Artikolu 5(10), jekk tkun saret determinazzjoni affermattiva provviżorja ta' dumping u ħsara konsegwenti lill-industrija tal-Unjoni, u jekk l-interess tal-Unjoni jirrikjedi intervent biex tiġi pprevenuta ħsara bħal din. Id-dazji provviżorji għandhom jiġu imposti mhux qabel 60 jum, u mhux iktar tard minn ~~disa' xhur~~ ***tmien xhur***, mill-bidu tal-proċedimenti. ~~F'każijiet eċċezzjonali, minħabba l-kumplessità tal-investigazzjoni,~~ ***F'każ li l-Istati Membri jindikaw lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 6(10) li qed jistennew kontroversja qawwija fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 9 għal azzjoni definittiva li aktarx tikkawża l-proċedura ta' appell imsemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011***, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, mhux iktar minn tmien xhur wara l-bidu tal-investigazzjoni, li dan il-limitu taż-żmien jiġi estiż għal perjodu ta' sa ~~12-il xahar~~ ***disa' xhur*** li madankollu ma jista' qatt ikun itwal minn hekk."

**[Em. 306]**

(b) Il-paragrafu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri provviżorji f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 15(3)."

(c) Il-paragrafu 6 għandu jitħassar.

5. L-Artikolu 8 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Bil-kundizzjoni li jkun ġie determinat provviżorjament b'mod affermattiv dumping u ħsara, il-Kummissjoni tista' taċċetta offerti ta' impenji volontarji sodisfaċenti mressqa minn kwalunkwe esportatur biex jirrevedi l-prezzijiet tiegħu jew biex iwaqqaf l-esportazzjonijiet li jkunu suġġett ta' dumping, jekk tkun sodisfatta li b'hekk jiġi eliminat l-effett ta' ħsara mid-dumping. F'każ bħal dan u sakemm ikunu fis-seħħ dawk l-impenji, id-dażji provviżorji imposti mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7(1) jew id-dazji definittivi imposti skont l-Artikolu 9(4) kif ikun il-każ ma għandhomx japplikaw għall-importazzjonijiet rilevanti tal-prodott ikkonċernat manifatturat mill-kumpanniji msemmija fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li taċċetta l-impenji, kif emendata sussegwentement. Iż-żidiet fil-prezzijiet b'dawn l-impenji ma għandhomx ikunu ogħla milli jkun neċessarju biex jiġi eliminat il-marġni tad-dumping u għandhom ikunu inqas mill-marġni ta' dumping jekk dawk iż-żidiet ikunu adegwati għat-tneħħija tal-ħsara lill-industrija tal-Unjoni."

(b) Il-paragrafu 5 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"5. Meta l-impenji jkunu aċċettati l-investigazzjoni għandha tintemm. Il-Kummissjoni għandha ttemm l-investigazzjoni skont il-proċedura ta' ***eżami*** msemmija fl-Artikolu 15(2). ***Il-president jista' jikseb l-opinjoni tal-kumitat permezz ta' proċedura bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 15(4).***"

**[Em. 307]**

(c) Fil-paragrafu 9, l-ewwel subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"9. Fil-każ ta' ksur jew irtirar ta' impenji minn kwalunkwe parti f'dak l-impenn, jew fil-każ ta' rtirar tal-aċċettazzjoni tal-impenn mill-Kummissjoni, l-aċċettazzjoni tal-impenn tista' tiġi rtirata b'Deċiżjoni tal-Kummissjoni jew Regolament tal-Kummissjoni, kif ikun xieraq, u d-dazju provviżorju li jkun ġie impost mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7 jew id-dazju definittiv li jkun ġie impost skont l-Artikolu 9(4) għandu japplika awtomatikament, sakemm l-esportatur ikkonċernat ikun ingħata, ħlief fejn ikun irtira l-impenn hu stess, l-opportunità biex jikkummenta."

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

(d) Il-paragrafu 10 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"10. Jista' jiġi impost dazju skont l-Artikolu 7 fuq il-bażi tal-aħjar informazzjoni disponibbli, meta jkun hemm raġuni biex wieħed jaħseb illi qiegħed jinkiser xi impenn, jew fil-każ ta' ksur jew irtirar ta' impenn, meta l-investigazzjoni li tkun wasslet għal dak l-impenn ma tkunx ġiet konkluża."

6. L-Artikolu 9 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Meta l-miżuri protettivi jkunu bla bżonn l-investigazzjoni jew il-proċediment għandu jintemm. Il-Kummissjoni għandha ttemm l-investigazzjoni skont il-proċedura ***konsultattiva*** ~~msemmija~~ msemmija fl-Artikolu 15(2).”; ***Il-president jista' jikseb l-opinjoni tal-kumitat permezz ta' proċedura bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 15(4).***"

**[Em. 308]**

(b) Il-paragrafu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4. Meta l-fatti kif finalment stabbiliti juru li hemm dumping u ħsara kkawżata minnu, u l-interess tal-Unjoni għal intervent skont l-Artikolu 21, għandu jiġi impost dazju anti-dumping definittiv mill-Kummissjoni li taġixxi skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artiklu 15(2). Meta jkunu fis-seħħ dazji provviżorji, il-Kummissjoni għandha tibda din il-proċedura sa mhux iktar tard minn xahar qabel ma dawn id-dazji jiskadu. L-ammont tad-dazju anti-dumping ma għandux ikun ogħla mill-marġni tad-dumping stabbilit iżda għandu jkun inqas mill-marġni jekk dan id-dazju inqas ikun adegwat biex titneħħa l-ħsara lill-industrija tal-Unjoni."

7. Fl-Artikolu 10(2), l-ewwel sentenza għandha tiġi ssotitwita b'dan li ġej:

"2. Fejn dazju provviżorju jkun ġie applikat u l-fatti kif finalment stabbiliti juru li hemm dumping u ħsara, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, irrispettivament minn jekk għandux jiġi impost dazju anti-dumping definittiv, liema proporzjon tad-dazju provviżorju għandu jiġi miġbur b'mod definittiv."

8. L-Artikolu 11 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fl-Artikolu 4, l-ewwel sentenza tat-tielet subparagrafu għandha tinbidel b'li ġej:

"Reviżjoni għal esportatur ġdid għandha tinbeda u titwettaq fuq bażi mgħaġġla wara li l-produtturi tal-Unjoni jkunu ngħataw l-opportunità li jikkummentaw."

(b) Fil-paragrafu 5, l-ewwel u t-tieni subparagrafi jinbidlu b'dan li ġej:

"Id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament fejn għandhom x'jaqsmu l-proċeduri u t-twettiq tal-investigazzjonijiet, bl-esklużjoni ta' dawk li għandhom x'jaqsmu mal-limiti ta' żmien, għandhom japplikaw għal kwalunkwe reviżjoni mwettqa skont il-paragrafi 2, 3 u 4. Ir-reviżjonijiet li jitwettqu skont il-paragrafi 2 u 3 għandhom jitwettqu malajr u normalment għandhom jintemmu fi żmien 12-il xahar mill-bidu tar-reviżjoni. Fi kwalunkwe każ, reviżjonijiet skont il-paragrafi 2 u 3 għandhom jintemmu fi żmien ~~15-il xahar~~ ***14-il xahar*** minn meta jinbdew. ~~F'każijiet eċċezzjonali, wara li titqies il-kumplessità tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, sa mhux aktar tard minn disa' xhur wara l-bidu tal-investigazzjoni, biex dan il-limitu taż-żmien jiġi estiż, għal perjodu ta' sa mhux iktar minn 18-il xahar.~~ ***Mhux aktar tard minn 32 ġimgħa wara l-bidu tal-investigazzjoni skont l-Artikolu 6, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-Istati Membri fuq il-bażi tas-sejbiet tal-investigazzjoni. L-Istati Membri, f'din il-konsultazzjoni, għandhom jindikaw lill-Kummissjoni jekk ikunux qed jistennew kontroversja qawwija fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni skont l-Artikoli 9 ta' dan ir-Regolament għal azzjoni definittiva li aktarx tikkawża l-proċedura ta' appell imsemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Jekk dan ikun il-każ, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, sa mhux aktar tard minn tmien xhur wara l-bidu tal-investigazzjoni, biex dan il-limitu taż-żmien jiġi prorogat, għal perjodu ta' sa mhux iktar minn 15-il xahar. Il-Kummissjoni għandha tagħmel din id-deċiżjoni pubblika.*** Reviżjonijiet skont il-paragrafu 4 għandhom f'kull każ jintemmu fi żmien disa' xhur mid-data ta' meta jinbdew. Jekk tinbeda reviżjoni skont il-paragrafu 2 waqt li tkun għaddejja reviżjoni skont il-paragrafu 3 fl-istess proċediment, ir-reviżjoni skont il-paragrafu 3 għandha tintemm fl-istess ħin mar-reviżjoni skont il-paragrafu 2."

**[Em. 309]**

(c) Il-paragrafu 6 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"6. Reviżjonijiet skont dan l-Artikolu għandhom jinbdew mill-Kummissjoni. ***Qabel jingħata bidu għall-proċedimenti, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri u tagħtihom l-opportunità li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom.*** Meta r-reviżjonijiet jitolbu dan, il-miżuri għandhom jiġu revokati jew jinżammu skont il-paragrafu 2, jew revokati, miżmuma jew emendati skont il-paragrafi 3 u 4. Meta l-miżuri jkunu revokati għal esportaturi individwali, iżda mhux għall-pajjiż kollu kemm hu, esportaturi bħal dawn għandhom jibqgħu suġġetti għall-proċediment u jistgħu, awtomatikament, jiġu investigati mill-ġdid fi kwalunkwe reviżjoni sussegwenti mwettqa għal dak il-pajjiż skont dan l-Artikolu."

**[Em. 310]**

(d) Fil-paragrafu 8, l-ewwel sentenza tar-raba' subparagrafu għandu jinbidel b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk għandhiex tingħata l-applikazzjoni u sa liema punt, jew tista' tiddeċiedi fi kwalunkwe ħin li tibda reviżjoni interim, fejn l-informazzjoni u s-sejbiet minn din ir-reviżjoni, imwettqa skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal reviżjonijiet bħal dawn, għandhom jintużaw biex jiġi stabbilit jekk tkunx iġġustifikata rifużjoni u sa liema punt."

9. L-Artikolu 12 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Meta l-industrija tal-Unjoni jew kwalunkwe parti interessata oħra tibgħat, normalment fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ tal-miżuri, informazzjoni biżżejjed li turi li, wara l-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali u qabel jew wara l-impożizzjoni ta' miżuri, il-prezzijiet ta' esportazzjoni naqsu jew li ma kien hemm l-ebda moviment jew moviment insuffiċjenti fil-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid jew prezzijiet ta' bejgħ sussegwenti tal-prodott importat fl-Unjoni, l-investigazzjoni tista' terġa' tinfetaħ biex jiġi eżaminat jekk il-miżura ħallitx effetti fuq il-prezzijiet imsemmija hawn fuq."

(b) Il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. Meta investigazzjoni mill-ġdid skont dan l-Artikolu turi li d-dumping ikun żdied, il-miżuri fis-seħħ jistgħu jiġu emendati mill-Kummissjoni li taġixxi skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2), skont is-sejbiet il-ġodda dwar il-prezzijiet ta' esportazzjoni. L-ammont ta' dazju anti-dumping impost bis-saħħa ta' dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż id-doppju tal-ammont tad-dazju impost inizjalment."

(c) Fil-paragrafu 4, l-ewwel u t-tieni subparagrafi jinbidlu b'dan li ġej:

"Id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 5 u 6 għandhom japplikaw għal kull investigazzjoni mill-ġdid li titwettaq bis-saħħa ta' dan l-Artikolu, ħlief li dik l-investigazzjoni mill-ġdid titwettaq malajr u normalment tintemm fi żmien ~~disa' xhur~~ ***sitt xhur*** mid-data tal-bidu tal-investigazzjoni mill-ġdid. Fi kwalunkwe każ, dawn l-investigazzjonijiet mill-ġdid għandhom fil-każijiet kollha jintemmu fi żmien ~~sena~~ ***għaxar xhur*** mill-bidu tal-investigazzjoni mill-ġdid."

**[Em. 311]**

10. L-Artikolu 13 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. L-investigazzjonijiet għandhom jinbdew skont dan l-Artikolu fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jew fuq talba ta' Stat Membru jew ta' kwalunkwe parti interessata fuq il-bażi ta' evidenza suffiċjenti rigward il-fatturi stabbiliti fil-paragrafu 1. Il-bidu tal-investigazzjonijiet għandhom isiru permezz ta' Regolament tal-Kummissjoni li jista' wkoll jagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet doganali biex jagħmlu l-importazzjonijiet suġġetti għal reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) jew jitolbu garanziji. L-investigazzjonijiet għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni, li tista' tkun megħjuna mill-awtoritajiet doganali u għandhom jintemmu fi żmien disa' xhur. Jekk il-fatti kif finalment aċċertati jiġġustifikaw l-estensjoni tal-miżuri, dan għandu jsir mill-Kummissjoni li taġixxi skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2). L-estensjoni tibda' sseħħ mid-data li fiha ġiet imposta r-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) jew li fiha ġew mitluba l-garanziji. Id-dispożizzjonijiet proċedurali rilevanti ta' dan ir-Regolament rigward il-bidu u t-tmexxija ta' investigazzjonijiet għandhom japplikaw skont dan l-Artikolu."

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

(b) Fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Dawn l-eżenzjonijiet għandhom jingħataw b'deċiżjoni tal-Kummissjoni u għandhom jibqgħu validi għall-perjodu u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fiha."

11. L-Artikolu 14 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4. Fl-interess tal-Unjoni, il-miżuri imposti bis-saħħa ta' dan ir-Regolament jistgħu jiġu sospiżi b'deċiżjoni tal-Kummissjoni għal perjodu ta' disa' xhur. Is-sospensjoni tista' tiġi estiża għal perjodu ieħor, li ma jkunx iżjed minn sena, mill-Kummissjoni li taġixxi skont il-proċedura ***konsultattiva*** msemmija ~~fl-Artikolu 15(2)~~ ***fl-Artikolu 15(1a)***. Il-miżuri jistgħu jiġu sospiżi biss meta l-kundizzjonijiet tas-suq jkunu nbidlu temporanjament sakemm ikun probabbli li l-ħsara ma terġax issir bħala riżultat tas-sospensjoni, u sakemm l-industrija tal-Unjoni tkun ingħatat l-opportunità li tikkummenta u dawn il-kummenti jkunu ġew ikkunsidrati. Il-miżuri jistgħu, fi kwalunkwe mument, jerġgħu jiddaħħlu jekk ir-raġuni għas-sospensjoni ma tkunx għadha applikabbli."

**[Em. 312]**

(b) Fil-paragrafu 5, l-ewwel sentenza għandha tinbidel b'dan li ġej

"5. Il-Kummissjoni tista' tagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet doganali biex jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet, sabiex il-miżuri jkunu jistgħu sussegwentement jiġu applikati kontra dik l-importazzjoni mid-data ta' dik ir-reġistrazzjoni."

12. L-Artikolu 15 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 15*

Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat Anti-Dumping. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

***1a. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Il-kumitat konsultattiv għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fi żmien xahar wara d-data ta' riferiment. Emendi għandhom jiġu suġġeriti mill-inqas tlett ijiem qabel il-laqgħa tal-kumitat.*** **[Em. 313]**

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu [5] tar-Regolament (UE) ~~Nru [xxxx/2011]~~ ***Nru 182/2011***. ***Il-kumitat ta' eżaminazzjoni għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fi żmien xahar wara d-data ta' riferiment. Emendi għandhom jiġu suġġeriti mill-inqas tlett ijiem qabel il-laqgħa tal-kumitat***. **[Em. 314]**

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu [8] tar-Regolament (UE) ~~Nru [xxxx/2011]~~ ***Nru 182/2011*** għandu japplika flimkien ~~mal-Artikolu [5]~~ ***mal-Artikolu 4*** tiegħu. **[Em. 315]**

4. B'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 meta jsir rikors għall-proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha tintemm bla riżultat meta, fiż-żmien stipulat mill-presidenza, il-presidenza tiddeċiedi hekk jew maġġoranza tal-membri tal-kumitat kif definita fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 titlob hekk.

***4a. Fil-każ li abbozz ta' att implimentattiv jiġi ppreżentat lill-kumitat ta' appell skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, huwa għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fi żmien xahar mid-data ta' riferiment. Emendi għandhom jiġu suġġeriti mill-inqas tlett ijiem qabel il-laqgħa tal-kumitat.*** **[Em. 316]**

***4b. Meta l-opinjoni tal-kumitat għandha tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha tiġi mitmuma mingħajr riżultat meta, fiż-żmien stipulat għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi dan jew il-maġġoranza tal-membri tal-kumitat jitolbu dan.***"

**[Em. 317]**

**L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012**

13. Fl-Artikolu 19, il-paragrafu 5 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"5. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri, jew l-uffiċjali ta' kwalunkwe wieħed minn dawn, ma għandhom jiżvelaw l-ebda informazzjoni li tkun waslitilhom skont dan ir-Regolament li għaliha jkun intalab trattament kunfidenzjali mill-fornitur tagħha, mingħajr permess speċifiku mill-fornitur. Skambji ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, jew ta' kwalunkwe dokumenti interni preparati mill-awtoritajiet tal-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha, ma għandhomx jiġu żvelati minbarra kif speċifikament stipulat f'dan ir-Regolament."

14. L-Artikolu 20 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4. Żvelar finali għandu jiġi mogħti bil-miktub. Dan għandu jsir, filwaqt li tingħata l-attenzjoni dovuta għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali, kemm jista' jkun malajr u, normalment, mhux iktar tard minn xahar qabel il-bidu tal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 9. Fejn il-Kummissjoni ma tkunx fil-pożizzjoni li tiżvela xi fatti jew kunsiderazzjonijiet f'dak il-ħin, dawn għandhom jiġu żvelati kemm jista' jkun malajr wara. L-iżvelar ma għandu jippreġudika l-ebda deċiżjoni sussegwenti li tista' tittieħed mill-Kummissjoni, imma meta deċiżjoni bħal din tkun ibbażata fuq kwalunkwe fatti u kunsiderazzjonijiet differenti, dawn għandhom jiġu żvelati kemm jista' jkun malajr."

(b) Il-paragrafu 5 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"5. Rappreżentazzjonijiet li jsiru wara li jingħata t-tagħrif finali għandhom jiġu kkunsidrati biss jekk jaslu fi żmien perjodu li għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni f'kull każ, li għandu jkun mill-inqas 10 ijiem, filwaqt li tingħata l-attenzjoni dovuta lill-urġenza tal-kwistjoni. Jista' jiġi stabbilit perjodu iqsar kull darba li żvelar finali jkun diġà sar."

15. L-Artikolu 21 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4. Il-partijiet li aġġixxew f'konformità mal-paragrafu 2 jistgħu jipprovdu kummenti fuq l-applikazzjoni ta' kwalunkwe dazji provviżorji. Kummenti bħal dawn għandhom jaslu fi żmien 15-il jum mill-applikazzjoni ta' miżuri bħal dawn jekk għandu jingħata kas tagħhom u dawn, jew taqsiriet xierqa tagħhom, għandhom jiġu magħmula disponibbli lill-partijiet l-oħra li għandhom ikunu intitolati li jirrispondu għal kummenti bħal dawn."

(b) Il-paragrafu 5 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-informazzjoni li tiġi ppreżentata kif suppost u kemm din tkun rappreżentattiva, u r-riżultati ta' din l-analiżi, flimkien ma' opinjoni fuq il-merti tagħha, għandhom jintbagħtu lill-Kumitat."

(c) Fil-paragrafu 6, it-tieni sentenza għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli sakemm ikun possibbli u bla ħsara għal kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti meħuda mill-Kummissjoni."

*15a. Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*

"*Artikolu 22a*

*Rapport*

***1. Il-Kummissjoni, b'rispett dovut għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 19, għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' miżuri provviżorji u definittivi, it-tmiem ta' investigazzjonijiet mingħajr miżuri, investigazzjonijiet mill-ġdid, reviżjonijiet u żjarat ta' verifika, u l-attivitajiet tad-diversi korpi responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-Regolament u l-issodisfar tal-obbligi li jiġu minnhom.***

***2. Il-Parlament Ewropew jista', fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tar-rapport mill-Kummissjoni, jistieden lill-Kummissjoni għal laqgħa ad hoc tal-kumitat reponsabbli tiegħu biex jippreżenta u jispjega kwalunkwe kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.***

***3. Mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-preżentazzjoni tar-rapport lill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapport."***

**[Em. 318]**

---

## Il-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw ***

P7_TA(2012)0081

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2012 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw (09771/2011 – C7-0206/2011 – 2010/0343(NLE))**

(2013/C 251 E/32)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (09771/2011),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw (08134/2011),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 207(3) u (4) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a) (v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0206/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7), tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0024/2012),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

---

2013/C 251 E/18 Is-Sitt Forum Dinji dwar l-Ilma

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta’ Marzu 2012 dwar is-Sitt Forum Dinji dwar l-Ilma li se jseħħ f'Marsilja mit-12 sas-17 ta’ Marzu 2012 (2012/2552(RSP)) ... 102

2013/C 251 E/19 It-traffikar tal-bnedmin fis-Sinaj, b’mod partikolari fil-każ ta’ Solomon W.

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta’ Marzu 2012 dwar it-traffikar tal-bnedmin fis-Sinaj, b’mod partikolari fil-każ ta’ Solomon W. (2012/2569(RSP)) ... 106

2013/C 251 E/20 Palestina: attakki minn forzi Iżraeljani fuq l-istazzjonijiet tat-televiżjoni Palestinjani

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta’ Marzu 2012 dwar il-Palestina: attakki mill-forzi Iżraeljani fuq stazzjonijiet telviżivi Palestinjani (2012/2570(RSP)) ... 109

2013/C 251 E/21 Ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-Baħrejn

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta’ Marzu 2012 dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-Baħrejn (2012/2571(RSP)) ... 111

2013/C 251 E/22 Bini ta’ Kapaċitajiet Xjentifiċi fl-Afrika: il-promozzjoni ta’ sħubijiet Ewropej-Afrikani dwar ir-radjuastronomija

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta’ Marzu 2012 dwar il-Bini ta’ Kapaċitajiet Xjentifiċi fl-Afrika: il-promozzjoni ta’ sħubijiet Ewropej-Afrikani dwar ir-radjuastronomija ... 115

2013/C 251 E/23 L-istabbiliment ta’ limitu massimu ta’ 8 sigħat ta’ vvjaġġar għall-bhejjem li jiġu ttrasportati fl-Unjoni Ewropea biex jittieħdu għall-qatla

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta’ Marzu 2012 dwar l-istabbiliment ta’ limitu massimu ta’ 8 sigħat ta’ vvjaġġar għall-bhejjem li jiġu ttrasportati fl-Unjoni Ewropea biex jittieħdu għall-qatla ... 116

2013/C 251 E/24 L-introduzzjoni tal-programm 'Ċess fl-Iskola' fis-sistemi edukattivi tal-Unjoni Ewropea

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta’ Marzu 2012 dwar l-introduzzjoni tal-programm 'Ċess fl-Iskola' fis-sistemi edukattivi tal-Unjoni Ewropea ... 116

---

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Parlament Ewropew**

**It-Tlieta 13 ta’ Marzu 2012**

2013/C 251 E/25 Talba għat-tneħħija tal-immunità ta’ Krisztina Morvai

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta’ Marzu 2012 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta’ Krisztina Morvai (2010/2285(IMM)) ... 118

**L-Erbgħa 14 ta’ Marzu 2012**

2013/C 251 E/26 Il-mandat tal-Kumitat Speċjali għall-Kriminalità Organizzata, il-Korruzzjoni u l-Ħasil tal-Flus

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta’ Marzu 2012 dwar it-twaqqif, il-poteri, il-kompożizzjoni numerika u l-mandat tal-kumitat speċjali dwar il-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus .................... 120

---

III *Atti preparatorji*

IL-PARLAMENT EWROPEW

**It-Tlieta 13 ta’ Marzu 2012**

2013/C 251 E/27 Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-applikazzjoni ta’ ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar Assistenza Reċiproka f’Materji Kriminali ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta’ Marzu 2012 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-applikazzjoni ta’ ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tad-29 ta’ Mejju 2000 dwar Assistenza Reċiproka f’Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Protokoll tal-2001 miegħu (05306/2010 – C7-0030/2010 – 2009/0189(NLE)) .................... 122

2013/C 251 E/28 Ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet u l-istrumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u l-ħolqien ta’ Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta’ Marzu 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet u l-istrumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u l-ħolqien ta’ Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni (COM(2009)0154 – C7-0236/2009 – 2009/0157(COD)) .................... 123

P7_TC1-COD(2009)0157

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta’ Marzu 2012 bil-ħsieb ta’ l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar tal-istrumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u fil-ħolqien ta’ Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni .................... 123

**L-Erbgħa 14 ta’ Marzu 2012**

2013/C 251 E/29 Fond Ewropew għas-Sajd ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta’ Marzu 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd, fir-rigward ta’ ċerti dispożizzjonijiet marbutin mal-amministrazzjoni finanzjarja ta’ ċerti Stati Membri li għandhom jew li jinsabu mhedda b’diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom (COM(2011)0484 – C7-0219/2011 – 2011/0212(COD)) .................... 124

P7_TC1-COD(2011)0212

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta’ Marzu 2012 bil-ħsieb ta’ l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd, fir-rigward ta’ ċerti dispożizzjonijiet marbutin mal-amministrazzjoni finanzjarja għal ċerti Stati Membri li għandhom jew li jinsabu mhedda b’diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom .................... 124

MT

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

2013/C 251 E/30 Kwota tariffarja awtonoma għall-importazzjonijiet tal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 617/2009 li jiftaħ kwota tariffarja awtonoma għall-importazzjonijiet tal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja (COM(2011)0384 – C7-0170/2011 – 2011/0169(COD)) . . . . . 125

P7_TC1-COD(2011)0169

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Marzu 2012 bil-ħsieb ta'l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 617/2009 li jiftaħ kwota tariffarja awtonoma għall-importazzjonijiet tal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja . . . . . . 125

2013/C 251 E/31 Politika kummerċjali komuni ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda ċerti Regolamenti relatati mal-politika kummerċjali komuni fir-rigward tal-proċeduri għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri (COM(2011)0082 – C7-0069/2011 – 2011/0039(COD)) . . . . . . . . . . 126

P7_TC1-COD(2011)0039

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Marzu 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-regolament (UE) Nru. …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda ċerti Regolamenti relatati mal-politika kummerċjali komuni fir-rigward tal-proċeduri għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri . . . . . 126

ANNESS . . . . . 131

2013/C 251 E/32 Il-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2012 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw (09771/2011 – C7-0206/2011 – 2010/0343(NLE)) . . . . . 212

MT

*Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| **I | Proċedura ta' konsultazzjoni: l-ewwel qari |
| **II | Proċedura ta' konsultazzjoni: it-tieni qari |
| *** | Proċedura ta' parir konformi |
| ***I | Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari |
| ***II | Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari |
| ***III | Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tielet qari |

(It-tip ta' proċedura tiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni)

Emendi politiċi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u qawwija; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

Korrezzjonijiet u adattamenti tekniċi tas-servizzi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva rqiqa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ‖.

MT

**EUR-Lex (http://new.eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT